| KUNSILL<br>TAL-UNJONI EWROPEA | Brussell, 16 ta' Ottubru 2013<br>(OR. en) |
|---|---|

**14924/13**

**PESC 1238**
**COPS 439**
**FIN 648**
**PE 460**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Council |
| fi: | 15 ta' Ottubru 2013 |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 13116/13 PESC 1016 COPS 362 |
| Suġġett: | Aspetti prinċipali u għażliet bażiċi tal-PESK (punt G, paragrafu 43 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006) - 2012<br>- Rapport Annwali mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Parlament Ewropew |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż "L-Aspetti prinċipali u l-għażliet bażiċi tal-PESK (punt G, paragrafu 43 - tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006) - 2012 - Rapport annwali mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarjiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Parlament Ewropew", kif approvat mill-Kunsill fil-15 ta' Ottubru 2013.

**ASPETTI PRINĊIPALI U GĦAŻLIET BAŻIĊI TAL-PESK**

**(PUNT G, PARAGRAFU 43 TAL-FTEHIM INTERISTITUZZJONALI**

**TAS-17 TA' MEJJU 2006) - 2012**


1. **PARTI I: ĦARSA LURA LEJN L-2012** 5

A. DESKRIZZJONI ĠENERALI TAL-ATTIVITAJIET SKONT IR-REĠJUNI ..... 12

1. AFRIKA TA' FUQ, LVANT NOFSANI U PENIŻOLA GĦARBIJA ..... 12

**1.1. IT-TRAMUNTANA TAL-AFRIKA** 14

**1.2. LVANT NOFSANI** 18

**1.3. PENIŻOLA GĦARBIJA, IRAN U IRAQ** 27

**1.4. KOOPERAZZJONI REĠJONALI** 30

2. RUSSJA, VIĊINAT TAL-LVANT U ASJA ĊENTRALI ..... 33

**2.1.FEDERAZZJONI RUSSA** 33

**2.2.SĦUBIJA TAL-LVANT (SL) - MULTILATERALI** 36

**2.3.SĦUBIJA TAL-LVANT (SL) – BILATERALI** 38

**2.4.ASJA ĊENTRALI** 46

3. BALKANI TAL-PUNENT ..... 47

4. TURKIJA U ĠIRIEN FL-EWROPA TAL-PUNENT ..... 55

**4.1.TURKIJA** 55

**4.2.EWROPA TAL-PUNENT** 57

5. ASJA U L-PAĊIFIKU ..... 59

**5.1.LVANT TAL-ASJA** 60

**5.2.ASJA TAX-XLOKK** 64

**5.3.NOFSINHAR TAL-ASJA** 67

**5.4.PAĊIFIKU** 70

6. AFRIKA ..... 73

**6.1.UE-UA** 73

**6.2.PUNENT TAL-AFRIKA** 75

**6.3.LVANT TAL-AFRIKA** 78

**6.4.AFRIKA ĊENTRALI** 81

**6.5.NOFSINHAR TAL-AFRIKA** 84

7. AMERIKI ..... 87

**7.1.STATI UNITI u KANADA** 87

**7.2.AMERIKA LATINA u L-KARIBEW** 89

B. INDIRIZZAR TAT-THEDDID U TAL-ISFIDI GLOBALI ..... 95

1. NONPROLIFERAZZJONI TAL-ARMI TA' QERDA MASSIVA (AQM) U L-MEZZI TA' KONSENJA TAGĦHOM / ARMI KONVENZJONALI ..... 95

**1.1.NONPROLIFERAZZJONI TAL-AQM** 96

**1.2.ARMI KONVENZJONALI** 100

2. PREVENZJONI TA' KONFLITTI U MEDJAZZJONI ..... 102

3. TERRORIŻMU ..... 103

4. KRIMINALITÀ ORGANIZZATA ..... 106

5. ĊIBERSIGURTÀ ..... 107

6. SIGURTÀ TAL-ENERĠIJA ..... 107

7. TIBDIL FIL-KLIMA U S-SIGURTÀ ..... 109

8. SIGURTÀ TAL-ILMA ..... 110

C. KONTRIBUT GĦAL SISTEMA MULTILATERALI AKTAR EFFETTIVA ..... 111

1. NAZZJONIJIET UNITI ..... 111

2. OSKE ..... 113

3. KUNSILL TAL-EWROPA ..... 114

D. PROMOZZJONI TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM, ID-DEMOKRAZIJA U L-ISTAT TAD-DRITT ..... 115

E. MANIĠĠAR AKTAR EFFETTIV, KAPAĊI U KOERENTI TA' KRIŻIJIET PERMEZZ TAL-PSDK ..... 128

1. AKTAR KAPAĊI ..... 129

**1.1.Kunċetti għall-attivitajiet tal-PSDK** 129

**1.2.Kapaċitajiet ċivili u militari** 130

**1.3.Lezzjonijiet miksuba u l-aħjar prattiki fil-PSDK ċivili u militari** 133

**1.4.Taħriġ u eżerċizzji** 134

2. AKTAR EFFETTIV ........................................................................................ 135

2.1.Kooperazzjoni mas-sħab fil-maniġġar ta' kriżijiet 135

**2.2.Organizzazzjonijiet internazzjonali** 136

**2.3.Ċentru Satellitari tal-UE (EUSC)** 138

3. AKTAR KOERENTI ........................................................................................ 139

2. **PARTI II: ĦARSA 'L QUDDIEM LEJN IR-RAPPORT TAL-PSDK 2012** 140

3. **ANNESS I: Budget tal-PESK 2012** 1

4. **ANNESS II: Sintesi tal-atti legali fil-qasam tal-PESK (sanzjonijiet) 2012** 1

5. **ANNESS III: Dikjarazzjonijiet fl-2012** 1

**PARTI I: ĦARSA LURA LEJN L-2012**

**Introduzzjoni**

L-2012 kienet sena mimlija għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE (PESK), li wriet il-valur miżjud tal-għodod il-ġodda ta' Lisbona biex jingħelbu l-aktar sfidi urġenti tal-politika barranija. Mit-tranżizzjoni diffiċli fid-dinja Għarbija għall-ġrajjiet fis-Saħel, mill-adozzjoni tal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għall-Missjonijiet tal-UE ta' Osservazzjoni Elettorali, l-UE kkoordinat it-tweġiba tagħha b'mod tassew komprensiv, bl-użu ta' firxa sħiħa ta' strumenti – tal-PESK u mhux tal-PESK[1] – filwaqt li sostniet l-isforzi diplomatiċi tagħha b'missjonijiet tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) fuq il-post, immirat l-għajnuna umanitarja u għall-iżvilupp għal dawk l-aktar fil-bżonn filwaqt li kkollaborat mas-sħab lokali u reġjonali biex tiżgura l-progress lejn il-paċi u l-prosperità.

Matul is-sena r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni (RGħ/VP), Catherine Ashton u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), f'koordinazzjoni mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, żguraw li l-UE fl-2012 żammet involviment tassew globali billi appoġġat id-demokrazija u l-iżvilupp minn Mjanmar/Burma fl-Asja għas-Somalja fil-Qarn tal-Afrika; u billi ħadmet biex tgħin lill-ġirien immedjati fl-Ukraina u l-Afrika ta' Fuq u s-sħab aktar 'il bogħod bħal Ħaiti u l-Pakistan. Sabiex tkun tista' tagħmel dan, l-UE kompliet tintensifika l-kooperazzjoni mas-sħab strateġiċi tagħha sabiex tibni ftehimiet reċiproċi dwar it-theddid u l-isfidi tal-lum u tfassal tweġibiet aċċettati b'mod reċiproku. Fi żmien meta t-tentazzjoni fl-Ewropa li nħarsu 'l ġewwa hija ovvja, is-SEAE, f'ħidma mill-qrib mal-Kummissjoni, is-27 Stat Membru u l-Parlament Ewropew, għen biex l-UE tibqa' viżibbli globalment u tibqa' sieħeb li ta' min joqgħod fuqu kemm għall-alleati antiki kif ukoll għal dawk ġodda.

[1] Sabiex jirrifletti dan l-approċċ, dan ir-rapport jinkludi għadd ta' strumenti u politiki mhux tal-PESK, bħall-għajnuna għall-iżvilupp, l-għajnuna kummerċjali u umanitarja, fejn huwa meqjus rilevanti u utli biex jagħti stampa aktar komprensiva tal-azzjoni esterna tal-UE.

Il-kontribut tal-UE għall-paċi u s-sigurtà dinjija huwa partikolarment evidenti f'għadd ta' oqsma. L-ewwel nett, aħna nużaw firxa wiesgħa ta' strumenti biex naffaċċaw sfidi importanti tal-politika barranija f'dak li aħna nsejħu l-'approċċ komprensiv'. Filwaqt li ħafna kkonċentraw fuq l-iżvilupp ta' approċċ bħal dan matul l-aħħar għaxar snin, l-UE għandha l-għodod – u b'saħħithom biżżejjed – biex tagħmel impatt dejjiemi. It-tieni nett, aħna direttament involuti – u fil-fatt spiss immexxu – negozjati għall-paċi. It-tielet, aħna naħdmu mill-qrib ma' – u nappoġġaw materjalment – sħab internazzjonali u reġjonali biex jegħlbu sfidi reġjonali fejn sforzi kollettivi biss jistgħu jagħtu riżultati – mit-tibdil fil-klima, u għajnuna f'każ ta' diżastru għar-riforma tas-settur tas-sigurtà. Fl-10 ta' Diċembru, ingħata l-Premju Nobel għall-Paċi lill-Unjoni Ewropea, rikonoxximent ċar tal-impenn sod tagħna għall-paċi globali, ir-rikonċiljazzjoni, id-demokrazija u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

Xi eżempji ta' attività reċenti tal-UE f'dawn it-tliet oqsma juru l-aġenda tagħna tal-2012:

L-impenn tar-RGħ/VP biex tiffaċilita d-djalogu bejn Belgrad u Pristina matul l-aħħar sena u fl-2013 diġà wassal għal riżultati konkreti: għamilna avvanzi konkreti fil-ftehim dwar il-ġestjoni integrata tal-fruntieri (ĠIF) u ħtarna uffiċjali ta' komunikazzjoni f'Belgrad u Pristina, pass eċċezzjonali 'l quddiem għall-partijiet fin-negozjati. Permezz ta' laqgħat bejn il-Prim Ministri kif ukoll, għall-ewwel darba, laqgħa bejn il-Presidenti tas-Serbja u tal-Kosovo* stajna nittrattaw kwistjonijiet pendenti b'mod kooperattiv. Id-djalogu kompla fl-2013 u eventwalment irriżulta f' "L-ewwel ftehim tal-prinċipji li jmexxu n-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet" bejn il-partijiet f'April 2013.

---

* Din in-nomina hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

L-involviment tal-UE fis-Somalja huwa eżempju partikolarment tajjeb ta' kif l-UE tittratta d-dimensjonijiet kollha ta' kriżi bl-użu ta' 'approċċ komprensiv'. Meta t-Trattat ta' Lisbona ġie ratifikat, is-Somalja kienet fi kriżi. Il-piraterija lil hinn mix-xatt kienet qed tiżdied ħafna, il-milizzja ta' Al Shabab kienet wasslet lill-gvern Somalu fuq l-għatba tat-telfa u miljuni ta' nies kienu qed iħabbtu wiċċhom mal-miżerja. Illum, wara sforz komprensiv koordinat mis-SEAE, li involva kemm miżuri tal-PESK kif ukoll mhux tal-PESK bħal missjoni marittima u ta' taħriġ, involviment diplomatiku, għajnuna lill-istati ġirien tas-Somalja, kif ukoll għajnuna umanitarja, l-istampa nbidlet kompletament. Kien hemm waqgħa ta' 95 fil-mija fl-inċidenza tal-piraterija lil hinn mix-xatt tal-pajjiż. Il-gvern Somalu kellu l-ħila jieqaf lill-milizzja u jerġa' jsawwar lilu nnifsu bħala korp demokratiku għall-ewwel darba fl-istorja tal-pajjiż. L-iżvilupp issa qed jilħaq il-maġġoranza tas-Somali u r-reġjun issa huwa mgħammar aħjar biex jiskoraġġixxu, jaqbdu u jtellgħu lill-pirati l-qorti. L-impenn tagħna ġie mfaħħar mill-president Somalu matul iż-żjara tiegħu fi Brussell u ninsabu ħerqana li nkomplu napprofondixxu l-kooperazzjoni mal-gvern u is-sħab internazzjonali tagħna. Biex niżguraw kooperazzjoni futura, aħna qed insejħu konferenza ddedikata għall-ġejjieni tas-Somalja.

Il-ħidma tagħna f'Mali hija turija oħra tal-involviment komprensiv – u ta' suċċess - tal-UE. Anki qabel il-kolp ta' stat f'Mali fir-rebbiegħa 2012 u t-telfa tan-naħa ta' fuq ta' Mali għall-forzi ta' Tuareg u l-forzi ġiħadisti, l-UE żviluppat strateġija reġjonali integrata għar-reġjun tas-Saħel bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u jiġu żgurati l-istabbiltà u l-iżvilupp dejjiemi f'din il-parti kruċjali tal-Afrika. Sabiex twieġeb malajr għall-iskjerament Franċiż tal-forzi u n-natura li qed tinbidel tas-sitwazzjoni f'Mali, l-UE mbagħad ħaffet l-iskjerament ta' missjoni Ewropea biex tirriorganizza, tħarreġ u tagħti parir lill-forzi armati ta' Mali (EUTM). Ħeġġiġna u għinna wkoll lill-awtoritajiet ta' Mali jiżviluppaw pjan direzzjonali biex iġibu lura d-demokrazija u jaħdmu għar-rikonċiljazzjoni nazzjonali; u offrejna pakkett ta' għajnuna umanitarja u għall-iżvilupp imġedded u adattat. Finalment, appoġġajna lil ECOWAS u l-Unjoni Afrikana fi skjerament ta' forza għaż-żamma tal-paċi biex tgħin biex tinżamm l-istabbiltà f'Mali, sakemm ġiet stabbilita operazzjoni tan-NU għaż-żamma tal-paċi. Il-progress ser jiddependi mill-awtoritajiet ta' Mali, iżda fl-2012 l-UE wriet rieda u ħila li tagħti l-appoġġ meħtieġ biex tistabbilizza l-pajjiż.

Matul l-2012, fl-Afrika ta' Fuq u l-Lvant Nofsani, l-UE appoġġat it-tranżizzjonijiet lil hemm mit-tmexxija awtoritarja fl-Eġittu, it-Tuneżija u l-Libja. L-UE fittxet li tiżgura approċċ imfassal apposta għal kull pajjiż, inkluż aktar assistenza finanzjarja, l-offerta għal sħubijiet ta' mobbiltà aktar b'saħħithom u t-tnedija ta' negozjati ta' Ftehim ta' Kummerċ Ħieles Profond u Komprensiv għal aċċess akbar tas-suq. Karatteristika innovattiva ta' dan l-approċċ kienet il-ħolqien ta' task forces speċjali mmexxija mir-RGħ/VP, iffaċilitati mir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għar-reġjun tan-Nofsinhar tal-Mediterran u bil-għan li jgħinu t-tranżizzjonijiet fl-Eġittu, il-Ġordan u t-Tuneżija. Billi laqqgħu l-atturi rilevanti kollha – membri tal-Parlament Ewropew, partijiet interessati internazzjonali, reġjonali, privati u pubbliċi – it-task forces għamlu kontribut importanti biex jassistu lill-pajjiżi jagħmlu progress lejn riforma dejjiema u d-demokrazija.

Il-konflitt fis-Sirja kompla b'intensità dejjem tiżdied li saret il-kriżi ċentrali fir-reġjun u kwistjoni politika u umanitarja minn ta' quddiem nett għall-UE. L-UE kompliet tappella għal soluzzjoni politika għall-kriżi tas-Sirja u konsistentement esprimiet l-appoġġ kollu tagħha għall-isforzi tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Lega Għarbija. Ir-RGħ/VP ħadet sehem fil-konferenza internazzjonali ta' Ġunju f'Ġinevra li qablet dwar dikjarazzjoni li pprovdiet qafas bażiku għal tranżizzjoni politika futura, li ma kienitx implimentata minħabba differenzi sussegwenti fl-interpretazzjoni ta' dak li ġie maqbul. L-UE aċċettat il-koalizzjoni tal-Forzi Sirjani Rivoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni bħala rappreżentanti leġittimi tal-poplu Sirjan u ħeġġithom jaħdmu aktar lejn l-inklużjoni, ir-rappreżentanza u r-rispett tal-prinċipji demokratiċi. L-UE ħadet azzjoni billi wettqet politika ta' miżuri restrittivi kontra persuni responsabbli mir-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili, persuni li jibbenefikaw minn jew jappoġġaw ir-reġim u persuni assoċjati magħhom. Barra minn hekk, l-UE pprovdiet assistenza umanitarja u assistenza oħra lill-popolazzjoni Sirjana fil-pajjiż kif ukoll lir-rifuġjati fil-pajjiżi ġirien mas-Sirja, inkluż appoġġ lil dawn il-pajjiżi nnifishom biex tgħinhom ilaħħqu mal-piż. F'fora internazzjonali, notevolment il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, l-UE kienet forza ewlenija f'sejħiet għar-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem, il-kisba tar-responsabbiltà u t-tneħħija tal-impunità.

Id-dedikazzjoni tal-UE biex tappoġġa l-konsolidazzjoni tad-demokrazija estiża b'mod naturali għall-viċinat tal-Lvant tal-Ewropa permezz tal-implimentazzjoni tas-Sħubija tal-Lvant kif ukoll permezz ta' sforzi kontinwi lejn assoċjazzjoni politika u integrazzjoni ekonomika eqreb. Negozjati ta' Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni (FA), inkluż il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles Profond u Komprensiv (DCFTA) baqgħu għaddejjin mar-Repubblika tal-Moldova, il-Ġeorġja, l-Armenja u l-Ażerbajġan (FA biss). Inbeda l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Ukraina. Il-faċilitazzjoni tal-visa u r-riammissjoni tal-ftehimiet u pjanijiet ta' azzjoni għal-liberalizzazzjoni tal-visa ġew promossi wkoll biex jirrinfurzaw il-kuntatti bejn in-nies. Dawn l-iżviluppi huma akkumpanjati minn aspettattivi ta' riformi vasti li jappoġġaw l-istat tad-dritt u jrawmu stabbiltà demokratika. L-UE pprovdiet appoġġ permezz tal-missjoni Parlament Ewropew immexxija mill-ex-President tal-Polonja, Aleksander Kwaśniewski, u l-ex-President tal-PE, Pat Cox, permezz ta' monitoraġġ tal-proċedimenti tal-qorti li kienu jinvolvu fost l-oħrajn l-ex-Prim Ministru tal-Ukraina Yulia Timoshenko. L-UE kienet qed twettaq ukoll sforzi biex trawwem il-progress demokratiku fil-Belarus, iżda fadal nuqqasijiet kbar dwar il-libertà politika u tal-mezzi tax-xandir. Fl-istess waqt, l-UE baqgħet impenjata li tagħmel progress dwar ir-riżoluzzjoni ta' konflitti fit-tul fir-reġjun (taħditiet 5+2 dwar it-Transnistrija, il-Proċess ta' Ġinevra). Ser nippruvaw naħdmu biex ix-xogħol jimxi 'l quddiem din is-sena, hekk kif inħejju għal summit importanti tas-Sħubija tal-Lvant din il-ħarifa f'Vilnjus. Implimentazzjoni u progress ulterjuri tas-Sħubija tal-Lvant fid-dimensjoni bilaterali u multilaterali tagħha huma kruċjali għall-Unjoni.

Eżempju tal-aħħar tal-ħidma tal-UE fl-2012 kien l-impenn tagħna għall-medjazzjoni u r-riżoluzzjoni tal-konflitti. L-isforzi tal-UE biex tinstab soluzzjoni għall-kwistjoni nukleari Iranjana x'aktarx kienu l-aktar eżempji viżibbli ta' attivitajiet bħal dawn. F'negozjati ewlenin mal-Iran f'isem l-E3+3, ir-RGħ/VP involviet ruħha fi sforzi diplomatiċi intensivi biex twitti t-triq għal soluzzjoni diplomatika li twieġeb għat-tħassib tal-komunità internazzjonali dwar in-natura tal-programm nukleari Iranjan. Ir-RGħ/VP appoġġata mis-SEAE kienet involuta fi proċess kbir ta' sensibilizzazzjoni biex jinkiseb appoġġ għall-approċċ fuq żewġ binarji tal-UE. L-għaqda kontinwa tal-E3+3 kienet fil-qalba ta' dawn l-isforzi.

Dawn huma eżempji konkreti ta' kif is-SEAE żied il-valur għall-ħidma tas-27 Stat Membru u tal-Kummissjoni Ewropea. Kif għandu juri r-rapport tal-2012, l-UE għamlet progress ukoll f'firxa ħafna usa' ta' kwistjonijiet.

Fil-ħidma tagħna, id-drittijiet tal-bniedem baqgħu l-element li jinseġ flimkien il-politika tagħna. Is-sena 2012 kienet sena importanti għal din il-ħidma; l-UE adottat l-istrateġija inawgurali tagħha għad-drittijiet tal-bniedem, li permezz tagħha ser inkunu nistgħu nintegraw il-ħidma tagħna għad-drittijiet tal-bniedem fl-involvimenti bilaterali u multilaterali tal-UE; inħatar Rappreżentant Speċjali għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-ewwel mibgħut tematiku li qatt kien hemm, biex jiġi żgurat li meta l-UE titkellem biex taqbeż għad-drittijiet tal-bniedem leħinna jinstema' għoli u ċar mad-dinja kollja.

Ingħatat attenzjoni speċjali għall-kwistjoni tal-għoti ta' setgħa lin-nisa u l-appoġġ għal sehem in-nisa fi proċessi politiċi. It-tnedija fl-2012 mir-RGħ/VP tal-"Isħubija għal Futur Ugwali" flimkien mas-Segretarju tal-Istat għall-Istati Uniti Clinton u tal-inizjattiva "Rebbiegħa għall-Avvanz tan-Nisa" flimkien mad-Direttur tan-Nisa għall-Istati Uniti Michelle Bachelet jinkorpora l-impenn profond tal-UE biex jagħti s-setgħa lin-nisa ekonomikament u politikament.

L-appoġġ għas-soċjetà ċivili wkoll sar fattur ewlieni tal-involviment tagħna, mhux lanqas fid-dawl tar-rwol kruċjali li kellu fir-rivoluzzjonijiet Għarab. F'dan ir-rigward, il-Faċilità għas-Soċjetà Ċivili kompliet tappoġġa inizjattivi ċiviċi nazzjonali u lokali u l-bini ta' kapaċità biex issaħħaħ l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-"Fond Ewropew għad-Demokrazija" li għadu kemm inħoloq ser jipprovdi wkoll triq oħra għall-avvanz u l-appoġġ tad-demokrazija.

Is-sena li għaddiet ratna nżidu l-ħidma tagħna fuq l-hekk imsejħa sfidi 'orizzontali', bħall-ħtieġa li tiġi żgurata s-sigurta tal-enerġija tal-UE jew li jiġi evitat li l-konflitt dwar l-ilma jispiċċa fi gwerer. Ir-RGħ/VP qiegħdet is-sigurtà tal-enerġija u s-sigurtà tal-ilma fuq l-aġenda tal-Kunsill u ta' Gymnich u għamlet l-appoġġ għall-aċċess tal-Ewropa għall-enerġija u l-kondiviżjoni paċifika tar-riżorsi tal-ilma parti essenzjali tal-politika barranija tal-UE.

Sabiex immexxu 'l quddiem il-valuri u l-interessi tagħna madwar id-dinja, l-UE approfondiet b'mod sinifikanti r-relazzjonijiet mas-sħab strateġiċi tagħha fl-2012, b'mod partikolati billi kabbret il-kooperazzjoni fil-qasam tal-politika barranija u ta' sigurtà. Flimkien mad-djalogi li ilhom stabbiliti għal żmien twil fil-livelli kollha mas-sħab strateġiċi tagħna, issa għandna djalogu strateġiku regolari maċ-Ċina fil-livell ta' RGħ/VP kif ukoll djalogi politiċi ta' livell għoli mal-Korea t'Isfel, l-Indja u l-Brażil. Il-kooperazzjoni tagħna qed tapprofondixxi f'għadd ta' oqsma, inkluż id-Drittijiet tal-Bniedem, it-tweġiba għar-Rebbiegħa Għarbija jew it-taħriġ tal-pulizija fl-Afganistan. Is-sħab ukoll qed jieħdu sehem aktar fil-missjonijiet tagħna tal-PSDK. Ir-relazzjonijiet tagħna mal-Istati Uniti tradizzjonalment kienu s-sisien tal-involviment internazzjonali tagħna u matul l-2012 l-kooperazzjoni tagħna kienet partikolarment attiva, mill-isforzi komuni fl-Asja-Paċifiku sal-Balkani tal-Punent. Ir-relazzjoni mal-Federazzjoni Russa wkoll kompliet tkun prijorità, mhux lanqas minħabba sfidi konġunti fil-viċinat komuni tagħna iżda wkoll permezz ta' kooperazzjoni b'saħħitha dwar l-Iran u l-Lvant Nofsani.

L-2012 wkoll rat aktar involviment fl-organizzazzjonijiet reġjonali, mil-Lega tal-Istati Għarab (LIGħ) u l-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Iżlamika (OIC) sal-Unjoni Afrikana (UA), mill-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) sal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani. L-Ewropa tista' tkun aktar effettiva jekk ma taġixxix waħidha, kif rajna matul l-aħħar snin. Għalhekk huwa fl-interess tagħna mhux biss li nseddqu r-rabtiet ma' organizzazzjonijiet reġjonali, iżda wkoll li ndaħħlu tendenzi ta' kooperazzjoni u li noffru l-appoġġ, fejn meħtieġ, biex inżidu l-ħila li tittieħed azzjoni. Il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-LIGħ hija eżempju partikolarment tajjeb tal-ħidma tagħna s-sena l-oħra, fejn ir-relazzjonijiet issaħħu fil-livelli kollha, minn dak politiku (eż. il-Laqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-Lega tal-Istati Għarab) sa dak tekniku dak tekniku (eż. is-Sala tal-Kriżijiet tal-ogħla livell iffinanzjata mill-UE). Fl-Afrika, l-UE intensifikat il-kooperazzjoni mal-Unjoni Afrikana, pereżempju fil-Qarn tal-Afrika (mhux l-anqas permezz ta' finanzjament sostanzjali għall-forza tal-UA AMISOM permezz tal-Fond għall-Paċi fl-Afrika), jew mal-organizzazzjonijiet sottoreġjonali bħall-ECOWAS kif muri reċentement mill-kollaborazzjoni mill-qrib mal-ECOWAS fil-kuntest tal-operazzjoni ta' stabbilizzazzjoni tal-AFISMA f'Mali.

Hemm sfidi kbar jistennew il-politika barranija Ewropea. Iżda l-firxa tal-ħidma tagħna fl-2012 u l-varjetà tal-kisbiet tagħna jagħtu fiduċja li fis-snin li ġejjin l-UE ser tkun tista' tiġġieled sfidi globali b'mod anki iktar effettiv filwaqt li naħdmu għall-għan ġenerali tagħna li nħarsu d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja.

## A. DESKRIZZJONI ĠENERALI TAL-ATTIVITAJIET SKONT IR-REĠJUNI

### 1. AFRIKA TA' FUQ, LVANT NOFSANI U PENIŻOLA GĦARBIJA

**Introduzzjoni**

Aktar minn sentejn minn mindu faqqgħet ir-"Rebbiegħa Għarbija", li bdiet mill-irvelli tal-poplu fit-Tuneżija u l-Eġittu, il-qagħda f'ħafna mid-dinja Għarbija baqgħet fluwida ħafna, b'differenzi importanti bejn il-pajjiżi u s-sottoreġjuni kkonċernati. Filwaqt li sar progress sinifikanti fil-promozzjoni ta' riformi demokratiċi (pereżempju elezzjonijiet, rwol aktar qawwi tas-soċjetà ċivili, aktar libertà tal-espressjoni u assemblea) għad hemm sfidi importanti ta' sigurtà, bħall-kriżi dejjem agħar fis-Sirja u r-riskju evidenti ta' instabbiltà aktar mifruxa billi din tinxtered fiż-żoni ġirien, u t-theddid għas-sigurtà interna li l-Libja kompliet tħabbat wiċċha miegħu anki meta mxiet bil-proċess twil tal-bini tal-istat. Fl-istess ħin il-koeżjoni ta' ħafna pajjiżi Għarab qiegħda fil-periklu li tiddgħajjef minn forom ġodda ta' polarizzazzjoni politika interna (mhux biss bejn il-forzi sekulari u Iżlamisti, iżda wkoll rigward is-sezzjonijiet kruċjali tas-soċjetà, inkluż in-nisa, iż-żgħażagħ, il-minoritajiet reliġjużi u etniċi) flimkien mal-qagħda ekonomika li sejra għall-agħar f'diversi pajjiżi kkonċernati.

L-UE u l-Istati Membri tagħha appoġġaw b'mod attiv il-proċessi ta' transizzjoni li nbdew f'diversi pajjiżi Għarab, u offrew tweġiba minn ħafna aspetti. L-UE qiegħdet l-iskaluni għal sħubijiet imġedda, iżda r-ritmu u l-punt tal-progress miksub s'issa ma kienx stabbli għax is-sħab xi drabi ma ridux jilqgħu l-offerta tal-UE jew inkella ma setgħux jew ma ridux iwettqu r-riformi meħtieġa biex tingħata għajnuna addizzjonali mill-UE. L-UE kompliet tappoġġa l-pajjiżi Għarab fl-isforzi tagħhom biex jegħlbu xkiel politiku u soċjoekonomiku filwaqt li fl-istess ħin evalwat il-gvernijiet li rriżultaw mir-Rebbiegħa Għarbija fuq il-bażi tar-rekord tagħhom. F'dak il-kuntest, l-UE kompliet tinvolvi ruħha b'mod kostruttiv mal-partijiet interessati politiċi ġodda kollha. Sabiex tgħin fil-bini u s-sostenn ta' soċjetajiet demokratiċi vibranti fil-pajjiżi Għarab, l-UE u l-Istati Membri tagħha appoġġaw ukoll il-ħidma tal-NGOs.

Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għar-reġjun tan-Nofsinhar tal-Mediterran, is-Sur Bernardino León, matul is-sena stinka biex itejjeb l-appoġġ tal-UE għal pajjiżi fir-reġjun, inkluż permezz tal-koordinazzjoni ta' Task Forces. Peress li ħafna mill-pajjiżi qed iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet fit-transizzjoni tagħhom għad-demokrazija, ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE, permezz taż-żjarat spissi tiegħu fir-reġjun, kien qiegħed iħeġġeġ ukoll kunsens politiku sabiex iżomm leġittimità demokratika f'pajjiżi li jaffaċċaw kriżi politika.

Finalment, l-UE reġgħet bdiet u ġeddet il-kooperazzjoni tagħha ma' għadd ta' atturi reġjonali rilevanti, fosthom il-Lega tal-Istati Għarab, l-Unjoni għall-Mediterran, l-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Iżlamika (OIC), il-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf u l-Unjoni tal-Magreb Għarbi.

**RELAZZJONIJIET BILATERALI**

## 1.1. IT-TRAMUNTANA TAL-AFRIKA

### 1.1.1. ALĠERIJA

B'kuntrast ma' ħafna pajjiżi oħrajn fir-reġjun, l-Alġerija relattivament ma ntlaqtitx mir-"Rebbiegħa Għarbija". F'Mejju 2012, saru l-elezzjonijiet leġislattivi. Bil-kontra ta' dak li kien mistenni b'mod ġenerali, il-koalizzjoni Presidenzjali ssaħħet filwaqt li ż-żieda mistennija fl-appoġġ għall-partijiet Iżlamiċi ma rnexxiliex isseħħ. Ġew eletti 143 mara (madwar 1/3 tas-sħubija). Fuq it-talba tal-Alġerija, l-UE bagħtet Missjoni tal-UE ta' Osservazzjoni Elettorali, immexxija mill-MEP Ignacio Salafranca, biex josserva l-elezzjonijiet. Ir-rapport tal-missjoni ssottolinja l-ħtieġa li tittejjeb it-trasparenza u jingħata aċċess sistematiku lill-partiti politiċi għal-listi nazzjonali tal-Elezzjoni. L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Missjoni tal-UE ta' Osservazzjoni Elettorali tqajmet fil-laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Alġerija f'Diċembru 2012. L-aġenda ta' riforma li l-Assemblea ġdida u l-Gvern ġdid kienu jeħtieġu jindirizzaw inkludiet riforma kostituzzjonali, kif imħabbar mill-President Bouteflika fl-2011.

Ir-RGħ/VP żaret l-Alġerija fis-6 ta' Novembru 2012 fejn hija ltaqgħet mal-President Bouteflika, il-Prim Ministru Sellal u l-Ministru tal-Affarijiet Barranin Medelci u ffirmat tliet ftehimiet ta' finanzjament bejn l-UE u l-Alġerija dwar il-ħarsien tal-wirt kulturali, l-appoġġ għal riformi fis-settur tat-trasport u l-appoġġ għall-impjiegi fost iż-żgħażagħ.

### 1.1.2. LIBJA

F'Lulju 2012 il-poplu Libjan mar jivvota għall-ewwel darba f'għexieren ta' snin u ġew eletti l-membri tal-Parlament tranżitorju f'atmosfera b'mod ġenerali paċifika u pożittiva. F'Ottubru 2012 Ali Zeidan ġie elett mill-Parlament bħala l-Kap tal-Gvern Tranżitorju l-ġdid, li qiegħed it-titjib tas-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-quċċata tal-aġenda.

Wara l-ftehimiet milħuqa fil-Konferenza ta' Pariġi ta' Settembru 2011, l-UE għamlet valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet ta' wara l-konflitt fir-rebbiegħa 2012 dwar: il-ġestjoni integrata tal-fruntieri (ĠIF), is-soċjetà ċivili u l-mezzi tax-xandir. Wara li r-rapport tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-ĠIF intlaqa' tajjeb mill-awtoritajiet Libjani f'Ġunju 2012, il-Kunsill awtorizzaw l-ippjanar għal missjoni possibbli tal-PSDK ta' Sigurtà Ċivili fuq il-Fruntieri fil-Libja. Sabiex jiġi żgurat ix-xiri sfurzat politiku Libjan meħtieġ għal din il-missjoni tal-PSDK, f'Novembru 2012 intbagħtet Missjoni ta' Tiftix tal-Fatti immedjatament wara l-formazzjoni tal-Gvern elett Libjan tal-PM Zeidan u ġie żviluppat malajr Kunċett ta' Maniġġar ta' Kriżi[2]. Minkejja l-appoġġ pożittiv fil-livell ministerjali Libjan għal missjoni tal-PSDK ta' sigurtà ċivili fuq il-fruntieri, l-awtoritajiet Libjani fil-parti l-kbira rrikonoxxew li filwaqt li s-sigurtà fuq il-fruntieri hija fost l-ogħla prijoritajiet tagħhom, nuqqas ta' koordinazzjoni bejn id-dipartimenti u ta' għarfien espert fi ħdan il-Gvern Libjan qegħdin ixekklu l-isforzi tal-UE u tal-komunità internazzjonali biex jagħtu appoġġ f'waqtu[3]. Is-SEAE kkoordina wkoll l-elaborazzjoni ta' Memorandum ta' Qbil (MtQ) bil-għan li jitrawwem djalogu fit-tul u kooperazzjoni reċiproka bejn il-Gvern tal-Libja u l-UE dwar il-prevenzjoni ta' konflitti, l-istat ta' tħejjija u l-kapaċitajiet ta' rispons għall-kriżijiet, flimkien mal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu.

Progressivament l-UE neħħiet il-miżuri restrittivi awtonomi adottati matul il-konflitt tal-2011 bi tweġiba għal bidliet fil-prattika. L-appoġġ tal-UE għall-proċess ta' transizzjoni permezz ta' għajnuna finanzjarja issa huwa ta' EUR 79 miljun kkonċentrat fuq is-sigurtà, l-irkupru ekonomiku, is-saħħa, l-amministrazzjoni pubblika, il-migrazzjoni, is-soċjetà ċivili u l-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli.

2 Adottata mill-Kunsill fil-31 ta' Jannar 2013.
3 Aktar tard ġie stabbilit il-Kumitat InterMinisterjali ta' Ġestjoni tal-Fruntieri tal-Prim Ministru, bis-setgħa li jieħu deċiżjonijiet u jikkoordina azzjonijiet fuq l-art.

L-UE ssottolinjat f'diversi okkażjonijiet matul is-sena tħassib serju dwar il-ħarsien u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, partikolarment dwar is-sitwazzjoni fiċ-ċentri ta' detenzjoni u l-kundizzjonijiet li sejrin għall-agħar għall-migranti. Is-sitwazzjoni ta' sigurtà fil-pajjiż kienet soġġetta għal monitoraġġ mill-qrib u kienet indirizzata pubblikament f'okkażjonijiet partikolarment gravi bħall-attakk kontra l-konsulat tal-Istati Uniti f'Bengażi jew il-konflitti bejn il-gruppi etniċi fin-nofsinhar tal-pajjiż[4].

### 1.1.3. MAROKK

Fl-2012, il-gvern il-ġdid immexxi mill-Partit Iżlamiku moderat tal-Ġustizzja u l-Iżvilupp kompla l-proċess ta' riforma, fost l-oħrajn billi kabbar is-sistema bażika tal-kura tas-saħħa u adotta pjan ta' azzjoni marbut mas-sessi. Madankollu, il-progress f'termini ta' implimentazzjoni effettiva tal-Kostituzzjoni tal-2011 kienet kemxejn limitata fl-2012. In-negozjati għal Pjan ta' Azzjoni ġdid tal-PEV bejn l-UE u l-Marokk għall-perijodu 2013-2017 ngħalqu f'Novembru 2012[5]. Ir-raba' sessjoni tal-Kummissjoni Parlamentari Konġunta UE-Marokk seħħet fis-16 ta' Lulju 2012 f'Rabat. Il-kooperazzjoni u d-djalogu politiku u għas-sigurtà fin-NU ssaħħu peress li l-Marokk kien membru mhux permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU mill-1 ta' Jannar 2012. Wara li mexxa l-presidenza tal-Assemblea Parlamentari (AP) tal-Unjoni għall-Mediterran (UgħM) għal sena, il-Marokk għadda l-presidenza lill-Parlament Ewropew fit-tmien sessjoni tal-AP tal-UgħM li saret f'Rabat fl-24 u l-25 ta' Marzu 2012.

---

4 F'Novembru 2012 il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-migranti fil-Libja (P7 TA(2012)0465). Waqt id-dibattitu qabel l-adozzjoni tagħha, il-parteċipanti ssottolinjaw li l-UE ser tkompli tappella lill-awtoritajiet biex jiżguraw rispett għall-istandards maqbula internazzjonalment tad-drittijiet tal-bniedem; fl-istess ħin, l-UE ser tkompli tappoġġa l-awtoritajiet biex iġorru r-responsabbiltajiet tagħhom skont il-liġi internazzjonali. F'dan ir-rigward, ta' min isemmi li l-UE qiegħda tagħti pakkett ta' appoġġ ta' EUR 20 miljun bil-għan li tittejjeb il-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli inklużi l-migranti.

5 Iżda l-adozzjoni formali għada pendenti (minn nofs l-2013).

Ir-RGħ/VP żaret il-Marokk fil-5 ta' Novembru 2012, fejn iltaqgħet mal-Prim Ministru Abdelilah Benkirane u l-Ministru tal-Affarijiet Barranin u l-Kooperazzjoni, Saad-Eddine El Othmani. L-UE kienet qed tqajjem b'mod attiv kwistjonijiet ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem fis-Saħara tal-Punent. L-UE konsistentement affermat mill-ġdid l-appoġġ sħiħ tagħha għall-isforzi tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, faħħret il-ħidma tal-Mibgħut Personali tiegħu l-Ambaxxatur Christopher Ross u ħeġġet lill-partijiet biex jaħdmu għall-kisba ta' soluzzjoni politika ġusta, li tibqa' u reċiprokament aċċettabbli, li tkun tipprevedi għad-determinazzjoni tan-nies tas-Saħara tal-Punent nnifishom, bi qbil mar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.

### 1.1.4. TUNEŻIJA

Wara l-ewwel elezzjonijiet demokratiċi li saru fit-23 ta' Ottubru 2011, l-UE kompliet iżżid l-appoġġ politiku tagħha għat-transizzjoni demokratika permezz ta' kuntatti politiċi intensi. Il-Prim Ministru Tuneżin Hammad Jebali, żar Brussell fit-2 ta' Frar 2012 għall-ewwel żjara tiegħu barra minn pajjiżu, segwita minn żjara oħra fit-2 ta' Ottubru.

Minkejja t-tkomplija tat-transizzjoni għad-demokrazija u dibatitti li għaddejjin fuq l-abbozz ta' Kostituzzjoni fl-Assemblea Kostitwenti Nazzjonali, kien hemm dejjem aktar tensjoni u polarizzazzjoni lejn tmiem l-2012.

Intlaħaq qbil politiku dwar it-test tal-Pjan ta' Azzjoni għal Sħubija Privileġġata f'Novembru 2012, fil-qafas tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni li sar fi Brussell. Il-Pjan ta' Azzjoni fih impenji konġunti ambizzjużi fil-qasam tal-governanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem. Jistabbilixxi wkoll il-qafas għal negozjati settorjali f'għadd ta' oqsma, inklużi DCFTA, Sema Miftuħ, Sħubija għall-Mobbiltà.

B'segwitu għat-Task Force ta' bejn l-UE u t-Tuneżija tat-23 ta' Settembru 2011, twaqqaf kumitat konsultattiv għall-kummerċ biex jikkontribwixxi għall-appoġġ għall-investituri. Segwitu ieħor għat-Task Force kien l-organizzazzjoni ta' seminar konġunt f'Ġunju mill-UE, it-Tuneżija u l-Bank Dinji biex irawmu l-irkupru tal-assi friżati taħt id-deċiżjoni tal-PSDK.

Id-deċiżjoni tal-PSDK li timponi miżuri restrittivi kontra persuni responsabbli minn miżappropriazzjoni ta' fond Statali u persuni jew entitajiet assoċjati magħhom ġiet estiża b'sena fil-bidu tal-2012.

## 1.2. LVANT NOFSANI

### 1.2.1. EĠITTU

Matul l-2012, l-Eġittu[6] kompla t-transizzjoni demokratika tiegħu li l-awtoritajiet ħadu impenn li jagħmlu wara r-rivoluzzjoni demokratika f'Jannar 2011, u t-tneħħija sussegwenti tal-ex-President Mubarak. Fost il-kisbiet il-kbar kien hemm, b'mod partikolari, l-organizzazzjoni ordnata tal-elezzjonijiet, it-tmiem tal-istat ta' emerġenza, il-konsolidazzjoni tas-setgħa f'idejn iċ-ċivili u t-tnedija ta' proċess ta' abbozzar kostituzzjonali. L-UE pproponiet li tintbagħat Missjoni ta' Osservazzjoni tal-Eelezzjoni għas-sorveljanza tal-elezzjonijiet Presidenzjali. Iżda fin-nuqqas ta' stedina formali[7], l-UE bagħtet biss żewġ esperti biex janalizzaw il-proċess tal-elezzjoni, li b'mod ġenerali nstab li kien ġust u mwettaq b'manjiera paċifika.

---

6 Il-Parlament Ewropew adotta fis-16 ta' Frar 2012 riżoluzzjoni dwar l-aħħar żviluppi fl-Eġittu (P7_TA(2012)0064) u fil-15 ta' Marzu 2012 dwar it-traffikar tal-bnedmin f'Sinaj, b'mod partikolari fil-każ ta' Solomon W. (P7_TA(2012)0092).

7 Li, iżda, waslet fl-2013.

Id-djalogu bejn l-UE u l-Eġittu ssokta fl-ogħla livell. Il-President Morsi żar Brussell fit-13 ta' Settembru, ir-RGħ/VP mexxiet it-Task Force UE-Eġittu[8] fit-13-14 ta' Novembru fil-Kajr - avveniment li laqqa' l-akbar mexxejja ta' negozju, ministri u s-soċjetà ċivili[9]. L-Unjoni Ewropea impenjat ruħha li tipprovdi appoġġ finanzjarju addizzjonali lill-Eġittu b'valur ta' kważi EUR 800 miljun għall-2012-2013 (303 miljun f'għotjiet u EUR 450 miljun f'self). Dan minn barra l-EUR 449 miljun diġà previsti għall-perijodu 2011-13. Ġew iffirmati tliet arranġamenti finanzjarji bejn l-UE u l-Eġittu li jkopru l-SMEs f'żoni rurali, estensjoni tal-Metro tal-Kajr u miżuri biex jagħtu spinta lill-kummerċ. Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, Stavros Lambrinidis, ospita laqgħa fit-13 ta' Novembru b'aktar minn 40 organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili biex jiddiskutu t-tranżizzjoni tal-Eġittu, inkluż kwistjonijiet bħad-drittijiet tal-bniedem, ir-reġistrazzjoni tal-NGOs, il-libertà ta' għaqda, it-traffikar, il-metodi li jużaw il-pulizija, il-libertà tal-mezzi tal-komunikazzjoni, u l-libertà tal-internet. Barra minn hekk, id-deċiżjoni tal-UE f'Marzu 2011 li timponi miżuri restrittivi kontra 19-il individwu assoċjati mill-qrib mar-reġim tal-ex-President Mubarak, ġiet estiża għal sena oħra f'Marzu 2012.

Minkejja dan, ġew innutati problemi serji, bħad-dissoluzzjoni tal-Assemblea tal-Poplu, nuqqas ġenerali ta' progress fid-drittijiet tal-bniedem u tħassib serju dwar is-sitwazzjoni tan-nisa. L-istqarrija kostituzzjonali tal-President Morsi tat-22 ta' Novembru 2012, li tatu setgħa kważi assoluta, l-adozzjoni mgħaġġla ta' abbozz ta' Kostituzzjoni minn Assemblea Kostitwenti mmexxija mill-Iżlamisti u l-appell sussegwenti tal-President għal referendum kostituzzjonali - li wassal għal adozzjoni formali fil-25 ta' Diċembru b'maġġoranza żgħira iżda 30% biss tal-parteċipazzjoni tal-votanti - waqqgħu lin-nazzjon fi kriżi politika tassew diviżiva bejn dawk li jappoġġaw lil Morsi u l-oppożizzjoni sekulari liberali, rappreżentata prinċipalment mill-Front għas-Salvazzjoni Nazzjonali.

---

8 It-Task Forces huma tip ġdid ta' diplomazija Ewropea, li jimmobilizzaw ir-riżorsi kollha tal-UE, jaħdmu kemm mas-setturi pubbliċi kif ukoll privati biex jappoġġaw it-transizzjoni demokratika permezz ta' appoġġ għall-bini tal-istituzzjonijiet, l-istat tad-dritt, governanza tajba, rispett għad-drittijiet tal-bniedem, riformi ekonomiċi u kooperazzjoni reġjonali. Huwa u jaġixxi bħala katalist, it-Task Force huwa għodda li tfannad is-sħubija tal-UE mal-pajjiżi fin-Nofsinhar tal-Mediterran b'mod differenzjat u orjentat lejn ir-riżultati, bl-involviment tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE filwaqt li tiżdied il-viżibbiltà tal-UE.

9 Id-djalogu formali skont il-PEV, sospiż minn Jannar 2011, kien skedat li jissokta lejn l-aħħar ta' Frar 2013, billi jsir Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

### 1.2.2. ĠORDAN

Fl-2012 l-instabbiltà politika tal-2011 kompliet, fejn inħatru tliet kabinetti suċċessivi. L-istampa kompliet tikkumplika ruħha bi prospettiva ekonomika dejjem agħar, f'kuntest ġenerali ta' tensjonijiet reġjonali akbar, partikolarment it-taqlib fis-Sirja. Il-Ġordan qeda rwol vitali fl-għoti ta' appoġġ u kenn lill-għadd dejjem akbar ta' refuġjati Sirjani. L-UE tat appoġġ permezz ta' għajnuna umanitarja miżuri aktar fit-tul biex tgħin lill-Ġordan ilaħħaq ma' dan il-piż addizzjonali. Aktar minn EUR 62 miljun ta' għajnuna umanitarja u għall-iżvilupp ġew mobilizzati għall-Ġordan fl-2012. Il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Ġordan kompliet tikber. Il-Maestà Tiegħu r-Re Abdullah żar l-Istituzzjonijiet Ewropej f'April. Il-President Barroso u r-RGħ/VP għamlu żjara uffiċjali fil-Ġordan (f'Ottubru 2012 u f'Ġunju, rispettivament), fejn t-tnejn iltaqgħu mar-Re Abdullah II u żaru l-kamp tar-refuġjati ta' Za´atari (ċentru ta' appoġġ għal refuġjati mis-Sirja)[10]. Il-laqgħa tat-Task Force UE-Ġordan tat-22 ta' Frar 2012 irrappreżentat eżempju ieħor tas-sħubija approfondita u l-kooperazzjoni msaħħa. Sabiex il-Ġordan jiġi appoġġat fl-implimentazzjoni ta' riformi ewlenin f'kuntest makroekonomiku diffiċli, ir-RGħ/VP ħabbret allokazzjoni addizzjonali ta' EUR 70 miljun biex jiġi appoġġat il-proċess tal-Elezzjoni, tiġi megħjuna r-riforma tas-sistema ġudizzjarja, jiġu appoġġati sforzi fir-riforma tal-edukazzjoni, u tgħin biex jiġi żviluppat is-settur privat. Id-Djalogu dwar il-Migrazzjoni, il-Mobbiltà u s-Sigurtà mal-Ġordan ingħata bidu f'Diċembru.

Fir-rebbiegħa tal-2012, bħala parti mill-pjan direzzjonali politiku, il-Parlament Ġordanjan adotta erba' liġijiet ewlenin li jistabbilixxu Kummissjoni Elettorali indipendenti u Qorti Kostituzzjonali, liġi ġdida dwar il-partiti politiċi u liġi Elettorali ġdida.

[10] Il-Kummissarju Georgieva wkoll żaret il-kamp f'Settembru 2012.

### 1.2.3. LIBANU

Matul is-sena 2012 il-Libanu kompla jsofri mir-riperkussjonijiet tal-kriżi fil-ġar tiegħu s-Sirja. L-għadd dejjem akbar ta' refuġjati li jaqsmu għal ġot-territorju Lebaniż, il-qagħda fraġli tas-sigurtà u tfaqqigħ sporadiku ta' vjolenza ħolqu sfidi sostanzjali għall-istabbiltà interna tal-Libanu. Il-politika tal-UE kkonċentrat fuq il-preservazzjoni tal-istabbiltà u l-għaqda nazzjonali fil-Libanu, imsejsin fuq djalogu inklużiv u rwol b'saħħtu għall-istituzzjonijiet pubbliċi, inklużi l-forzi tas-sigurtà. Dan kien enfasizzat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Lulju u Novembru rispettivament. Minkejja l-kuntest diffiċli, ir-relazzjonijiet bilaterali bejn l-UE u l-Libanu żviluppaw b'mod intensiv, u wasslu għal qbil dwar Pjan ta' Azzjoni ġdid tal-PEV u żjarat ta' livell għoli mill-Prim Ministru Mikati fi Brussell f'April u mir-RGħ/VP fil-Libanu f'Ottubru, fejn hija ltaqgħet fost l-oħrajn mal-President Suleiman u l-Prim Ministru Mikati u l-Ispiker Berri. L-UE għenet lil-Libanu biex ilaħħaq mal-influss dejjem akbar ta' refuġjati Sirjani li l-għadd tagħhom qabeż il-180,000 fi tmiem is-sena. Fl-2012 ġew mobilizzati kważi EUR 45 miljun ta' għajnuna umanitarja u għall-iżvilupp għal-Libanu.

### 1.2.4. SIRJA

Is-sena 2012 rat lill-konflitt Sirjan jeskala fi gwerra kbira fejn l-azzjonijiet militari xterdu lejn l-ibliet ewlenin u r-rata ta' mwiet qabżet is-60,000 ruħ sal-aħħar tas-sena[11]. L-iskala ta' tbatija umana u l-implikazzjonijiet reġjonali u internazzjonali tal-gwerra għamlu lis-Sirja kwistjoni ta' tħassib ewlenija għall-UE. Sabiex tiġi appoġġata soluzzjoni paċifika għall-konflitt u biex jiġi promoss proċess politiku li jiftaħ it-triq għal Sirja paċifika, ħielsa u demokratika, l-UE użat l-għodod tagħha disponibbli, inkluża l-politika ta' miżuri restrittivi. Barra minn hekk, hija mmobilizzat firxa ta' strumenti ta' assistenza biex jgħinu jkopru l-ħtiġijiet tal-għadd li qed jikber ta' persuni/refuġjati li qed isofru minn konflitt jew l-implikazzjonijiet tiegħu.

---

[11] Il-Parlament Ewropew involva ruħu b'mod attiv ħafna fuq il-kwistjoni tas-Sirja u organizza sitt dibattiti plenarji (Frar, April, Ġunju, Lulju, Settembru, Diċembru) dwar is-Sirja bir-RGħ/VP tieħu sehem fihom tliet darbiet (April, Ġunju, Settembru). Huwa adotta żewġ riżoluzzjonijiet dwar is-Sirja fis-16 ta' Frar (P7_TA-PROV(2012)0057) u fit-13 ta' Settembru (P7_TA-PROV(2012)0351).

L-UE baqgħet involuta b'mod attiv ma' sħab internazzjonali u f'fora internazzjonali. Żewġ abbozzi ta' riżoluzzjonijiet tal-KSNU, li appellaw għal waqfien mill-ġlied u transizzjoni politika fi Frar u sanzjonijiet ta' theddida f'Lulju, kienu appoġġati mill-Membri tal-UE, tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU iżda ċ-Ċina u r-Russja għamlu veto fuqhom. Grazzi wkoll għall-appoġġ mill-UE, UNSMIS, missjoni ta' osservazzjoni fis-Sirja, ġiet stabbilita f'April b'appoġġ għall-pjan ta' sitt punti tal-Lega tal-Istati Għarab(LIGħ)/ir-Rappreżentant Konġunt Speċjali tan-NU (JSR) Kofi Annan, iżda ssospendiet l-operazzjonijiet tagħha ġewwa s-Sirja f'Ġunju minħabba l-eskalazzjoni tal-vjolenza. F'Ġunju, f'laqgħa f'Ġinevra, "grupp ta' azzjoni" ta' pajjiżi inklużi r-Russja, iċ-Ċina u l-Istati Uniti, bis-sehem tar-RGħ/VP, qabel dwar il-prinċipji li għandhom imexxu transizzjoni possibbli bbażata fuq ir-Riżoluzzjonijiet 2042 u 2043 tan-NU. Id-dikjarazzjoni tal-laqgħa provdiet qafas għal transizzjoni politika futura. Kofi Annan irriżenja f'Awwissu, u f'Settembru ħa postu r-Rappreżentant Konġunt Speċjali Lakhdar Brahimi. L-UE appoġġat bil-qawwi u b'mod konsistenti r-Rappreżentant Konġunt Speċjali l-ġdid matul l-attivitajiet kollha tiegħu. Madankollu, ma ġie ddokumentat l-ebda progress fuq l-implimentazzjoni tal-pjan ta' Ġinevra, l-iktar minħabba n-nuqqas ta' qbil fost il-membri P-5 tal-KSNU, l-intransiġenza tar-reġim ta' Assad u l-oppożizzjoni mifruda.

Il-Kunsill Affarijiet Barranin adotta disa' settijiet ta' Konklużjonijiet dwar is-Sirja fi Frar, Marzu, April, Mejju, Ġunju, Lulju, Ottubru, Novembru u Diċembru 2012. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew adotta l-Konklużjonijiet tiegħu stess fis-Sirja f'Diċembru. Il-Kunsill tal-10 ta' Diċembru aċċetta s-SOC bħala rappreżentanti leġittimi tal-poplu Sirjan. L-istess sar minn aktar minn 100 nazzjon, membri tal-Grupp "Ħbieb tas-Sirja", fosthom l-Istati Uniti. Il-Kunsill Ewropew fl-14 ta' Diċembru appella lill-Kunsill "biex jaħdem fuq il-possibbiltajiet kollha biex jgħin lill-oppożizzjoni u biex itejjeb il-ħarsien tal-poplu ċovili" u esprima l-fehma li "transizzjoni politika hija meħtieġa fis-Sirja għal ġejjieni mingħajr il-President Assad u r-reġim illeġitimu tiegħu". L-UE għalhekk appoġġat b'mod attiv transizzjoni politika. Quddiem kriżi umanitarja u ta' refuġjati dejjem akbar[12],

---

[12] Fit-12 ta' Diċembru, il-Parlament Ewropew kellu dibattitu dwar it-tħejjijiet tal-UE għal influss possibbli ta' persuni mis-Sirja li jfittxu l-asil.

l-UE ffokat l-azzjonijiet tagħha fuq l-għoti ta' għajnuna umanitarja lill-popolazzjoni fis-Sirja u r-refuġjati fil-pajjiżi ġirien (sa EUR 200 miljun b'żieda mal-fondi mogħtija mill-Istati Membri tal-UE), flimkien mal-għajnuna mhux umanitarja, speċjalment biex tappoġġa l-ġirien tas-Sirja biex ilaħħqu mal-piż, u l-komunitajiet li qegħdin jospitaw refuġjati Sirjani b'mod partikolari. Is-SEAE mexxa diversi missjonijiet marbuta mal-kriżi Sirjana: żjara f'Bejrut u f'Damasku f'April, b'laqgħat mal-mexxejja tal-oppożizzjoni, organizzazzjonijiet umanitarji, aġenziji tan-NU u membri tal-komunità internazzjonali fis-Sirja; f'Ġunju, żjara f'Ankara u fil-kamp ta' Kilis fuq il-fruntiera bejn it-Turkija u s-Sirja; missjoni interservizz f'Amman fl-4 u l-5 ta' Novembru 2012 biex jeżamina kif l-UE tista' tkompli tagħti l-appoġġ lill-awtoritajiet tal-Ġordan fl-isforzi tagħhom biex ilaħħqu mal-isfidi urġenti u dejjem jiżdiedu fil-Ġordan u fir-reġjun minħabba l-kriżi fil-pajjiż ġar is-Sirja.

L-UE żammet l-impenn tagħha ma' fazzjonijiet differenti tal-oppożizzjoni u appellat lis-SOC itejjeb il-ħila organizattiva tiegħu u jidentifika interlokuturi fuq kwistjonijiet tematiċi. F'Settembru, l-UE appoġġat il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU biex jestendi l-mandat tal-Kummissjoni Internazzjonali Indipendenti ta' Inkjesta tan-NU dwar is-Sirja. L-UE esprimiet it-tħassib serju tagħha dwar il-ksur mifrux u sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt internazzjonali u fakkret mill-ġdid li m'għandu jkun hemm l-ebda impunità għal ksur jew abbużi bħal dawn. L-UE stqarret li, jekk it-tħassib dwar reati tal-gwerra u reati kontra l-umanità ma jiġux indirizzati sew fuq livell nazzjonali, il-Qorti Kriminali Internazzjonali għandha titratta s-sitwazzjoni u il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jkun jista' jgħarraf bis-sitwazzjoni fis-Sirja lill-Qorti Kriminali Internazzjonali f'kull ħin. L-UE talbet lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti biex jindirizza b'mod urġenti s-sitwazzjoni fis-Sirja fl-aspetti kollha, inkluża din il-kwistjoni. L-UE adottat diversi ċikli ta' miżuri restrittivi minn Mejju 2011. Dawn issaħħu sostanzjalment fil-15 ta' Ottubru 2012, meta l-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-UE approvaw aktar elenkar ta' ċifri tar-reġim u għadd ta' entitajiet Sirjani. Fit-30 ta' Novembru 2012, il-Kunsill iddeċieda li jġedded il-miżuri restrittivi kollha kontra s-Sirja għal tliet xhur biex ikun hemm aktar flessibbiltà minħabba l-bidliet fuq il-post. Ir-RGħ/VP ħarġet għadd ta' dikjarazzjonijiet dwar l-iżviluppi fis-Sirja matul is-sena.

### 1.2.5. PROĊESS TA' PAĊI FIL-LVANT NOFSANI (PPLN)

L-Unjoni Ewropea enfasizzat il-ħtieġa għal passi qalbiena u konkreti lejn il-paċi[13]. Hija affermat mill-ġdid il-pożizzjoni tagħha dwar is-soluzzjoni ta' żewġ stati kif enfasizzata fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju u Diċembru. L-Unjoni Ewropea tissottolinja l-urġenza ta' sforzi mġedda, strutturati u sostanzjali għall-paċi fl-2012 u r-rieda tagħha li taħdem mal-Istati Uniti u sħab internazzjonali oħra, inklużi fi ħdan il-Kwartett. Hija affermat li ma jistax ikun hemm paċi sostenibbli sakemm l-aspirazzjonijiet tal-Palestinjani għal status ta' stat u sovranità u dawk tal-Iżraeljani għal sigurtà jitwettqu permezz ta' paċi nnegozjata komprensiva bbażata fuq is-soluzzjoni ta' żewġ stati. Il-kwartett iltaqa' f'April 2012 f'Washington u ħareġ dikjarazzjoni.

L-Unjoni Ewropea kompliet tagħti l-appoġġ sħiħ tagħha għall-isforzi tar-RGħ/VP li toħloq perspettiva kredibbli għat-tnedija mill-ġdid tal-Proċess ta' Paċi. Għal dan il-għan, ir-RGħ/VP żaret ir-reġjun għadd ta' drabi matul is-sena u baqgħet f'kuntatt mill-qrib mal-partijiet interessati ewlenin, inklużi l-partijiet innifishom iżda wkoll il-Lega tal-Istati Għarab u s-Segretarju Ġenerali tagħha kif ukoll il-Ġordan, it-Turkija u l-Eġittu.

Il-ħatra ta' Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-proċess ta' paċi tal-Lvant Nofsani, is-Sur Andreas Reinicke, mill-1 ta' Frar 2012, ta appoġġ addizzjonali għall-ħidma tar-RGħ/VP, fost l-oħrajn fi ħdan il-qafas tal-Kwartett fejn ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE jaġixxi bħala Mibgħut tal-UE.

[13] Il-Parlament Ewropew adotta fil-15 ta' Marzu 2012 ir-riżoluzzjoni "Il-Palestina: attakki minn forzi Iżraeljani fuq l-istazzjonijiet tat-televiżjoni Palestinjani" (P7_TA(2012)0093); fil-5 ta' Lulju 2012 ir-riżoluzzjoni "Il-politika tal-UE dwar ix-Xatt tal-Punent u l-Lvant ta' Ġerusalemm" (P7_TA(2012)0298); fit-22 ta' Novembru 2012 ir-riżoluzzjoni "Is-sitwazzjoni f'Gaża" (P7_TA(2012)0454); u fit-13 ta' Diċembru 2012 ir-riżoluzzjoni "Id-deċiżjoni tal-Gvern Iżraeljan li jespandi l-insedjamenti fix-Xatt tal-Punent (P7_TA(2012)0506).

L-Unjoni Ewropea laqgħet il-waqfien mill-ġlied fl-Istrixxa ta' Gaża u fl-Iżrael fit-22 ta' Novembru, wara diversi jiem ta' vjolenza intensa, u faħħret l-isforzi tal-Eġittu u dawk kollha li nvolvew ruħhom fil-medjazzjoni. Din iż-żieda traġika ta' ostilitajiet issottolinjat b'mod ċar ħafna n-natura mhux sostenibbli tal-istatus quo fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Istrixxa ta' Gaża. Minn dak iż-żmien, l-UE kienet f'kuntatt regolari mal-partijiet interessati kollha biex tikkunsidra kif tikkontribwixxi b'mod attiv għall-implimentazzjoni effettiva tal-waqfien mill-ġlied.

L-Unjoni Ewropea esprimiet id-diżappunt u l-oppożizzjoni qawwija tagħha kontra l-pjanijiet tal-Iżraeljani li jespandu l-kolonji fix-Xatt tal-Punent, inkluż fil-Lvant ta' Ġerusalemm, u b'mod partikolari pjanijiet biex tiġi żviluppata ż-żona *E1*. L-UE stqarret li ser tissorvelja mill-qrib is-sitwazzjoni u l-implikazzjonijiet aktar mifruxa tagħha, u taġixxi kif xieraq. Filwaqt li tfakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati f'Mejju, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha tennew l-impenn tagħhom li jiżguraw implimentazzjoni kontinwa, sħiħa u effettiva tal-leġislazzjoni u l-arranġamenti bilaterali eżistenti tal-Unjoni Ewropea applikabbli għall-prodotti tal-kolonji.

Fid-29 ta' Novembru, l-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat ir-riżoluzzjoni 67/19 "Status tal-Palestina fin-Nazzjonijiet Uniti". L-Unjoni Ewropea titlob lit-tmexxija Palestinjana tuża dan l-istatus ġdid b'mod kostruttiv u ma tiħux passi li jistgħu japprofondixxu n-nuqqas ta' fiduċja u jitfgħuha aktar 'il bogħod minn soluzzjoni nnegozjata.

L-Unjoni Ewropea tenniet l-appell tagħha għar-rikonċiljazzjoni intraPalestinjana wara l-President Mahmoud Abbas, bħala element importanti għall-għaqda ta' Stat Palestinjan futur u biex tinstab soluzzjoni ta' żewġ stati. L-Unjoni Ewropea tenniet ukoll l-impenn fundamentali tagħha għas-sigurtà tal-Iżrael, inkluż rigward it-theddidiet kbar fir-reġjun. Sa mill-2005, bħala parti minn involviment aktar mifrux tal-UE biex tagħti kontribut biex jissolva l-konflitt bejn l-Iżrael u l-Palestina, intbagħtu żewġ missjonijiet ċivili tal-PSDK:

**EUPOL COPPS** kompliet isservi ta' mezz essenzjali tal-appoġġ ġenerali tal-UE għall-bini ta' stat Palestinjan permezz tal-kontribut tagħha għar-riforma u l-iżvilupp tas-setturi tas-sigurtà u l-ġustizzja Palestinjani. Fil-kapaċità tagħha bħala l-aġenzija konsultattiva ewlenija tal-Pulizija Ċivili Palestinjana, li hija meqjusa li laħqet l-ogħla livell ta' professjonaliżmu u kisbet l-ogħla livell ta' fiduċja pubblika fost il-forzi ta' sigurtà Palestinjani kollha, u bħala konsulent importanti tal-istituzzjonijiet tal-ġustizzja kriminali, il-missjoni ħadmet biex tavvanza l-objettivi ta' prijorità tar-relazzjonijiet tal-Awtoritajiet UE-Palestina u għenet biex tiżgura li l-kundizzjonijiet tekniċi għal soluzzjoni ta' żewġ stati għall-konflitt bejn l-Iżrael u l-Palestina jibqgħu fis-seħħ sakemm jintlaħaq qbil politiku. Sabiex jiġi konsolidat il-waqfien mill-ġlied, l-Unjoni Ewropea esprimiet ir-rieda tagħha li tagħmel użu mill-istrumenti tagħha ta' appoġġ għall-isforzi tal-partijiet, inkluż ir-riattivazzjoni possibbli – kif xieraq – tal-missjoni **EUBAM Rafah**, li għaddiet minn bidla sinifikanti u simplifikazzjoni strutturali matul is-sena. Il-missjoni żżomm il-ħila u l-livell ta' tħejjija tagħha li terġa tiġi skjerata fil-Punt ta' Qsim ta' Rafah fi żmien tliet ġimgħat skont l-OPLAN rivedut tal-missjoni. Il-missjoni tagħti kontribut għall-għarfien tas-sitwazzjoni permezz ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni u rappurtar. Permezz tal-EUBAM l-UE tippreserva l-ħila tagħha li tifhem l-implikazzjonijiet operazzjonali tal-iżviluppi ġodda bħall-ftehim reċenti ta' kriżi u l-waqfien mill-ġlied ta' Gaża u żżomm il-ħila tagħha li tirreaġixxi b'manjiera flessibbli u rapida.

Il-KPS żar l-Iżrael u t-territorju Palestinjan okkupat mill-11 sal-14 ta' Marzu 2012.

## 1.3. PENIŻOLA GĦARBIJA, IRAN U IRAQ

### 1.3.1. KUNSILL TA' KOOPERAZZJONI TAL-GOLF U L-ISTATI MEMBRI TIEGĦU

Id-djalogu mas-sitt membri tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf (KKG) (il-Baħrejn, il-Kuwajt, il-Qatar, l-Arabja Sawdija u l-Emirati Għarab Magħquda) u mas-Segretarjat tal-KKG kompla fl-ogħla livell bit-22 Kunsill Konġunt u Laqgħa Ministerjali UE-KKG fil-Lussemburgu f'Ġunju, u b'laqgħat fi New York fil-marġini tal-AĠ tan-NU f'Settembru, u fil-livell tal-gruppi ta' ħidma matul is-sena[14]. F'dawn l-okkażjonijiet kollha, iż-żewġ naħat iddiskutew ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-KKG, kwistjonijiet reġjonali ewlenin, u kwistjonijiet globali. Ir-RGħ/VP kkundannat l-użu ta' vjolenza u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem min-naħat kollha fil-Baħrejn, u appellat għal bidu urġenti ta' djalogu nazzjonali sinifikattiv li jwassal għar-rikonċiljazzjoni u jindirizza l-ilmenti soċjoekonomiċi tal-poplu tal-Baħrejn. L-UE kompliet bit-tħejjijiet tagħha għal programm taħt l-Istrument għall-Istabbiltà, biex jitħarrġu l-imħallfin u l-prosekuturi. L-UE ssorveljat mill-qrib ukoll il-qagħda tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi tal-Golf, partikolarment bit-teħid ta' inizjattivi diplomatiċi u l-pubblikazzjoni ta' stqarrijiet għall-abolizzjoni tal-piena tal-mewt.

### 1.3.2. L-IRAN

Ir-RGħ/VP, f'isem il-grupp E3 + 3 (Franza, il-Ġermanja, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti, ir-Russja u ċ-Ċina) u fuq il-bażi tal-mandat tagħha mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, kompliet tmexxi sforzi internazzjonali f'isem l-UE biex tinstab soluzzjoni diplomatika dejjiema u komprensiva għall-kwistjoni nukleari tal-Iran[15]. Minkejja diversi ċikli ta' taħditiet mal-Iran f'Istanbul (April), Bagdad (Mejju) u Moska (Ġunju), id-differenzi bejn l-Iran u l-E3 + 3 baqgħu. Il-ħtieġa li l-Iran jiġi involut fi proċess sinifikattiv ta' bini ta' fiduċja biex jiġi indirizzat it-tħassib internazzjonali li ilu jeżisti dwar il-programm nukleari tiegħu, għadha daqstant urġenti. Ir-RGħ/VP, appoġġata mis-SEAE, kienet involuta fi proċess ta' sensibilizzazzjoni maġġuri biex tikseb l-appoġġ għall-approċċ tal-UE fuq żewġ binarji. L-għaqda kontinwa tal-E3+3 kienet fil-qalba ta' dawn l-isforzi.

---

[14] Fil-15 ta' Marzu 2012 il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-Baħrejn (P7_TA(2012)0094). Fis-26 ta' Ottubru 2012 il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Emirati Għarab Magħquda (P7_TA(2012)0400)

[15] Fit-2 ta' Frar 2012 il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-Iran u l-programm nukleari tiegħu (P7_TA(2012)0024)

Iċ-ċaħda kontinwa tal-Iran li jikkonforma mal-obbligi internazzjonali tiegħu u t-tħassib dejjem akbar dwar il-kwistjonijiet mhux solvuti rigward in-natura esklużivament paċifika tal-programm nukleari tiegħu, irriżultat fl-adozzjoni f'Settembru 2012 ta' riżoluzzjoni oħra mill-Bord tal-Gvernaturi tal-IAEA li tesprimi tħassib fond u dejjem akbar.

F'konformità mal-approċċ doppju, f'Jannar 2012 il-Kunsill adotta ċiklu ġdid ta' sanzjonijiet qawwija kontra l-Iran, fosthom projbizzjoni fuq l-importazzjoni ta' żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi Iranjani, li daħlu fis-seħħ mill-1 ta' Lulju. U, minħabba l-falliment tal-Iran li jinvolvi ruħu serjament fin-negozjati, il-Kunsill iddeċieda li jimponi pakkett ieħor ta' sanzjonijiet qawwija f'Ottubru, biex jerġa' jikkonferma l-impenn tiegħu għall-approċċ doppju inklużi s-sanzjonijiet.

L-UE kompliet tesprimi t-tħassib serju tagħha dwar il-qagħda li sejra dejjem għall-agħar tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran[16]. Ir-RGħ/VP ħarġet għadd ta' dikjarazzjonijiet li jikkundannaw l-għadd kbir ta' eżekuzzjonijiet fl-2012 kif ukoll ir-ripressjoni mifruxa taċ-ċittadini Iranjani, partikolarment id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-avukati tagħhom, il-ġurnalisti u membri ta' minoritajiet, li ħabtu wiċċhom ma' fastidju u arresti. F'Mejju 2012 l-UE aġġornat il-lista tagħha ta' individwi Iranjani soġġetti għal miżuri restrittivi responsabbli mit-tmexxija jew l-implimentazzjoni ta' ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem, li bħalissa tinkludi 78 individwu. L-UE ser tkompli wkoll tappoġġa l-mandat u l-ħidma tar-Relatur Speċjali tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Iran, Ahmed Shaheed, mandat maħluq mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU f'Marzu 2011.

16 Fit-22 ta' Novembru 2012 il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran, b'mod partikolari l-eżekuzzjonijiet tal-massa u l-mewt riċenti tal-blogger Sattar Beheshti (P7_TA(2012)0463). Fl-14 ta' Ġunju 2012 huwa adotta riżoluzzjoni dwar il-minoranzi etniċi fl-Iran (P7_TA(2012)0265)

### 1.3.3. L-IRAQ

Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Iraq issaħħu aktar bil-firma tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni fil-11 ta' Mejju 2012 mir-RGħ/VP u l-Ministru tal-Affarijiet Barranin Iraqqin Hoshyar Zebari. Il-partijiet ewlenin tal-Ftehim ilhom applikati proviżorjament mill-1 ta' Awwissu. Is-sena 2012 rat ukoll it-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Memorandum ta' Ftehim dwar Sħubija Strateġika fl-Enerġija u tal-ewwel Dokument pluriennali ta' Strateġija għall-Pajjiż li qatt sar għal assistenza għall-Iraq. L-UE kompliet bil-konċentrazzjoni tagħha fuq kooperazzjoni għall-iżvilupp immirata u bini ta' ħiliet fit-tul.

L-UE kompliet issegwi mill-qrib ħafna s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem inkluż permezz ta' espressjonijiet ta' tħassib sostnuti u ripetuti dwar l-użu akbar tal-piena tal-mewt u s-sitwazzjoni ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Ir-RGħ/VP esprimiet ukoll it-tħassib tagħha dwar it-tensjoni li qed tikber bejn il-forzi politiċi ewlenin u appellat kemm-il darba lilhom u lill-Gvern biex ikollhom djalogu inklużiv. Hija segwiet b'mod attiv il-kwistjoni tar-residenti ta' Kamp Ashraf/Hurriya, b'appoġġ sħiħ għall-isforzi li saru min-Nazzjonijiet Uniti biex tinstab soluzzjoni paċifika.

EUJUST LEX Iraq hija l-ewwel missjoni integrata tal-UE għall-Istat tad-Dritt. Wara r-rieżami strateġiku tal-Missjoni fir-rebbiegħa 2012, il-mandat ġdid u finali tal-Missjoni ġie approvat f'Ġunju 2012 sa Diċembru 2013 b'konċentrazzjoni fuq it-trasferiment tal-għarfien u attivitajiet ta' bini ta' ħiliet mill-Missjoni għall-partijiet korrispondenti lokali ewlenin. Minkejja ambjent ta' sigurtà diffiċli u restrizzjonijiet operazzjonali, il-Missjoni żammet implimentazzjoni effettiva tal-mandat meta wieġbet għall-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi dejjem jinbidlu permezz ta' proġetti ta' taħriġ li jinvolvu l-fergħat kollha tas-sistema tal-ġustizzja kriminali Iraqqina li għaddejjin fit-tliet postijiet (Bagdad, Basra u Erbil). Bl-għoti ta' korsijiet speċjalizzati lil uffiċjali ta' livell għoli u medju Iraqqini tas-sistema tal-ġustizzja kriminali, EUJUST LEX Iraq qiegħda tagħti kontribut għal konsolidazzjoni tas-sigurtà billi ssaħħaħ is-sistema tal-istat tad-dritt u tippromwovi kultura ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem fl-Iraq.

### 1.3.4. JEMEN

Wara l-firma tal-Ftehim ta' Transizzjoni nnegozjat mill-KKG, ġew organizzati l-elezzjonijiet presidenzjali. Abd-Rabbu Mansour Hadi, il-kandidat kunsenswali, ġie elett u inawgurat fi Frar 2012. Ħafna kwistjonijiet jibqgħu fir-riskju u s-sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż għadha fraġli ħafna iżda l-President u l-Gvern Transizzjonali ħadu passi importanti partikolarment fir-riforma tas-setturi tas-sigurtà militari u ċivili, fejn l-UE kienet involuta b'mod attiv f'dan tal-aħħar. Il-komunità internazzjonali, u l-UE b'mod partikolari, huma atturi importanti fl-appoġġ ta' dan il-proċess. Il-Ħbieb tal-Jemen u l-Konferenzi tad-Donaturi kisbu appoġġ internazzjonali, finanzjarjament (EUR 6 biljun - l-UE wegħdet EUR 170 miljun) u politikament. Il-grupp G-10 f'Sana'a (ambaxxaturi tal-P5, l-UE u l-KGG) f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-mibgħut speċjali tan-NU, akkumpanja u ssorvelja l-proċess ta' transizzjoni mill-qrib u ser ikompli jagħmel dan.

L-attenzjoni mill-qrib tal-UE fuq il-Jemen intweriet ukoll permezz ta' tliet settijiet ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill u għadd kbir ta' dikjarazzjonijiet mir-RGħ/VP, li fihom hija esprimiet appoġġ għall-President Hadi u l-Gvern transizzjonali filwaqt li wissiet lill-opponenti biex ma jxekklux il-proċess ta' riforma billi joħolqu nuqqas ta' stabbiltà u sigurtà fil-pajjiż. Barra minn hekk, il-President Hadi żar lil Brussell f'Ottubru 2012. Huwa ltaqa' mal-Presidenti Barroso u Van Rompuy, ir-RGħ/VP u l-Kummissarju Piebalgs.

L-UE kienet qiegħda tissorvelja mill-qrib is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Jemen, partikolarment il-kwistjoni tal-piena tal-mewt ta' minorenni. L-UE kkontribwixxiet sostanzjalment ukoll għas-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni u biex issib soluzzjoni għal bżonnijiet umanitarji urġenti oħra ta' persuni u refuġjati fil-Jemen.

## 1.4. KOOPERAZZJONI REĠJONALI

Il-bidliet politiċi fir-reġjun issottolinjaw il-ħtieġa għal aktar kooperazzjoni reġjonali, peress li bosta sfidi – kemm politiċi, ekonomiċi kif ukoll soċjali – igawdu minn azzjoni fil-livell reġjonali. L-organizzazzjonijiet reġjonali qed jadattaw għall-kuntest politiku ġdid u l-UE żiedet l-involviment tagħha magħhom.

### 1.4.1. LEGA GĦARBIJA

L-UE tat appoġġ diplomatiku għall-isforzi tal-Lega tal-Istati Għarab (LIGħ) biex tipprova ssib soluzzjoni għall-kriżi Sirjana. Ir-RGħ/VP żamm kuntatti mill-qrib mas-Segretarju Ġenerali tal-LIGħ matul is-sena u permezz ta' erba' laqgħat fil-livell ta' uffiċjali għoljin seta' jkun hemm djalogu politiku strutturat bejn iż-żewġ istituzzjonijiet. It-tieni laqgħa Ministerjali konġunta bejn l-UE u l-LIGħ li saret fil-Kajr fit-13 ta' Novembru bagħtet sinjal qawwi ta' impenn konġunt biex jiġu indirizzati sfidi komuni. Din adottat dikjarazzjoni ambizzjuża li tkopri firxa wiesgħa ta' suġġetti politiċi u approvat programm ta' ħidma konġunt li witta t-triq għal kooperazzjoni prattika f'għażla ta' oqsma bħall-għoti ta' setgħa lin-nisa, il-maniġġar ta' kriżi, azzjoni umanitarja, id-drittijiet tal-bniedem u s-soċjetà ċivili. F'dan ir-rigward, l-Uffiċċju ta' Kollegament tal-Kummissjoni Ewropea-LIGħ f'Malta huwa strument importanti għall-implimentazzjoni ta' tali proġetti. F'din l-okkażjoni, ir-RGħ/VP inawgurat flimkien mas-Segretarju Ġenerali tal-LIGħ Nabil El Araby Sala ta' Kriżi fil-kwartieri ġenerali tal-LIGħ fil-Kajr parzjalment iffinanzjata mill-UE. Il-proġett, li diġa qiegħed fis-seħħ, għandu l-għan li joħloq kapaċità fil-LAS biex ikollu twissija bikrija effettiva marbuta mal-kriżijiet. Hija wkoll tistabbilixxi rabtiet mas-sistema ta' twissija bikrija tal-UE. L-UE organizzat ukoll seminar dwar l-osservazzjoni elettorali għall-uffiċjali tal-LIGħ.

### 1.4.2. L-ORGANIZZAZZJONI TAL-KOOPERAZZJONI IŻLAMIKA

L-UE saħħet ukoll ir-relazzjonijiet tagħha mal-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Iżlamika (OIC). Għall-ewwel darba, ir-RGħ/VP għamlet diskors f'laqgħa ministerjali tal-OIC (f'Djibouti fil-15/16 ta' Novembru 2012). Iż-żewġ organizzazzjonijiet organizzaw laqgħat ta' livell għoli u tal-esperti, li pprovdew ideat għal kooperazzjoni aktar prattika.

### 1.4.3. L-UNJONI GĦALL-MEDITERRAN

L-Unjoni għall-Mediterran (UgħM) hija forum uniku ta' djalogu fost 43 sħab tal-EuroMed li jikkumplementa r-relazzjonijiet bilaterali bejn l-UE u l-ġirien tagħha tan-nofsinhar. Grazzi wkoll għall-inizjattiva tal-President tal-Parlament Ewropew, Martin Schulz, l-2012 immarkat qawmien mill-ġdid tar-rwol tal-UgħM bħala katalista biex tiżviluppa djalogi u proġetti reġjonali. F'Marzu, il-Kunsill ittrasferixxa l-Kopresidenza tat-Tramuntana tal-UgħM għall-Unjoni Ewropea, u b'hekk ta impetu ġdid lill-ħidma tal-organizzazzjoni, u żgura l-iżvilupp ta' djalogi fis-settur u aktar koerenza bejn il-politika u l-programmi tal-UE u l-ħidma tal-UgħM. Sa minn Settembru, il-Ġordan assuma l-Kopresidenza tan-Nofsinhar tal-UgħM, u afferma mill-ġdid is-sieda u t-tmexxija konġunti sħaħ tal-proċess tal-UgħM. Il-Libja ġiet mistiedna tissieħeb mal-UgħM, filwaqt li s-Sirja ssospendiet is-sehem tagħha. Laqgħat regolari ma' uffiċjali għoljin wasslu għal żvilupp ta' djalogu politiku u integrazzjoni aħjar ta' dimensjonijiet oħrajn ta' kooperazzjoni istituzzjonali. Is-Segretarju Ġenerali l-ġdid maħtur f'Marzu kkonċentra fuq it-titjib tal-kompetenzi funzjonali tas-Segretarjat tal-UgħM fl-iżvilupp u l-kisba ta' finanzjament għal proġetti reġjonali u rċieva appoġġ sħiħ mill-UE għal din il-ħidma.

### 1.4.4. KOOPERAZZJONI SOTTOREĠJONALI TAL-MAGREB

Matul is-sena, l-UE ħadet sehem f'żewġ laqgħat ewlenin tal-Forum tal-Mediterran tal-Punent ("5+5"): laqgħa tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin f'Ruma fi Frar li għalija attenda l-Kummissarju Füle u s-Summit f'Malta li sar f'Ottubru bis-sehem tal-President Barroso u l-Kummissarju Füle, fejn ġiet adottata Dikjarazzjoni Konġunta. Fiż-żewġ laqgħat, l-UE ssottolinjat sinerġiji possibbli bejn il-5+5 u l-kooperazzjoni bilaterali u reġjonali tal-UE flimkien mal-UgħM. Saru wkoll laqgħat informali mal-Unjoni tal-Magreb Għarbi. F'Diċembru l-ewwel Kommunikazzjoni konġunta dwar il-Magreb mir-RGħ/VP u l-Kummissjoni Ewropea ssottolinjat modi li bihom l-UE tista' takkumpanja sforzi għal kooperazzjoni aktar mill-qrib u integrazzjoni bejn il-pajjiżi tal-Magreb. Din tikkumplementa sforzi fuq il-livell bilaterali bejn l-UE u l-pajjiżi tal-Magreb kif ukoll kooperazzjoni reġjonali aktar mifruxa.

## 2. RUSSJA, VIĊINAT TAL-LVANT U ASJA ĊENTRALI

### 2.1. FEDERAZZJONI RUSSA

L-2012 rat aktar żviluppi fir-relazzjonijiet UE-Russja.

Dawn inkludew l-adeżjoni tar-Russja għall-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO)[17] u t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-"Passi Komuni lejn vjaġġar ta' perijodu qasir mingħajr viża għaċ-ċittadini Russi u tal-UE". Sar progress fin-negozjati dwar Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża. Is-sena rat diskussjonijiet li ħallew il-frott fid-Djalogu dwar il-Migrazzjoni mniedi fl-2011, kif ukoll id-dħul fis-seħħ tal-ftehim bilaterali dwar it-Traffiku Lokali fil-Fruntiera bejn il-Polonja u r-Russja f'Lulju 2012 li jkopri r-reġjun kollu ta' Kaliningrad u ż-żona addizzjonali fuq il-fruntiera fuq in-naħa Pollakka. L-implimentazzjoni tas-Sħubija għall-Modernizzazzjoni għamlet progress. Il-Forum indipendenti tas-Soċjetà Ċivili kellu t-tielet assemblea annwali tiegħu f'San Pietruburgu f'Ottubru.

B'xorti ħażina xi wħud mill-effetti tal-adeżjoni tar-Russja mad-WTO ġew mitfija minn xkiel ġdid u mhux ġustifikat għall-kummerċ.

Ir-Russja għadha ma onoratx l-impenji tagħha li timmodernizza s-sistema ta' imposti fuq titjiriet li jgħaddu minn fuq is-Siberja u minflok rabtet din il-kwistjoni b'mod artifiċjali mal-iskema tal-UE tal-ETS (Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet).

Ir-relazzjoni bejn Brussell u Moska baqgħet mill-qrib, anke permezz ta' kuntatti regolari bejn ir-RGħ/VP u l-Ministru tal-Affarijiet Barranin Russu Lavrov. Saru żewġ Summits bejn l-UE u r-Russja, f'San Pietruburgu fit-3-4 ta' Ġunju u fi Brussell fl-20–21 ta' Diċembru, f'atmosfera kostruttiva, għalkemm ftit kisbu progress f'oqsma ta' kooperazzjoni ewlenin. Saru laqgħat ta' djalogu politiku formali f'livelli differenti fl-2012. L-UE kompliet issegwi l-integrazzjoni tar-Russja fis-sistema internazzjonali bbażata fuq ir-regoli, imsaħħa mis-sħubija mad-WTO.

17 Il-Parlament Ewropew adotta fis-26 ta' Ottubru 2012 riżoluzzjoni dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali UE-Russja wara l-adeżjoni tar-Russja mad-WTO (P7_TA(2012)0409).

L-UE kompliet tinvolvi ruħha mar-Russja dwar ħafna mill-kwistjonijiet internazzjonali fuq quddiem fl-aġenda tal-PESK tal-UE, bħas-Sirja, l-Iran, il-Lvant Nofsani aktar inġenerali, l-Afganistan, u l-konflitti mtawla fil-viċinat komuni. L-UE kompliet ukoll bil-kooperazzjoni mar-Russja dwar kwistjonijiet globali bħat-tibdil fil-klima, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda tal-massa, il-kriminalità organizzata, it-traffikar illegali u s-sigurtà tal-enerġija. F'Novembru 2012 inbeda djalogu politiku dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu f'Moska.

Id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-iżviluppi interni fir-Russja komplew iqajmu tħassib dejjem akbar fl-2012[18]. Leġislazzjoni li tillimita l-ambitu għas-soċjetà ċivili b'diversi modi, arresti u investigazzjonijiet ta' mexxejja tal-oppożizzjoni, u sentenzi dubjużi u sproporzjonati tal-qorti kontra attivisti qajmu dubji serji dwar l-impenn tar-Russja għall-istat tad-dritt u r-rwol tas-soċjetà ċivili bħala xprun ewlieni għall-modernizzazzjoni. Iċ-ċirkostanzi tal-mewt ta' Sergei Magnitsky fl-arrest preventiv fl-2009 ma ġewx iċċarati. Ir-RGħ/VP rreaġixxiet pubblikament għal dawn l-iżviluppi ta' tħassib u fil-11 ta' Settembru 2012 ħarġet stqarrija quddiem il-Parlament Ewropew dwar l-użu politiku tal-ġustizzja fir-Russja. L-UE kompliet tqajjem dawn il-kwistjonijiet fil-laqgħat tagħha ta' djalogu politiku mar-Russja, inkluż fis-Summits u fil-konsultazzjonijiet biannwali dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u r-Russja, li l-aħħar waħda minnhom saret f'Diċembru 2012.

L-implimentazzjoni ta' attivitajiet skont is-Sħubija għall-Modernizzazzjoni UE-Russja mnedija fl-2010 għadha għaddejja. Fl-2012 ġie rieżaminat u aġġornat pjan ta' ħidma informali konġunt. Ġie ppreżentat ir-raba' rapport ta' progress għall-informazzjoni quddiem is-summit tal-21 ta' Diċembru. Is-sħubija ġiet ikkomplementata minn sħubijiet bilaterali għall-modernizzazzjoni konklużi minn tlieta u għoxrin Stat Membru tal-UE mar-Russja. Kienu qed jitħejjew tnejn oħra u ntlaħaq qbil dwar tmien pjanijiet ta' ħidma.

[18] Fis-16 ta' Frar 2012 il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-elezzjoni presidenzjali imminenti fir-Russja (P7_TA(2012)0054); riżoluzzjoni fil-15 ta' Marzu 2012 dwar ir-riżultat tal-elezzjonijiet presidenzjali fir-Russja (P7_TA(2012)0088); fit-13 ta' Settembru 2012 riżoluzzjoni dwar l-użu politiku tal-ġustizzja fir-Russja (P7_TA(2012)0352). Barra minn hekk, fit-23 ta' Ottubru 2012 il-Parlament Ewropew adotta rakkomandazzjoni dwar il-każ ta' Sergei Magnitsky (P7_TA(2012)0369). Il-każ ta' Magnitsky tqajjem ukoll mill-President tal-Kunsill Ewropew f'ittra lill-President ta' dak iż-żmien Medvedev. Ir-RGħ/VP ħarġet diversi stqarrijiet li fihom tesprimi t-tħassib tal-UE, dwar l-emendi għal-liġi Russa dwar l-NGO (10 ta' Lulju), dwar is-sentenza tal-membri tal-band punk "Pussy Riot" fir-Russja, (17 ta' Awwissu), dwar il-liġi l-ġdida dwar it-tradiment fir-Russja (25 ta' Ottubru).

Sar ftit progress fuq in-negozjati fuq Ftehim ġdid bejn l-UE u r-Russja fl-2012. Iż-żewġ naħat qasmu "listi pożittivi" dwar kummerċ possibbli u dispożizzjonijiet marbutin mal-investiment ta' ftehim bħal dan. L-għan maqbul huwa li jiġi konkluż ftehim strateġiku li għandu jipprovdi qafas komprensiv għar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja għall-futur prevedibbli u jgħin biex jiġi żviluppat il-potenzjal tar-relazzjoni tagħna[19].

Fis-sigurtà esterna, kompliet kooperazzjoni tajba fil-kuntest tal-attivitajiet ta' kontra l-piraterija bejn EU NAVFOR Atalanta u l-missjoni navali Russa skjerata lil hinn mix-xatt Somalu. Ir-Russja ġiet mistiedna tqis il-konklużjoni bil-mekkaniżmu Athena ta' ftehim dwar il-provvediment ta' trasport bl-ajru strateġiku għal operazzjonijiet militari ta' maniġġar ta' kriżi mmexxija mill-UE. Sadanittant, taħdidiet esploratorji informali dwar Ftehim Qafas għall-parteċipazzjoni Russa f'operazzjonijiet tal-UE ta' maniġġar ta' kriżi komplew mingħajr progress sostanzjali fl-2012. Ir-Russja wkoll ċaħdet stedina mill-UE ta' Lulju 2012 biex tieħu sehem fil-missjoni EUCAP Nestor fil-Qarn tal-Afrika.

Ir-relazzjoni tal-UE mar-Russja fil-qasam tal-enerġija kompliet tkun karatterizzata minn interdipendenza qawwija, minħabba li r-Russja baqgħet il-fornitur estern ewlieni tal-enerġija għall-UE u l-UE l-akbar konsumatur estern tar-riżorsi tal-idrokarburi Russi[20].

---

[19] Il-Parlament Ewropew adotta fit-13 ta' Diċembru 2012 riżoluzzjoni li fiha r-rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna dwar in-negozjati tal-Ftehim ġdid UE-Russja (P7_TA(2012)0505

[20] Is-Summits UE-Russja fit-3-4 ta' Ġunju 2012 f'San Pietruburgu u fil-21 ta' Diċembru 2012 fi Brussell u l-Kunsill Permanenti ta' Sħubija UE-Russja dwar l-Enerġija fit-13 ta' Diċembru f'Ċipru pprovdew fora siewja biex jiġu indirizzati, fost l-oħrajn, kwistjonijiet ta' sigurtà tal-enerġija.

## 2.2. SĦUBIJA TAL-LVANT (SL) - MULTILATERALI[21]

Matul l-2012, l-implimentazzjoni tas-Sħubija tal-Lvant (SLv) għamlet progress sinifikattiv kemm mil-lat bilaterali kif ukoll multilaterali. Is-SLv segwiet aġenda ambizzjuża. Is-Summit ta' Varsavja tas-SLv f'Settembru 2011 stqarr id-determinazzjoni li titħaffef l-assoċjazzjoni politika u l-integrazzjoni ekonomika u wassal għall-ħolqien tal-Pjan Direzzjonali tas-Sħubija tal-Lvant (15 ta' Mejju 2012). It-tielet laqgħa tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tas-SLv (li saret fi Brussell fit-23 ta' Lulju 2012) stqarret li l-Pjan Direzzjonali jikkostitwixxi bażi għat-tmexxija u s-sorveljanza tat-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-objettivi tas-SLv definiti fid-Dikjarazzjonijiet ta' Praga u Varsavja sas-Summit li jmiss f'Vilnjus (li għandu jsir fit-28-29 ta' Novembru 2013). Il-ministri qablu li l-laqgħa li jmiss tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tas-SLv fl-2013 tkun okkażjoni biex terġa' tiġi eżaminata l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali u biex jiġi diskuss l-iżvilupp progressiv tas-SLv bi tħejjija għas-Summit li jmiss f'Vilnjus.

L-UE tinsab lesta li tinvesti aktar f'dak il-pajjiżi sħab li jimplimentaw b'suċċess l-objettivi ta' riforma tagħhom maqbula. Is-sena l-oħra rat l-ewwel allokazzjonijiet ta' appoġġ finanzjarju addizzjonali għal pajjiżi li huma mexxejja ta' riformi (l-Armenja, il-Ġeorġja u r-Repubblika tal-Moldova), inkluż f'oqsma ta' riformi demokratiċi, drittijiet tal-bniedem, u l-istat tad-dritt, ukoll skont il-**programm ta' Integrazzjoni u Kooperazzjoni fis-Sħubija tal-Lvant (EaPIC)** li huwa bbażat fuq l-approċċ 'Aktar għal Aktar'. Madankollu, progress limitat f'dawn l-oqsma f'xi pajjiżi oħra joħloq sfida għall-objettiv ġenerali tal-assoċjazzjoni politika ta' pajjiżi sħab u l-integrazzjoni ekonomika mal-UE.

21 Pajjiżi sħab: Armenja, Azerbajġan, Bjelorussja, Ġeorġja, Moldova, Ukraina.

Fil-qasam tal-**PESK/PSDK**, is-Summit ta' Varsavja tas-Sħubija tal-Lvant appella għal djalogu u kooperazzjoni aktar b'saħħithom dwar kwistjonijiet ta' sigurtà internazzjonali, inkluż bil-ħsieb tal-parteċipazzjoni possibbli tas-sħab f'operazzjonijiet ċivili u militari mmexxija mill-UE. Il-Ġeorġja, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukraina ġew mistiedna jieħdu sehem f'uħud mill-missjonijiet riċenti tal-PSDK u wieġbu b'mod pożittiv. Fl-istess ħin, il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-pajjiżi msieħba, kif ukoll il-proġetti ta' kooperazzjoni reġjonali u l-programmi ta' assistenza tal-UE, ser jagħmlu enfasi akbar fuq ir-riżoluzzjoni paċifika tal-konflitti u miżuri għall-bini ta' fiduċja.

Il-ħidma ta' pjattaformi multilaterali kompliet, billi tagħti assistenza lil pajjiżi sħab biex imexxu 'l quddiem ir-riformi tagħhom. Kontributi attivi, appoġġ u ħila esperta għal seminars u programmi ta' taħriġ ġew offruti minn pajjiżi sħab, Stati Membri tal-UE, istituzzjonijiet tal-UE u organizzazzjonijiet interni. Istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali wkoll ipprovdew assistenza permezz ta' diversi mezzi.

Il-Pjattaforma multilaterali tas-SLv dwar id-Demokrazija, il-Governanza Tajba u l-Istabbiltà (Pjattaforma I), ikkonċentrat l-iktar fuq il-ħidma fil-qasam tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, l-asil u l-migrazzjoni, it-titjib ta' kif taħdem il-ġudikatura, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-PSDK, appoġġ għar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-immaniġġar sikur tal-fruntieri tal-Istat. L-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-Pjattaforma I kienet appoġġata mill-Kunsill tal-Ewropa (KtE) taħt Faċilità tal-KtE biex jiġu koperti attivitajiet fuq standards Elettorali, ir-riforma ġudizzjarja, governanza tajba, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u kooperazzjoni kontra l-kriminalità ċibernetika.

Il-kooperazzjoni fil-qasam tal-**PSDK** rat pass 'il quddiem kif imbassar fil-Pjan Direzzjonali tas-SLv. Il-Workshop tas-SLv dwar il-PSDK (li sar fi Brussell fid-9 ta' Novembru 2012) enfasizza l-livell għoli ta' interess tas-sitt pajjiżi sħab kollha li jinvolvu ruħhom f'konsultazzjonijiet multilaterali regolari dwar il-PSDK. Il-Pjattaforma qabbdet lis-SEAE jelabora t-Termini ta' Referenza għal **Bord tal-PSDK** fil-qasam tal-Pjattaforma I.

Fil-qasam tal-**immaniġġar integrat tal-fruntieri** l-implimentazzjoni ta' proġetti marbuta mal-proġetti tal-Inizjattiva Ewlenija għenet biex tintlaħaq il-mira tal-Pjan Direzzjonali tas-SLv ta' aktar effettività u sigurtà fil-qsim tal-fruntieri u titjib tal-effettività ġenerali tal-aġenziji tal-fruntieri u l-uffiċjali tad-dwana tal-pajjiżi sħab.

Din il-Prevenzjoni, l-istat ta' Preparazzjoni u r-Rispons għal Diżastri Naturali u Diżastri Kkaġunati mill-Bniedem (PPRD)-Inizjattiva Ewlenija tal-Lvant għenet fil-bini tal-kapaċità tal-pajjiżi parteċipanti għall-prevenzjoni, l-istat ta' preparazzjoni u r-rispons għal diżastri fil-livelli lokali, nazzjonali u reġjonali.

Id-**Djalogi Informali tas-SLv** (l-ewwel laqgħa f'Chisinau fil-5 ta' Ġunju 2012) servew bħala bażi għal diskussjonijiet miftuħa fost il-Ministri tal-Affarijiet Barranin tas-SLv u l-UE dwar kwistjonijiet rilevanti, fosthom il-PSDK, l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali u d-djalogu fis-settur[22].

## 2.3. SĦUBIJA TAL-LVANT (SL) – BILATERALI

### 2.3.1 UKRAINA

Kollox ma' kollox l-Ukraina ppreżentat stampa mħallta f'termini ta' żviluppi fuq demokrazija fil-fond u sostenibbli. Xi żviluppi pożittivi, fosthom fil-qasam tar-riforma legali u fil-qasam tal-libertà ta' assoċjazzjoni, għadhom fid-dell tal-problema tal-ġustizzja selettiva[23], li kompliet tidher b'mod prominenti fuq l-aġenda tad-djalogu politiku bejn l-UE u l-Ukraina. Il-missjoni tal-Parlament Ewropew immexxija mill-ex-President tal-Polonja Aleksander Kwaśniewski u l-ex-President tal-PE Pat Cox, li kienet stabbilita f'Mejju 2012, appoġġat b'mod sinifikanti l-isforzi tal-UE għall-monitoraġġ ta' każijiet ta' ġustizzja selettiva u biex jiġi żgurat trattament mediku xieraq ta' fost l-oħrajn l-ex-Prim Ministru tal-Ukraina Yulia Timoshenko.

---

[22] It-tieni Djalogu Informali tas-SL mad-djalogu fis-settur dwar it-trasport għandu jsir fi Tbilisi fit-12-13 ta' Frar u t-tielet f'Yerevan, f'Settembru 2013.

[23] Dikjarazzjoni Konġunta mir-RGħ Ashton u l-Kummissarju Füle fis-27 ta' Frar dwar il-verdett ta' Yuriy Lutsenko u tad-29 ta' Awwissu dwar is-sentenza mill-qorti għolja speċjalizzata tal-Ukraina fil-kawża ta' Yulia Tymoshenko. Il-Parlament Ewropew adotta fl-24 ta' Mejju 2012 riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fl-Ukraina, il-kawża ta' Yulia Tymoshenko (P7_TA-PROV(2012)0221).

L-elezzjonijiet Parlamentari tat-28 ta' Ottubru 2012 ppreżentaw stampa mħallta b'diversi nuqqasijiet u marru għall-agħar f'diversi oqsma. Minħabba proċessi li ma rrispettawx l-istandards internazzjonali, xi rappreżentanti tal-oppożizzjoni ma tħallewx joħorġu għall-elezzjonijiet Parlamentari[24].

It-Tieni Rapport tal-UE dwar l-implimentazzjoni mill-Ukraina tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża ħareġ fi Frar 2012.Il-ftehim li jemenda l-Ftehim dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża bejn l-Ukraina u l-UE ġie ffirmat fit-23 ta' Lulju 2012[25]. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, li jinkludi bħala parti integrali Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva, ġie inizzjalat fit-30 ta' Marzu 2012.

Fl-10 ta' Diċembru 2012 il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet tal-Kunsill li jaffermaw mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-iffirmar tal-FA/DCFTA hekk kif l-awtoritajiet Ukraini juru azzjoni determinata u progress tanġibbli fl-oqsma speċifikati mill-Konklużjonijiet (riformi elettorali, ġudizzjarji u kostituzzjonali), possibilment sa żmien is-Summit tas-Sħubija tal-Lvant f'Vilnjus f'Novembru 2013[26].

### 2.3.2. REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA

In-negozjati mar-Repubblika tal-Moldova dwar Ftehim ta' Assoċjazzjoni komplew jimxu 'l quddiem b'mod dinamiku matul is-sena, li diġà tlestew fl-2013. Fi Frar 2012, ġew imnedija uffiċjalment negozjati Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva, li għandha tkun parti mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni futur, ġew imnedija uffiċjalment u kompluti f'Ġunju 2013. F'Ġunju 2012, it-tielet rapport ta' valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-progress tar-Repubblika tal-Moldova fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża kkonkluda li dan il-pajjiż imsieħeb kien laħaq il-punti ta' riferiment kollha fl-ewwel fażi tal-Pjan ta' Azzjoni. Permezz ta' dan il-Kummissjoni setgħet tibda f'Novembru 2012 il-valutazzjoni tal-punti ta' riferiment stipulati fit-tieni - u l-aħħar - fażi tal-Pjan ta' Azzjoni.

---

[24] Dikjarazzjonijiet Konġunti mir-RGħ Ashton u l-Kummissarju Füle tat-12 u d-29 ta' Ottubru u tat-12 ta' Novembru dwar l-elezzjonijiet Parlamentari tat-28 ta' Ottubru.

[25] Din daħlet fis-seħħ fid-1 ta' Lulju 2013.

[26] Fit-13 ta' Diċembru 2012 il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fl-Ukraina (P7_TA-PROV(2012)0507).

Ir-R. tal-Moldova bdiet tikkoopera mal-UE fil-kuntest tal-PSDK. Fit-13 ta' Diċembru 2012 ġie konkluż Ftehim Qafas għall-parteċipazzjoni tal-Moldova fl-operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżi tal-UE u r-R. tal-Moldova ġiet mistiedna tingħaqad mal-missjoni EUCAP Nestor fil-Qarn tal-Afrika.

Il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntiera bejn ir-R. tal-Moldova u l-Ukraina (EUBAM) kompliet tagħti kontributi essenzjali għall-iżvilupp ta' proċeduri għall-maniġġar tal-fruntieri li jilħqu l-istandards tal-Unjoni Ewropea u jaqdu l-ħtiġijiet leġittimi taċ-ċittadini, il-vjaġġaturi, u l-kummerċ tal-Moldova u l-Ukraina, u b'hekk tissaħħaħ is-sigurtà reġjonali u jingħata appoġġ lill-iżvilupp ekonomiku. L-EUBAM kompliet ukoll tgħin biex jiġu implimentati għadd ta' inizjattivi ewlenin tal-Kummissjoni fl-oqsma tad-dwana, il-ġlieda kontra l-frodi u l-maniġġar tal-fruntieri, u tagħti parir u servizzi newtrali u tekniċi liż-żewġ naħat tal-konflitt fuq it-Transnistrija. Dan għen b'mod partikolari biex jerġa' jkun hemm traffiku sod bil-ferrovija minn ġot-Transnistrija[27].

L-UE intensifikat l-isforzi tagħha biex tikkontribwixxi għal riżoluzzjoni tal-konflitt fuq **it-Transnistrija.** In-negozjati uffiċjali fil-format "5+2", li ssoktaw fl-2011, għamlu xi progress, partikolarment wara li l-"5+2" qabel b'kunsens dwar aġenda komprensiva għan-negozjati, f'April 2012[28]. Il-Kunsill Affarijiet Barranin ta' Settembru 2012 neħħa parzjalment il-miżuri restrittivi introdotti fl-2003 kontra t-tmexxija Transnistrijana, filwaqt li kompla jissorvelja mill-qrib is-sitwazzjoni tal-iskejjel amministrati mill-Moldova li jgħallmu bl-alfabett Latin fit-Transnistrija, sabiex iħeġġeġ żviluppi pożittiv. Għadd ta' żjarat ta' livell għoli rriflettew l-approfondiment tar-relazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova, inkluża ż-żjara tal-President Timofti fi Brussell f'April, u tal-President Barroso f'Chisinau f'Novembru 2012.

---

[27] Stqarrija mill-kelliem tar-Rappreżentant Għoli Catherine Ashton dwar l-issoktar tat-transitu ferrovjarju tal-merkanzija minn ġot-Transnistrija, 30 ta' April 2012.

[28] Stqarrija mir-RGħ/VP Catherine Ashton dwar il-laqgħa tal-"5+2" fi Vjenna fis-17-18 ta' April 2012.

### 2.3.3. BJELORUSSJA

Matul l-2012 l-EU konsistentement tenniet l-impenn tagħha għall-politika ta' involviment kritiku mal-Bjelorussja, fost l-oħrajn permezz ta' djalogu u parteċipazzjoni fis-Sħubija tal-Lvant. L-UE fakkret li l-iżvilupp ta' relazzjonijiet bilaterali fis-Sħubija tal-Lvant influwenza l-progress lejn il-ħarsien tal-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem mill-Bjelorussja[29].

F'Marzu 2012 l-UE nediet f'Minsk strument ġdid fir-relazzjonijiet mal-Bjelorussja: id-Djalogu Ewropew dwar il-Modernizzazzjoni (EDoM) mal-Bjelorussja[30].

Sa Marzu 2012, l-UE kienet innominat 243 individwu għal projbizzjoni tal-viża u ffriżar tal-assi; imponiet embargo fuq l-armi u l-materjal li jista' jintuża għal ripressjoni interna; adottat approċċ restrittiv għas-self tal-BEI/BERŻ; u ffriżat l-assi ta' 32 kumpannija. Il-pakkett ta' miżuri restrittivi kien konsolidat u għadda f'Ottubru 2012.

Wara d-deċiżjonijiet f'Jannar u Frar li jitwessgħu l-kriterji għal miżuri restrittivi fuq il-Bjelorussja u li jiġu nominati 21 persuna oħra, in-naħa Bjelorussja talbet lill-UE u lill-ambaxxaturi Pollaki għal Minsk jitilqu għal konsultazzjonijiet. B'reazzjoni għal dan, l-ambaxxaturi kollha tal-Istati Membri tal-UE telqu mill-pajjiż għal perijodu ta' kważi xahrejn.

---

29 Il-Parlament Ewropew adotta fis-16 ta' Frar 2012 riżoluzzjoni dwar il-piena tal-mewt fil-Bjelorussja, b'mod partikolari l-każ ta' Dzmitry Kanavalau u dak ta' Uladzislau Kavalyou (P7_TA(2012)0063); fid-29 ta' Marzu 2012 riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-Bjelorussja (P7_TA(2012)0112); fil-5 ta' Lulju 2012 riżoluzzjoni dwar il-Libertà tal-espressjoni fil-Bjelorussja, b'mod partikolari l-każ ta' Andrzej Poczobut (P7_TA(2012)0300); u fis-26 ta' Ottubru 2012 riżoluzzjoni dwar il-qagħda fil-Bjelorussja wara l-elezzjonijiet parlamentari tat-23 ta' Settembru 2012 (P7_TA(2012)0410)

30 Hemm erba' gruppi ta' ħidma jiffunzjonaw f'Minsk fil-qafas tad-Djalogu, li jimpenjaw lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili tal-Bjelorussja. Kien hemm ukoll diversi seminars dwar il-"modernizzazzjoni" organizzati mill-Istati membri tal-UE fl-ambitu tal-(EDoM). L-awtoritajiet tal-Bjelorussja sa issa ma impenjawx ruħhom fl-(EDoM).

Matul l-2012 l-UE f'għadd ta' okkażjonijiet esprimiet it-tħassib tagħha dwar in-nuqqas ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-prinċipji demokratiċi, inkluż fil-Konklużjonijiet adottati mill-Kunsill f'Marzu u Ottubru 2012. Fil-konklużjonijiet ta' Marzu, l-UE kkundannat l-eżekuzzjoni ta' Uladzislaw Kavalyow u Dzmitry Kanavalaw u appellat lill-Bjelorussja biex tingħaqad f'moratorju globali dwar il-piena tal-mewt. F'Lulju, l-UE bdiet riżoluzzjoni fil-Kunsill tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem li stabbilixxiet Relatur Speċjali dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Bjelorussja. L-UE appellat kemm-il darba għall-ħelsien u r-riabilitazzjoni immedjati u bla kundizzjoni tal-priġunieri politiċi kollha. Matul l-2012 nħelsu tliet priġunieri politiċi wara li saritilhom pressjoni biex jiffirmaw talbiet għall-maħfra presidenzjali.

L-elezzjonijiet parlamentari saru fit-23 ta' Settembru 2012. Il-missjoni ta' osservazzjoni elettorali tal-OSKE/ODIHR ikkonkludiet li bosta impenji tal-OSKE inklużi d-drittijiet taċ-ċittadini għall-assoċjazzjoni, li jkunu kandidati, u li jesprimu ruħhom b'mod ħieles ma kienux rispettati. L-elezzjonijiet ma kienux immexxija b'mod imparzjali u l-proċess tal-ilmenti u l-appelli ma kienx jiggarantixxi rimedju effettiv. Minkejja xi titjib, il-qafas legali Elettorali ma kienx jiggarantix b'mod xieraq it-twettiq tal-elezzjonijiet f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-OSKE. Ir-RGħ?VP u l-Kummissarju Füle stqarrew li l-elezzjonijiet kienu saħansitra opportunità mitlufa oħra li l-elezzjonijiet isiru skont l-istandards internazzjonali.

L-offerta tal-Kummissjoni ta' Ġunju 2011 lill-Bjelorussja biex jinbdew in-negozjati dwar il-faċilitazzjoni tal-viża u ftehimiet dwar ir-riammissjoni baqgħet mingħajr tweġiba mill-Bjelorussja. Sadanittant l-Istati Membri tal-UE għamlu l-aħjar użu mill-flessibilitajiet eżistenti offruti mill-Kodiċi dwar il-Viżi, b'mod partikolari dwar il-possibbiltajiet li jitneħħew u jitnaqqsu t-tariffi tal-viża għal ċerti kategoriji ta' ċittadini Bjelorussi jew f'każijiet individwali.

### 2.3.4. KAWKASU TAN-NOFSINHAR

L-UE kompliet tintensifika l-involviment tagħha mal-pajjiżi tal-Kawkasu tan-Nofsinhar matul l-2012. Fi Frar 2012, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar il-Kawkasu tan-Nofsinhar fejn jistqarr mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-promozzjoni tar-riżq, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba, l-iżvilupp sostenibbli u l-kooperazzjoni reġjonali fil-Kawkasu tan-Nofsinhar kollu, u li jinsab lest li jkabbar l-isforzi biex jappoġġa l-bini ta' fiduċja u riżoluzzjonijiet paċifiċi għall-konflitti fir-reġjun, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet rilevanti kollha. F'Lulju 2012, il-President tal-Kunsill Ewropew, Herman van Rompuy, żar it-tliet pajjiżi tal-Kawkasu tan-Nofsinhar kollha.

L-UE żammet l-involviment qawwi tagħha mal-**Ġeorġja**[31] bil-ħsieb li tippromwovi r-riformi u tintensifika r-relazzjonijiet tagħha, mhux l-inqas bħala riżultat tal-impenji tagħha għar-riżoluzzjoni tal-konflitt tal-2008. Komplew in-negozjati dwar Ftehim ta' Assoċjazzjoni, u f'Marzu 2012 ġew imnedija negozjati għal Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva bejn l-UE u l-Ġeorġja, bħala parti integrali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Id-djalogu dwar il-viża bejn l-UE u l-Ġeorġja ġie intensifikat, bi tħejjijiet għat-tnedija tal-Pjan ta' Azzjoni għal-Liberalizzazzjoni tal-Viża lejn il-bidu tal-2013. L-UE involviet ruħha mal-Gvern Ġeorġjan il-ġdid, li beda l-mandat tiegħu f'Ottubru 2012, u laqgħet lill-Prim Ministru Ġeorġjan Bidzina Ivanishvili u l-President Mikheil Saakashvili fi Brussell f'Novembru, ftit wara segwiti miż-żjara tar-RGħ/VP fil-Ġeorġja. L-UE kellha parti importanti biex tassisti l-proċess ta' tranżizzjoni u koabitazzjoni fil-politika tal-Ġeorġja minn wara l-elezzjoni parlamentari. Dan kien jinkludi l-ħatra tal-Konsulent Speċjali għar-Riforma Legali u Kostituzzjonali u d-Drittijiet tal-Bniedem (Thomas Hammarberg, ex-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Kunsill tal-Ewropa) biex jaħdem direttament mal-Gvern tal-Ġeorġja, il-Parlament, u l-President, biex jagħti parir f'isem l-UE fl-oqsma tar-riforma tal-ġudikatura, ir-riforma tas-sistema legali, u r-riforma tal-Kostituzzjoni, kif ukoll fl-oqsma tal-infurzar tal-liġi, is-sistema penitenzjarju d-drittijiet tal-bniedem.

[31] Fis-26 ta' Ottubru 2012 il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-elezzjonijiet fil-Ġeorġja (P7_TA(2012)0411).

Fl-2012, il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-UE (EUMM) fil-Ġeorġja baqa' jkollha rwol importanti fir-reġjun billi tikkontribwixxi b'suċċess għall-isforzi ta' stabilizzazzjoni, normalizzazzjoni u bini tal-fiduċja fuq il-post. Il-mandat tal-EUMM fil-Ġeorġja ġġedded aktar. Il-Missjoni qiegħda timplimenta l-mandat attwali tagħha b'mill-inqas 200 sorveljant, li jaħdmu fuq il-kompiti ċentrali kollha tagħha b'konċentrazzjoni fuq il-miżuri ta' stabbilizzazzjoni u bini ta' fiduċja.

L-UE kompliet taqdi rwol importanti fid-Diskussjonijiet Internazzjonali ta' Ġinevra, kopreseduti b'mod konġunt man-NU u l-OSKE. Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Ġeorġja, l-Ambaxxatur Philippe Lefort, kien involut b'mod attiv fi sforzi għas-soluzzjoni tal-konflitt fil-qafas ta' dawn id-Diskussjonijiet, u indirizza l-konsegwenzi tal-konflitt tal-2008 bejn il-Ġeorġja u r-Russja, kif ukoll l-approċċ tal-Ġeorġja għar-reġjuni seċċessjonisti tagħha. Id-Diskussjonijiet ta' Ġinevra jkopru kwistjonijiet marbutin mas-sigurtà u l-istabbiltà, kif ukoll kwistjonijiet umanitarji, fosthom is-sitwazzjoni ta' persuni spustjati f'pajjiżhom u refuġjati, u l-popolazzjoni milquta mill-konflitt. L-isforzi tal-UE għar-riżoluzzjoni tal-konflitt kienu appoġġati minn azzjonijiet meħuda permezz tal-Istrument għall-Istabilità; l-UE ffinanzjat attivitajiet għall-bini ta' fiduċja u rispons bikri, kif ukoll kuntatti bejn il-popli.

Wara l-mandat tal-Kunsill tal-UE li jawtorizza lir-RGħ tiftaħ negozjati mal-Ġeorġja dwar Ftehim Qafas għall-parteċipazzjoni tal-Ġeorġja f'operazzjonijiet tal-UE ta' maniġġar ta' kriżi (FPA), ir-RGħ/VP bagħtet proposta formali lin-naħa Ġeorġjana, bi stedina uffiċjali biex jinbdew in-negozjati, waqt iż-żjara tagħha f'Tbilisi f'Novembru 2012.

L-UE żammet l-impenn qawwi tagħha mal-**Armenja**[32] sabiex tappoġġa l-isforz tal-pajjiż għar-riforma. In-negozjati tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mxew tajjeb u l-Armenja bdiet negozjati ta' Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva, bħala parti integrali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Ġew innegozjati Ftehimiet ta' Faċilitazzjoni tal-Viżi u Riammissjoni u sussegwentement ġew inizjalati fit-18 ta' Ottubru; il-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Viżi ġie ffirmat fis-17 ta' Diċembru[33]. Iż-żewġ ftehimiet jinsabu fl-istadju ta' ratifika. Il-Kummissarju Füle żar il-Yerevan f'Settembru, u l-President tal-Kummissjoni Barroso żar il-Yerevan f'Diċembru.

In-negozjati mal-**Ażerbajġan**[34] dwar kwistjonijiet ta' enerġija, inkluż dwar il-Pipeline Trans-Kaspjan, imxew tajjeb, kif għamlu dawk dwar ftehimiet ta' faċilitazzjoni tal-viżi u riammissjoni. Kien hemm xi dewmien fit-taħditiet iżda ż-żewġ naħat huma impenjati li jkomplu l-proċess ta' negozjati fl-2013, filwaqt li l-UE tenfasizza l-importanza tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, u l-libertajiet fundamentali fil-qalba tal-kapitli politiċi tal-Ftehim, flimkien ma' kooperazzjoni aħjar dwar firxa ta' kwistjonijiet multilaterali u globali.

Fil-kuntest tal-konflitti mġebbda, ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE kien attiv fit-tkabbir tal-appoġġ tal-UE għall-proċess ta' riżoluzzjoni ta' konflitt rigward **Nagorno-Karabakh**. L-UE ħadmet f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Minsk tal-OSKE biex tappoġġa l-isforzi tagħhom għal soluzzjoni għal Nagorno-Karabakh. L-UE ffinanzjat ukoll għadd ta' miżuri ta' bini tal-fiduċja b'appoġġ għall-proċess tal-paċi, fosthom studju dwar il-"Benefiċċji tal-paċi".

32 Fit-18 ta' April 2012 il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni li fiha r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna dwar in-negozjati rigward il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Armenja (P7_TA(2012)0128)

33 Iż-żewġ ftehimiet jinsabu fl-istadju ta' ratifika.

34 Fit-18 ta' April 2012 il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni li fiha r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna dwar in-negozjati rigward il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Azerbajġan (P7_TA(2012)0127). Il-Parlament Ewropew fl-24 ta' Mejju 2012 adotta wkoll riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ażerbajġan (P7_TA(2012)0228), u fit-13 ta' Settembru 2012 riżoluzzjoni dwar l-Azerbajġan: il-każ ta' Ramil Safarov (P7_TA(2012)0356).

## 2.4. ASJA ĊENTRALI

Matul l-2011, l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali kompliet tintensifika, inkluż permezz ta' djalogu politiku u kooperazzjoni teknika.

Il-Kunsill approva f'Ġunju 2012 l-aħħar Rapport ta' Progress dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija permezz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill sostantivi. Dan jikkonkludi li l-Istrateġija għadha valida u inkluda deskrizzjoni għal orjentazzjonijiet futuri b'konċentrazzjoni fuq azzjonijiet ta' importanza kruċjali għas-snin li ġejjin, fosthom ħtieġa li tingħata aktar attenzjoni lil kwistjonijiet ta' sigurtà fir-relazzjonijiet, partikolarment fid-dawl tal-iżviluppi fl-Afganistan u t-tneħħija tal-ISAF sa tmiem l-2014 (li tista' żżid l-isfidi ta' sigurtà fir-reġjun akbar).

Saret laqgħa ministerjali UE-Asja Ċentrali f'Bishkek, il-Kirgiżistan, f'Novembru 2012 u kienet ippreseduta mir-RGħ/VP. Il-laqgħa tat opportunità li jinqasmu l-fehmiet dwar l-Istrateġija għall-Asja Ċentrali u r-Rieżami tal-Istrateġija korrispondenti kif ukoll diskussjonijiet dwar sfidi reġjonali, fosthom il-kwistjonijiet tal-ambjent u l-ilma kif ukoll il-kooperazzjoni għall-enerġija, u kwistjonijiet internazzjonali. Ġie maqbul li jiġi mnedi djalogu ta' Livell Għoli dwar is-Sigurtà bejn l-UE u l-Asja Ċentrali fil-livell tad-Direttur Politiku biex jiġi approfondit id-djalogu dwar kwistjonijiet ta' politika barranija u biex jintensifika l-kooperazzjoni dwar l-ittrattar ta' theddidiet transnazzjonali. Ir-RGħ/VP għamlet żjarat bilaterali fil-Kirgiżtan, l-Uzbekistan, it-Taġikistan u l-Kazakistan[35] waqt iż-żjara tagħha fl-Asja Ċentrali u ltaqgħet fil-pajjiżi kollha mal-Presidenti u l-Ministri tal-Affarijiet Barranin biex tiddiskuti kwistjonijiet reġjonali u bilaterali. Tqajmu kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem matul din iż-żjara, inkluż fil-laqgħat mas-soċjetà ċivili. L-UE barra minn hekk organizzat diskussjonijiet fil-fond fil-kuntest tad-djalogi bilaterali annwali dwar id-drittijiet tal-bniedem.

35 Il-Parlament adotta fil-15 ta' Marzu 2012 riżoluzzjoni dwar il-Każakistan (P7_TA(2012)0089) u fit-22 ta' Novembru 2012 riżoluzzjoni li fiha r-r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna dwar in-negozjati għal ftehim imsaħħaħ ta' sħubija u kooperazzjoni bejn l-UE u l-Każakistan (P7_TA(2012)0459).

Fil-qafas tal-Inizjattiva tal-Istat tad-Dritt, saret it-tielet laqgħa UE-Asja Ċentrali tal-Ministri tal-Ġustizzja fis-6-7 ta' Diċembru fi Brussell. Il-ministri kkonfermaw mill-ġdid il-prijoritajiet tematiċi tal-Inizjattiva tal-Istat tad-Dritt UE-Asja Ċentrali bħal-Liġi Kostituzzjonali, il-Liġi Amministrattiva u l-Ġustizzja Kriminali u t-tisħiħ tal-bini ta' ħiliet ġudizzjarji.

Matul il-laqgħa tal-għaxar anniversarju tal-Inizjattiva għas-Sigurtà tal-Fruntieri tal-Asja Ċentrali (CABSI) fi Vjenna f'April ġew diskussi kwistjonijiet marbuta mal-maniġġar tal-fruntieri u s-sigurtà reġjonali.

In-negozjati ta' ftehim trilaterali mat-Turkmenistan u l-Azerbajġan dwar qafas legali għal pipepline tal-gass Trans-Kaspjan komplew matul is-sena.

Patricia Flor inħatret bħala Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Asja Ċentrali f'Ġunju. Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE kompliet tinvolvi ruħha mal-pajjiżi fir-reġjun dwar kwistjonijiet trasversali u ta' sigurtà[36].

**3. BALKANI TAL-PUNENT**

Il-Balkani tal-Punent baqgħu prijorità ewlenija għall-UE fl-2012. F'Diċembru 2012, il-Kunsill afferma mill-ġdid l-impenn inekwivoku tiegħu għall-perspettiva Ewropea tar-reġjun, li tibqa' essenzjali għall-istabbiltà tagħha, ir-rikonċiljazzjoni u l-futur tagħha. Huwa enfasizza wkoll il-ħtieġa għal kondizzjonalità ġusta u rigoruża, fil-qafas tal-kriterji politiċi ta' Kopenħagen u l-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni (PSA), li kompla jipprovdi l-qafas ta' politika ġenerali għar-relazzjonijiet u n-negozjati mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent. Il-kooperazzjoni reġjonali u r-relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien għadhom partijiet essenzjali tal-proċess ta' tkabbir.

---

[36] Fl-2012 ingħatat attenzjoni partikolari fuq kwistjonijiet dwar l-ilma, b'mod speċifiku proġetti kbar u kontroversjali dwar l-ilma, li jiffaċilitaw id-djalogu u soluzzjonijiet miftiehma. Ir-RSUE kkontribwiet ukoll għar-rieżami tal-"Istrateġija għal sħubija ġdid" bejn l-UE u l-AĊ, u tat l-isforz tagħha għat-tnedija ta' djalogu ta' sigurtà reġjonali annwali. Hija ħadet sehem fit-tħejjija tal-Laqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-AĊ f'Novembru 2012 u akkumpanjat lir-RGħ/VP f'erba' bliet kapitali fir-reġjun. Hi ppromwoviet approċċ aktar reġjonali għall-Afganistan u appoġġat, internament u esternament, sinerġiji politiċi u programmatiċi tal-UE fl-Asja Ċentrali u l-Afganistan. Hi pprovdiet ukoll impetu politiku għall-pjattaforma li għadha għaddejja fir-reġjun rigward l-Istat tad-Dritt fir-reġjun u ppromwoviet id-drittijiet tal-bniedem, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew.

Inkiseb progress sinifikanti fir-reġjun bil-bidu ta' negozjati ta' adeżjoni mal-Montenegro u l-istatus ta' kandidat għas-Serbja fl-2012, l-proċess ta' adeżjoni b'suċċess tal-Kroazja. L-UE kellha involviment deċiżiv fir-riżoluzzjoni ta' sfidi politiċi fir-reġjun. Hi assumiet tmexxija b'saħħitha biex jitrawwem u jiġi ffaċilitat id-djalogu bejn Belgrad u Pristina. L-UE impenjat ruħha mal-mexxejja politiċi tal-Bosnja-Ħerzegovina sabiex tmexxi 'l quddiem il-perspettiva tal-UE għal dan il-pajjiż, nediet djalogu ta' livell għoli ma' dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar għadd ta' prijoritajiet tal-proċess tal-adeżjoni u baqgħet impenjata mal-Albanija. Dawn għenu biex jerġa' jiġi affermat l-impenn tal-UE fir-reġjun, essenzjali għall-kredibbiltà tal-perspettiva tal-UE.

**Id-djalogu bejn Belgrad u Pristina**. Wara l-elezzjonijiet fis-Serbja, ir-RGħ/VP minn Ottubru 2012 mexxiet id-djalogu fil-livell ta' Prim Ministri tas-Serbja u l-Kosovo ffaċilitat mill-UE biex ir-relazzjoni tagħhom tiġi lura għan-normal. Dan id-djalogu fl-2012 kien diġà pproduċa għadd ta' riżultati importanti u tanġibbli inkluża l-implimentazzjoni tal-IBM (Maniġġar Integrat tal-Fruntieri), l-arranġamenti ta' kollaborazzjoni, il-protezzjoni ta' wirt reliġjuż u dak kulturali u l-ġbir doganali[37]. Il-Kunsill, f'Diċembru, waqt li faħħar liż-żewġ Prim Ministri għall-involviment tagħhom fid-Djalogu, fakkar li kien meħtieġ titjib viżibbli u sostenibbli fir-relazzjonijiet bejn is-Serbja u l-Kosovo biex b'hekk it-tnejn setgħu jkomplu fil-mogħdijiet Ewropej rispettivi tagħhom.

Is-**Serbja** uriet aktar impenn biex twettaq ir-rekwiżit ewlieni tagħha tal-UE, dak li jiżgura titjib viżibbli u sostenibbli tar-relazzjonijiet tagħha mal-Kosovo. Matul l-2012, il-pajjiż qabel dwar kwistjonijiet relatati mal-issodisfar ta' kriterji politiċi u fid-djalogu bejn Belgrad u Pristina dwar ir-rappreżentazzjoni reġjonali tal-Kosovo (li tippermetti lill-Kosovo jipparteċipa waħdu f'fora reġjonali). F'Marzu 2012, is-Serbja ngħatat status ta' kandidat.

---

[37] Dan id-djalogu kompla fl-2013 u rriżulta fiż-żewġ naħat jilħqu ftehim storiku f'April dwar in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet, inkluż fil-Każovo ta' Fuq.

Biex tiġi ssottolinjata l-ħtieġa għal sforzi kontinwi mit-tmexxija tas-Serbja biex ir-relazzjonijiet tal-pajjiż mal-Kosovo jiġu lura għan-normal, ir-RGħ/VP flimkien mas-Segretarjat tal-Istat Clinton tal-Istati Uniti vvjaġġaw lejn Belgrad u ltaqgħu mal-President Nikolic u l-Prim Ministru Dacic fit-30 ta' Ottubru.

L-elezzjonijiet presidenzjali u parlamentari bikrin ta' Mejju rriżultaw fl-elezzjoni ta' dak li mbagħad kien kap tal-Partit Progressiv tas-Serbja, Tomislav Nikolic bħala President u l-formazzjoni ta' gvern ta' koalizzjoni ġdid immexxi mill-Prim Ministru Ivica Dacic. Kemm il-President Nikolic u l-Prim Ministru Dacic ikkonfermaw il-proċess kontinwu ta' integrazzjoni tas-Serbja mal-UE bħala l-prijorità politika prinċipali tal-pajjiż.

Fil-Konklużjonijiet datati 11 ta' Diċembru, il-Kunsill ħeġġeġ lis-Serbja biex isaħħaħ, tiżviluppa aktar u timplimenta l-aġenda ta' riforma, partikolarment fl-oqsma tal-istat tad-dritt u l-indipendenza ta' istituzzjonijiet ewlenin. Bil-ħsieb ta' deċiżjoni possibbli biex jinfetħu neġozjati ta' adeżjoni mas-Serbja, il-Kunsill iddeċieda wkoll li jeżamina matul l-ewwel semestru tal-2013 il-progress magħmul mis-Serbja, inkluż dwar in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Kosovo[38].

Il-**Kosovo** kompla jagħmel progress dwar il-kwistjonijiet relatati mal-integrazzjoni Ewropea, inkluż l-iżgurar ta' titjib viżibbli u sostenibbli tar-relazzjonijiet tiegħu mas-Serbja. Madankollu, għad fadal ħafna sfidi, b'mod partikolari fl-oqsma tal-istat tad-dritt, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, ir-riforma elettorali, l-integrazzjoni tal-komunitajiet u l-ekonomija.

[38] Deċiżjoni pożittiva dwar il-bidu ta' negozjati ta' adeżjoni saret fl-2013.

Fl-2012, l-UE varat diversi inizjattivi mal-Kosovo. F'Jannar, beda d-djalogu dwar il-viża li wassal għall-istabbiliment ta' pjan direzzjonali tal-viża f'Ġunju. F'Mejju tnieda djalogu strutturat mal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt. F'Ottubru l-Kummissjoni ħarġet l-istudju tagħha ta' fattibbiltà għal Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni. Bil-ħsieb ta' deċiżjoni possibbli għal ftuħ ta' negozjati għal FSA mal-Kosovo, f'Diċembru l-Kunsill iddeċieda li jeżamina l-progress li sar mill-Kosovo matul l-ewwel semestru tal-2013, abbażi ta' rapport ippreżentat mill-Kummissjoni u r-RGħ[39].

Samuel Zbogar, Rappreżentant Speċjali ġdid tal-UE għall-Kosovo, inħatar biex jibda jaħdem fi Frar 2012 u l-mandat tal-EULEX ġie estiż sa Ġunju 2014.

Il-missjoni tal-EULEX rat ukoll progress sinifikanti fil-mandat eżekuttiv tagħha b'aktar minn 300 verdett promulgat, ħafna f'reati serji u ħafna li jinvolvu personalitajiet ta' grad għoli. Il-prosekuturi tal-EULEX kienu involuti f'aktar minn 1851 każ. Permezz tal-investigazzjoni tal-mexxejja anzjani l-missjoni kkontestat il-perċezzjoni tal-impunità. Il-missjoni kompliet tagħti konsulenza u appoġġ lill-awtoritajiet lokali biex itejbu l-kapaċità istituzzjonali tal-Kosovo biex tindirizza l-isfidi tal-istat tad-dritt.

**Bosnja-Ħerzegovina**. Bosnja-Ħerzegovina Fl-2012, l-UE kompliet timplimenta l-istrateġija u l-istrumenti kif stabbiliti mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati f'Marzu 2011. Dan l-impenn, rappreżentat fil-post permezz tal-ħidma tal-preżenza rinfurzata tal-UE mmexxija minn Peter Sorensen, ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE/KtD, għen biex jingħeleb l-istaġnar politiku li dam sal-elezzjonijiet ġenerali tal-2010 u kkontribwixxa għall-formazzjoni tal-gvern fil-Livell ta' Stat tal-BiH fi Frar 2012. Il-momentum politiku ġdid irriżulta fl-adozzjoni ta' leġislazzjoni importanti relatata mal-UE, b'mod partikolari l-Liġi dwar l-Għajnuna mill-Istat u l-Liġi dwar iċ-Ċensiment.

39 Deċiżjoni pożittiva dwar il-bidu ta' negozjati dwar Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni ntlaħqet fl-2013.

Madankollu, dak il-momentum pożittiv, li ntilef matul is-sajf, minħabba diviżjonijiet fil-gvern ta' koalizzjoni tal-BiH kif ukoll fid-dawl tal-elezzjonijiet lokali li kien imiss f'Ottubru. Kien hemm tibdil fil-Kunsill tal-Ministri iktar tard f'Novembru. Dan għen sa ċertu punt biex jissewwew ir-relazzjonijiet mhux daqstant tajbin fost il-partiti politiċi ta' tmexxija, iżda ma kienx biżżejjed biex jingħeleb l-istaġnar politiku fil-gvern ta' Federazzjoni tal-BiH, li kompla sa tmiem is-sena.

Ir-RGħ/VP kompliet timpenja ruħha dwar il-Bosnja-Ħerzegovina permezz ta' djalogu regolari mal-mexxejja tal-BiH, iżda wkoll permezz tal-appoġġ politiku fid-Djalogu ta' Livell Għoli dwar il-Proċess ta' Adeżjoni[40]. Bil-ħsieb li jkompli jissaħħaħ dan l-involviment, fit-30 ta' Ottubru r-RGħ/VP, flimkien mas-Segretarju tal-Istat Clinton tal-Istati Uniti, żaret Sarajevo biex tinkoraġġixxi bis-sħiħ lill-awtoritajiet tal-BiH biex jieħdu l-passi neċessarji biex iressqu lill-BiH lejn l-istruttura tal-Unjoni Ewropea u dik tal-Euro-Atlantika.

Wara li l-BiH ma kinitx kapaċi tagħmel progress dwar l-aġenda tal-UE, il-Kunsill f'Diċembru kien diżappunt bl-istaġnar politiku kontinwu fil-BiH u ħeġġeġ lill-BiH biex timxi ’l quddiem fl-aġenda tal-UE u biex timplimenta s-sentenza Sedjic/Finci. Il-Kunsill talab ukoll lill-awtoritajiet tal-BiH biex jieħdu l-azzjonijiet neċessarji biex iħejju lill-pajjiż għall-adeżjoni tal-Kroazja fl-UE.

Fl-2012, l-UE kompliet tibni l-preżenza komprensiva tagħha fil-post. Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE rrinforza l-mandat tiegħu f'Banja Luka u stabbilixxa karigi lokali ġodda fid-Distrett ta' Brcko u Mostar.

40 Id-Djalogu ta' Livell Għoli dwar il-Proċess ta' Adeżjoni (HLDAP) tnieda f'Ġunju bil-għan li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni fost il-mexxejja tal-politika tal-BiH rigward il-passi neċessarji biex jimxu ’l quddiem fi triqithom lejn l-UE. Fl-HLDAP, il-mexxejja tal-politika tal-BiH impenjaw ruħhom bi pjan direzzjonali li jwassal għall-implimentazzjoni tas-sentenza tal-QEDB, iżda s'issa ma sar l-ebda progress.

F'Ġunju 2012, l-UE kkompletat il-missjoni tagħha tal-pulizija fil-Bosnja-Ħerzegovina (EUPM), l-ewwel missjoni taħt il-Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża (PESD), varata f'Jannar 2003. Il-EUPM għenet lill-awtoritajiet tal-BiH biex joħolqu forza tal-pulizija moderna, professjonali u multi-etnika, lesta li tassumi responsabbiltà sħiħa għaż-żamma tal-infurzar tal-liġi skont l-istandards internazzjonali. Wara l-għeluq tagħha, l-UE kompliet tinvolvi lilha nfisha f'dan il-qasam permezz ta' għodod oħra tal-PESK, b'mod partikolari permezz tat-Taqsima tal-Affarijiet Interni u tas-Sigurtà Pubblika fl-uffiċċju tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE, u permezz tal-programmi tal-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni.

EUFOR Althea ġiet konfigurata mill-ġdid fl-1 ta' Settembru 2012. Issa l-operazzjoni għandha sa 600 suldat u hija ffukata fuq il-bini ta' kapaċità u taħriġ tal-Forzi Armati tal-BiH waqt li jinżammu għarfien ta' dak li kien għaddej u deterrenza kredibbli biex jappoġġaw sforzi biex jinżamm jew jitreġġa' lura l-ambjent sigur u sikur. Fl-14 ta' Novembru 2012 il-mandat eżekuttiv tal-missjoni ġie estiż mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU għal sena oħra.

**Dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.** B'segwitu għall-elezzjonijiet parlamentari bikrin f'Ġunju 2011, ġiet iffurmata koalizzjoni mġedda bejn il-Prim Ministru Gruevski u l-kap ta' DUI, is-Sur Ahmeti, u wriet li kienet stabbli u funzjonali matul l-2012, ħlief għall-kriżi tal-Gvern f'Awwissu rigward kwistjonijiet relatati direttament mal-konflitt fl-2001 (inklużi drittijiet soċjali għal xi veterani). Fi Frar u April 2012, żewġ inċidenti b'diżgrazzji aċċidentali fatali kkawżaw tensjonijiet interetniċi. Id-delegazzjoni tal-UE, f'kuntatt mill-qrib mal-Istati Membri tal-UE u msieħba internazzjonali, involviet ruħha f'għajnuna biex tegħleb id-diffikultajiet u talbet li jkun hemm segwitu ġudizzjarju effettiv. Dawn l-iżviluppi ssottolinjaw, għal darb'oħra, li l-Ftehim Qafas Ohrid ikompli jkun pilastru ta' koeżjoni politika fil-pajjiż. L-implimentazzjoni u r-rieżami sħaħ tiegħu jibqgħu prijoritajiet importanti.

Tnieda Djalogu ta' Livell Għoli dwar l-Adeżjoni (HLAD) mill-Kummissjoni Ewropea fir-rebbiegħa 2012 u sar fi tliet ċikli. Dan serva bħala katalista għall-aċċellerazzjoni tar-riformi, abbażi ta' livell għoli, involviment dirett bejn il-Gvern u l-Kummissjoni. F'Ottubru, il-Kummissjoni tenniet ir-rakkomandazzjoni tagħha biex tiftaħ negozjati ta' adeżjoni. Il-Kunsill ħa nota tar-rakkomandazzjoni, waqt li rrikonoxxa l-progress li sar. Filwaqt li nnota l-ħtieġa għal sforzi kontinwi, il-Kunsill ħeġġeġ biex ir-ritmu tar-riforma jibqa' sostnut, b'attenzjoni kontinwa għall-istat tad-dritt, inkluż fir-rigward tal-libertà tal-espressjoni, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u r-relazzjonijiet u r-rikonċiljazzjoni interetniċi.

Il-Kunsill fakkar li huwa essenzjali li jinżammu relazzjonijiet tajba ta' viċinat, inkluża soluzzjoni negozjata u aċċettata reċiprokament għall-kwistjoni imsemmija, taħt l-awspiċju tan-NU. Il-Kunsill laqa' wkoll il-momentum iġġenerat minn kuntatti/skambji reċenti, b'segwitu tal-proposta Griega għal memorandum ta' qbil. Il-Kunsill kien, barra minn hekk, imħeġġeġ minn kuntatti reċenti mal-medjatur tan-NU Matthew Nimetz. Huwa nnota wkoll il-kuntatti bejn dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u stenna bil-ħerqa t-traduzzjoni tagħhom f'azzjonijiet u riżultati konkreti. Il-Kummissjoni ngħatat il-kompitu li tħejji rapport sar-rebbiegħa 2013 li jevalwa l-implimentazzjoni tar-riformi fil-kuntest tal-HLAD, kif ukoll passi meħuda biex jippromwovu relazzjonijiet tajba mal-ġirien u biex tintlaħaq u tiġi aċċettata soluzzjoni aċċettata b'mod reċiproku għall-pubblikazzjoni ta' isem taħt il-patroċinju tan-NU. Abbażi ta' dan ir-rapport, bil-ħsieb ta' ftuħ possibbli ta' negozjati tal-adeżjoni, il-Kunsill għandu jevalwa l-progress matul l-ewwel semestru tal-2013.

Fl-24 ta' Diċembru, inqala' argument fil-Parlament bejn l-oppożizzjoni u l-Gvern dwar il-proċedura għall-adozzjoni tal-baġit 2013. L-isforzi tal-UE biex tiġi kkalmata din il-kriżi kienu kontinwi fi tmiem l-2012.

**Albanija.** F'Novembru 2011 l-UE ffaċilitat ftehim bejn il-Partit Demokratiku fit-tmexxija u l-Partit Soċjalista fl-oppożizzjoni, li jistabbilixxi l-bażi għall-kooperazzjoni bejn il-partiti f'riformi relatati mal-UE. Matul l-2012, dan irriżulta fi progress dwar il-prijoritajiet ewlenin stabbiliti fir-rapport tal-Kummissjoni tal-2010. Intlaħaq qbil dwar ir-riforma tal-kodiċi Klettorali, l-elezzjoni tal-Ombudsman, u r-riforma tal-immunitajiet b'appoġġ miż-żewġ partiti. Hi u tirrikonoxxi l-progress li sar, il-Kummissjoni rrakkomandat f'Ottubru 2012 li l-Kunsill għandu jagħti lill-Albanija l-istatus ta' pajjiż kandidat soġġett għall-ikkompletar ta' tliet miżuri ewlenin fl-oqsma ta' riforma ġudizzjarja u tal-amministrazzjoni pubblika u r-reviżjoni tar-regoli ta' proċedura parlamentari. F'Diċembru 2012, il-Kunsill qabel li jieħu deċiżjoni dwar jekk jingħatax l-istatus ladarba l-Kummissjoni tkun irrapurtat li t-tliet miżuri ġew approvati, u enfasizza l-ħtieġa għal azzjoni ulterjuri fl-oqsma ta' korruzzjoni u kriminalità organizzata. Huwa ssottolinja wkoll l-importanza li l-elezzjonijiet parlamentari jsiru f'Ġunju 2013 f'konformità mal-istandards internazzjonali u talab lill-Albanija biex tevita dikjarazzjonijiet li jmorru kontra relazzjonijiet tajba mal-ġirien. Il-100 anniversarju tal-pajjiż għadda b'mod paċifiku f'Novembru 2012, iżda rriżulta f'aktar retorika nazzjonalista. Sa tmiem is-sena, il-koalizzjoni u l-oppożizzjoni fit-tmexxija ma laħqux ftehim biex jgħaddu t-tliet liġijiet, minħabba li l-bidu tal-kampanja għall-elezzjonijiet parlamentari kien fil-qrib. Il-polarizzazzjoni politika bejn iż-żewġ partiti kompliet.

**Il-Montenegro.** L-UE fetħet negozjati tal-adeżjoni mal-Montenegro fid-29 ta' Ġunju 2012. Il-Kunsill Ewropew ta' Diċembru nnota b'mod pożittiv il-progress tal-Montenegro f'din l-aħħar sena u l-ħtieġa li wieħed jibni fuq il-progress li sar. Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex ikompli jiġi żviluppat rekord solidu fil-qasam tal-istat tad-dritt bl-għan li jkun hemm implimentazzjoni ta' riforma sostenibbli u dejjiema. F'Diċembru 2012, il-Montenegro fetaħ u proviżorjament għalaq il-Kapitolu 25 "Xjenza u riċerka".

**Kroazja.** F'konformità mat-Trattat ta' Adeżjoni ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni kompliet tissorvelja mill-qrib it-tħejjijiet ta' adeżjoni tal-Kroazja, li jiffoka, b'mod partikolari, fuq il-kompetizzjoni, is-sistema ġudizzjarja u d-drittijiet fundamentali u l-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà. Ġie ppreżentat Rapport ta' Monitoraġġ Komprensiv, flimkien mal-bqija tal-"Pakkett ta' Tkabbir", f'Ottubru 2012 li, inġenerali, ikkonferma li t-tħejjijiet ta' adeżjoni tal-Kroazja kienu fit-triq it-tajba u identifika għadd limitat ta' oqsma fejn kien meħtieġ aktar progress qabel l-adeżjoni.

## 4. TURKIJA U ĠIRIEN FL-EWROPA TAL-PUNENT

### 4.1. TURKIJA

Kemm bħala pajjiż kandidat kif ukoll bħala sieħba reġjonali ewlenija, it-Turkija baqgħet interlokutur importanti għall-UE, b'kont meħud tal-ekonomija dinamika u l-post strateġiku tagħha. It-Turkija kienet attiva dwar is-Sirja, waqt li tikkundanna bis-sħiħ u ripetutament il-vjolenza tar-reġim kontra ċ-ċittadini u tagħti għajnuna umanitarja vitali lil għexieren ta' eluf Sirjani li ħarbu mill-pajjiż. L-UE rrikonoxxiet ir-rwol tat-Turkija fuq is-Sirja u faħħret il-kondiviżjoni tal-pożizzjoni mit-Turkija. It-Turkija baqgħet attiva fil-viċinat usa' tagħha u kompliet taqdi rwol influwenti hi u tappoġġa r-riformi, inkluż fir-rigward tal-iżviluppi fl-Afrika ta' Fuq. It-Turkija baqgħet ukoll attur reġjonali ewlieni fil-Lvant Nofsani, il-Balkani tal-Punent, l-Afganistan/il-Pakistan, il-Kawkasu tan-Nofsinhar, u l-Qarn tal-Afrika. F'dan il-kuntest, ir-RGħ/VP baqgħet impenjata li tkompli ssaħħaħ u tirrinforza d-djalogu politiku bejn l-UE u t-Turkija dwar kwistjonijiet ta' politika estera ta' interess komuni u ltaqgħet diversi drabi mal-Ministru tal-Affarijiet Barranin Tork Davutoglu.

L-UE apprezzat ħafna wkoll l-impenn qawwi tat-Turkija f'missjonijiet u operazzjonijiet ta' PSDK, b'mod partikolari l-EUFOR Althea u l-EULEX Kosovo. It-Turkija esprimiet interess fil-prinċipju dwar il-futur tal-missjonijiet PSDK.

L-UE kompliet tappoġġa l-proċess ta' riforma interna fit-Turkija u d-dinamiċi tagħha, eż. wkoll fil-forma tal-Aġenda Pożittiva li ġiet stabbilita fl-2012, u laqgħat it-tnedija mill-awtoritajiet Torok ta' djalogu mal-Kurdi.

Il-Kunsill afferma mill-ġdid l-importanza li huwa jagħti lir-relazzjonijiet tal-UE mat-Turkija u li huwa fl-interess taż-żewġ partijiet li n-negozjati ta' adeżjoni jerġgħu jiksbu momentum malajr. It-Turkija baqgħet impenjata fil-proċess ta' negozjati tal-adeżjoni u l-aġenda ta' riforma politika, iżda jinħtieġu aktar sforzi konsiderevoli biex jintlaħqu bis-sħiħ il-kriterji ta' Kopenħagen f'għadd ta' oqsma, b'mod partikolari fir-rigward tal-libertajiet fundamentali. Għadu għaddej djalogu attiv kontra t-terroriżmu bejn l-UE u t-Turkija; sar progress ukoll rigward il-bidu ta' djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet Torok. Il-bidu ta' djalogu bħal dan madankollu jiddependi fuq l-iffirmar mit-Turkija ta' ftehim ta' riammissjoni mal-UE, li għadu pendenti.

Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill tenna li t-Turkija jeħtieġ timpenja ruħha inekwivokabbilment għal relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien u għas-soluzzjoni paċifika tat-tilwim f'konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, b'rikors, jekk ikun meħtieġ, għall-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja. F'dan il-kuntest, l-Unjoni esprimiet tħassib serju u ħeġġet lit-Turkija biex tevita kwalunkwe tip ta' theddid jew azzjoni diretta kontra Stat Membru, jew sors ta' konflitt jew azzjoni, li tista' tkun ta' ħsara għar-relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien u r-riżoluzzjoni paċifika tat-tilwim. Barra minn hekk, l-UE reġgħet saħqet dwar id-drittijiet sovrani kollha tal-Istati Membri tal-UE li jinkludu, fost oħrajn, id-dħul fi ftehimiet bilaterali, u li jesploraw u jisfruttaw ir-riżorsi naturali tagħhom f'konformità mal-acquis tal-UE u l-liġi internazzjonali, inkluż il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar.

Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2012, il-Kunsill Ewropew innota b'dispjaċir kbir il-fatt li t-Turkija, minkejja appelli ripetuti, baqgħet tirrifjuta li tissodisfa l-obbligu tagħha ta' implimentazzjoni sħiħa u nondiskriminatorja tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fir-rigward tal-Istati Membri kollha. Dan jista' jagħti spinta sinifikanti lill-proċess ta' negozjar. Fin-nuqqas ta' progress dwar din il-kwistjoni, il-Kunsill ser iżomm il-miżuri tiegħu tal-2006, li ser ikollhom effett kontinwu fuq il-progress ġenerali tan-negozjati.

Barra minn hekk, b'dispjaċir it-Turkija għadha ma għamlitx progress lejn in-normalizzazzjoni meħtieġa tar-relazzjonijiet tagħha mar-Repubblika ta' Ċipru. F'dan ir-rigward, l-UE appellat lit-Turkija biex ma tkomplix timblokka l-adeżjoni tal-Istati Membri għal organizzazzjonijiet u mekkaniżmi internazzjonali[41]. Fil-Konklużjonijiet ta' Diċembru l-Kunsill wera dispjaċir kbir għall-iffriżar mit-Turkija tar-relazzjonijiet tagħha mal-Presidenza tal-UE waqt it-tieni nofs tal-2012, id-dikjarazzjonijiet li saru mit-Turkija f'dan ir-rigward, kif ukoll in-nuqqas ta' allinjament mal-pożizzjonijiet jew id-dikjarazzjonijiet tal-UE f'fora internazzjonali.

[41] Ara MD 11485/12.

Il-Kunsill fakkar ukoll li t-Turkija mistennija tappoġġa attivament in-negozjati li għaddejjin bl-għan ta' soluzzjoni ġusta, komprensiva u vijabbli għall-problema ta' Ċipru fil-qafas tan-NU, f'konformità mar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u mal-prinċipji li hija bbażata fuqhom l-Unjoni. L-impenn u l-kontribut tat-Turkija f'termini konkreti għal soluzzjoni komprensiva bħal din huma kruċjali.

## 4.2. EWROPA TAL-PUNENT

Il-bażi għar-relazzjonijiet tal-UE ma' dawn il-pajjiżi hi magħmula minn ftehimiet komprensivi ta' kooperazzjoni bħall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (**in-Norveġja, l-Islanda u l-Liechtenstein**) jew il-ftehim ta' Schengen (l-istess tlieta flimkien mal-**Isvizzera**)[42]. F'Diċembru l-Kummissjoni ppubblikat ir-rieżami tagħha dwar il-funzjonament tal-Ftehim ŻEE u l-Komunikazzjoni tagħha dwar ir-relazzjonijiet mal-Prinċipalità ta' Andorra, il-Prinċipalità ta' Monako u r-Repubblika ta' San Marino. Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet biannwali tiegħu dwar ir-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi EFTA u l-konklużjonijiet dwar ir-relazzjonijiet mal-Prinċipat ta' Andorra, il-Prinċipat ta' Monako u r-Repubblika ta' San Marino.

Fil-qasam tal-PESK, il-kooperazzjoni tal-UE mal-Istati taż-ŻEE/EFTA kompliet tiġi approfondita fl-2012 permezz tal-allinjament tagħhom ma' għadd kbir ta' dikjarazzjonijiet tal-PESK kif ukoll permezz ta' kooperazzjoni f'ċerti azzjonijiet konġunti. L-UE kellha wkoll djalogi politiċi regolari f'livelli differenti u f'kuntesti differenti; b'żieda ta' oħrajn aktar informali fil-marġini ta' avvenimenti internazzjonali importanti.

Rigward il-kooperazzjoni tal-PSDK, l-Isvizzera esprimiet ir-rieda tagħha li tipparteċipa f'EUAVSEC South Sudan u f'EUCAP SAHEL NIGER. L-Isvizzera bħalissa tipparteċipa fl-operazzjoni militari tal-UE EUFOR Althea fil-Bosnja-Ħerzegovina (b'19-il persuna) u fil-missjoni ċivili fil-Kosovo (EULEX) (bi 8 persuni). In-Norveġja pparteċipat f'operazzjonijiet tal-EUNAVFOR Atalanta, il-EULEX Kosovo, il-EUJUST Lex u offriet persunal lil EUCAP Nestor. Hija wkoll parti mill-Grupp Tattiku Nordiku.

---

42 Il-Parlament Ewropew fl-24 ta' Mejju 2012 adotta riżoluzzjoni dwar il-kwoti Svizzeri dwar in-numru ta' permessi ta' residenza mogħtija liċ-ċittadini tal-Polonja, il-Litwanja, il-Latvja, l-Estonja, is-Slovenja, is-Slovakkja, ir-Repubblika Ċeka u l-Ungerija (P7_TA(2012)0226).

in-Norveġja u l-Isvizzera kienu ammessi f'Novembru 2012 biex jipparteċipaw fl-ASEM.

Hemm kooperazzjoni tajba ħafna u mill-qrib bejn l-UE u **n-Norveġja** fil-qasam tal-politika estera, b'mod partikolari dwar il-Lvant Nofsani (fejn in-Norveġja hija l-President tal-Kumitat ta' Kollegament Ad-Hoc), il-kwistjonijiet tar-Rebbiegħa Għarbija u dawk Artiċi. Djalogi regolari kienu qed iseħħu fl-2012 fil-livelli kollha. In-Norveġja, bħall-Islanda, hija sostenitriċi qawwija tal-applikazzjoni tal-UE għal status ta' osservatur permanenti fil-Kunsill tal-Artiku. Ir-RGħ/VP Ashton żaret l-Artiku, inkluż in-Norveġja, f'Marzu 2012. In-Norveġja tibqa' sieħba prinċipali fil-qasam tas-sigurtà tal-enerġija. Il-Presidenti Van Rompuy, Barroso u Schultz ipparteċipaw fiċ-Ċerimonja tal-Għoti tal-Premju Nobel għall-Paċi f'Diċembru 2012 f'Oslo fl-okkażjoni tar-rebħ tal-Premju mill-Unjoni Ewropea fl-2012.

Il-kooperazzjoni kompliet mal-**Isvizzera** f'żoni bħall-Kawkasu tan-Nofsinhar, il-proċess demokratiku fit-Tramuntana tal-Afrika u l-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani. L-Isvizzera kienet medjatur attiv bejn ir-Russja u l-Ġeorġja biex tiżblokka l-adeżjoni tar-Russja mad-WTO. M'hemm l-ebda djalogu politiku formalizzat; djalogu politiku informali jseħħ fil-livell tad-Direttur Politiku. Il-President Svediż iltaqa' mal-Presidenti Van Rompuy, Barroso u Schulz fl-20 ta' Marzu 2012. Saru wkoll diversi laqgħat bejn il-Ministri Svizzeri u l-kontropartijiet tagħhom tal-Kummissjoni matul is-sena.

Għalkemm m'hemm l-ebda allinjament bejn l-UE u l-Isvizzera, l-Isvizzera ħafna drabi kompliet tallinja ruħha mal-pożizzjonijiet u l-miżuri tal-UE[43].

Fis-16 ta' Marzu 2012 ġie ffirmat Arranġament Amministrattiv għal kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża .

[43] Madankollu, l-Isvizzera ma allinjatx ruħha mar-rinfurzar tar-reġim tas-sanzjoni Iranjana deċiża mill-Kunsill f'Lulju 2012 fir-rigward ta' kummerċ ta' petrol u prodotti petrokimiċi, u rigward it-tmiem tar-relazzjonijiet diffiċli mal-Bank Ċentrali Iranjan.

In-negozjati ta' adeżjoni komplew mal-**Islanda** b'segwitu għall-ftuħ ta' negozjati f'Lulju 2010, inkluż l-għeluq provviżorju ta' kapitolu speċifiku dwar *Politika tal-Affarijiet Barranin, ta' Sigurtà u ta' Difiża* f'Ġunju 2012. Sa Diċembru 2012, kienu nfetħu sebgħa u għoxrin kapitolu tan-negozjati tal-Islanda u ħdax kienu ngħalqu.

## 5. ASJA U L-PAĊIFIKU

L-2012 kienet sena prominenti fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Asja u l-Paċifiku. Għadd importanti ta' żjarat ta' livell għoli, l-organizzazzjoni ta' erba' laqgħat tas-summit mas-sħab strateġiċi, il-konklużjoni u l-progress tajjeb fin-negozjar ta' ftehimiet imħallta, flimkien mal-iffirmar tal-adeżjoni tal-UE mat-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni tal-ASEAN (TAC) huma wħud mill-punti ewlenin ta' djalogu intensifikat u kooperazzjoni mar-reġjun. Din id-dinamika tikkorrispondi għall-politika ta' involviment ma' reġjun li jospita erbgħa mis-sħab strateġiċi tal-UE u tgawdi minn rati ta' tkabbir sostnuti.

Id-dikjarazzjoni Konġunta tal-UE-Stati Uniti dwar ir-reġjun tal-Asja-Paċifiku li s-Segretarju tal-Istat Hillary Clinton u r-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà Catherine Ashton iffirmaw fi Phnom Penh fit-12 ta' Lulju 2012 turi l-importanza li l-UE u l-Istati Uniti jagħtu lil dan ir-reġjun b'saħħtu u l-iżvilupp paċifiku u dinamiku tiegħu. Sal-lum, dan id-dokument jirrappreżenta r-riżultat prinċipali fil-qafas tad-djalogu transatlantiku dwar l-Asja-Paċifiku.

Id-9 Summit tal-ASEM (Laos, 5-6 ta' Novembru 2012) ikkonferma l-interess tas-sħab Ewropej u dawk Asjatiċi biex isaħħu relazzjonijiet reċiproċi u kooperazzjoni fl-indirizzar tal-isfidi tal-lum. Ir-relevanza ta' dan id-djalogu ġiet ikkonfermata mill-ġdid mill-attrazzjoni tiegħu għal aktar pajjiżi fiż-żewġ kontinenti, man-Norveġja, l-Isvizzera u l-Bangladexx li ngħaqdu fil-proċess.

L-UE kompliet tinkoraġġixxi b'mod attiv u wieġbet mill-ewwel għall-bidliet lejn aktar demokrazija fil-Mjanmar/Burma. Ir-reazzjoni kienet komprensiva, bl-involviment ta' aktar għajnuna u djalogu (inkluż fl-ogħla livell), is-sospensjoni tal-miżuri restrittivi (bl-eċċezzjoni tal-embargo tal-armi) u t-twaqqif ta' Uffiċċju tal-UE f'Yangon.

L-UE kkonsolidat il-preżenza tagħha bħala attur ta' sigurtà u żvilupp. Għall-Afganistan, l-UE kkonfermat mill-ġdid l-impenn tagħha fit-tul. Ir-relazzjonijiet bilaterali mal-pajjiż ser ikunu inkwadrati minn Ftehim ta' Kooperazzjoni fit-tul dwar is-Sħubija u l-Iżvilupp, li ser jipprovdi l-istabbiliment legali tal-involviment tal-UE mal-Afganistan fis-snin li ġejjin. Il-Pjan ta' Involviment fuq 5 snin bejn l-UE u l-Pakistan ġie approvat f'Jannar mill-Kunsill, waqt li f'Ġunju tnieda d-djalogu strateġiku bejn l-UE u l-Pakistan. L-UE tat attenzjoni partikolari lill-iżviluppi territorjali u marittimi fir-reġjun. Ir-RGħ/VP, f'isem l-UE, enfasizzat l-importanza ta' soluzzjonijiet paċifiċi u ta' kooperazzjoni, f'konformità mad-dritt internazzjonali.

## 5.1. LVANT TAL-ASJA

**5.1.1.** Il-kooperazzjoni dwar is-sigurtà u d-difiża, flimkien mal-kwistjonijiet globali u internazzjonali, maċ-**Ċina** ġiet approfondita b'mod sinifikanti. Il-punti ewlenin tas-sena kienu ż-żewġ Summits li saru fi Frar[44] u Settembru. Xi wħud mir-riżultati l-aktar importanti kienu: l-istabbiliment f'April tat-'tielet pilastru' tar-relazzjonijiet UE-Ċina - id-Djalogu ta' Livell Għoli min-nies għan-nies (li jikkumplimenta l-pilastri Strateġiċi u tal-Kummerċ/Ekonomiċi); it-tnedija f'Mejju tas-Sħubija tal-UE-Ċina dwar l-Urbanizzazzjoni Sostenibbli; l-organizzazzjoni, ukoll f'Mejju, tal-ewwel Laqgħa ta' Livell Għoli dwar l-Enerġija; it-tnedija tat-Taskforce Ċibernetika tal-UE-Ċina f'Settembru, djalogu dwar l-Innovazzjoni u l-ftehim biex jiġu segwiti negozjati għal ftehim ta' investiment. Id-diskussjoni dwar kwistjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari s-Sirja, l-Iran u l-Baħar taċ-Ċina tal-Lvant, kienet sostantiva. Iż-żewġ naħat qablu li jikkooperaw aktar fuq is-sigurtà tal-enerġija, is-sikurezza nukleari, maniġġar u għajnuna f'każ ta' diżastru, kif ukoll is-sigurtà tal-ikel u tal-ilma. Il-preokkupazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem tqajmu matul id-djalogu u s-seminar tad-Drittijiet tal-Bniedem u fi skambji oħra, f'konformità mal-qafas strateġiku dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija[45].

---

[44] Skedati mill-ġdid wara posponiment tal-aħħar minuta minħabba Kunsill Ewropew straordinarju f'Ottubru 2011.

[45] Il-Parlament Ewropew fl-14 ta' Ġunju 2012 adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fit-Tibet (P7_TA(2012)0257), u fil-5 ta' Lulju 2012 riżoluzzjoni dwar l-iskandlu tal-abort sfurzat fiċ-Ċina (P7_TA(2012)0301).

It-tielet parti tad-Djalogu Strateġiku UE-Ċina, bejn ir-RGħ/VP u l-Kunsillier tal-Istat Dai Bingguo saret f'Beijing f'Lulju. Ir-RGħ/VP iltaqgħet ukoll għat-tieni darba mal-Ministru tad-Difiża, Liang Guanglie. Wieħed mill-objettivi ta' din iż-żjara kienet li tagħmel l-aħjar użu mis-sħubija strateġika sabiex jinstabu soluzzjonijiet għal kwistjonijiet internazzjonali u globali importanti, speċjalment minħabba r-rwol dejjem jiżdied taċ-Ċina fil-forum internazzjonali. Minn dan il-lat, iż-żewġ naħat qablu li jistabbilixxu djalogu regolari dwar il-politika ta' sigurtà u ta' difiża, kif ukoll kuntatti regolari bejn rappreżentanti speċjali u mibgħuta speċjali, biex jorganizzaw Seminar ta' Livell Għoli dwar is-Sigurtà u d-Difiża fl-2012 u biex jissaħħu skambji bejn il-persunal militari. Dawn ir-riżultati kienu approvati wkoll mis-Summit ta' Settembru. Tqajmu s-suġġetti bħall-Iran, is-Sirja, ir-RDPK, il-Baħar tan-Nofsinhar taċ-Ċina, u l-kooperazzjoni b'suċċess kontra l-piraterija. Iċ-Ċina kienet mistiedna tikkunsidra li tingħaqad mal-missjonijiet il-ġodda tal-EUCAP Nestor u l-EUAVSEC South Sudan.

Id-djalogu bejn l-UE, iċ-Ċina u l-Afrika dwar Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SALW) iltaqa' għall-ewwel darba f'Diċembru 2012. Ġie stabbilit bħala riżultat ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fi Frar 2012, sabiex jiġi ttrattat il-kummerċ illeċitu u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' SALW.

**5.1.2.** Is-sena 2012 rat ħidma intensiva għat-tħejjija ta' aġġornament sinifikanti tar-relazzjoni UE-**Ġappun**[46] permezz tan-negozjar ta' Ftehim Qafas (FQ) dwar kooperazzjoni politika, settorjali u dik globali u Ftehim ta' Kummerċ Ħieles (FTA). Wara l-konklużjoni ta' eżerċizzju dwar l-ambitu fid-dettall u komprensiv, il-Kunsill adotta mandati ta' negozjar tal-FQ u l-FTA fid-29 ta' Novembru[47].

[46] Fit-13 ta' Ġunju 2012 u fil-25 ta' Ottubru 2012 il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjonijiet dwar negozjati kummerċjali tal-UE mal-Ġappun (P7_TA(2012)0246, P7_TA(2012)0398). Fis-16 ta' Frar 2012, il-Parlament Ewropew adotta wkoll riżoluzzjoni dwar il-piena tal-mewt fil-Ġappun (P7_TA(2012)0065).

[47] It-tnedija formali ta' negozjati hija mistennija li ssir fil-21 Summit UE-Ġappun kmieni fl-2013.

Saru l-kuntatti fil-livell ta' mexxejja f'diversi okkażjonijiet: Il-Presidenti Van Rompuy u Barroso ltaqgħu mal-PM Noda fil-marġini tal-laqgħa tal-G8 f'Camp David, f'Los Cabos (G20) u fil-marġini tas-Summit ASEM f'Novembru, fi Vientiane.

Iż-żjarat tas-seba' Kummissarji fil-Ġappun fl-2012 u għadd ta' djalogi ta' livell għoli wrew b'mod ċar li r-relazzjonijiet qed ikomplu jespandu fuq bażi wiesgħa, billi jintroduċu għadd ta' setturi ta' prijorità għall-UE bħall-politika dwar l-enerġija, il-kooperazzjoni marittima u tas-sajd, it-tħejjija għad-diżastri , is-sikurezza tal-ikel, il-politika soċjali jew ix-xjenza u t-teknoloġija u l-innovazzjoni.

Fuq in-naħa politika u tas-sigurtà, kien hemm għadd kbir ta' laqgħat ta' livell għoli - mil-livell politiku għal uffiċjali għolja - li rriżultaw f'firxa wiesgħa ta' diskussjonijiet. Element komuni importanti kien ir-rabta bejn it-tkabbir sostenibbli, is-sigurtà u l-iżvilupp, fejn iż-żewġ naħat ikollhom sens ċar tal-potenzjal għall-futur tal-kooperazzjoni UE-Ġappun pereżempju dwar kwistjonijiet bħal paċi u sigurtà fl-Afrika, maniġġar tad-diżastri u r-reżiljenza jew il-politika għall-iżvilupp.

**5.1.3.** L-UE u r-**Repubblika tal-Korea (RoK)** komplew jikkonsolidaw is-Sħubija Strateġika tagħhom permezz tal-implimentazzjoni tal-objettivi stabbiliti fis-6 Summit li sar f'Seoul fit-28 ta' Marzu 2012.

It-Tieni Djalogu ta' Diretturi Politiċi (HLPD) sar fit-12 ta' Ottubru 2012, fi Brussell u, inter alia, innota l-ftehim dwar regoli ta' proċeduri għal konsultazzjonijiet regolari dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Ir-RoK stiednet lill-UE għall-ewwel Djalogu ta' Difiża ta' Seoul fl-14 ta' Novembru 2012, li tagħti opportunità għal skambju ta' fehmiet ta' operazzjonijiet għall-maniġġar ta' kriżijiet u l-perspettiva għal ftuħ ta' negozjati għal ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-RoK fl-operazzjonijiet tal-UE għall-maniġġar ta' kriżijiet. B'segwitu għall-istedina tal-UE, ir-RoK indikat li tinsab lesta li tipparteċipa fil-missjoni EUCAP/NESTOR. Iż-żewġ naħat qablu wkoll li jerġgħu jibdew id-djalogu tagħhom dwar in-nonproliferazzjoni u d-diżarm u biex jiġi aġġornat il-livell u l-frekwenza tagħhom.

Saru konsultazzjonijiet mal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq għall-ewwel darba fit-3 ta' Diċembru 2012, waqt li saret it-tieni parti ta' konsultazzjonijiet informali bejn is-SEAE u l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin dwar il-politika għar-RDPK f'Seoul bejn is-7 u d-9 ta' Ġunju 2012.

Il-Kumitat ta' Politika u ta' Sigurtà laqa' ż-żjara tal-Ministru tal-Unifikazzjoni tar-RoK YU fi Frar 2012.

Skont il-Ftehim Qafas, il-Kumitat Konġunt iltaqa' fi Brussell fl-24 ta' Settembru 2012 biex jirrevedi l-progress fl-oqsma ta' kooperazzjoni kollha. Saret laqgħa ministerjali dwar il-Kummerċ UE-RoK ippreseduta mill-Kummissarju De Gucht u l-Ministru Bark fis-16 ta' Ottubru 2012 fi Brussell; kien hemm skambji ta' fehmiet dwar l-impatt tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles u dwar miżuri ta' interess regolatorji u tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ għaż-żewġ naħat.

**5.1.4.** Ir-relazzjonijiet tal-UE mar-**Repubblika Popolari Demokratika tal-Korea** (RDPK) komplew jiġu ggwidati mill-politika tagħha ta' involviment kritiku. Fl-2012, l-UE kompliet issegwi mill-qrib is-sitwazzjoni fir-reġjun u b'mod partikolari fil-Korea ta' Fuq. Għadd ta' politiki fil-Korea ta' Fuq ikomplu joħolqu preokkupazzjonijiet serji (b'mod partikolari kwistjonijiet ta' nonproliferazzjoni u ksur tad-drittijiet tal-bniedem) u l-UE tqajjem dawn il-kwistjonijiet f'kull opportunità li jkollha mal-Korea ta' Fuq[48].

It-twettiq ta' żewġ testijiet bir-rokits (wieħed falla f'April u l-ieħor irnexxa f'Diċembru) bl-użu ta' teknoloġija ta' missili ballistiċi, bi ksur mal-obbligi internazzjonali tar-RDPK kien ta' tħassib partikolari fl-2012. Fiż-żewġ okkażjonijiet, ir-RGħ/VP ħarġet dikjarazzjoni li tikkundanna l-isparar u talbet lill-Korea ta' Fuq biex ma tagħmilx aktar provokazzjonijiet u tagħżel triq għal djalogu mal-komunità internazzjonali, inkluż fil-kuntest tat-taħdidiet bejn is-6 partijiet.
Mil-lat tad-drittijiet tal-bniedem, f'Marzu 2012 l-UE kosponsorjat (mal-Ġappun) Riżoluzzjoni tal-HRC tan-NU biex tesprimi tħassib dwar il-ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem li għadu għaddej fir-RDPK.

48 Fl-24 ta' Mejju 2012, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is- sitwazzjoni tar-refuġjati tal-Korea ta' Fuq (P7_TA(2012)0229).

**5.1.5.** Fl-2012 l-UE u l-**Mongolja** komplew jiżviluppaw relazzjonijiet bilaterali fid-dawl tal-iffirmar mistenni tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK). Iż-żewġ naħat komplew jintensifiakw il-kooperazzjoni f'oqsma bħall-bini ta' kapaċità tas-settur pubbliku, il-governanza u l-istat tad-dritt, l-adozzjoni ta' normi u standards tal-UE, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-iżvilupp ta' SMEs (Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju) kif ukoll kwistjonijiet ta' governanza relatati mas-settur tal-minjieri tal-Mongolja li qed jespandi b'mod rapidu. L-UE appoġġat l-isħubija tal-Mongolja mal-OSKE (Novembru 2012) u segwiet b'interess involviment Mongoljan dejjem jikber fi kwistjonijiet reġjonali u internazzjonali (Presidenza tal-Komunità tad-Demokraziji).

## 5.2. ASJA TAX-XLOKK

**5.2.1.** Matul is-sena, l-UE kompliet l-isforzi tagħha biex iżżid l-involviment tagħha mal-**ASEAN**. Fid-19-il Laqgħa tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin UE-ASEAN li saret fis-26-27 ta' April fi Brunei Darussalam, iż-żewġ naħat adottaw Pjan ta' Azzjoni ġdid biex Tissaħħaħ is-Sħubija Msaħħa ASEAN-UE 2013-2017 li jimmira sabiex jitwessgħu u jiġu intensifikati r-relazzjonijiet, b'mod partikolari fil-qasam tal-politika u s-sigurtà. Fit-12 ta' Lulju, ir-RGħ/VP attendiet id-19-il laqgħa Ministerjali tal-ARF (Forum Reġjonali tal-Asean) u l-Konferenza Post Ministerjali (PMC) UE-ASEAN, li matulha hi ffirmat il-Protokoll tal-Adeżjoni tal-UE mat-TAC (Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fix-Xlokk tal-Asja). It-Trattat huwa ftehim ta' non aggressjoni u kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-ASEAN u s-sħab tagħhom. Huwa wkoll prekondizzjoni għas-sħubija tas-Summit tax-Xlokk tal-Asja.

F'Jannar 2012, saret missjoni tas-SEAE fl-ASEAN (Ġakarta) sabiex tiġi studjata l-possibbiltà ta' tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-ASEAN fil-qasam tar-rispons għall-kriżijiet. Wara din il-missjoni, l-UE ppreżentat proposti konkreti lill-ASEAN bil-għan illi jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-ASEAN fir-rispons għall-kriżijiet. Dawn il-proposti ntlaqgħu tajjeb mid-19-il Laqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-ASEAN F'dan ir-rigward, l-ASEAN u n-NU ddeċidew li jistabbilixxu rabta ta' kooperazjoni u koordinazzjoni eqreb għat-tnaqqis u l-maniġġar tar-riskju ta' diżastri fil-livell dinji u reġjonali[49]. Missjoni tas-SEAE żaret il-Malasja fil-25-26 ta' Novembru 2012 bl-objettiv li jiġu esplorati modi kif tista' tissaħħaħ il-kooperazzjoni bilaterali bejn l-UE u l-Malasja dwar ir-rispons għall-kriżijiet, fil-qafas tal-inizjattiva tal-UE u l-ASEAN.

Fis-27 ta' Ġunju u fil-11 ta' Lulju rispettivament, ir-RGħ/VP ffirmat b'mod konġunt Ftehimiet ta' Sħubija u Kooperazzjoni ġodda (FSK) mal-Ministri Barranin tal-Vjetnam u l-Filippini. Iż-żewġ FSK jipprovdu pjattaforma biex jaġġornaw u jiżviluppaw relazzjonijiet bilaterali fuq firxa wiesgħa ta' oqsma, inkluż is-sigurtà, id-drittijiet tal-bniedem, il-maniġġar tad-diżastri, ix-xjenza u t-teknoloġija u l-edukazzjoni.

Waqt li jinżamm l-objettiv strateġiku ta' Ftehim ta' Kummerċ Ħieles (FTA), l-UE kompliet negozjati bilaterali tal-FTA mal-pajjiżi tal-ASEAN u għalqet in-negozjati mas-Singapore fis-16 ta' Diċembru. Inkiseb progress sinifikanti fin-negozjati tal-FTA mal-Malasja u tnedew formalment in-negozjati tal-FTA mal-Vjetnam fis-26 ta' Ġunju.

[49] L-ASEAN u l-UE ddeċidew b'mod partikolari:

- li jistabbilixxu netwerk reġjonali ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni u sistema ta' twissija bikrija għas-sitwazzjonijiet ta' emerġenza.
- li jsaħħu ċ-Ċentru ta' Koordinament tal-ASEAN għall-għajnuna umanitarja u l-ġestjoni ta' diżastri (Ċentru AHA)
- li jaħdmu flimkien biex isaħħu, meta mitluba, il-mekkaniżmi ta' ġestjoni ta' diżastri nazzjonali fil-pajjiżi differenti tal-ASEAN
- li jippromwovu l-iskambju ta' esperjenza u għarfien fil-kooperazzjoni ċivili-militari għat-tnaqqis ta' riskju ta' diżastri u r-rispons ta' emerġenzi.

F'konformità mal-impenn taż-żewġ reġjuni biex imexxu ’l quddiem l-involviment tagħhom, is-sena rat fluss intensiv ta' żjarat ta' livell għoli tal-UE għax-Xlokk tal-Asja. Kmieni f'Novembru, il-President tal-Kunsill Ewropew Van Rompuy żar il-Vjetnam u l-Kambodja[50] waqt li l-President tal-Kummissjoni Ewropea Barroso żar il-Mjanmar/Burma u t-Tajlandja. Iż-żewġ Presidenti attendew għad-9 Summit tal-ASEM bejn il-5 u s-6 ta' Novembru fi Vientiane (Laos).

Il-parteċipazzjoni tal-UE fid-Djalogu Internazzjonali ta' Difiża tal-Jakarta fl-**Indoneżja**, fil-21-23 ta' Marzu offriet opportunità biex jiġu żviluppati kuntatti promettenti mal-komunità ta' difiża mill-pajjiżi sħab tal-ASEAN/ARF, inkluż mal-Indoneżja u l-Vjetnam.

**5.2.2.** L-involviment tal-UE mal-**Mjanmar/Burma** qabad ritmu notevolment aktar mgħaġġel matul l-2012, b'reazzjoni għall-bidliet lejn aktar demokrazija fil-pajjiż li rriżultaw wara li l-gvern il-ġdid beda l-mandat tiegħu fl-2011[51]. B'rikonoxximent tal-progress li sar lejn id-demokratizzazzjoni u r-rikonċiljazzjoni nazzjonali, l-UE ssospendiet għal sena l-miżuri restrittivi kontra l-Mjanmar/Burma bl-eċċezzjoni tal-embargo tal-armi u l-embargo għal tagħmir li jista' jintuża għal skopijiet ripressivi. Fit-23 ta' April, il-Kunsill ħareġ konklużjonijiet li jiddeskrivu l-politika l-ġdida tal-UE dwar il-Mjanmar/Burma. Iż-żjarat tal-President tal-Kummissjoni Barroso u tar-RGħ/VP fil-pajjiż urew il-bidla l-ġdida fir-relazzjonijiet bilaterali u kienu strumentali biex iħaffu l-involviment tal-UE fil-pajjiż (ir-RGħ/VP fetħet Uffiċċju tal-UE f'Yangon u l-President Barroso inawgura ċ-Ċentru tal-Paċi tal-Mjanmar). Missjoni tas-SEAE żaret il-Mjanmar/Burma fil-21-25 ta' Novembru 2012 biex tesplora modi kif issaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Mjanmar/Burma fil-qasam tar-rispons għall-kriżijiet u ltaqgħet ma' uffiċjali politiċi u militari għolja. L-awtoritajiet tal-Mjanmar/Burma esprimew l-apprezzament tagħhom għall-preżenza tal-missjoni tas-SEAE, meqjusa bħala sinjal ta' relazzjonijiet aktar b'saħħithom bejn l-UE u l-Mjanmar/Burma fir-rispons għall-kriżijiet. Il-missjoni tas-SEAE żaret ukoll erba' kampijiet tal-IDP fl-Istat ta' Rakhine (żona Sittwe). Madankollu, għad fadal għadd ta' sfidi, inkluża ġlieda li għadha għaddejja fl-Istat Kachin u tensjonijiet bejn il-komunitajiet fl-Istat Rakhine. L-UE kienet il-promotur ewlieni tar-riżoluzzjoni tal-AĠNU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Mjanmar/Burma li ġiet adottata fi tmiem l-2012, għall-ewwel darba b'kunsens.

---

50 Fis-26 ta' Ottubru 2012, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-Kambodja (P7_TA(2012)0402).

51 Fl-20 ta' April 2012, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-Mjanmar/Burma (P7_TA(2012)0142); fit-13 ta' Settembru 2012 riżoluzzjoni dwar persekuzzjoni tal-Musulmani Rohingya fil-Mjanmar/Burma (P7_TA(2012)0355); u fit-22 ta' Novembru 2012 riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-Mjanmar/Burma, partikolarment il-vjolenza kontinwa fl-Istat ta' Rakhine (P7_TA(2012)0464).

**5.2.3.** Saru wkoll kuntatti politiċi fuq livell għoli mal-**Indoneżja**. Il-kwalità tal-aħħar djalogu Politiku tad-Diretturi u l-Laqgħa tal-Uffiċjali Għolja li saru b'mod konsekuttiv fi Brussell f'Diċembru 2012 jaffermaw relazzjoni li qiegħda timmatura u issir aktar profonda, f'konformità mal-importanza li dejjem tiżdied tal-Indoneżja fil-livell reġjonali u internazzjonali. Iż-żewġ naħat esprimew ir-rieda li jikkooperaw aktar mill-qrib jew, tal-inqas, jiskambjaw esperjenza bħal fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnutat li l-ewwel taħditiet ta' livell għoli li qatt kien hemm bejn il-persunal dwar kwistjonijiet ta' sigurtà u ta' difiża saru fir-rebbiegħa 2012 f'Jakarta, u fil-Ħarifa fi Brussell[52]. Saret distinzjoni bejn s-sigurtà marittima u l-ġlieda kontra l-piraterija bħala sfida komuni u qasam potenzjali biex jiġu kondiviżi l-esperjenzi u jkun hemm il-kooperazzjoni. Iż-żewġ naħat esprimew fiduċja li l-iskambju ta' esperjenza u taħriġ f'dan il-qasam, kif ukoll fiż-żamma tal-paċi, jistgħu jwasslu għal kooperazzjoni siewja.

## 5.3. NOFSINHAR TAL-ASJA

**5.3.1.** L-isforzi mmirati biex tissaħħaħ id-dimensjoni politika u strateġika tas-sħubija strateġika UE-**Indja**[53] li kompliet matul l-2012. Kemm is-Summit UE-Indja u l-laqgħa Ministerjali saru fil-bidu tas-sena; dawn taw l-opportunità lir-RGħ/VP biex tivvjaġġa lejn l-Indja u jkollha għadd ta' laqgħat ta' livell għoli. It-tieni serje ta' Konsultazzjonijiet tal-Politika Estera saret fi Brussell f'Lulju, u taw opportunità għal skambji utli dwar kwistjonijiet reġjonali u globali kif ukoll dwar kooperazzjoni għas-sigurtà. Is-Sitt Djalogu ta' Sigurtà fil-livell ta' Diretturi Politiċi sar fi Brussell fi tmiem Lulju; huwa kkonferma l-interess b'saħħtu taż-żewġ naħat fil-kooperazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mas-sigurtà bħall-ġlieda kontra t-terroriżmu, iċ-ċiberkriminalità u ċ-ċibersigurtà, il-piraterija u n-nonproliferazzjoni. F'din l-okkażjoni ġie maqbul li jitnieda djalogu dedikat dwar il-proliferazzjoni u d-diżarm sabiex jinbnew intendimenti reċiproċi f'dan il-qasam.

[52] Dan id-djalogu promettenti kompla fir-Rebbiegħa 2013 f'Jakarta.

[53] Fit-13 ta' Diċembru 2012, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar id-diskriminazzjoni abbażi tal-kasta fl-Indja (P7_TA(2012)0512).

### 5.3.2. Afganistan

L-implimentazzjoni tal-proċess ta' transizzjoni fir-raba' tranche ta' provinċji bdiet f'Diċembru 2012 li jfisser li, meta titlesta, 87 fil-mija tal-popolazzjoni ser jgħixu fit-territorji taħt il-kontroll tal-Forzi tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Afganistan. Kompla jsir it-tnaqqis gradwali ta' truppi tal-ISAF, li għandu jitlesta sal-aħħar tal-2014.

Is-sitwazzjoni tas-sigurtà baqgħet bit-tensjoni b'għadd ta' suwiċidji u b'attakki minn ġewwa kif ukoll tendenza ta' vjolenza mmirata lejn figuri reliġjużi, tribali u tal-komunità influwenti, kif ukoll korpi governattivi lokali u ċentrali.. F'Mejju, il-Kunsill tenna l-impenn fit-tul tal-UE għall-Afganistan, fejn iwiegħed biex tal-inqas jinżammu livelli ta' assistenza lil hinn mit-tmiem tat-transizzjoni fl-2014 u biex jiġu appoġġati l-isforzi Afgani biex jissaħħaħ it-twettiq ta' politika ċivili u l-istat tad-dritt. Dawn l-impenji ffurmaw il-bażi għall-impriżi tal-UE fis-sekwenza ta' konferenzi internazzjonali li saru f'Chicago, Kabul, Bonn u Tokjo, li poġġew fis-seħħ qafas internazzjonali komprensiv li ntlaħaq qbil dwaru biex tiġi appoġġata aktar sigurtà u żvilupp fl-Afganistan lil hinn mit-transizzjoni. Saru żewġ ċikli ta' negozjati mal-Gvern tal-Afganistan dwar Ftehim ta' Kooperazzjoni fit-tul dwar is-Sħubija u l-Iżvilupp, li ser jipprovdi l-istabbiliment legali tal-involviment tal-UE mal-Afganistan fis-snin li ġejjin. Ir-rwol doppju tal-Kap tad-Delegazzjoni/RSUE Vygaudas Ušackas baqa' jkollu rwol importanti fil-koordinazzjoni u t-tisħiħ tal-preżenza tal-UE fil-post, kif previst fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Afganistan u l-Pakistan.

Matul l-2012, il-**EUPOL Afghanistan** kompliet tappoġġa l-kontropartijiet Afgani tul it-tliet pilastri programmatiċi (riforma istituzzjonali tal-Ministeru tal-Intern, professjonalizzazzjoni tal-Pulizija Nazzjonali Afgana u r-rabta tal-pulizija mas-settur tal-ġustizzja), f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab internazzjonali. It-transizzjoni tar-responsabbiltà tas-sigurtà għall-Forzi tas-Sigurtà Nazzjonali Afgana kellha impatt dirett fuq il-preżenza tal-EUPOL fuq il-post matul l-2012, li rriżulta fl-għeluq ta' għadd ta' preżenzi fuq il-post. F'konformità mal-proċess ta' transizzjoni u sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-kisbiet, il-missjoni tefgħet attenzjoni partikolari fuq iż-żieda ta' sjieda Afgana u l-kapaċità tal-Ministru tal-Intern u l-Pulizija. F'dan ir-rigward, il-EUPOL kompliet tiffoka fuq korsijiet li jħarrġu lill-għalliema u fuq istituzzjonijiet Afgani permanenti ewlenin bħall-Kulleġġ tal-Persunal u ċ-Ċentru ta' Maniġġar tal-Kriminalità. Bħala eżitu ta' rieżami strateġiku tal-missjoni fl-2012, l-Istati Membri ddeċidew li jestendu l-EUPOL sa tmiem l-2014, bl-istess attenzjoni funzjonali u biex tiġi kkonċentrata l-preżenza tal-EUPOL barra Kabul f'inqas postijiet.

**5.3.3.** L-2012 rat it-tnedija ta' djalogu strateġiku UE-**Pakistan**[54] f'Ġunju 2012 matul żjara mir-RGħ/VP f'Islamabad. Id-djalogu huwa bbażat fuq qafas politiku ġdid - il-Pjan ta' Impenn fuq 5 snin UE-Pakistan - li ġie approvat mill-Kunsill fit-23 ta' Jannar. L-għan tal-Pjan huwa li jtejjeb il-kooperazzjoni tal-UE mal-Pakistan skont qafas politiku wiesa' u li jespandi relazzjonijiet biex jinkludi firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, inklużi s-sigurtà, id-demokrazija, il-governanza, id-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp soċjoekonomiku, il-kummerċ u l-enerġija. Bi tħejjija għal osservazzjoni possibbli ta' elezzjonijiet parlamentari li mistennija jsiru fir-rebbiegħa tal-2013, l-UE bagħtet f'missjoni ta' valutazzjoni Elettorali esploratorja mit-18 ta' Ottubru sas-6 ta' Novembru 2012. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pakistan f'Ġunju 2012 issottolinjaw l-impenji tal-UE li tappoġġa lill-Pakistan qabel u wara l-elezzjonijiet, iżda wkoll il-preokkupazzjonijiet tal-UE bil-ħtieġa tal-Pakistan li jintensifika l-isforzi għal riforma politika, ekonomika, fiskali u dik tal-enerġija. Il-preferenzi awtonomi tan-negozju ta' emerġenza fil-konfront ta' għargħar mingħajr preċedent u distruttivi fil-Pakistan daħlu fis-seħħ f'Novembru 2012 u ser jibqgħu fis-seħħ sa Diċembru 2013. L-UE kompliet taħdem mal-Pakistan fl-indirizzar tal-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem permezz ta' djalogu u kooperazzjoni. Id-djalogu politiku fil-livell ta' Diretturi Politiċi li sar f'Diċembru fi Brussell ipprovda opportunità ulterjuri biex jiġi approfondit id-djalogu dwar il-politika estera u ta' sigurtà. F'din l-okkażjoni ġie maqbul li jitnieda djalogu lokali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll djalogu dedikat dwar il-proliferazzjoni u d-diżarm. Fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, id-djalogu kontra t-terroriżmu UE-Pakistan tnieda f'Jannar 2012.

**5.3.4.** L-UE esprimiet preokkupazzjoni dwar il-vjolenza politika fil-**Bangladexx** u kompliet id-djalogu mal-gvern u atturi rilevanti oħra dwar kwistjonijiet ta' saħħa u sikurezza f'fabbriki li jservu s-suq tal-UE. Il-prijoritajiet ewlenin tal-UE baqgħu l-appoġġ lill-istituzzjonijiet demokratiċi, it-tnaqqis tal-faqar, l-inklużjoni soċjali, it-trattament ta' refuġjati u l-minoranzi etniċi u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. L-UE segwiet dawn it-temi permezz tal-programmi ta' kooperazzjoni tal-iżvilupp u permezz tad-djalogu politiku, inkluż fl-ogħla livell. Hi ħadmet flimkien mal-Bangladexx biex jiġu assigurati eżiti ambizzjużi f'negozjati internazzjonali għat-tibdil fil-klima.

[54] Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni fis-26 ta' Ottubru 2012 dwar id-diskriminazzjoni kontra t-tfajliet fil-Pakistan, b'mod partikolari l-każ ta' Malala Yousafzai (P7_TA(2012)0401).

**5.3.5.** F'Marzu 2012, l-UE kosponsorjat riżoluzzjoni li tippromwovi rikonċiljazzjoni u responsabbiltà fil-Kunsill tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, waqt li talbet lis-**Sri Lanka** timplimenta rakkomandazzjonijiet kostruttivi tat-Tagħlimiet Miksuba u l-Kummissjoni tar-Rikonċiljazzjoni tagħha stess, tieħu l-passi kollha meħtieġa biex jiġi indirizzat il-ksur allegat tal-liġi internazzjonali u tippreżenta pjan ta' azzjoni komprensiv li jispjega l-passi li ħa l-gvern. Il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem tqajmu wkoll fl-Eżami Perijodiku Universali, f'Novembru 2012. B'mod parallel, l-UE u s-Sri Lanka ħadmu dwar għażliet għal kooperazzjoni mtejba f'diversi oqsma tekniċi, u l-UE kienet attiva fil-qasam tar-rikostruzzjoni ta' wara l-konflitt permezz tal-għajnuna ta' żvilupp tagħha.

**5.3.6.** Is-sistema demokratika żgħira tal-**Maldive** ġiet ittestjata serjament fl-2012. Wara ġimgħat ta' protesta mmexxija mill-oppożizzjoni u rvell tal-pulizija, l-ewwel President elett b'mod demokratiku, Mohamad Nasheed, irriżenja fi Frar 2012, u għandu jiġi sostitwit mill-ex-Viċi President Waheed bħala President. F'Dikjarazzjoni f'isem l-UE, ir-RGħ/VP appellat lill-partijiet politiċi biex jinvolvu ruħhom fi proċess ta' djalogu politiku bil-ħsieb tal-konsolidazzjoni tal-proċess demokratiku u l-elezzjonijiet presidenzjali, issa skedati għat-tieni semestru tal-2013.

## 5.4. PAĊIFIKU

**5.4.1.** Filwaqt li jibnu fuq iż-żjarat tal-President Barroso f'Settembru 2011 u tar-RGħ/VP f'Ottubru 2011, l-UE u l-**Awstralja** komplew bl-iskambji u d-djalogi bl-għan li jespandu l-kooperazzjoni fil-kwistjonijiet tal-affarijiet barranin u s-sigurtà, il-maniġġar ta' kriżijiet, l-assistenza għall-iżvilupp u kwistjonijiet globali bħat-tibdil fil-klima jew l-enerġija. Wara l-adozzjoni tal-mandat tal-Ftehim Qafas UE-Awstralja f'Ottubru 2011, sar progress tajjeb fin-negozjati matul l-2012.

Id-Djalogu Politiku UE-Awstralja dwar l-Asja sar fis-27 ta' Lulju f'Canberra bi skambji dettaljati dwar żviluppi fir-reġjun l-aktar wiesa' tal-Asja-Paċifiku, fejn iż-żewġ partijiet għandhom fehmiet konverġenti u ħafna interessi komuni u fejn l-Awstralja tilqa' impenn akbar tal-UE. Id-Djalogu ta' Sigurtà/Strateġiku UE-Awstralja fil-livell ta' Diretturi Politiċi sar fis-7 ta' Novembru f'Canberra (inklużi konsultazzjonijiet mad-Dipartiment tal-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ, il-Viċi Konsulent tas-Sigurtà Nazzjonali, l-Uffiċċju ta' Valutazzjoni Nazzjonali, u l-Organizzazzjoni Awstraljana tat-Tagħrif Sigriet dwar is-Sigurtà) b'aġenda estensiva li tkopri fost oħrajn kwistjonijiet ta' sigurtà fl-Asja tal-Paċifiku, il-Mjanmar/Burma, l-Indoneżja, il-Fiġi, il-PNG, l-Iran, is-Sirja, l-Eġittu, il-PPLN, l-Afganistan, il-Pakistan, il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu, in-Non-Proliferazzjoni u l-Kooperazzjoni fil-Maniġġar ta' Kriżijiet.

L-UE stiednet lill-Awstralja biex tieħu sehem fil-EUCAP NESTOR u l-EUAVSEC. In-negozjati dwar Ftehim Qafas ta' Parteċipazzjoni għall-parteċipazzjoni tal-Awstralja fl-operazzjonijiet tal-maniġġar ta' kriżijiet avvanzaw tajjeb. Ladarba jiġu konklużi, dan għandu jipprovdi pjattaforma għall-parteċipazzjoni msaħħa tal-Awstralja fl-operazzjonijiet tal-PSDK.

**5.4.2. In-New Zealand**. L-iskambji dwar kwistjonijiet ta' importanza ġeografika u ta' interess reċiproku saru matul is-sena, b'mod partikolari konsultazzjonijiet bejn l-Uffiċjal Kap Operattiv tas-SEAE u l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ, id-Dipartiment tal-Prim Ministru u l-Kabinett f'Wellington, kif ukoll mal-Ministru tal-Affarijiet Barranin u l-Ministru għall-Kummerċ f'Auckland, u l-ewwel Taħdit informali dwar is-Sigurtà bejn l-UE u New Zealand fil-livell ta' Diretturi Politiċi, inklużi konsultazzjonijiet mal-Ministru tad-Difiża, il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u s-servizzi tal-intelligence ta' New Zealand.

New Zealand kompla jkollha rwol sostanzjali bħala kontributur tal-PSDK. Fit-18 ta' April 2012, ġie ffirmat Ftehim Qafas għall-parteċipazzjoni ta' New Zealand fl-operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżi, fl-okkażjoni tal-laqgħa tal-Ministru tal-Affarijiet Barranin McCully mar-RGħ/VP fi Brussell. New Zealand ġiet mistiedna tieħu sehem fl-EUCAP NESTOR.

Wara li serviet fi rwol siewi fl-EUPOL Afghanistan mill-2007, f'Settembru 2012 New Zealand ħabbret li kienet qed ittemm l-iskjerament tagħha ta' Uffiċjali tal-Pulizija sal-aħħar tas-sena u wkoll tirtira l-Iskwadra għar-Rikostruzzjoni Provinċjali ta' New Zealand malli titlesta t-transizzjoni fiż-żona tagħhom ta' operazzjoni.

**5.4.3. Fiġi**. L-UE kompliet tissorvelja mill-qrib l-aġenda tad-demokratizzazzjoni u t-tnedija tal-proċess kostituzzjonali fl-2012. L-UE ddeċidiet li testendi l-hekk imsejħa miżuri adatti (skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou u l-Artikolu 37 tal-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp) għal 12-il xahar ieħor iżda bħala l-ewwel sinjal – li għadu kawt – qablet li tibda l-11-il sensiela ta' diskussjonijiet ta' programmar tal-FEŻ mal-Fiġi, filwaqt li ttenni t-talba tagħha biex jitneħħew ir-restrizzjonijiet relatati mar-rispett lejn il-prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, u l-libertajiet fundamentali.

**5.4.4.** Għaxar snin wara l-indipendenza ta' **Timor-Leste**, l-2012 rat elezzjonijiet presidenzjali u parlamentari li twettqu b'suċċess - pass importanti fil-progress tal-pajjiż lejn demokrazija stabbli. L-UE stazzjonat Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali u delegazzjoni tal-Parlament Ewropew biex josservaw l-elezzjonijiet parlamentari. L-UE qieset li ż-żewġ proċessi Elettorali kienu paċifiċi, inklużivi u trasparenti.

**5.4.5.** B'segwitu għall-elezzjonijiet nazzjonali turbulanti iżda fl-aħħar mill-aħħar ta' suċċess fl-2012, **Papwa Ginea Ġdida** wettqet bidla fil-ġenerazzjoni tat-tmexxija waqt li żammet l-istabbiltà politika. Il-Gvern il-ġdid, taħt it-tmexxija tal-Prim Ministru Peter O'Neill, beda jaħdem fuq għadd ta' inizjattivi ġodda bħall-għoti ta' aktar enfasi fuq l-edukazzjoni, is-servizzi tas-saħħa u l-miżuri ta' kontra l-korruzzjoni.

## 6. AFRIKA

Fl-Afrika, l-UE iffokat fuq it-tisħiħ tas-Sħubijiet strateġiċi tagħha mal-Unjoni Afrikana u l-Afrika t'Isfel, bil-ħidma permezz tad-DEVCO biex jintlaħqu l-objettivi tal-iżvilupp tal-UE mas-sħab Afrikani tagħna bl-implimentazzjoni ta' "L-Aġenda għall-Bidla", u bil-ħidma ma' organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali biex isolvu kriżijiet speċifiċi għall-pajjiż permezz ta' approċċ komprensiv u reġjonali, li fihom id-drittijiet tal-bniedem u l-kwistjonijiet relatati mal-governanza dehru b'mod prominenti. B'mod partikolari s-sena rat kooperazzjoni dejjem eqreb bejn l-UE, l-UA u n-NU f'diversi postijiet. Is-Somalja, fejn l-UE kienet impenjata bis-sħiħ permezz tal-Operazzjoni Atalanta, l-EUTM u l-finanzjament ta' AMISOM għal diversi snin, raw progress reali wara l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Qarn tal-UE (adottata tard fl-2011), il-konferenza ta' Londra fi Frar, u l-appoġġ internazzjonali koordinat għal tmiem it-transizzjoni. L-UE appoġġat ukoll l-isforzi tal-UA fis-Sudan, li għamlet xi progress għalkemm is-sitwazzjoni baqgħet fraġli ħafna. Fir-RDK, il-Ginea Bissaw u Mali, l-UE kienet involuta b'mod qawwi fir-rispons għall-kriżijiet li dejjem jikbru. Id-diplomazija preventiva f'pajjiżi oħra tas-Sahel, il-Ginea u l-Malawi pprevenjiet deterjorament tas-sitwazzjonijiet hemmhekk, u l-Missjonijiet tal-UE ta' Osservazzjoni Elettorali kellhom rwoli importanti fis-Sierra Leone, is-Senegal u ż-Żambja. Il-firma ta' Triq Konġunta 'l Quddiem mal-Angola mmarkat livell ġdid ta' relazzjoni ma' dak il-pajjiż li qed jikber malajr.

### 6.1. UE-UA

L-UE u l-Unjoni Afrikana (UA) komplew id-djalogu u l-kooperazzjoni tagħhom dwar kwistjonijiet politiċi u ta' sigurtà. Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà tal-UE u l-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà tal-UA fid-29 ta' Mejju kellhom il-5 laqgħa Konsultattiva Konġunta tagħhom fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Konġunta Afrika-UE, fi żmien immarkat bi żviluppi kontinwi ta' sfida fil-Qarn tal-Afrika u kriżijiet politiċi, ta' sigurtà u umanitarji gravi f'xi partijiet tal-Afrika tal-Punent. Id-diskussjonijiet, li ffokaw fuq is-Somalja, is-Sudan u s-Sudan t'Isfel, il-Ginea Bissaw, is-Sahel u Mali, affermaw mill-ġdid l-impenn taż-żewġ naħat li jsaħħu l-isforzi konġunti tagħhom għall-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' kriżijiet. Iż-żewġ naħat tennew l-impenn tagħhom biex iżidu l-koordinazzjoni dwar kwistjonijiet globali, biex titkompla l-kooperazzjoni għall-Arkitettura Afrikana għall-Paċi u s-Sigurtà (APSA) u rrikonoxxew il-ħtieġa għal finanzjament previdibbli, flessibbli u sostenibbli għal operazzjonijiet għaż-żamma tal-paċi mmexxija mill-UA.

Taħt il-Fond għall-Paċi fl-Afrika (FPA), fl-2012 l-UE ġeddet l-appoġġ tagħha lill-APSA bil-ħsieb li jissaħħu s-sinerġiji bejn l-UA u r-RECs/RMs, il-kapaċitajiet tas-Sistema Afrikana Kontinentali ta' Twissija Bikrija, il-funzjonament tal-istrutturi ta' medjazzjoni bħal dawn bħall-Panel tal-Għorrief, u l-operazzjonalizzazzjoni tal-Forzi Standby Afrikani, kif ukoll biex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet strateġiċi Afrikani ta' politika, implimentazzjoni u ġestjoni. L-UE kompliet tipprovdi appoġġ finanzjarju sinifikanti (EUR 167 miljun) lil żewġ Operazzjonijiet Afrikani tal-Appoġġ għall-Paċi: il-Missjoni tal-UA fis-Somalja (AMISOM) u l-Missjoni tal-Komunità Ekonomika tal-Istati Ċentrali Afrikana (ECCAS) għat-Tisħiħ tal-Paċi fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (MICOPAX). Permezz tal-Mekkaniżmu għal Reazzjoni Bikrija (ERM), l-UE appoġġat l-isforzi ta' medjazzjoni Afrikana fl-implimentazzjoni tal-"Pjan Direzzjonali għat-Tmiem tal-Kriżi fil-Madagaskar" u l-inizjattiva tal-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp (IGAD) biex tinvolvi lilha nfisha f'kampanja għal paċi ta' qabel l-elezzjoni fil-Kenja.

Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-UA, is-Sur Gary Quince, kompla jinvolvi lilu nnifsu b'mod proattiv mal-UA u l-Istati Membri tagħha, b'mod partikolari billi jikkoordina mal-Kumitat ta' Paċi u Sigurtà tal-UA u jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Arkitettura Afrikana għall-Paċi u s-Sigurtà. Huwa kkontribwixxa wkoll għall-implimentazzjoni tal-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-Unjoni Afrikana, li hija ta' importanza kruċjali fir-rigward tal-momentum fl-implimentazzjoni tal-Arkitettura tal-Governanza Afrikana.

## 6.2. PUNENT TAL-AFRIKA

**6.2.1.** L-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għas-Sigurtà u l-Iżvilupp fis-**Saħel** kompliet matul is-sena, b'rieżami li juri progress u prestazzjoni fl-erba' fergħat ewlenin: (i) l-iżvilupp, il-governanza tajba u r-riżoluzzjoni tal-konflitt intern; (ii) politika u diplomatika; (iii) is-sigurtà u l-istat tad-dritt; (iv) il-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti. L-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija kienu f'waqthom, għalkemm huma meħtieġa aġġustamenti responsabbli għall-iżviluppi f'Mali u x'imkien ieħor fis-Saħel. Il-konċentrazzjoni primarja tal-Istrateġija kompliet tkun fuq **il-Mali, il-Mawritanja u n-Niġer**, u ġiet ikkunsidrata b'mod attiv aktar espansjoni, minħabba r-rilevanza kontinwa tal-isfidi li jaffettwaw ir-reġjun.

**6.2.2.** F'Jannar 2012 il-forzi ribelli intensifikaw operazzjonijiet fit-tramuntana ta' **Mali**[55], rinfurzati b'tagħmir tal-kuntrabandu minn pajjiżi ġirien. F'Marzu, kolp ta' stat waqqa' l-gvern ċivili u żied il-kriżi fil-pajjiż. Sussegwentement, gruppi armati ħadu kontroll tat-tramuntana kollha tal-pajjiż, fejn dan wassal għal staġnar li dam sal-bqija tal-2012. Sa mill-bidu tal-kriżi f'Mali, l-UE baqgħet qrib tal-pajjiż, tappoġġa b'mod attiv organizzazzjonijiet reġjonali (ECOWAS u l-Unjoni Afrikana) fl-isforzi tagħhom biex isibu soluzzjoni, u ripetutament tenniet, inkluż permezz ta' diversi Konklużjonijiet tal-Kunsill, l-appoġġ sħiħ tagħha għall-integrità territorjali ta' Mali u soluzzjoni politika tal-kriżi permezz ta' djalogu b'interlokuturi li mhumiex terroristi. Fl-istess waqt l-UE appoġġat bis-sħiħ u b'mod konsistenti transizzjoni ċivili li twassal għal elezzjonijiet kemm jista' jkun malajr. Il-kooperazzjoni ma' Mali ġiet sospiża temporanjament wara l-kolp ta' stat, bil-kontinwazzjoni marbuta mal-progress fil-proċess ta' transizzjoni[56]. L-UE kienet ukoll involuta bis-sħiħ fl-adozzjonijiet tat-tliet Riżoluzzjonijiet bażi tal-KSNU (2056/12, 2071/12 u 2085/12) li stabbilixxew l-appoġġ tal-Komunità Internazzjonali għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-integrità ta' Mali. L-UE kienet mobilizzata wkoll b'mod attiv biex taffronta l-kriżi umanitarja fis-Saħel, li malajr tagħti ammonti kbar ta' għajnuna għall-popolazzjonijiet f'riskju.

55 Fl-20 ta' April 2012, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni f'Mali (P7_TA(2012)0141), u fl-14 ta' Ġunju 2012 riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tas-sigurtà fir-reġjun tas-Saħel (P7_TA(2012)0263).

56 Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tkompliet fl-2013.

F'dan il-kuntest u bħala parti mill-impenn kontinwu tagħha biex tindirizza l-isfidi ta' sigurtà fis-Saħel, l-UE wettqet missjoni ġdida tal-PSDK, il-"EUCAP-Sahel/Niger", bil-għan li ttejjeb il-kapaċitajiet tal-Forzi tas-Sigurtà tan-Niġerja (Gendarmerie, Police nationale, Garde nationale) biex jiġġieldu t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata b'manjiera effettiva u koordinata. Wara l-approvazzjoni dovuta tal-Kunċett ta' Maniġġar ta' Kriżi u d-Deċiżjoni tal-Kunsill, l-EUCAP Sahel/Niger tnediet f'Lulju 2012 u waslet biex bagħtet 50 pulizija internazzjonali u esperti militari. Barra minn hekk, l-UE kompliet bit-tħejjijiet għal operazzjoni kbira oħra tal-PSDK, il-Missjoni ta' Taħriġ tal-UE għal Mali (EUTM), parti integrali tal-approċċ komprensiv tal-UE għas-sitwazzjoni f'Mali u s-Saħel skont ir-Riżoluzzjoni tal-KSNU 2085/12.

**6.2.3.** L-Amministrazzjoni l-ġdida tan-**Niġerja**[57] ġiet ikkonfrontata minn terroriżmu li reġa' tfaċċa b'mod vjolenti, hekk kif Boko Haram kompla l-kampanji estremisti vjolenti tiegħu. It-terroriżmu kompla jkun problema ta' sigurtà serja ħafna b'serje ta' attakki terroristiċi fuq l-awtoritajiet tal-istat, Kristjani u Musulmani moderati, li kienu kkundannati mir-RGħ/VP u mill-partijiet interessati ewlenin fil-Komunità Internazzjonali. Is-sitwazzjoni tas-sigurtà kienet kwistjoni ċentrali matul it-tielet laqgħa ministerjali tat-Triq Konġunta 'l Quddiem tan-Niġerja-UE f'Abuja fi Frar 2012. Riżultat tal-laqgħa kien l-istabbiliment tad-djalogu lokali fuq il-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà.

**6.2.4.** F'Awwissu 2012, **Il-Gambja** kisret moratorju ta' 27 sena dwar il-piena tal-mewt meta disa' priġunieri fir-ringiela tal-mewt ġew iġġustizzjati b'mod sigriet. Wara kundanna internazzjonali, il-moratorju ġie rrestawrat diversi ġimgħat wara u minn dakinhar ma ġie ġġustizzjat ħadd iktar. L-episodju serva biex jiġi enfasizzat id-deterjorament fid-drittijiet tal-bniedem fil-Gambja fl-2012. L-UE kompliet tindirizza l-governanza u s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Gambja mal-awtoritajiet bl-appoġġ tal-atturi reġjonali, notevolment l-Unjoni Afrikana. Diversi dikjarazzjonijiet tar-RGħ/VP, il-kelliem tagħha u dikjarazzjonijiet lokali kienu maħruġa fl-2012 dwar il-kwistjonijiet ewlenin li jħeġġu lill-Gambja biex tirrispetta l-impenji internazzjonali tagħha.

---

57 Fil-15 ta' Marzu 2012, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fin-Niġerja (P7_TA(2012)0090).

**6.2.5.** Fil-**Côte d'Ivoire**, iċ-ċelebrazzjoni tal-elezzjonijiet leġislattivi u l-konsenja tal-ex-President Gbagbo lill-Qorti Kriminali Internazzjonali kienu passi importanti lejn ir-rikonċiljazzjoni. Madankollu, l-vjolenza u t-tensjonijiet komplew jaffettwaw lill-pajjiż. L-UE kompliet tappoġġa l-istabbilizzazzjoni, il-ġustizzja u r-rikonċiljazzjoni ta' wara l-kriżi; il-miżuri restrittivi tneħħew b'mod progressiv. Kemm il-President Van Rompuy u l-President Barroso kif ukoll il-Kummissarju Piebalgs żaru l-Côte d'Ivoire fl-2012, fejn irreċiprokaw iż-żjara preċedenti tal-President Ouattara fi Brussell. Dawn iż-żjarat kienu opportunità oħra biex itennu l-appoġġ tal-UE għad-demokrazija, l-iżvilupp, il-ġustizzja u r-rikonċiljazzjoni fil-Côte d'Ivoire, inkluż permezz tal-ġustizzja imparzjali u r-riforma tas-settur tas-sigurtà.

**6.2.6.** Wara l-kolp ta' Stat f'April 2012, il-kooperazzjoni mal-**Ginea Bissaw**[58] ġiet sospiża u baqgħet iffriżata minn dakinhar. Bħalissa huma attivi biss l-għajnuna umanitarja u l-appoġġ dirett għall-popolazzjoni. L-UE kkundannat immedjatament il-kolp ta' stat u ħeġġet l-istabbiliment mill-ġdid tad-dritt ċivili, u imponiet miżuri restrittivi fuq dawk responsabbli. Ir-Riżoluzzjoni tal-KSNU 2048/12 sussegwentement tenniet dak l-appell u imponiet sanzjonijiet tan-NU. L-UE qed tikkoordina b'mod attiv mal-UA, in-NU, l-ECOWAS u s-CPLP (Komunità tal-Pajjiżi fejn hu mitkellem il-Portugiż), biex issib soluzzjoni demokratika kunsenswali għall-kriżi. Ir-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (RSS), it-tiġdid tal-ġerarkija militari u n-nuqqas ta' interferenza tal-forzi tas-sigurtà fi kwistjonijiet ċivili huma prerekwiżiti għal soluzzjoni dejjiema, li għandha tinkludi wkoll elezzjonijiet demokratiċi u rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem.

**6.2.7.** Fil-**Ginea**, wara progress fit-transizzjoni għad-demokrazija, l-UE kienet kapaċi tneħħi l-ostakoli li kien fadal għall-iffirmar tal-Programm Indikattiv Nazzjonali skont l-10 FEŻ (Fond Ewropew għall-Iżvilupp), li sar f'Diċembru 2012. Il-passi importanti pendenti jinkludu l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet leġislattivi li suppost ilhom li saru f'Settembru 2013. Barra minn hekk, embargo tal-armi għadu fis-seħħ. 5 persuni meqjusa responsabbli għall-avvenimenti vjolenti f'Settembru 2009 jibqgħu taħt is-sanzjonijiet tal-UE.

---

[58] Fit-13 ta' Ġunju 2012, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-kolp ta' stat militari fil-Ginea Bissaw (P7_TA(2012)0247).

## 6.3. LVANT TAL-AFRIKA

**6.3.1. Qarn tal-Afrika**. Fl-2012, l-UE fittxet b'mod attiv li timplimenta l-Qafas Strateġiku tagħha għall-Qarn tal-Afrika, bħala passi ulterjuri fl-approċċ komprensiv tal-azzjonijiet tagħha fir-reġjun. Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Qarn tal-Afrika, Alexander Rondos, u r-Rappreżentant Speċjali tal-UE għas-Sudan u s-Sudan t'Isfel, Rosalind Marsden, ikkontribwixxew għal dawn l-isforzi.

L-UE kkontribwiet biex tittejjeb is-sitwazzjoni fis-**Somalja**, li kienet fil-qalba tal-instabbiltà fir-reġjun tal-Qarn tal-Afrika għal żmien twil. Hi kompliet tipprovdi appoġġ politiku u ta' sigurtà għas-Somalja u l-Unjoni Afrikana għall-AMISOM[59]. L-UE ħadet rwol ewlieni fl-għajnuna għat-tmiem tat-Transizzjoni fis-Somalja f'Settembru 2012, partikolarment permezz tal-isforzi tal-Missjoni EU Somalia bbażata f'Nairobi u r-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Qarn tal-Afrika. Bi tweġiba għas-sitwazzjoni politika l-ġdida, l-UE adattat l-approċċ komprensiv tagħha lis-Somalja biex taħdem b'mod aktar dirett mal-Gvern Federali tas-Somalja u b'appoġġ għall-prijoritajiet Somali. L-UE kkontribwiet għall-iżvilupp tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja stess u ħarrġet b'suċċess il-Forzi tas-Sigurtà tas-Somalja permezz tal-missjoni militari tagħha EUTM Somalia bbażata fl-Uganda fl-2012[60]. It-truppi mħarrġa mill-EUTM li reġgħu ntbagħtu fis-Somalja jiffurmaw il-qalba tal-Forzi Armati Nazzjonali tas-Somalja u kellhom rwol kritiku fit-titjib tas-sitwazzjoni tas-sigurtà fis-Somalja, flimkien mal-AMISOM, sa tmiem l-2012. F'Awwissu 2012, ir-RGħ/VP żaret Mogadixu biex turi l-impenn tal-UE għall-proċess ta' wara t-transizzjoni tas-Somalja u biex tissottolinja l-impenn tal-UE għal governanza, żvilupp u sigurtà aħjar fil-pajjiż.

---

59 L-UE kompliet l-appoġġ sinifikanti tagħha għall-AMISOM permezz tal-Fond għall-Paċi fl-Afrika (FPA), b'aktar minn €150 miljun f'fondi addizzjonali għat-truppi tal-AMISOM, wara l-adozzjoni ta' UNSCR 2036 li żiedet b'mod sinifikanti l-limitu tat-truppi, fejn it-total innegozjat tal-kontribuzzjoni tal-FPA għall-AMISOM huwa ta' €411 miljun. Għalhekk l-UE kkontribwiet biex ittejjeb is-sitwazzjoni ta' sigurtà fis-Somalja b'appoġġ għat-truppi Afrikani.

60 S'issa, l-UE kkontribwiet għat-taħriġ ta' madwar 3000 suldat tas-Somalja. It-taħriġ kopra wkoll il-liġi umanitarja internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll il-protezzjoni taċ-ċittadini, inkluż il-ħtiġijiet ta' protezzjoni speċifiċi tan-nisa u t-tfal.

Firxa wiesgħa ta' proġetti ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u erba' operazzjonijiet u missjonijiet tal-PSDK (EUNAVFOR Atalanta, EUTM Somalia, EUCAP Nestor u EUAVSEC fl-Ajruport ta' Juba), li għaddejjin bħalissa fil-Qarn tal-Afrika kkontribwixxew b'mod sinifikanti fil-kisba tal-objettivi tal-Qafas Strateġiku. Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE kien attivat f'Marzu 2012, biex jagħti appoġġ fl-ippjanar u jiffaċilita l-koordinazzjoni tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet PSDK tal-UE (bl-eċċezzjoni tal-EUAVSEC) taħt il-gwida tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS).

Fit-twettiq tal-mandat tagħha sa Diċembru 2014, l-Operazzjoni navali EUNAVFOR Atalanta ppermettiet li tingħata għajnuna alimentari b'mod sigur bil-bastimenti tal-Programm Dinji tal-Ikel, bi skorta ta' aktar minn 120 bastiment kummerċjali għal Mogadixu, fis-Somalja. Għadd simili ta' bastimenti vulnerabbli kien qiegħed jipproteġi l-konsenja ta' forniment lill-Missjoni tal-UA fis-Somalja (AMISOM). EUNAVFOR Atalanta kkontribwixxiet b'suċċess biex tnaqqas l-attakki tal-pirati matul l-ewwel semestru tal-2012. Flimkien mal-azzjonijiet militari fuq il-baħar, l-Operazzjoni ngħatat mandat biex ittellef ir-rimi loġistiku tal-pirati fuq ix-xtajtiet tas-Somalja minn Marzu 2012, biex b'hekk ittellef il-"mudell kummerċjali" tal-piraterija. Barra minn hekk, l-UE kkontribwixxiet f'firxa wiesgħa ta' azzjonijiet kontra l-piraterija permezz ta' sħubijiet man-NU, il-Grupp ta' Kuntatt Internazzjonali dwar il-piraterija u l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali[61].

F'Lulju 2012 ġiet imnedija missjoni ċivili ġdida tal-PSDK dwar il-bini tal-Kapaċità Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP Nestor) fis-reġjuni Somali ta' Puntland u Somaliland, billi jingħata appoġġ għall-iżvilupp tal-Forza tal-Pulizija Kostali biex jissaħħu l-kapaċitajiet marittimi ta' tbaħħir ta' Ġibuti, tal-Kenja, tat-Tanzanija u tas-Seychelles, u s-settur tal-Istat tad-Dritt. Il-EUCAP Nestor għandha enfasi ġeografika inizjali fuq Ġibuti, il-Kenja, is-Seychelles u s-Somalja.

[61] Barra minn hekk, trasferimenti ta' pirati suspettati (jew ħallelin armati fuq il-baħar) għall-prosekuzzjoni mill-vapuri tal-EUNAVFOR għall-pajjiżi li qed ibatu mill-piraterija - u li huma lesti għall-prosekuzzjoni tas-suspettati - jibqgħu meħtieġa biex tintemm l-impunità fl-Oċean Indjan. L-UE kompliet tibgħat pirati ssuspettati fil-pajjiżi fejn għad hemm fis-seħħ ftehimiet bilaterali - is-Seychelles u l-Mawrizju - u tat l-appoġġ lill-istrutturi ġudizzjarji f'dawn il-pajjiżi. L-UE kkontribwixxiet biex tiġġieled il-flussi finanzjarji tal-piraterija. L-investigazzjonijiet fuq il-pirati ssuspettati għadhom għaddejjin f'għadd ta' Stati Membri tal-UE u l-koordinazzjoni bejn il-prosekuturi u l-persuna li jinforza l-liġi diġà uriet eżempji ta' suċċess li jagħmlu kuraġġ. Skwadra Olandiża u Ġermaniża ta' Investigazzjoni Konġunta li ssegwi flussi finanzjarji bdiet taħdem f'Jannar 2012 ospitata mill-Europol. Il-Europol u l-Interpol qegħdin jikkooperaw mill-qrib fil-ġbir u l-analiżi tad-data dwar il-każijiet ta' piraterija u ssir ħidma fuq il-modalitajiet biex tittejjeb l-abbiltà tagħhom li jirċievu informazzjoni rilevanti mill-EUNAVFOR.

**6.3.2.** Minkejja l-iffirmar ta' pakkett ta' ftehimiet f'Addis f'Settembru 2012, l-UE tibqa' mħassba dwar in-nuqqas ta' progress fir-riżoluzzjoni tal-kwistjonijiet pendenti tas-CPA (Ftehim Komprensiv ta' Paċi) bejn is-**Sudan u s-Sudan t'Isfel** u d-dewmien fl-implimentazzjoni tal-ftehimiet. L-UE baqgħet tiffoka b'mod partikolari fuq is-sitwazzjoni tas-sigurtà u l-kriżi umanitarja li rriżultat fin-Nil l-Iżraq, in-Nofsinhar tal-Kordofan[62], id-Darfur u Abyei. F'kooperazzjoni mal-UA, in-NU u s-sħab internazzjonali, ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għas-Sudan u s-Sudan t'Isfel jibqa' fuq quddiem tal-isforzi tal-UE biex jagħti l-appoġġ għall-proċess ta' negozjar bejn iż-żewġ stati kif ukoll fl-iżviluppi interni fis-Sudan u s-Sudan t'Isfel[63].

L-ewwel żjara tal-President Kiir fi Brussell f'Marzu 2012 kienet pass importanti fl-iżvilupp ta' sħubija mill-qrib u fit-tul mas-Sudan t'Isfel li tgħaddi minn kooperazzjoni għall-żvilupp sa paċi u sigurtà. Minbarra li kienu pijunieri tal-programmazzjoni Konġunta tal-assistenza għall-iżvilupp tal-UE għas-Sudan t'Isfel, l-UE nediet il-missjoni EUAVSEC f'Ottubru 2012 biex issaħħaħ is-sigurtà fl-Ajruport internazzjonali ta' Juba.

**6.3.3.** Fil-**Kenja** t-tħejjijiet għall-elezzjonijiet ta' Marzu 2013 intensifikaw fl-2012, l-ewwel test ta' kostituzzjoni ġdida fil-Kenja, il-qafas il-ġdid tal-Elezzjoni u l-ġudikatura riformata. Wara li għaddew minn proċess maġġuri ta' riforma, dawn l-elezzjonijiet ser ikunu deċisivi għall-pajjiż u għar-reġjun. L-UE tagħtihom importanza kbira u ilha żżid l-appoġġ tagħha fil-preparazzjonijiet tagħhom. F'Awwissu 2012, ir-RGħ/VP żaret il-Kenja biex tesprimi d-determinazzjoni tagħha fl-appoġġ għall-isforzi Kenjani biex jitrawwem proċess Elettorali kredibbli. F'Ottubru, missjoni esploratorja tal-UE marret fil-pajjiż biex tivvaluta l-kondizzjonijiet għall-iskjerament ta' EU EOM[64].

---

[62] Fil-15 ta' Settembru 2011, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-Sudan: Is-sitwazzjoni fin-Nofsinhar tal-Kordofan u t-tfaqqigħ ta' ġlied fl-Istat tal-Blue Nile (P7_TA-PROV(2011)0393).

[63] Fid-13 ta' Ġunju 2012, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fis-Sudan u s-Sudan t'Isfel (P7_TA(2012)0248).

[64] Il-EOM intbagħtet fil-Kenja minn Jannar 2013 'il quddiem biex tieħu valutazzjoni ddettaljata u komprensiva tal-proċess elettorali biex b'hekk issaħħaħ it-trasparenza tiegħu.

**6.3.4.** Il-**Madagaskar**[65] baqa' pajjiż tal-"Artikolu 96 ta' Cotonou". Mandankollu, bis-saħħa tal-iżviluppi politiċi pożittivi (pjan direzzjonali ffirmat taħt il-medjazzjoni tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika/SADC), il-miżuri adatti fis-seħħ ġew emendati f'Diċembru 2011 biex l-UE tkun tista' tagħti l-appoġġ kondizzjonali tagħha għall-proċess ta' transizzjoni li għaddej bħalissa. F'Diċembru 2012 dawn il-miżuri ġew prolongati sakemm il-Kunsill jiddetermina li saru elezzjonijiet kredibbli u l-ordni kostituzzjonali tkun ġiet stabbilita mill-ġdid.

**6.3.5.** L-**Etjopja** rnexxiela fit-transizzjoni mit-tmexxija ta' 14-il sena ta' Meles Zenawi billi ħatret, f'konformità tal-Kostituzzjoni, l-eks-viċi Prim Ministru, Hailemariam Desalegn, bħala Prim Ministru f'Settembru 2012. L-arranġamenti għal tmexxija ġdida li rriżultaw mit-tibdil tal-kabinett ta' Novembru li għadda ser ikollhom mument ta' prova fil-Kungress tal-EPRDF (il-Front Demokratiku u Rivoluzzjonarju tal-Poplu Etjopjan) f'Marzu 2013 u fl-elezzjonijiet lokali mistennija f'April. Il-pajjiż jibqa' jkollu rwol importanti għall-istabbiltà fir-reġjun, bil-Prim Ministru Hailemariam li huwa l-President il-ġdid tal-UA sa minn Jannar 2013. Flimkien mat-tmexxija tal-Forum Kummerċjali Ewropew li tnieda f'Mejju 2012, l-UE reċentament adottat flimkien mal-Gvern Norveġiż u Etjopjan strateġija ta' programmazzjoni konġunta għall-kooperazzjoni reċiproka, għall-iżvilupp fil-pajjiż.

## 6.4. AFRIKA ĊENTRALI

**6.4.1. Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)/ ir-reġjun tal-Lagi l-Kbar**. Wara l-elezzjonijiet Presidenzjali u Leġislattivi tar-RDK (Novembru 2011), l-UE talbet għal aktar sforzi sabiex tiżgura kontabbiltà u kredibbiltà akbar u dwar il-fażijiet sussegwenti taċ-ċiklu Elettorali (elezzjonijiet provinċjali u lokali)[66].

---

[65] Fid-9 ta' Ġunju 2011, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-Madagaskar (P7_TA-PROV(2011)0270).

[66] Fit-13 ta' Ġunju 2012, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-monitoraġġ tal-elezzjonijiet fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (P7_TA(2012)0252) u fit-13 ta' Diċembru 2012, riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (P7_TA(2012)0511).

Madankollu, sa minn nofs l-2012, is-sitwazzjoni politika u ta' sigurtà ġiet oskurata mir-ribelljoni tal-M23, il-kriżi fil-Lvant tar-RDK u l-inizjattivi diplomatiċi sussegwenti bil-għan li jerġgħu jistabbilixxu l-paċi (il-Konferenza Internazzjonali tar-Reġjun tal-Lagi l-Kbar/Kampala, ftehim qafas tan-NU). F'dan ir-rigward, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar ir-RDK/il-Lagi l-Kbar f'Ġunju, Novembru u Diċembru, u billi saħaq rigward it-tħassib serju dwar is-sitwazzjoni fil-Kivus u kkundanna r-ribelljoni. Il-Kunsill appella għal kooperazzjoni reġjonali kostruttiva, filwaqt li inkoraġġixxa għal soluzzjoni għall-kriżi li tkun ibbażata fuq id-djalogu u ffokata sabiex tindirizza l-kawżi tal-konflitt fil-livell reġjonali u tar-RDK mill-għeruq tagħhom. Fuq l-istess linja, il-President Van Rompuy (f'Settembru, Ottubru) u r-RGħ/VP (f'Lulju, Novembru) esprimew it-tħassib u r-rakkomandazzjonijiet tal-UE.

Fir-RDK hemm skjerati żewġ missjonijiet tal-PSDK fir-rigward tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (RSS): EUSEC RD Congo u EUPOL RD Congo. F'Settembru 2012 il-mandat taż-żewġ missjonijiet ġew estiżi sat-30 ta' Settembru 2013, perijodu li għandu jkun segwit minn fażi finali ta' transizzjoni ta' tnax-il xahar bil-għan li jikkonsenjaw il-kompiti tagħhom.

Il-EUSEC RD Congo tagħti pariri u assistenza dwar ir-riforma tad-difiża (bħala parti mill-SSR) fir-RDK bil-għan li tassisti lill-awtoritajiet Kongoliżi fl-istabbiliment ta' sistema ta' difiża, li taġixxi taħt kontroll demokratiku, li tkun tista' tiggarantixxi s-sigurtà tal-poplu tal-Kongo[67]. Il-missjoni tassisti wkoll lill-Kongoliżi fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet loġistiċi u twettaq attivitajiet biex jiġi impedit il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-vjolenza sesswali.

---

[67] L-attivitajiet ewlenin tal-missjoni huma: appoġġ fil-livell strateġiku lill-Ministeru tad-Difiża tal-Kongo u lill-persunal tal-Militar, inkluż appopp lill-Ispettorat Ġenerali; modernizzazzjoni u konsolidazzjoni tal-amministrazzjoni u tal-ġestjoni tar-riżorsi umani; tiġdid tas-sistema ta' taħriġ permezz tal-appoġġ lill-Kmand Ġenerali tal-Iskejjel Militari u l-iżvilupp ta' politika komprensiva ta' taħriġ.

Fl-2012, l-EUPOL RD Congo kompliet tappoġġa r-RSS fil-qasam tal-pulizija u l-interfaċċja tagħha mas-sistema tal-ġustizzja, permezz ta' monitoraġġ, azzjoni ta' konsulenza u pariri, biex b'hekk tassisti lill-Ministeru tal-Intern u s-Sigurtà u lill-*Police Nationale Congolaise* fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pulizija (Plan d'Action Triennal Actualisé) u l-qafas leġislattiv relatat. F'koordinazzjoni mal-isforzi lokali u internazzjonali, il-missjoni tikkontribwixxi wkoll fit-tisħiħ tal-kapaċità operattiva tal-pulizija permezz tal-iggwidar, il-monitoraġġ u l-konsulenza kif ukoll attivitajiet ta' taħriġ. Hija tagħti wkoll appoġġ lill-ġlieda kontra l-impunità fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem u l-vjolenza sesswali, l-iżvilupp ta' sħubija mal-UNICEF biex issaħħaħ l-attivitajiet tagħha fil-qasam tal-protezzjoni tat-tfal, u tirrinforza l-interazzjoni bejn il-Pulizija u l-Ġudikatura.

**6.4.2.** Rapporti tal-appoġġ tar-**Rwanda** għall-malitia M23 fil-Lvant tal-Kongo kienu inklużi fil-konklużjonijiet tal-Grupp ta' Esperti tan-NU f'Ġunju u Diċembru 2012. F'dan ir-rigward, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar ir-RDK/Rwanda f'Settembru bl-enfasi fuq il-ħtieġa li r-Rwanda twaqqaf l-appoġġ kollu u tikkundanna b'mod espliċitu lill-M23, li timpenja ruħha li tirrispetta s-sovranità u l-integrità territorjali tar-RDK, li tkompli tikkoopera mal-Grupp ta' Esperti tan-NU u li tkun involuta b'mod kostruttiv mar-RDK u mar-reġjun lejn soluzzjoni politika sostenibbli li tindirizza l-għeruq tal-kawżi tal-konflitt.

**6.4.3.** Is-sitwazzjoni fir-**Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA)** tibqa' waħda kumplessa bi ftit progress fil-proċess tal-paċi. Madankollu, il-partijiet interessati politiċi kollha reġgħu bdew id-diskussjonijiet diretti u impenjaw ruħhom f'serje ta' diskussjonijiet biex jadottaw b'kunsens abbozz ta' liġi li jirriforma l-kodiċi elettorali. L-UE segwiet djalogu politiku msaħħaħ mal-awtoritajiet tar-RĊA. L-UE baqgħet tiffoka fuq l-issoktar tar-rikonċiljazzjoni nazzjonali u l-konsolidazzjoni tal-paċi fil-pajjiż, kif ukoll billi appoġġat tal-operazzjoni Afrikana ta' appoġġ għall-paċi fir-RĊA (MICOPAX) immexxija mill-ECCAS (Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika Ċentrali) u/jew billi immobilizzat finanzjament addizzjonali fl-appoġġ ta' operazzjonijiet ta' demobilizzazzjoni fi ħdan il-qafas tal-programm kurrenti DDR (Diżarm, Demobilizzazzjoni, Reintegrazzjoni).

## 6.5. NOFSINHAR TAL-AFRIKA

**6.5.1.** L-UE u l-**Afrika t'Isfel** kellhom il-ħames Summit annwali tagħhom fit-18 ta' Settembru 2012 fi Brussell. Is-Summit kien il-qofol ta' sena ta' djalogu politiku intensiv u attivitajiet ta' kooperazzjoni ta' politika profonda. Dawn jinkludew ir-raba' konsultazzjonijiet Politiċi u ta' Sigurtà bilaterali fit-30 ta' April fi Brussell, it-tlettax-il Kunsill ta' Kooperazzjoni Konġunta fis-17 ta' Lulju fi Pretorja u l-ħdax-il Djalogu Politiku Ministerjali li għalih attendiet ir-RGħ/VP u l-Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-Afrika t'Isfel M. Nkoana Mashabane fl-24 ta' Awwissu fi Pretorja. Dawn l-avvenimenti kollha ppermettew li jsir progress kbir fis-sħubija, u li bil-mod jissaħħaħ id-djalogu politiku dwar kwistjonijiet ta' politika barranija. Komplew isiru djalogi li jħallu l-frott dwar politiki settorjali f'firxa wiesgħa ta' oqsma mill-kummerċ, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, l-ambjent, l-enerġija, it-tibdil fil-klima, l-edukazzjoni, il-mobbiltà, ix-xjenza u t-teknoloġija.

Fid-19 ta' Novembru, il-Kunsill stabbilixxa formalment djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u l-Afrika t'Isfel, li għandu jittella' kull sena u jkopri kwistjonijiet rilevanti bħad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt[68].

[68] Fit-13 ta' Settembru 2012, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fl-Afrika t'Isfel: il-massakru tal-minaturi li qegħdin jistrajkjaw (P7_TA(2012)0354).

**6.5.2. L-Angola.** Wara li l-President José Manuel Barroso żar b'mod uffiċjali l-Luwanda f'April 2012, f'Lulju 2012 ġie ffirmat it-"Triq Konġunta 'l Quddiem (JWF) Angola-UE". Dan iwitti t-triq għal sħubija politka ambizzjuża u kooperazzjoni msaħħa. Konformement il-partijiet kellhom diskussjonijiet estensivi dwar il-konflitt tal-Lagi l-Kbar. L-UE apprezzat l-isforzi tal-Angola fil-Ginea Bissaw bil-għan li jiddemilitarizzaw il-politika u jiġġieldu t-traffiku tan-narkotiċi. L-elezzjonijiet ġenerali tal-Angola f'Awwissu 2012 – li għalihom l-UE bagħtet "Missjoni ta' Esperti" u ffinanzjat proġetti tas-soċjetà ċivili bil-għan li jkun hemm il-libertà u t-trasparenza elettorali – kienu kkunsidrati b'mod ġenerali bħala suċċess mill-osservaturi internazzjonali preżenti. Il-Missjoni ta' Esperti Elettorali tal-UE nnutat ċertu nuqqasijiet fi ħdan il-proċess elettorali u esprimiet il-volontà tagħha li tappoġġa lill-awtoritajiet tal-Angola biex tiżgura li dan it-tħassib ikun indirizzat b'mod effettiv f'elezzjonijiet futuri.

**6.5.3. Il-Malawi**. Wara l-mewt tal-President Bingu wa Mutharika, l-UE appoġġat b'mod attiv ir-rispett għal trasferiment kostituzzjonali tas-setgħa li wassal biex l-ex Viċi President Joyce Banda ħadet f'idejha l-Presidenza fis-7 ta' April. Il-President Banda ħadet ħafna passi pożittivi biex issaħħaħ it-tmexxija tajba u biex terġa' tistabbilixxi l-fiduċja pubblika minn mindu bdiet il-mandat tagħha. Il-gvern il-ġdid wettaq bidla sħiħa tal-politiki ekonomiċi u kkoreġa s-sitwazzjoni ddeterjorata b'mod sinifikanti tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż. L-UE rrikonoxxiet l-impenn tal-President Banda lejn il-ġustizzja soċjali, id-drittijiet tal-bniedem u inkoraġġietha żżomm il-politiki ġodda ambizzjużi biex tistabbilizza l-ekonomija (adozzjoni tal-programm tal-FMI f'Awwissu 2012) u tistabbilixxi t-triq lejn tkabbir ekonomiku sostenibbli fit-tul. F'Novembru 2012, il-President Banda pparteċipat fil-Jiem Ewropej għall-Iżvilupp u ltaqgħet mar-RGħ/VP Ashton. L-iżborżamenti ta' appoġġ baġitarju tal-UE reġgħu bdew fl-2012. F'Novembru 2012, għadda Abbozz Kostituzzjonali ta' Emenda 2014 biex isiru elezzjonijiet tripartitiċi (Presidenzjali, Parlamentari u Lokali)[69].

[69] L-Elezzjonijiet Tripartitiċi ser joħolqu sfidi sinifikanti loġistiċi, maniġerjali u finanzjarji. L-UE osservat l-aħħar żewġ elezzjonijiet ġenerali fil-Malawi fl-2004 u l-2009 u bagħtet missjoni ta' segwitu ta' osservazzjoni elettorali f'Diċembru 2012 biex jiġi vvalutat il-progress u jittieħed kont tat-tħejjijiet għall-elezzjonijiet tal-2014.

**6.5.4.** Dwar iż-**Żimbabwe**, l-UE ddeċidiet fi Frar 2012 li tneħħi 51 individwu u 20 entità mil-lista tagħha dwar il-projbizzjoni tal-viżi u tal-iffriżar tal-assi. L-UE impenjat lilha nnifisha wkoll li tirrieżamina l-politika tagħha ta' żvilupp f'sitt xhur u li tagħmel rieżami komprensiv tal-miżuri. F'Lulju 2012, l-UE sussegwentament iddeċidiet li tissospendi l-applikazzjoni tar-restrizzjonijiet tal-Artikolu 96 (Ftehim ta' Cotonou) fuq il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u nediet it-tħejjijiet għal Dokument ta' Strateġija għall-Pajjiż fil-qafas tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp li jmiss. Dan ser jippermetti lill-UE biex taħdem direttament ma' u permezz tal-Gvern taż-Żimbabwe. F'Lulju l-UE enfasizzat ukoll il-volontà tagħha li taġġusta aktar il-politika tagħha dwar miżuri hekk kif isir progress mill-partiti politiċi fil-pjan direzzjonali tal-SADC. F'dan ir-rigward referendum kostituzzjonali paċifiku u kredibbli jkun jirrappreżenta objettiv importanti fit-tħejjija ta' elezzjonijiet demokratiċi li jkunu jiġġustifikaw sospensjoni tal-maġġoranza tal-miżuri restrittivi mmirati kollha tal-UE kontra individwi u entitajiet. Fir-rigward tal-Proċess ta' Kimberly (KP) l-UE mill-ġdid kellha rwol ta' tmexxija fil-ħolqien ta' kunsens dwar il-pass li jmiss fir-rigward tal-artijiet tad-djamanti ta' Marange fiż-Żimbabwe. Id-deċiżjoni li ttieħdet fil-Plenarja ta' Washington tal-KP f'Novembru biex jitneħħew il-miżuri speċjali ta' monitoraġġ fir-rigward taż-żona tal-minjieri ta' Marange fiż-Żimbabwe kienet pass pożittiv 'il quddiem. Din tirrikonoxxi l-progress sinifikanti li għamel iż-Żimbabwe biex itejjeb il-konformità mal-KP. L-UE tapprezza l-kontribut tar-rappreżentanti tal-Koalizzjoni tas-Soċjetà Ċivili u tilqa' r-rieda taż-Żimbabwe li ssostni l-isforzi dwar il-konformità tal-KP biex issaħħaħ it-trasparenza tal-introjtu.

**6.5.5.** Il-President Barroso żar b'mod uffiċjali l-**Możambik** f'Lulju 2012 biex isaħħaħ ir-relazzjonijiet bilaterali, jiddiskuti l-futur tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Możambik u l-kwistjonijiet multilaterali, b'mod partikolari l-kooperazzjoni mal-Komunità tal-pajjiżi fejn hu mitkellem il-Portugiż (CPLP) u il-Pajjiżi tal-Afrika Lużofona u t-Timor Leste (PALOP-TL). Barroso ltaqa' mal-President tal-Możambik Guebuza, mal-Ispiker tal-Parlament Macamo u mal-membri tal-gvern.

## 7. AMERIKI

### 7.1. STATI UNITI u KANADA

**7.1.1.** L-**Istati Uniti (US)** jibqgħu s-sħab strateġiku globali l-aktar importanti tal-UE. Il-kuntatti bejn ir-RGħ/VP u s-Segretarju tal-Istat Hillary Clinton kienu frekwenti u qrib xulxin matul is-sena. Ir-RGħ/VP iltaqgħet spiss ukoll mal-Konsulent dwar is-Sigurtà Nazzjonali tal-Istati Uniti Tom Donilon. Is-sena kienet ikkaratterizzata minn kooperazzjoni b'saħħitha u effettiva bejn l-UE u l-Istati Uniti fir-rigward tal-politika barranija fil-livelli kollha tas-SEAE. Kien hemm koordinazzjoni ta' assistenza mill-qrib għall-proċess ta' riforma fl-Afrika ta' Fuq u l-Lvant Nofsani, dwar is-sitwazzjoni politika u umanitarja fil-Libja, kif ukoll sanzjonijiet fir-rigward tal-Iran u s-Sirja, flimkien ma' djalogu sostantiv dwar il-perspettiva fit-tul għar-reġjun. L-Iran baqa' kwistjoni ewlenija għall-kooperazzjoni permezz tal-proċess E3+3 u sanzjonijiet rinfurzati. L-UE kienet f'kuntatt mill-qrib mal-awtoritajiet tal-Istati Uniti biex tiżgura li l-leġislazzjonijiet tagħna dwar is-sanzjonijiet rispettivi huma allinjati tajjeb kemm jista' jkun. L-UE u l-Istati Uniti estendew l-għajuna umanitarja lir-refuġjati Sirjani. Kien hemm ukoll impenn konġunt f'livell għoli fil-Balkani, b'mod partikolari bil-għan li jiġu normalizzati r-relazzjonijiet bejn il-Kosovo u s-Serbja. Fit-30-31 ta' Ottubru, ir-RGħ/VP u s-Segretarju Clinton b'mod konġunt żaru l-Bosnja u Ħerzegovina, is-Serbja u l-Kosovo f'impenn ikkoordinat tajjeb fir-reġjun. Permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-Grupp ta' Informazzjoni u ta' Koordinazzjoni tas-Sħubija tal-Lvant kif ukoll fil-Laqgħat tad-Donaturi dwar il-Bjelorussja, l-Istati Uniti appoġġaw il-politika tal-UE dwar il-promozzjoni ta' riformi demokratiċi u tas-suq fil-viċinat tal-Lvant tal-UE. L-UE u l-Istati Uniti kkooperaw mill-qrib dwar l-Ukraina, il-Bjelorussja u l-Ġeorġja qabel u wara l-elezzjonijiet parlamentari f'dawn il-pajjiżi[70]. Kien hemm programm sħiħ ta' laqgħat ta' djalogu politiku fil-livelli kollha. L-hekk imsejjaħ "ibbilanċjar mill-ġdid" tal-Istati Uniti lejn l-Asja fetaħ opportunitajiet għal ħidma konġunta fir-reġjun, b'mod partikolari fin-Nofsinhar, ix-Xlokk u t-Tramuntana tal-Asja. Il-qasam tal-iżvilupp kien ikkaratterizzat minn djalogu sostantiv u kooperazzjoni, fejn l-UE u l-Istati Uniti ffukaw fuq ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-ikel, il-futur tal-Miri ta' Żvilupp tal-Millennju, kif ukoll dwar ir-rabtiet bejn is-sigurtà u l-iżvilupp. Minħabba l-isfida kondiviża biex jinstabu sorsi ġodda ta' tkabbir u impjiegi, l-UE u l-Istati Uniti komplew ifittxu opportunitajiet biex isawru relazzjoni ekonomika aktar mill-qrib[71]. Fir-rapport interim tiegħu, maħruġ fid-19 ta' Ġunju, il-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli

---

[70] Pereżempju l-op-ed konġunt tar-RGħ/VP u s-Segretarju Clinton dwar l-Ukraina ppubblikat fl-24 ta' Ottubru f'*The New York Times.*

[71] Fit-23 ta' Ottubru 2012, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi mal-Istati Uniti (P7_TA(2012)0388).

dwar l-Impjiegi u t-Tkabbir għaraf li ftehim ta' investiment u ta' kummerċ transatlantiku komprensiv huwa l-istrument li għandu l-akbar potenzjal għall-appoġġ tal-impjiegi u l-promozzjoni tat-tkabbir u l-kompetittività fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku. Is-sigurtà tal-enerġija permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u r-rotot tal-provvista tal-gass u taż-żejt kienet is-suġġett tal-laqgħat tal-Kunsill tal-Enerġija UE-Stati Uniti fil-5 ta' Diċembru fi Brussell. Id-diskussjoni ffukat ukoll fuq it-twettiq tad-dekarbonizzazzjoni u ż-żieda tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. L-UE u l-Istati Uniti kkooperaw b'mod effettiv fil-qasam tal-immaniġġar ta' kriżijiet, peress li l-Istati Uniti huma involuti direttament fl-operazzjoni tal-immaniġġar ta' kriżijiet tal-PSDK fil-Kosovo (EULEX) u appoġġaw l-isforzi tal-UE fil-Saħel u l-Qarn tal-Afrika. Għandu wkoll jittieħed kont tal-kollaborazzjoni eċċellenti bejn il-forzi navali fl-Oċean Indjan (Combined Task Force 151 u Atalanta). Fil-kontribut tagħhom għar-rieżami tas-sħubiji tal-PSDK tas-SEAE, l-Istati Uniti indikaw ix-xewqa li jaraw relazzjonijiet imsaħħa bejn l-UE u n-NATO. Kien hemm ukoll kooperazzjoni tajba fil-qasam tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà. Sar progress ulterjuri dwar in-negozjati ta' ftehim ta' "umbrella" tal-protezzjoni tad-data fil-qasam tal-infurzar tal-liġi, rikonoxxut minn dikjarazzjoni ministerjali konġunta tal-UE-Stati Uniti maħruġa fil-21 ta' Ġunju. Fl-1 ta' Lulju, daħal fis-seħħ il-ftehim il-ġdid UE-Stati Uniti dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri. It-tnedija konġunta f'livell ministerjali ta' Allejanza Globali kontra l-Abbuż Sesswali tat-Tfal Online fil-5 ta' Diċembru kienet prova tal-impenn kondiviż biex tiġi miġġielda ċ-ċiberkriminalità.

**7.1.2.** Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-**Kanada** fl-2012 kienu ddominati minn sett ta' negozjati ta' profil għoli, b'mod partikolari fir-rigward tat-titjib tal-Ftehim ta' Qafas tal-1976, li ż-żewġ naħat jixtiequ jlestu fl-2013, kif ukoll dwar Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv. Il-Ftehim il-ġdid ta' Sħubija Strateġika ser jirrikonoxxi, fi strument legalment vinkolanti, id-djalogi politiċi, l-impenji komuni u l-valuri kondiviżi fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, in-nonproliferazzjoni, il-promozzjoni tal-QKI u l-ġlieda kontra t-terroriżmu. Huwa ser jinkludi wkoll kooperazzjoni eżistenti fi kwistjonijiet ta' paċi u sigurtà internazzjonali. Ser jinkwadra wkoll il-kooperazzjoni eżistenti fi kwistjonijiet ta' paċi u sigurtà internazzjonali. Sar ukoll progress sostanzjali ħafna dwar in-negozjati ta' ftehim ġdid dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri, li l-konklużjoni tiegħu hi mistennija fl-2013. Fl-2012, l-UE żammet programm sħiħ ta' djalogu politiku mal-Kanada. Ir-RGħ/VP laqgħet lill-Ministru tal-Affarijiet Barranin John Baird fi Brussell fit-18 ta' April. Il-Kanada kompliet tagħti l-kontribut fil-missjonijiet tal-UE PSDK fl-Afganistan u fit-Territorji Palestinjani. Kien hemm kooperazzjoni b'saħħitha dwar kwistjonijiet bħas-sanzjonijiet kontra l-Iran u s-Sirja.

## 7.2. AMERIKA LATINA u L-KARIBEW

## MULTILATERALI

### 7.2.1. RELAZZJONIJIET BIREĠJONALI (LAC)

Ir-**relazzjonijiet mal-Amerika Latina u l-Karibew** komplew jissaħħu fl-2012. Sar aktar progress fl-implimentazzjoni tar-riżultati tas-Summit ta' Madrid tal-2010: il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Amerika Ċentrali u l-Ftehim ta' Kummerċ mal-Kolombja u l-Perù ġew iffirmati[72]. Il-Fondazzjoni UE-ALK hija issa operazzjonali u qed timplimenta attivitajiet f'konformità mal-pjan ta' ħidma tagħha. Il-Faċilità ta' Investiment tal-Amerika Latina kompliet tagħti prova li hija strument partikolarment effettiv għall-appoġġ tal-investiment fir-reġjun, u strument simili, Il-Faċilità ta' Investiment tal-Karibew (CIF), tnieda għall-Karibew. Kompliet l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Madrid. Madankollu, in-negozjati UE-Mercosur għal Ftehim ta' Assoċjazzjoni battew matul l-2012. Qed isiru sforzi biex jissaħħu mill-ġdid.

Komplew it-tħejjijiet għas-**Summit ta' Santiago** tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern tal-UE u tal-ALK[73].

---

[72] Fit-13 ta' Ġunju 2012, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-ftehim kummerċjali tal-UE mal-Kolombja u l-Perù (P7_TA(2012)0249) u fil-11 ta' Diċembru riżoluzzjoni dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra (P7_TA(2012)0478). Barra minn hekk, fit-12 ta' Ġunju 2012 il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar id-definizzjoni ta' kooperazzjoni ta' żvilupp ġdid mal-Amerika Latina (P7_TA(2012)0235), u fl-24 ta' Mejju 2012 riżoluzzjoni dwar l-irtirar possibbli tal-Venezwela mill-Kummissjoni Inter-Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (P7_TA(2012)0227).

[73] Is-Summit, li sar fis-26/27 ta' Jannar 2013, kien is-seba' summit mis-Summit inawgurali UE-ALK tal-1999, iżda l-ewwel bis-CELAC - il-Komunità ta' Stati tal-Amerika Latina u tal-Karibew - bħala kontroparti tal-UE. Kienet opportunità biex jingħata sinjal qawwi ta' impenn politiku tal-UE lill-Amerika Latina u l-Karibew; biex tiġi evidenzjata l-interdipendenza ekonomika tagħna; biex jiġi sottolinjat il-kontribut importanti li l-investimenti tal-UE qed jagħtu lill-iżvilupp ekonomiku u soċjali tar-reġjun; biex tinsaħaq l-importanza tar-reżistenza għall-protezzjoniżmu u li jinżamm qafas regolatorju trasparenti u stabbli sabiex jibqgħu jiġu mħajra tali investiment; biex tiġi promossa l-importanza tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles Multipartitiku mal-Perù u l-Kolombja mal-Amerika Ċentrali, l-Istrateġija Konġunta l-ġdida mal-Karibew u l-ħtieġa biex javvanzaw in-negozjati mal-Mercosur; biex tiġi appoġġata l-integrazzjoni reġjonali fil-kontinent tal-Amerika Latina; biex isir qbil dwar Dikjarazzjoni konġunta estensiva u dwar iż-żieda ta' żewġ setturi ġodda (il-ġeneru u l-investiment) mal-Pjan ta' Azzjoni UE-CELAC filwaqt li jiġu esplorati, matul ir-reviżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-CELAC, l-inkorporazzjoni possibbli tal-kapitoli addizzjonali li jkopru oqsma ta' interess bireġjonali, bħall-Edukazzjoni Għolja, is-Sigurtà Pubblika, u s-Sigurtà tal-Ikel u n-Nutrizzjoni.

Id-**djalogi strutturati UE–ALK dwar il-migrazzjoni u drogi** komplew permezz ta' laqgħat ta' livell għoli u tekniċi.

Saru żewġ ċikli ta' negozjati għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni **UE-Mercosur**, wieħed fi Brussell u wieħed fi Brasilia, li wasslu għal progress inkrementali. Wara ċ-ċiklu ta' Brasilia, iż-żewġ partijiet qablu li jiddiskutu l-kwistjoni f'livell politiku matul is-Summit UE-CELAC ta' Santiago f'Jannar 2013.

F'kuntest ta' vjolenza dejjem tiżdied, is-sigurtà u l-ġustizzja kienu l-prijoritajiet ewlenin tad-djalogu politiku u l-kooperazzjoni tal-UE mal-pajjiżi tal-**Amerika Ċentrali** matul l-2012, kemm fil-livell bilaterali kif ukoll f'dak reġjonali. L-UE għamlet użu minn strumenti ta' kooperazzjoni differenti biex tindirizza din il-problema, b'appoġġ tar-riformi fl-oqsma tas-sigurtà, il-ġustizzja u d-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll politiki dwar il-prevenzjoni soċjali tal-vjolenza, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ. Barra minn hekk, l-UE kkontribwiet fil-qlieda kontra l-akkumulazzjoni illeċita u t-traffikar ta' armi tan-nar fl-Amerika Ċentrali u fil-pajjiżi ġirien.

It-twettiq u t-tisħiħ tad-djalogu politiku mar-reġjun tal-Karibew baqgħu prijorità, u d-djalogu politiku bejn l-UE u l-Forum tal-Grupp tal-Karibew tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (CARIFORUM) seħħ fl-2012.

L-istrateġija tas-Sħubija konġunta Karibew-UE li għaliha ġie miftiehem il-kontorn waqt is-Summit UE-CARIFORUM fl-2010 ġiet iffinalizzata u adottata mill-CARIFORUM u l-Istati Membri tal-UE f'Novembru 2012. L-istrateġija tenfasizza l-importanza li l-UE u r-reġjun tal-Karibew jingħaqdu fix-xena internazzjonali dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku. Is-sigurtà hija waħda mill-oqsma ewlenin ta' interess komuni u programm ta' settur tas-sigurtà bil-għan li tinbena l-fiduċja fl-organizzazzjonijiet tas-sigurtà reġjonali u l-prevenzjoni tal-kriminalità ġiet imnedija, iffinanzjata mill-programm reġjonali bl-ammont ta' EUR 10 miljun.

**7.2.2. ASSEMBLEA PARLAMENTARI EWRO-LATINA AMERIKANA (EuroLat)** kompliet tipprovdi kontribut sinifikanti fid-definizzjoni ta' politika bireġjonali u segwiet mill-qrib l-iżviluppi fl-Amerika Latina u fl-UE. Matul l-2012 saru laqgħat tal-Uffiċċju Eżekuttiv u l-Kumitati dwar affarijiet politiċi, ekonomiċi u soċjali. Dawn il-laqgħat ippermettew djalogu mill-qrib dwar kwistjonijiet ewlenin għas-sħubija strateġika UE-ALK inkluż l-ekonomija globali, il-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles/Assoċjazzjoni, il-migrazzjoni u kwistjonijiet relatati mas-sigurtà. Huma għenu wkoll fit-tħejjijiet għas-Sitt Assemblea Plenarja EuroLat, li saret fit-23/25 ta' Jannar 2013 f'Santiago de Chile.

**BILATERALI**

**7.2.3. BRAŻIL**[74]. Fl-2012, id-Djalogu Politiku ta' Livell Għoli intensifika b'mod sinifikanti b'żewġ laqgħat Ministerjali, waħda fil-Brażil matul iż-żjara tar-RGħ/VP fis-6-7 ta' Frar 2012, u waħda fi New York fil-25 ta' Settembru 2012 fil-marġini tal-AĠNU. Matul is-sena, il-President tal-Kummissjoni Ewropea Jose Manuel Barroso u seba' Kummissarji Ewropej żaru l-Brażil. Id-djalogu politiku fil-livell ta' Diretturi Politiċi sar f'Diċembru għall-ewwel darba fi Brasilia u pprovda opportunità ulterjuri biex jiġi approfondit id-djalogu dwar il-politika estera u ta' sigurtà. Komplew il-konsultazzjonijiet regolari dwar id-drittijiet tal-bniedem u taw riżultati konkreti bħall-ftehim biex jissaħħu l-koordinazzjoni u l-ħidma konġunta fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-impenn biex jiġu implimentati azzjonijiet ta' kooperazzjoni triangolari bil-għan li jingħata appoġġ għall-implimentazzjoni minn pajjiżi terzi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Eżami Perjodiku Universali. L-UE u l-Brażil komplew il-ħidma b'mod konġunt dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt 2012-2014. In-numru ta' djalogi li għaddejjin, bil-ftuħ ta' oqsma ġodda bħal kwistjonijiet ġenerali tan-NU u dwar id-Drogi taħt l-intestatura Paċi u Sigurtà - laħaq 30. F'Settembru, id-Direttur tad-Direttorat tal-Maniġġar tal-Kriżijiet u l-Ippjanar ipparteċipa fid-IX Konferenza ta' Forte de Copacabana dwar is-Sigurtà Internazzjonali li saret f'Rio. Huwa ltaqa' wkoll ma' uffiċjali ta' grad għoli biex jistabbilixxi djalogu aktar regolari dwar is-sigurtà, id-difiża u l-maniġġar ta' kriżi, u biex ikompli n-negozjati bil-ħsieb tal-konklużjoni ta' Ftehim Qafas ta' Parteċipazzjoni biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni futura tal-Brażil f'operazzjonijiet ta' maniġġar tal-kriżi immexxija mill-UE.

74 Is-Summit annwali ma sarx fl-2012 minħabba aġendi konfliġġenti tal-Presidenti, u ġie pospost għal Jannar 2013, b'mod parallel mas-Summit UE-CELAC f'Santiago. Is-Summit 2013 ser jinżamm u huwa indikat b'mod proviżorju għal Ottubru.

**7.2.4. MESSIKU**. L-ewwel żjara uffiċjali tar-RGħ/VP fil-Messiku fi Frar 2012, flimkien mal-Kunsill Konġunt UE-Messiku, stabbilixxew il-bażi għal tisħiħ ulterjuri tar-relazzjonijiet ma' dan is-sieħeb strateġiku li għandu l-istess fehmiet. L-2012 rat żieda fil-koordinazzjoni UE-Messiku għall-promozzjoni ta' pożizzjonijiet kondiviżi dwar kwistjonijiet bħat-tibdil fil-klima u l-liberalizzazzjoni ekonomika, partikolarment fil-kuntest tal-G20. Fis-Summit UE-Messiku fis-17 ta' Ġunju f'Los Cabos, il-Presidenti Van Rompuy, Barroso u Calderon iddiskutew is-sigurtà, kwistjonijiet multilaterali, partikolarment il-kriżi ekonomika, u r-rieżami possibbli tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika, tal-Koordinazzjoni u l-Kooperazzjoni Politika. It-tielet sessjoni tad-djalogu bilaterali ta' livell għoli dwar id-drittijiet tal-bniedem saret f'Ottubru 2012, b'attenzjoni partikolari fuq l-isforzi tal-Messiku fl-indirizzar tal-isfidi interni tiegħu u r-riformi li saru mill-gvern federali f'konformità mal-obbligi internazzjonali tiegħu. Id-djalogu kien ippresedut min-naħa tal-UE mir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, Stavros Lambrinidis.

**7.2.5. VENEŻWELA**. L-Elezzjonijiet Ġenerali seħħew fis-7 ta' Ottubru b'mod paċifiku u l-President fil-kariga Hugo Chavez rebaħ il-konkors fuq l-isfidant Henrique Capriles b'marġni wiesa'. L-UE ma ġietx mistiedna biex tuża l-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali.

**7.2.6. PARAGWAY**. Fit-22 ta' Ġunju, il-Kungress Paragwajan, wara proċess ta' denunzja, neħħa lill-President Fernando Lugo. Il-Viċi President Franco Federico ħa l-ġurament bħala President. Dan ħoloq tensjoni fil-livell reġjonali u s-sħubiji tal-Paragwaj fil-UNASUR u l-MERCOSUR ġew sospiżi. F'Diċembru 2012, wara talba tal-Gvern Paragwajan, ir-RGħ/VP ddeċidiet li tibgħat Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali għall-Elezzjonijiet Ġenerali skedati għal April 2013.

**7.2.7. KUBA**. Wara diskussjoni dwar il-futur tar-relazzjonijiet bejn l-UE-Kuba fil-FAC tad-19 ta' Novembru 2012, ir-RGħ/VP ikkonkludiet li hija tagħti struzzjonijiet għal servizzi biex jinbeda abbozzar ta' direttivi ta' negozjati bil-ħsieb ta' Djalogu Politiku eventwali futur u Ftehim ta' Koperazzjoni bejn l-UE u Kuba.. Kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem tqajmu mill-awtoritajiet Kubani fil-livelli kollha kemm fi Brussell kif ukoll f'Ħavana.

**7.2.8. ĦAITI**. Fl-2012, l-UE kompliet twettaq il-wegħda tagħha li tappoġġa r-rikostruzzjoni u l-irkupru ekonomiku ta' Ħaiti. Madwar 85% tal-EUR 522 miljun imwiegħda f'Marzu 2010 fil-konferenza tad-donaturi ta' New York ġew assenjati. Il-ħatra f'Mejju 2012 tal-Prim Ministru Laurent Lamothe u l-istabbiliment ta' Gvern ġdid indikaw stabbilizzazzjoni relattiva tas-sitwazzjoni politika. L-UE tappoġġa l-programm ta' riformi politiċi u amministrattivi mnedija mill-President Martelly li huma mmirati lejn il-konsolidazzjoni ta' mekkaniżmi demokratiċi, il-bini mill-ġdid tal-kapaċitajiet amministrattivi ta' Ħaiti u użu aktar effettiv tal-għajnuna internazzjonali u tal-UE. Iż-żjara tal-Kummissarju Piebalgs f'Ħaiti f'Marzu 2012 u dik tal-President Martelly fl-Istituzzjonijiet tal-UE f'Novembru 2012 jistabbilixxu djalogu mġedded u msaħħaħ kemm fil-qasam tal-kooperazzjoni kif ukoll f'dak politiku. Fid-dibattitu tal-KSNU ta' Ottubru 2012 dwar is-sitwazzjoni tas-sigurtà f'Ħaiti, l-UE laqgħet ir-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar il-MINUSTAH, li jipprevedi, fost l-oħrajn, trasferiment gradwali tal-kompetenzi tal-MINUSTAH lill-awtoritajiet ta' Ħaiti, inkwadrat fi proċess ta' konsolidazzjoni tal-istabbiltà demokratika u s-sigurtà.

**7.2.9. SURINAM**. Fl-2012, tnieda d-djalogu politiku, meħtieġ skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou, li jkopri serje ta' kwistjonijiet li jinkludu d-drittijiet tal-bniedem, il-kriżi ekonomika, u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

**7.2.10. PAJJIŻI ANDINI**. Fil-**Kolumbja**, taħdidiet formali għall-paċi li ġew imnedija f'Ottubru bejn il-Gvern u l-FARC qed joffru l-aħjar prospetti fi snin sabiex jintemm il-konflitt tal-pajjiż li ilu għaddej ħamsin sena. L-UE qiegħda tappoġġa l-proċess ta' paċi politikament (dikjarazzjonijiet tar-RGħ/VP f'Awwissu u f'Settembru). Hija esprimiet ukoll li tinsab lesta li tassisti fl-implimentazzjoni ta' ftehim ta' paċi possibbli. Il-paċi tgħin mhux biss lill-Kolumbja biex tirrealizza l-potenzjal ta' żvilupp tagħha iżda twassal ukoll għal sigurtà u stabbiltà fir-reġjun. F'Diċembru, ir-RGħ/VP ħarġet dikjarazzjoni li tesprimi tħassib dwar l-estensjoni tal-ġurisdizzjoni kriminali militari fil-Kolumbja. Il-ftehim kummerċjali multipartitiku mal-Kolumbja u l-**Perù** mistenni jkollu impatti pożittivi fuq is-sigurtà. Huwa ser jiġġenera opportunitajiet ġodda għall-iżvilupp sostenibbli, u jikkontribwixxi fl-isforzi tal-gvernijiet biex itejbu l-koeżjoni soċjali u l-ġlieda kontra attivitajiet illegali fil-minjieri jew fit-traffikar tad-droga: tħassib kbir ta' sigurtà fir-reġjun. Il-progress lejn l-adozzjoni tal-ftehim (iffirmat f'Ġunju, approvat mill-Parlament Ewropew f'Diċembru) ta impetu ġdid lir-relazzjoni maż-żewġ pajjiżi. Il-President Peruvjan Humala żar l-istituzzjonijiet tal-UE għall-ewwel darba f'Ġunju. Il-konflitti soċjali fis-settur tal-minjieri intensifikaw fil-Perù u l-**Bolivja**, u l-isfidi relatati mal-ġestjoni tar-riżorsi naturali saru punt ewlieni fuq l-aġenda tad-djalogi politiċi mal-pajjiżi Andini. Fil-Bolivja, l-UE qed tappoġġa l-adozzjoni ta' liġi ġdida dwar il-konsultazzjoni. Fil-fruntiera tat-Tramuntana tal-**Ekwador** l-UE qed tikkontribwixxi għal azzjonijiet dwar il-prevenzjoni ta' kriżijiet u l-ġestjoni tal-konflitt kif ukoll il-ħarsien tad-drittijiet ta' persuni vulnerabbli. Iż-żjara tal-President Pinera taċ-**Ċilì** f'Novembru kienet opportunità biex timmarka għaxar snin ta' implimentazzjoni b'suċċess tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u biex jiġu diskussi l-possibbiltajiet li jiġu approfonditi aktar ir-relazzjonijiet f'oqsma bħall-maniġġar ta' kriżijiet u t-tibdil fil-klima. Il-Ċilì ssuktat il-parteċipazzjoni tiegħu fil-EUFOR ALTHEA. Sar progress fin-negozjar ta' ftehim qafas bil-għan li tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni taċ-Ċilì f'operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżi tal-UE ("Ftehim Qafas ta' Parteċipazzjoni"). Fl-aħħar nett, l-UE kompliet tikkoopera mill-qrib fil-ġlieda kontra d-drogi u n-narkotraffikar mar-reġjun Andin, billi organizzat laqgħat ta' djalogu ta' politika speċifiċi mal-**Komunità Andina** kif ukoll mal-Bolivja u l-Perù (Novembru) u appoġġat l-implimentazzjoni ta' politiki kontra d-drogi permezz tal-programmi ta' kooperazzjoni tagħha.

## B. INDIRIZZAR TAT-THEDDID U TAL-ISFIDI GLOBALI

### 1. NONPROLIFERAZZJONI TAL-ARMI TA' QERDA MASSIVA (AQM) U L-MEZZI TA' KONSENJA TAGĦHOM / ARMI KONVENZJONALI

In-nonproliferazzjoni u d-diżarm komplew ikunu parti integrali mill-politika barranija tal-UE fl-2012 u kkontribew għall-implimentazzjoni effettiva tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà[75].

Permezz tal-użu tal-opportunitajiet ġodda previsti mit-Trattat ta' Lisbona, saru sforzi biex tissaħħaħ ulterjorment il-koordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-UE kif ukoll bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri, u ma' pajjiżi terzi u sħab internazzjonali. Ingħatat prijorità biex jingħaqdu flimkien l-istrumenti u l-għodod kollha disponibbli għall-UE biex tiġi żgurata l-komplementarjetà u l-konsistenza. B'mod speċifiku, l-UE kompliet tappoġġa l-adeżjoni universali għat-trattati u l-istrumenti internazzjonali rilevanti kif ukoll l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom. L-UE kompliet ukoll tippromwovi l-inklużjoni ta' klawżoli dwar in-nonproliferazzjoni tal-AQM, kif ukoll l-armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) fi ftehimiet bejn l-UE u stati terzi. Fl-2012, saru negozjati dwar il-ftehimiet li jinkludu l-klawżoli dwar l-AQM u l-SALW mal-Afganistan, l-Armenja, l-Awstralja, l-Azerbajġan, il-Brunej, il-Kanada, il-Ġeorġja, il-Kazakistan, il-Malasja, in-New Zealand, Singapor u l-MERCOSUR.

75 L-impenn tal-UE fl-ispettru kollu tal-attivitajiet f'dan il-qasam kien ibbażat fuq ġabra ta' dokumenti strateġiċi: L-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà tal-2003; l-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (AQM) tal-2003 u l-Linji ta' Azzjoni Ġodda fil-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-AQM u s-sistemi ta' konsenja tagħhom tal-2008; l-Istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SALW) tal-2005 u l-Pożizzjoni Komuni dwar l-esportazzjonijiet ta' armi konvenzjonali tal-2008.

## 1.1. NONPROLIFERAZZJONI TAL-AQM

**1.1.1. Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni (TNP)** Fl-2012, l-UE ffokat l-isforzi tagħha fuq l-insegwiment attiv tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni adottat mill-Konferenza għar-Reviżjoni tat-TNP tal-2010, u ppreżentat rapport lill-Kumitat Preparatorju tat-TNP (Vjenna, 30 ta' April – 11 ta' Mejju 2012) dwar l-attivitajiet imwettqa f'dak ir-rigward. Ingħataw erba' dikjarazzjonijiet tal-UE, kif ġej: dikjarazzjoni ġenerali u tliet dikjarazzjonijiet speċifiċi ffokati fuq it-tliet pilastri tat-TNP: in-nonproliferazzjoni, id-diżarm u l-użijiet paċifiċi tal-enerġija nukleari. Ġew ippreżentati żewġ dokumenti ta' ħidma tal-UE: wieħed rigward l-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Konferenza ta' Rieżami tat-TNP tal-2010 għal azzjonijiet ta' segwitu, u wieħed dwar l-użijiet paċifiċi tat-teknoloġija nukleari. Permezz tal-Konsorzju tal-Gruppi ta' Riflessjoni tal-UE għan-Nonproliferazzjoni ffinanzjat mill-PSDK, f'Novembru 2012 hija organizzat it-tieni Seminar "Track 2"li kien ta' suċċess dwar iż-żona ħielsa mill-ADM fil-Lvant Nofsani[76], li laqqa' flimkien madwar 140 parteċipant mill-UE, pajjiżi tar-reġjun, pajjiżi terzi kif ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, biex jikkontribwixxu għall-proċess li jwassal għall-Konferenza "Helsinki" li ser tiġi titlaqqa' mis-Segretarju Ġenerali tan-NU, il-Federazzjoni Russa, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti.

L-isforzi li saru mill-UE rigward l-Iran u r-RDPK huma deskritti fil-kapitolu rispettiv tat-Taqsima A ta' dan ir-rapport.

[76] (Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/422/PESK tat-23 ta’ Lulju 2012).

**1.1.2. Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBT)** L-UE kompliet tippromwovi d-dħul fis-seħħ tas-CTBT u tappoġġa ulterjorment l-attivitajiet tal-Kummissjoni ta' Tħejjija tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO). Fit-13 ta' Novembru 2012[77] ġiet adottata Deċiżjoni tal-Kunsill ġdida biex jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju addizzjonali permezz tal-baġit tal-PESK ta' madwar EUR 5,2 miljun għas-CTBTO, bil-għan li jissaħħu l-monitoraġġ u l-kapaċitajiet ta' verifika tal-Kummissjoni ta' Tħejjija. L-appoġġ finanzjarju kien ikkumplementat u mirfud minn azzjoni diplomatika intensifikata[78]. Ingħatat dikjarazzjoni tal-UE fis-Sitt Laqgħa Ministerjali Informali b'appoġġ tas-CTBT (New York, 27 ta' Settembru 2012).

**1.1.3. Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA)** L-UE kompliet ukoll tagħti appoġġ lill-IAEA fi Vjenna permezz ta' diversi strumenti[79]. Fl-2012, hija pprovdiet appoġġ finanzjarju addizzjonali lill-proġett tal-IAEA ta' Bank tal-Uranju Arrikkit Ftit b'EUR 20 miljun permezz tal-Istrument għall-Istabbiltà (IfS), u ħabbret li tinsab lesta tkompli tappoġġa dan il-proġett li qiegħed jitħejja permezz tal-Baġit tal-PSDK. L-UE kkontribwixxiet ukoll ammont addizzjonali ta' EUR 5 miljun għall-modernizzazzjoni tal-Laboratorju tas-Salvagwardji tal-IAEA f'Seibersdorf (l-Awstrija). L-għan primarju tal-appoġġ ipprovdut lill-IAEA huwa li jiġi żgurat li meta jsiru attivitajiet nukleari minn pajjiżi terzi, jintlaħqu l-ogħla standards ta' sikurezza, sigurtà u salvagwardji nukleari. Għalhekk, l-UE u l-Istati Membri tagħha jikkontribwixxu wkoll għall-attivitajiet ta' "użi paċifiċi" fl-oqsma tal-enerġija u nonenerġija, parzjalment permezz tal-IAEA, b'madwar EUR 150 miljun kull sena. Inżammet ukoll kooperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u l-IAEA dwar il-kwistjoni nukleari Iranjana.

---

77 2012/699/PESK.

78 Djalogi politiċi, demarches, dikjarazzjonijiet li saru fil-laqgħa informali tal-Plenarja tal-AĠNU b'ċelebrazzjoni tal-Jum Internazzjonali kontra t-Testijiet Nukleari u fil-laqgħa Ministerjali organizzata mill-"Ħbieb tas-CTBT" u l-Koordinaturi tal-Artikolu XIV f'Settembru 2011 fi New York.

79 L-UE tibqa' donatur ewlieni għall-Fond għas-Sigurtà Nukleari tal-IAEA għall-benefiċċju ta' aktar minn 80 pajjiż fl-Afrika, il-Lvant Nofsani, l-Amerika Latina u l-Asja, b'kontribut ta' aktar minn EUR 30 miljun mill-2004 'l hawn.

**1.1.4.** L-UE kompliet issegwi l-universalizzazzjoni tal-**Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi** (CWC) u biex tippromwovi attivitajiet ġodda b'appoġġ għal proġetti speċifiċi. Fit-23 ta' Marzu 2012 ġiet adottata Deċiżjoni tal-Kunsill tal-UE ġdida b'appoġġ għall-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW). L-UE bdiet taħdem lejn pożizzjoni komuni fid-dawl tal-Tielet Konferenza ta' Rieżami CWC skedata għal April 2013, filwaqt li tenfasizza l-ħtieġa għal qerda kompleta tal-armi kimiċi kollha malajr kemm jista' jkun, l-implimentazzjoni nazzjonali effettiva u l-universalizzazzjoni totali tas-CWC u tesprimi tħassib kbir dwar it-theddida għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali mill-armi kimiċi fis-Sirja.

**1.1.5.** Wara s-Seba' Konferenza ta' Rieżami tal-**Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi** (BTWC) li saret f'Ġinevra mill-5 sat-22 ta' Diċembru 2011, u abbażi ta' Pożizzjoni Komuni formali adottata mill-Kunsill fit-18 ta' Lulju 2011, l-UE impenjat ruħha attivament fil-programm intersessjonali 2012-2015 billi ppreżentat dikjarazzjonijiet tal-UE u dokumenti ta' ħidma dwar l-Assistenza u l-Kooperazzjoni (Artikolu X), u dwar miżuri biex jitnaqqsu r-riskji li jirriżultaw mill-avvanzi xjentifiċi u teknoloġiċi. L-UE adottat ukoll Deċiżjoni tal-Kunsill ġdida b'appoġġ għall-BTWC fit-23 ta' Lulju 2012 u kompliet timpenja ruħha attivament fl-appoġġ ta' titjib fil-bijosikurezza u bijosigurtà.

**1.1.6.** **Kontroll fuq l-esportazzjoni** Fir-rigward tal-proċessi ta' kontroll fuq l-esportazzjoni, fl-2012 l-UE kompliet tappoġġa l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1540, 1673 u 1810 permezz ta' Azzjoni Konġunta tal-Kunsill tal-2008 bl-għan li ssaħħaħ il-ħiliet u l-kapaċitajiet tal-uffiċjali tal-istat ta' pajjiżi terzi. Matul dawn l-aħħar 5 snin il-programm ta' sensibilizzazzjoni tal-UE għall-Kontroll fuq l-Esportazzjoni ta' Armi b'Użu Doppju, iffinanzjat taħt l-istrument fit-tul IfS, ippromwova attivitajiet ta' kontroll fuq l-esportazzjoni fi 28 pajjiż b'kontribuzzjoni ta' EUR 17-il miljun bil-mira ċara li titnaqqas il-firxa ta' AQM.

**1.1.7.** Biex jiġi żgurat li titkompla l-ħidma skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2008 b'appoġġ għall-**Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja (HCoC) kontra l-Proliferazzjoni ta' Missili Ballistiċi**, il-Kunsill qabel dwar Deċiżjoni ġdida b'appoġġ għall-HCoC (essenzjalment sensibilizzazzjoni tal-istati mhux parteċipanti) u l-ġlieda usa' kontra l-proliferazzjoni tal-missili. Abbażi ta' din id-deċiżjoni, l-UE organizzat avveniment ta' sensibilizzazzjoni għall-Istati firmatarji u mhux firmatarji f'New York, fil-marġini tal-Ewwel Kumitat tal-AĠNU fis-17 ta' Ottubru 2012[80].

**1.1.8.** Taħt l-Istrument għall-Istabbiltà, fil-komponent tiegħu tal-mitigazzjoni tar-riskju tas-CBRN (kimiku, bijoloġiku, radjoloġiku u nukleari) il-ħolqien ta' **Ċentri ta' Eċċellenza tas-CBRN** f'reġjuni fil-mira għamel progress tajjeb u l-ewwel Ċentri qegħdin jiġu stabbiliti fi: 1. Afrika ta' Fuq (Alġeri), 2. Atlantique Façade (Rabat), 3. Lvant Nofsani (Amman), 4. Ix-Xlokk tal-Ewropa – il-Kawkażu tan-Nofsinhar – ir-Repubblika tal-Moldova – l-Ukraina (Tbilisi), 5. Ix-Xlokk tal-Asja (Manila), 6. L-Afrika Sub-Saħarjana (Najrobi), 7. L-Asja Ċentrali (Tashkent) u 8. Il-Pajjiżi tal-Kunsill ta’ Kooperazzjoni tal-Golf bdew il-ħidma tagħhom. Il-mandat tagħhom huwa li jsaħħu l-kooperazzjoni reġjonali u internazzjonali fir-rigward tar-riskji kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari indipendentement mill-oriġini tagħhom[81].

**1.1.9.** L-UE kompliet il-ħidma tagħha dwar abbozz ta' Kodiċi ta' Kondotta Internazzjonali li jtejjeb il-bini tal-fiduċja u t-trasparenza fl-**attivitajiet fl-ispazju extra-atmosferiku**, permezz ta' konsultazzjonijiet intensifikati ma' pajjiżi terzi.

---

[80] L-UE kienet bdiet ukoll tippjana l-organizzazzjoni ta' avvenimenti li seħħew kmieni fl-2013 bħal kommemorazzjoni fi Vjenna tal-10 anniversarju tal-iffirmar tal-HCoC.

[81] Il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU reċentement laqa' l-istabbiliment ta' dawn iċ-Ċentri (Dikjarazzjoni Presidenzjali tal-KSNU tad-19 ta' April 2012).

### 1.2. ARMI KONVENZJONALI

**1.2.1. Kontroll fuq l-esportazzjoni** Il-politika tal-Istati Membri għall-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi konvenzjonali kompliet titmexxa mill-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' Diċembru 2008, li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontoll tal-esportazzjoni ta' teknoloġija u tagħmir militari. Matul l-2012 il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni ta' armi konvenzjonali (COARM) wettaq analiżi tal-Pożizzjoni Komuni. Il-valutazzjoni preliminari tal-eżami kkonfermat li l-Pożizzjoni Komuni hija adatta għall-promozzjoni tal-konverġenza tal-politiki tal-Istati Membri tal-UE dwar l-esportazzjoni tal-armi u identifikat oqsma ta' ħidma relatati mal-implimentazzjoni li ser jitwettqu fix-xhur li ġejjin. Fl-2012, il-Kunsill u s-SEAE komplew jiżviluppaw djalogu profond mal-Parlament Ewropew u mas-soċjetà ċivili rigward il-politiki dwar il-kontrolli fuq l-esportazzjoni.

Matul is-snin li għaddew, l-UE allokat riżorsi diplomatiċi u finanzjarji sinifikanti għal attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni bil-ħsieb li jiġu inkoraġġiti kontrolli fuq l-esportazzjoni ta' armi li jkunu responsabbli u trasparenti f'pajjiżi terzi. F'Novembru 2012, l-UE impenjat ruħha biex trawwen attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni bħal dawn bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/711/PESK tad-19 ta' Novembru 2012 li talloka EUR 1.86 miljun għal din il-fini fl-2013 u l-2014.
Matul l-2012, l-UE kienet involuta bis-sħiħ fin-negozjar ta' **Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (ATT)**[82] billi pparteċipat attivament fil-Kumitat ta' Tħejjija ta' Frar 2012 u l-Konferenza Diplomatika ta' Lulju 2012. L-UE kienet partikolarment attiva wkoll fit-twettiq ta' sforzi ta' sensibilizzazzjoni intensivi madwar id-dinja kollha [83].

82 Fit-13 ta' Ġunju 2012 il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar in-negozjati dwar it-Trattat tan-NU dwar il-Kummerċ tal-Armi (ATT) (P7_TA(2012)0251).

83 Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/336/PESK, b'appoġġ għall-proċess ta' negozjar tal-ATT, fl-2012 ġew organizzati tliet seminars reġjonali f'kooperazzjoni mal-UNIDIR (Istitut tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Riċerka dwar id-Diżarm) f'Najrobi, il-Kenja, għal pajjiżi Afrikani tal-Lvant u tan-Nofsinhar (Frar 2012), f'Bejrut, il-Libanu għal pajjiżi tal-Lvant Nofsani (Marzu 2012) u f'Belgrad, is-Serbja, għal pajjiżi Ewropej u tal-Kawkasu (April 2012) fil-Marokk, fi Frar 2011), fl-Ameriki u l-Karibew (fl-Urugwaj, f'April 2011), u fl-Asja tal-Lvant u l-Paċifiku (fl-Indoneżja, f'Ġunju 2011).

**1.2.2. Armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW)** Fl-2012, l-UE pparteċipat attivament fil-Konferenza ta' Rieżami tal-2012 dwar il-Programm tan-NU ta' Azzjoni għall-Prevenzjoni, il-Ġlieda kontra u l-Qerda tal-Kummerċ Illeċitu fl-SALW (PoA) u ppreżentaw Dokument ta' Ħidma b'rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-Konferenza ta' Eżami għat-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-PoA[84]. Matul in-negozjati dwar l-abbozz ta' dokument ta' eżitu tal-Konferenza, l-UE ppromwoviet, b'mod partikolari, il-ħtieġa li jittejbu aktar l-isforzi biex jingħeleb ir-riskju ta' diverżjoni ta' SALW (fost l-oħrajn permezz ta' aktar użu tas-sistema ta' ġestjoni tar-reġistrar u t-traċċar ta' armi illeċiti tal-Interpol), biex jiżdiedu l-kontrolli ta' trasferimenti fuq SALW u munizzjon, biex tiġi integrata kompletament perspettiva tal-ġeneru fl-implimentazzjoni tal-PoA, u biex operazzjonijiet ta' appoġġ għall-paċi jitħallew jikkontribwixxu b'mod effettiv fil-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu ta' SALW. L-UE kompliet tiffinanzja l-iżvilupp ta' għodod u tekniki biex jiġi miġġieled il-kummerċ illeċitu ta' SALW bl-ajru, attivitajiet tal-Uffiċċju tan-NU għall-Affarijiet tad-Diżarm biex jiġi implimentat il-PoA tan-NU, kif ukoll assistenza għall-ġestjoni tal-ħażniet, il-ġbir, ir-reġistrazzjoni u d-distruzzjoni ta' SALW u munizzjon żejda fil-Balkani tal-Punent. L-UE adottat ukoll Deċiżjoni tal-Kunsill ġdida b'appoġġ għal attivitajiet biex jitnaqqas ir-riskji tal-kummerċ illeċitu u l-akkumulazzjoni eċċessiva tas-SALW fir-reġjun tal-OSKE.

**1.2.3. Mini kontra l-persunal u munizzjonijiet dispersivi** Fl-2012, l-UE adottat Deċiżjoni tal-Kunsill b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Kartagena, li qed tappoġġa l-isforzi biex jiġu implimentati aspetti ta' assistenza għall-vittmi u ta' tneħħija ta' mini kif ukoll biex tittejjeb l-universalizzazzjoni tal-Konvenzjoni. L-UE ħadet sehem fid-diversi laqgħat tal-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Ottawa u għall-**Konvenzjoni dwar il-Munizzjonijiet Dispersivi (CCM)** matul l-2012.

[84] Id-Dokument ta' Ħidma tal-UE dwar l-Eżitu tal-Konferenza ta' Eżami tal-2012 dwar il-Programm tan-NU ta' Azzjoni ġie maqbul mill-KAB f'Lulju 2012.

## 2. PREVENZJONI TA' KONFLITTI U MEDJAZZJONI

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prevenzjoni ta' Konflitti ta' Ġunju 2011 evidenzjaw tliet oqsma speċifiċi: it-tisħiħ ta' kapaċitajiet ta' twissija bikrija u t-tnaqqis tad-differenzi b'azzjoni bikrija; it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' medjazzjoni tal-UE u għodod ta' analiżi tal-konflitt; u l-bini/intensifikazzjoni ta' sħubiji ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi u internazzjonali u istituzzjonijiet rilevanti.

Bl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet, is-servizzi tas-SEAE stinkaw biex jadottaw approċċ komprensiv, billi poġġew l-għarfien espert dwar il-prevenzjoni tal-konflitti eqreb lejn l-istrutturi tal-PSDK u billi żguraw komplementarjetà ma' strutturi tal-UE ta' rispons għall-kriżijiet u ta' maniġġar ta' kriżijiet, ma' servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, u b'ħidma mill-qrib ma' sħab, inklużi n-NU, organizzazzjonijiet reġjonali, is-soċjetà ċivili u l-akkademiċi.

F'dan il-qafas, fl-2012 twettqu l-attivitajiet li ġejjin:

- Il-provvista ta' appoġġ operazzjonali għad-delegazzjonijiet tal-UE f'madwar għoxrin pajjiż. Dan inkluda wkoll il-konsulenza dwar il-prevenzjoni tal-konflitti, il-bini tal-paċi u l-medjazzjoni; l-identifikazzjoni u l-mobilizzazzjoni ta' esperti, pereżempju, b'appoġġ għall-Kumitat ta' Tħejjija tad-Djalogu Nazzjonali tal-Jemen, u konsulenza dwar l-istabbiliment ta' Ċentru tal-Paċi tal-Mjanmar; l-analiżi tal-konflitti, pereżempju, biex jinfiehem l-impatt ta' Boko Haram fuq stabbiltà usa' fit-Tramuntana tan-Niġerja; u l-appoġġ għal kapaċità ta' medjazzjoni, pereżempju, billi jitlaqqgħu flimkien atturi ta' medjazzjoni differenti li jaħdmu dwar il-Mali.
- Aktar ħidma dwar it-tisħiħ tal-kapaċità tal-appoġġ għall-medjazzjoni tas-SEAE, iffinanzjata minn proġett pilota ffinanzjat mill-baġit tal-UE fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew. F'dan il-kuntest, ġie kkummissjonat studju minn konsulenti indipendenti biex jingħata kontribut għall-iżvilupp tal-kapaċità ta' appoġġ għall-medjazzjoni tal-UE, inkluża l-valutazzjoni tal-proposta biex jiġi stabbilit Istitut Ewropew għall-Paċi u biex tiġi elaborata proposta għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-appoġġ għall-medjazzjoni tal-UE.

- Attenzjoni fuq il-bini ta' sistemi, għodod u kultura biex jiġu identifikati i) pajjiżi f'riskju ta' konflitt vjolenti fuq terminu medju u twil, u ii) għażliet għal azzjoni bikrija biex jiġu indirizzata dawn ir-riskji. L-għan ta' din is-sistema ta' twissija bikrija mhuwiex li issir previżjoni ta' meta ser isseħħ il-kriżi li jmiss, iżda biex tidentifika fejn hemm riskji ta' konflitti futuri, u tiżgura li jkunu fis-seħħ risponsi upstream f'waqthom.
- L-iżvilupp ta' metodoloġija ta' analiżi ta' konflitt "light touch" li tippermetti djanjostika rapida ta' riskji ta' konflitti u ta' risponsi possibbli tal-UE.
- It-tisħiħ ta' ħidma konġunta bejn is-Servizzi rilevanti tas-SEAE u tal-Kummissjoni dwar il-prevenzjoni ta' konflitti, permezz ta' strutturi informali bejn is-servizzi bħall-Grupp tal-Prevenzjoni tal-Konflitti u l-Grupp ta' Ħidma Informali bejn is-Servizzi SSR.
- It-tisħiħ tan-netwerk ta' kuntatti dwar il-prevenzjoni tal-konflitti u l-bini tal-paċi, fost l-oħrajn, mas-soċjetà ċivili (permezz tan-Netwerk iddedikat għad-Djalogu tas-Soċjetà Ċivili), u ma' korpi rilevanti tan-NU - UNDP, UNDPA (permezz ta' skambji regolari ta' fehmiet b'vidjokonferenza).

## 3. TERRORIŻMU

Abbażi tal-Istrateġija Kontra t-Terroriżmu u tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni Ewropea, ġie maqbul li l-UE għandha tagħti prijorità lit-theddidiet li joħorġu mill-Pakistan, il-Qarn tal-Afrika u l-Jemen u s-Saħel. Sussegwentement, kien hemm qbil dwar strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni għal dawn il-pajjiżi.

Fl-2012 komplew id-djalogi Politiċi dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu ma' sħab ewlenin tal-UE taħt it-tmexxija tas-SEAE. Saru djalogi speċifiċi man-NU, l-Istati Uniti, ir-Russja, it-Turkija, il-Pakistan, l-Indja u l-Arabja Sawdija. Kwistjonijiet relatati mat-terroriżmu ġew diskussi wkoll f'firxa ta' laqgħat ta' djalogu oħra tal-UE inklużi djalogi dwar il-politika barranija u ta' sigurtà. Is-SEAE pparteċipa bis-sħiħ fl-analiżi tal-Istrateġija Globali tan-NU kontra t-Terroriżmu (GCTF) fi New York f'Ġunju 2012 u l-Laqgħa ta' Livell Għoli dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu Nukleari organizzata mis-Segretarju Ġenerali tan-NU f'Settembru 2012.

Il-GCTF kompliet il-proċess ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib tat-30 membru fundatur tagħha (29 pajjiż flimkien mal-UE) li beda fl-2011. Kif imħabbar mir-RGħ/VP fil-laqgħa Ministerjali tal-GCTF f'Istanbul f'Ġunju, l-UE ser tappoġġa l-istabbiliment tal-Istitut Internazzjonali tal-Ġustizzja u l-Istat tad-Dritt - Tuneżija. Iċ-Ċentru Internazzjonali ta' Eċċellenza għall-Ġlieda kontra l-Estremiżmu Vjolenti (Hedayah) ġie inawgurat f'Abu Dhabi fl-aħħar laqgħa Ministerjali tal-GCTF fit-13-14 ta' Diċembru 2012. Il-laqgħa inawgurali tal-grupp ta' ħidma tal-GCTF tar-reġjun tal-Qarn tal-Afrika, li huwa ppresjedut mill-UE u mit-Turkija, saret f'Dar es Salaam fit-8-10 ta' Frar 2012 bil-parteċipazzjoni qawwija tal-pajjiżi mir-reġjun u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali.

Id-djalogu politiku mal-Indja ta' Jannar 2012 dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu (CT) kien segwit mis-sitt Djalogu dwar is-Sigurtà UE-Indja fil-25 ta' Ottubru 2012. Fil-laqgħa msemmija l-aħħar, iż-żewġ naħat qablu li l-esperti għandhom jibdew l-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet maqbula fid-djalogu politiku dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, bħal assistenza legali reċiproka u l-estradizzjoni, il-falsifikazzjoni ta' flus, il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni, kooperazzjoni ġudizzjarja mtejba u t-traċċar tal-flussi finanzjarji.

Fi Frar 2012, il-Kunsill adotta l-Pjan ta' impenn ta' 5 snin UE-Pakistan. Skont dan il-pjan, iż-żewġ naħat impenjaw ruħhom għal kooperazzjoni komprensiva dwar is-CT f'għadd ta' oqsma relatati[85].

---

[85] L-Istrateġija ta' Impenn ġiet segwita mill-adozzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà/CT tal-UE dwar il-Pakistan, li tissottolinja l-pożizzjoni tal-UE u l-Istati Membri tagħha dwar il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (CT) mal-Pakistan. L-Istrateġija CT fiha żewġ pjanijiet ta' azzjoni: pjan ta' azzjoni dwar il-Ġlieda kontra l-Estremiżmu Vjolenti (CVE) u pjan ta' azzjoni dwar l-Istat tad-Dritt, li qed jiġu abbozzati attwalment.

Minħabba l-iżviluppi fil-Mali u r-riskju ta' ħolqien ta' santwarju tat-terroristi fit-Tramuntana, kif ukoll riskji ta' riperkussjoni f'pajjiżi oħra fir-reġjun, is-Saħel sar prijorità akbar għall-UE. Il-EUCAP Sahel, l-operazzjoni ċivili tal-PSDK fin-Niġer imnedija f'Lulju 2012, hija l-ewwel Missjoni tal-PESK li għandha l-ġlieda kontra t-terroriżmu inkluż fil-mandat tagħha.
L-UE qiegħda tesplora wkoll kif tikkoopera mal-organizzazzjonijiet reġjonali, bħal-Lega tal-Istati Għarab. L-UE-LAS ministerjali f'Novembru 2012 adotta Pjan ta' Azzjoni li jinkludi kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, inkluż dwar il-ġustizzja kriminali.

Il-Kummissjoni kompliet timplimenta proġetti dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu taħt l-Istrument għall-Istabbiltà (IfS), b'mod partikolari l-proġett dwar il-Bini tal-Kapaċità Ċivili għall-Infurzar tal-Liġi (CCBLE) fil-Pakistan, u proġetti fis-Saħel u fl-Asja tax-Xlokk. Saru missjonijiet ta' identifikazzjoni biex jiġu identifikati proġetti CVE fil-Pakistan u fil-Qarn tal-Afrika, kif ukoll proġetti oħra fil-Qarn.

L-UE u l-Istati Membri tagħha organizzaw djalogu semi-annwali mad-Dipartiment tal-Konsulent Legali tal-Istat tal-Istati Uniti dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-liġi internazzjonali, li fiha ġew diskussi l-prinċipji legali internazzjonali applikabbli għall-ġlieda kontra t-terroriżmu. Id-djalogu għandu l-objettiv li jrawwem fehim reċiproku mtejjeb tal-oqfsa legali rispettivi tagħna, u l-iżvilupp ta' bażi komuni li fuqha nistgħu naħdmu b'mod aktar effettiv biex jiġi miġġieled it-terroriżmu.

## 4. KRIMINALITÀ ORGANIZZATA

Il-kriminalità serja u organizzata baqgħet fuq l-aġenda tad-djalogi politiċi tal-UE ma' ħafna pajjiżi u ma' organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali. Il-programmi ta' għajnuna ffinanzjati mill-UE u l-missjonijiet tal-PSDK għenu biex l-orjentazzjonijiet politiċi jiġu ttrasformati fil-prattika. Dawn l-azzjonijiet ifittxu wkoll li jikkumplementaw iċ-Ċiklu ta' Politika (Interna) tal-UE għall-Kriminalità Internazzjonali Organizzata u Serja 2011-13 kif ukoll iċ-Ċiklu ta' Politika l-ġdid li jmiss 2014-2016.

Il-programmi dwar ir-Rotot tal-Kokaina u l-Eroina, iffinanzjati mill-Istrument għall-Istabbiltà, komplew jibnu l-kapaċitajiet ta' infurzar tal-liġi u rabtiet internazzjonali tul ir-'rotot' rispettivi tagħhom. Dan kien jinkludi proġett pilota ġdid dwar it-traffikar tal-bnedmin f'erba' pajjiżi fuq ir-'Rotta tal-Eroina' (l-Ażerbajġan, il-Bosnja-Ħerzegovina, ir-Repubblika tal-Moldova u t-Turkija), ukoll b'appoġġ għall-Istrateġija l-ġdida tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012-2016 u d-definizzjoni relatata ta' pajjiżi u reġjuni ta' prijorità[86].

Il-programm ta' €16,5 miljun dwar ir-Rotot Marittimi Kritiċi jkopri 17-il pajjiż kostali tal-Oċean Indjan tal-Punent, ix-Xlokk tal-Asja u l-Golf tal-Ginea. Huwa jsaħħaħ il-kapaċitajiet ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-funzjonijiet ta' infurzar ta' stati kostali sabiex jinkiseb traffiku marittimu aktar sikur u sigur fost l-oħrajn permezz tal-ġlieda kontra l-piraterija u s-serq bl-armi fuq il-baħar. Saru għadd ta' azzjonijiet ġodda fl-2012, inkluż it-taħriġ tal-gwardji kostali fil-Golf tal-Ginea bħala tentattiv biex jitnaqqsu l-attakki mill-pirati 'l barra mill-kosta tal-Punent tal-Afrika.

[86] Skont il-Programm dwar ir-Rotta tal-Kokaina, tliet Task Forces Konġunti inkarigati minn missjonijiet ta' interdizzjoni ġewwa l-ajruport huma issa operazzjonali fil-Kap Verde, is-Senegal u Togo b'appoġġ għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata fuq ir-rotta tal-kokaina (36 pajjiż kopert fl-Afrika tal-Punent u fl-Amerika Latina u l-Karibew). Ġie mniedi wkoll proġett ġdid għall-istabbiliment ta' sistema ta' informazzjoni tal-pulizija reġjonali fl-Afrika tal-Punent mal-Interpol u impenn ġdid lejn il-prevenzjoni tad-diverżjoni tal-prekursuri tad-droga (Amerika Latina). Dawn il-programmi huma parti mill-approċċ integrat u bbilanċjat tal-UE għad-drogi, kif ikkonfermat mill-ġdid fl-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar id-drogi 2013-2020.

## 5. ĊIBERSIGURTÀ

It-tħejjijiet għall-Komunikazzjoni dwar Strateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà (adottata fi Frar 2013) kienu qed iseħħu matul l-2012, inkluż l-ewwel passi lejn il-bini tal-kapaċità f'pajjiżi terzi u sensibilizzazzjoni internazzjonali[87]. L-UE pparteċipat attivament fit-tħejjija tat-Tieni Konferenza Internazzjonali dwar iċ-Ċibersigurtà li saret f'Budapest. Ir-RGħ/VP tkellmet fl-avveniment, fejn issottolinjat l-importanza ta' Internet miftuħ u b'xejn filwaqt li tiġi intensifikata l-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità u theddid ċibernetiku ieħor.. Temi simili tqajmu wkoll mill-UE fl-ewwel laqgħa tat-Task Force Ċibernetiku tal-UE-Ċina f'Settembru f'Bejġing. It-tieni konsultazzjonijiet taċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberkriminalità UE-Indja saru f'Ottubru f'Delhi.

## 6. SIGURTÀ TAL-ENERĠIJA

Fl-2012, il-Kummissjoni ħadmet mill-qrib mas-SEAE dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' segwitu deskritti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni flimkien mar-RGħ/VP dwar is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u l-kooperazzjoni internazzjonali (Settembru 2011)[88], f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2011 dwar it-tisħiħ tad-dimensjoni esterna tal-politika tal-UE dwar l-enerġija[89].

---

87 Fit-12 ta' Ġunju 2012 il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-ħarsien tal-infrastruttura kritika ta' informazzjoni – kisbiet u l-passi li jmiss: lejn ċibersigurtà globali (P7_TA(2012)0237) u fit-22 ta' Novembru 2012 riżoluzzjoni dwar iċ-Ċibersigurtà u d-Difiża (P7_TA(2012)0457).

88 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u l-kooperazzjoni internazzjonali - "Il-Politika tal-Enerġija tal-UE: Kooperazzjoni ma' Sħab lil hinn mill-Fruntieri Tagħna", COM(2011) 539 final, 07.09.2011.

89 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tad-dimensjoni esterna tal-politika tal-UE dwar l-enerġija - *It-3127 laqgħa tal-Kunsill TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA - (Punti dwar l-enerġija) - Brussell, 24 ta' Novembru 2011*. Fit-12 ta' Ġunju 2012 il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-Kooperazzjoni fil-qasam tal-politika dwar l-enerġija ma' pajjiżi lil hinn mill-fruntieri tagħna: Approċċ strateġiku għal provvista sikura, sostenibbli u kompetittiva tal-enerġija (P7_TA(2012)0238).

Fil-5 ta' Diċembru 2012 saret ir-raba' laqgħa tal-Kunsill Enerġija **UE-Stati Uniti** fi Brussell (b'segwitu tal-laqgħa preċedenti f'Washington f'Novembru 2011). L-aġenda kienet strutturata madwar il-mandat triplu tal-Kunsill tal-Enerġija, notevolment is-sigurtà tal-enerġija, il-politika dwar l-enerġija u t-teknoloġija tal-enerġija b'attenzjoni kbira fuq ir-riperkussjonijiet tar-'rivoluzzjoni tal-gass tax-shale/taż-żejt tal-Istati Uniti', l-iżviluppi fl-enerġija fil-viċinat tal-UE u l-politika tal-enerġija u l-oqsma tat-teknoloġija fejn l-UE u l-Istati Uniti jistgħu jikkooperaw. L-UE kienet ċara dwar l-interessi tal-enerġija tagħha u l-isfida globali usa' tat-tibdil fil-klima. Fost kwistjonijiet oħra, il-kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Uniti dwar sanzjonijiet fuq l-Iran fl-2012 ġiet meqjusa miż-żewġ naħat bħala eżempju tajjeb ta' diplomazija kkoordinata dwar l-enerġija.

Ir-relazzjoni tal-UE mar-**Russja** fil-qasam tal-enerġija kompliet tkun ikkaratterizzata minn interdipendenza qawwija, minħabba li r-Russja baqgħet il-fornitur estern ewlieni tal-enerġija għall-UE u l-UE l-akbar konsumatur estern tar-riżorsi tal-idrokarburi Russi. Fis-7 ta' Diċembru 2012 saret iċ-ċerimonja ta' tnedija tal-proġett Southstream u din is-sena Gazprom iffinalizzat in-negozjati mas-Serbja, l-Ungerija, is-Slovenja u l-Bulgarija. F'Ottubru 2012 it-tieni pajp tal-gass Nordstream ġie inawgurat bil-għan li jġorr 55 biljun metru kubu ta' gass Russu lejn il-konsumaturi Ewropej annwalment. Il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet li tiftaħ proċeduri formali biex tinvestiga jekk Gazprom hijiex qed tfixkel il-kompetizzjoni fis-swieq tal-gas tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, bi ksur tar-regoli tal-UE dwar l-antitrust. Fl-aħħarnett, abbażi tal-mandat tal-UE fi Frar 2012 bdew negozjati wkoll dwar il-ftehimiet bejn l-UE u r-Russja u l-**Bjelorussja** dwar il-ġestjoni ta' netwerks tal-elettriku fir-reġjun Baltiku.

L-**Ukraina** ngħaqdet mal-Komunità tal-Enerġija fl-1 ta' Frar 2011 u minn Frar 2012 għamlet ċertu progress f'riforma li kellha ssir tas-settur tal-enerġija f'konformità mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija, notevolment billi ħadet passi lejn is-separazzjoni minn Naftogas. It-tisħiħ tal-konnessjonijiet tat-trasport tal-enerġija baqa' qasam importanti fl-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali. Fl-2012, avvanzat il-ħidma fl-implimentazzjoni tal-mandat ta' Settembru 2011 tal-Unjoni Ewropea biex tinnegozja trattat legalment vinkolanti bejn l-UE, l-Azerbajġan u t-Turkmenistan biex tinbena Sistema Trans-Kaspja ta' Pajpijiet. Żvilupp pożittiv f'din id-direzzjoni kien l-iffirmar mit-Turkija u l-Azerbajġan fit-28 ta' Ġunju 2012 tal-Ftehim Intergovernattiv għall-kostruzzjoni tat-TANAP (il-pajplajn Trans-Anatoljan) biex jieħu l-gass mill-fruntiera tal-Lvant tat-Turkija għall-fruntiera tal-Punent tat-Turkija, li jipprovdi transitu stabbli tul il-pajjiż kollu.

Fl-2012, l-UE tejbet ir-relazzjonijiet bilaterali mal-**Iraq**, u fil-11 ta' Mejju 2012 iffirmat il-Ftehim ta' Sħubija u ta' Kooperazzjoni u issa għandha l-intenzjoni li ssaħħaħ il-kooperazzjoni b'mod partikolari fil-qasam tal-enerġija, billi tgħin lill-Iraq biex jieħu l-kontroll tal-potenzjal enormi tiegħu. Uħud mill-proġetti diġà bdew, bħall-istabbiliment ta' Ċentru UE-Iraq tat-Teknoloġija tal-Enerġija.

## 7. TIBDIL FIL-KLIMA U S-SIGURTÀ

Fl-2012 kompliet l-implimentazzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Lulju 2011 li appellaw għal diplomazija msaħħa tal-UE rigward il-klima u l-għoti tal-prijorità lil tliet linji ta' azzjoni inkluż l-indirizzar tar-rabta bejn it-tibdil fil-klima, l-iskarsezza tar-riżorsi naturali u s-sigurtà internazzjonali permezz ta' diplomazija ta' prevenzjoni u miżuri ta' kooperazzjoni ddedikati[90]. Inżammet l-attenzjoni fuq azzjonijiet ta' promozzjoni biex titkompla s-sensibilizzazzjoni dwar l-isfidi tas-sigurtà tal-klima fi djalogi politiċi bilaterali u reġjonali, pereżempju mal-Istati Uniti, kif ukoll permezz tal-parteċipazzjoni tas-SEAE u ta' Persunal Militari tal-UE f'avvenimenti ta' politika ddedikati. Is-SEAE impenja ruħu wkoll fil-ħidma rigward is-sigurtà tal-klima tal-kumitat AFET/SEDE tal-Parlament Ewropew. Ġie estiż l-appoġġ kontinwu lill-analiżi tar-riskju u l-ġestjoni tas-sigurtà tal-klima f'reġjuni u pajjiżi vulnerabbli, inkluż permezz tal-appoġġ għar-riċerka applikata u d-djalogu fil-livell reġjonali bħal, pereżempju, fil-qafas tal-proġett ta' riċerka multidixxiplinari dwar "It-tibdil fil-klima, il-Konflitti dwar l-Ilma u s-Sigurtà tal-Bniedem - CLICO" li jittratta dwar il-klima u s-sigurtà ta' postijiet importanti fejn hemm l-ilma fis-Saħel u l-Mediterran/Lvant Nofsani. Barra minn hekk, b'appoġġ mill-Istrument għall-Istabbiltà, ġie mniedi programm reġjonali ġdid ta' tliet snin ma' pajjiżi fl-Ewropa tal-Lvant, il-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-Asja Ċentrali. Il-ħidma twettqet permezz tal-konsorzju ENVSEC (Inizjattiva għall-Ambjent u s-Sigurtà) li jlaqqa' flimkien l-OSKE u aġenziji differenti tan-NU. L-attivitajiet iffukaw fuq il-valutazzjonijiet tar-riskju lokali, is-sensibilizzazzjoni politika u l-bini tal-kapaċità fi sħubija ma' gvernijiet u ma' partijiet interessati tas-soċjetà ċivili tar-reġjun.

---

[90] Fit-22 ta' Novembru 2012 il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar ir-rwol tal-Politika ta’ Sigurtà u ta' Difiża Komuni fil-każ ta’ kriżijiet ikkawżati mill-klima u ta' diżastri naturali (P7_TA(2012)0458)

## 8. SIGURTÀ TAL-ILMA

Fl-2012, is-sigurtà tal-ilma ngħatat aktar attenzjoni. F'Settembru 2012 saret diskussjoni strateġika dwar is-sigurtà tal-ilma fil-laqgħa ta' Gymnich (tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-UE u r-RGħ/VP) f'Paphos (Ċipru). Kien hemm qbil li l-indirizzar tal-kawżi, b'mod partikolari t-tibdil fil-klima u l-pressjonijiet tal-iżvilupp demografiku u ekonomiku, huma fil-qalba tal-isforzi internazzjonali u Ewropej biex tiġi ttrattata l-isfida tal-ilma. Iżda kien hemm qbil ukoll dwar il-fatt li l-ilma huwa fattur ewlieni ta' tensjonijiet u konflitti u ta' sigurtà internazzjonali u għalhekk l-UE kienet imħeġġa tiżviluppa impenn akbar dwar sforzi għall-prevenzjoni ta' konflitt f'baċiri tal-ilma reġjonali u transkonfinali u biex tippromwovi arranġamenti ta' ġestjoni tal-ilma kollaborattivi u sostenibbli.

Biex jinftiehem aħjar l-impenn attwali tal-UE u l-Istati Membri rigward is-sigurtà tal-ilma u bħala pass lejn l-iżvilupp ta' impenn ta' politika barranija aktar ċara, fi tmiem l-2012 tnieda eżerċizzju ta' 'mapping' tas-sigurtà tal-ilma bil-parteċipazzjoni tal-UE u l-Istati Membri bil-għan li tinkiseb stampa ċara ta' "min jagħmel xhiex". L-eżerċizzju ta' 'mapping' mistenni jiġi konkluż kmieni fl-2013.

F'Settembru 2012, fil-marġni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU fi New York, ir-RGħ/VP flimkien mas-Segretarju tal-Istat Clinton u n-Nazzjonijiet Uniti ppresjedew avveniment dwar is-Sigurtà tal-Ilma li fih kien hemm qbil wiesa' dwar l-importanza tal-ilma għall-istabbiltà u l-iżvilupp kif ukoll għall-paċi u s-sigurtà u qablu biex jintensifikaw l-isforzi konġunti biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-sigurtà tal-ilma.

Fil-25 ta' Ġunju, fl-Eżami tal-Istrateġija tal-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali li ġiet adottata mill-Kunsill Ewropew fl-2007, il-Kunsill afferma mill-ġdid li l-Ambjent/l-Ilma huma oqsma ċentrali għall-azzjoni fl-impenn tal-UE fir-reġjun. Fl-2012, l-impenn tal-UE għas-sigurtà tal-ilma fl-Asja Ċentrali avvanza aktar, inkluż permezz taż-żjara fir-reġjun mir-RGħ/VP f'Novembru 2012.

## C. KONTRIBUT GĦAL SISTEMA MULTILATERALI AKTAR EFFETTIVA

L-UE żammet l-appoġġ inekwivoku tagħha għall-multilateraliżmu, kif affermat mill-ġdid fit-Trattat ta' Lisbona, filwaqt li għarfet li sfidi globali jeħtieġu soluzzjonijiet globali. Rigward l-għoti ta' dikjarazzjonijiet tal-UE f'Organizzazzjonijiet Internazzjonali, l-Arranġamenti Ġenerali, adottati mill-Kunsill fit-22 ta' Ottubru 2011, kienu applikati fil-prattika matul l-2012, b'hekk ikkontribwew għall-għoti ta' dikjarazzjonijiet tal-UE bħal dawn. L-apparenza koerenti tal-UE f'fora multilaterali tibqa' prijorità.

### 1. NAZZJONIJIET UNITI

L-UE kompliet bl-isforzi interni tagħha biex ittejjeb l-applikazzjoni prattika tal-modalitajiet tar-riżoluzzjoni 65/276 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar il-parteċipazzjoni tal-UE fil-ħidma tan-NU, adottata f'Mejju 2011. L-UE għamlet użu sħiħ mid-dispożizzjonijiet tar-Riżoluzzjoni 65/276 u pparteċipat attivament fl-Assemblea Ġenerali tan-NU, fil-kumitati tagħha, fil-gruppi ta' ħidma tagħha, f'laqgħat u konferenzi internazzjonali mlaqqgħin taħt l-awspiċji tal-Assemblea Ġenerali u f'konferenzi tan-Nazzjonijiet Uniti. L-azzjoni tal-UE kkontribwiet biex tiżgura aktar fil-prattika l-modalitajiet u l-applikazzjoni tar-Riżoluzzjoni.

Fil-prijoritajiet tagħha għall-ħidma tagħha fin-NU[91], l-UE affermat mill-ġdid l-għan ġenerali tagħha li tiżgura NU b'saħħitha u effiċjenti fil-quċċata tas-sistema internazzjonali.

[91] Il-Parlament Ewropew adotta r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar is-67 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-13 ta' Ġunju 2012 (A7-0186/2012). Il-Kunsill adotta l-Prijoritajiet tal-UE għas-67 Sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-laqgħa tiegħu fit-23 ta' Lulju 2012 (dok. 12851/12).

Fil-qasam tal-paċi u s-sigurtà, l-implimentazzjoni tar-Responsabbiltà ta' Protezzjoni baqgħet prijorità kbira għall-UE fin-NU. L-UE kompliet taħdem fuq l-implimentazzjoni tal-kunċett fl-istrumenti u l-politika tal-UE. Fil-qasam tal-maniġġar ta' kriżijiet, l-UE u n-NU baqgħu involuti f'xogħol sistematiku dwar kif l-UE tista' żżid l-appoġġ tagħha lin-NU għaż-żamma tal-paċi, u l-UE baqgħet tagħti l-appoġġ tagħha lin-NU għall-konsolidazzjoni tal-paċi, b'mod partikolari l-Kummissjoni għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi. L-UE kkontribwixxiet għal eżitu pożittiv tal-ewwel laqgħa ta' Livell Għoli tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar l-istat tad-dritt fil-livelli nazzjonali u internazzjonali f'Settembru 2012. F'din l-okkażjoni, l-UE u l-Istati Membri tagħha għamlu wegħdi f'firxa wiesgħa ta' oqsma bil-għan li jsaħħu l-istat tad-dritt fil-livell internazzjonali u nazzjonali sew fi ħdan l-UE kif ukoll esternament u b'hekk jingħata appoġġġ lil pajjiżi terzi. Ħafna mill-wegħdiet għandhom jiġu implimentati sal-2014 jew l-2015.

Id-Drittijiet tal-Bniedem huma trattati fid-dettall f'parti oħra ta' dan ir-rapport, u f'dan il-kuntest, huwa biżżejjed li jiġi mfakkar li l-promozzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt baqgħu l-fil kunduttur fl-azzjoni tal-UE fin-NU matul l-2012. L-UE ħadmet b'suċċess għall-appoġġ għar-riżoluzzjoni AĠNU 67 dwar il-piena tal-mewt kif ukoll għall-inizjattivi tal-UE meħuda minn pajjiżi dwar is-sitwazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fit-Tielet Kumitat u kompliet timpenja ruħha bil-qawwi fi prijoritajiet ewlenin bħal-libertà tar-reliġjon jew it-twemmin ma' pajjiżi terzi bil-għan li jiġi riaffermat u żviluppat aktar l-acquis tar-riżoluzzjonijiet AĠNU u tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem (HRC) mressqa mill-UE.

Fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli, il-kwistjonijiet ewlenin ta' prijorità kienu s-segwitu tal-eżiti ta' Rio+20 u l-preparazzjoni tal-qafas ta' żvilupp ta' wara l-2015. Huwa kruċjali li jiġi żgurat li dawn iż-żewġ proċessi ma jkunux binarji separati, iżda jinġiebu f'qafas uniku, komprensiv. L-UE ħadmet biex tiżgura diskussjoni koerenti u ffukata fil-korpi u l-fora tan-NU fir-rigward tal-inizjattivi relatati mal-governanza, inkluża l-governanza ekonomika globali, is-segwitu għall-eżitu ta' Rio+20 u l-qafas ta' żvilupp ta' wara l-2015. Bħala parti mis-segwitu ta' Rio+20, l-UE appoġġat l-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-AĠNU dwar it-tisħiħ u l-aġġornar tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP). Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima jibqa' wkoll objettiv ewlieni għall-UE fin-Nazzjonijiet Uniti.

L-UE ppromwoviet ukoll ir-riforma tas-Sistema tan-NU. Din baqgħet impenjata li tiżgura li r-riżorsi finanzjarji tan-NU jitmexxew b'mod effiċjenti u effettiv, f'konformità mal-prinċipji ta' dixxiplina baġitarja u koerenza u, f'konformità mal-ogħla standards internazzjonali, kif ukoll mat-tisħiħ tal-effettività fil-livell tal-qasam.

**2. OSKE**

L-UE appoġġat b'mod partikolari t-tisħiħ tal-OSKE fiċ-ċiklu kollu tal-konflitt (mit-twissija bikrija sar-riabilitazzjoni ta' wara l-konflitt), inkluż permezz tal-ħidma tal-Kummissarju Għoli għall-Minoranzi Nazzjonali u l-missjonijiet fuq il-post tal-OSKE. L-UE apprezzat l-isforzi tal-OSKE biex jerġgħu jitqajmu u jitmexxew 'il quddiem in-negozjati tal-5+2 dwar ir-riżoluzzjoni tal-konflitt fir-R. tal-Moldova u rrikonoxxiet il-progress fit-taħdidiet lejn riżoluzzjoni finali fit-Transnistrija. L-UE tat ukoll importanza kbira lill-progress fid-Dimensjoni Umana tal-OSKE, inklużi l-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem u r-Rappreżentant tal-Libertà fil-Mezzi tax-Xandir. Il-kooperazzjoni mal-OSKE ġiet żviluppata aktar fl-oqsma tal-libertà fil-mezzi tax-xandir, id-drittijiet tal-bniedem, l-indirizz tat-theddidiet transnazzjonali, inkluż dwar kwistjonijiet marbuta mat-tmexxija u s-sigurtà tal-fruntieri u ċ-ċibersigurtà.

L-UE tkompli tagħti valur kbir lir-rwol tal-istituzzjonijiet awtonomi tal-OSKE fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-impenji mill-istati parteċipanti tal-OSKE u fl-assistenza li tagħtihom fit-titjib tar-rekord tagħhom f'dan ir-rigward. Dan jinkludi l-osservazzjoni tal-elezzjonijiet fiż-żona kollha tal-OSKE. L-UE kkontribwixxiet biex jintlaħaq ftehim dwar ir-rwol tal-OSKE fl-iffaċilitar tal-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet tas-Serbja mir-residenti tal-Kosovo.

L-UE kkontribwixxiet b'mod attiv għad-djalogu dwar il-futur tas-sigurtà Ewropea, inkluż permezz tal-proċess Helsinki+40, u l-ħidma tal-OSKE dwar it-tisħiħ u l-modernizzazzjoni tal-kontroll fuq l-armi u l-miżuri ta' tisħiħ tal-fiduċja u tas-sigurtà.

Madankollu, minkejja sforzi maġġuri mill-Presidenza u l-impenn kostruttiv tal-UE ħareġ illi ma kienx possibbli li jinkiseb progress fit-tliet dimensjonijiet kollha tal-OSKE matul l-2012. L-UE ddispjaċiha ferm għall-falliment tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet fid-dimensjoni umana matul il-Kunsill Ministerjali ta' Dublin f'Diċembru 2012 u esprimiet diżappunt li ma kienx possibbli li jintlaħaq qbil fuq kwistjonijiet rilevanti għall-Forum għall-Kooperazzjoni dwar is-Sigurtà.

## 3. KUNSILL TAL-EWROPA

L-UE kompliet bil-kooperazzjoni tagħha mal-Kunsill tal-Ewropa (KtE) f'konformità mal-Memorandum ta' Qbil bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet, l-aktar fil-qasam tal-PEV (b'attenzjoni speċjali fl-isħubija u d-dimensjoni tan-Nofsinhar tal-Mediterran), u l-Balkani tal-Punent, dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem. Hija għad għandha b'mod partikolari kooperazzjoni tajba mal-Kunsill tal-Ewropa dwar kwistjonijiet ta' ġustizzja u affarijiet interni fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-"Programm ta' Stokkolma" tal-UE, kif ukoll fl-oqsma tal-istat tad-dritt u d-demokrazija, permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni ta' Venezja dwar ir-riforma kostituzzjonali u kwistjonijiet tal-liġi elettorali. Ġiet stabbilita kooperazzjoni effettiva bejn ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-kontropartijiet tiegħu mill-Kunsill tal-Ewropa, bħall-Kummissarju dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Il-faċilità ta' EUR 4 miljuni għall-Viċinat tal-Lvant imnedija fl-2011 qed tindirizza kwistjonijiet ta' riforma tal-ġustizzja, ta' ċiberkriminalità u ta' kontra l-korruzzjoni. L-implimentazzjoni tal-Programm Konġunt "Tisħiħ tar-riformi demokratiċi fil-Viċinat tan-Nofsinhar" bdiet fil-bidu tal-2012 fil-Marokk u fit-Tuneżija, segwiti mill-Ġordan wara li kuntatti fil-livelli politiċi u tekniċi wasslu għal qbil dwar il-kooperazzjoni. In-negozjati għall-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem komplew abbażi tal-proposti tal-UE, wara waqfa ta' sena meħtieġa minħabba dibattitu intern tal-UE dwar l-abbozz ta' ftehim tal-2011 li ntlaħaq fil-livell tekniku.

## D. PROMOZZJONI TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM, ID-DEMOKRAZIJA U L-ISTAT TAD-DRITT

L-2012 kienet sena ta' bidla sinifikanti fil-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem. Bl-adozzjoni tal-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fil-25 ta' Ġunju, l-UE rriaffermat li d-drittijiet tal-bniedem mhumiex biss fil-qalba tal-prinċipji bażiċi tagħha iżda huma l-fil kunduttur fl-azzjonijiet tagħha.

### Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija

Il-**Qafas Strateġiku**[92] jipprevedi li "l-UE ser tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem fl-oqsma kollha tal-azzjoni esterna tagħha mingħajr eċċezzjoni". Huwa jistabbilixxi prinċipji, objettivi u prijoritajiet, kollha mfassla biex itejbu l-effikaċja u l-konsistenza tal-politika sħiħa tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-għaxar snin li ġejjin[93]. Huwa jipprevedi bażi maqbula għal sforz verament kollettiv, li jinvolvi lill-Istati Membri tal-UE kif ukoll lill-Istituzzjonijiet tal-UE. Il-Qafas Strateġiku huwa impenjat bis-sħiħ għal sħubija ġenwina mas-soċjetà ċivili.

Il-Qafas Strateġiku kien approċċ tal-UE maqbul bi tweġiba għal sfidi dinjin ġodda. Il-**Komunikazzjoni Konġunta** ta' Diċembru 2011 tal-Kummissjoni Ewropea u r-RGħ *"Id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fil-qalba tal-azzjoni esterna tal-UE — lejn approċċ aktar effettiv"*[94] tenfasizza l-ħtieġa għall-koerenza fl-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-politiki esterni. Il-Komunikazzjoni tafferma li fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, l-UE għandha tibbaża ruħha fuq prinċipji meta jisemmew in-normi u l-valuri li tfittex li tħaddan, tkun kreattiva bil-modi tagħha, u assolutament determinata sabiex tikseb riżultati konkreti.

---

92 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija; it-3179 laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Barranin, il-Lussemburgu 25 ta' Ġunju 2012.

93 Fit-18 ta' April 2012 il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar ir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni. inklużi l-implikazzjonijiet għall-politika strateġika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem (P7_TA(2012)0126). Fit-13 ta' Diċembru 2012 huwa adotta riżoluzzjoni dwar ir-Rapport Annwali tal-2011 dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni (P7_TA(2012)0503) kif ukoll riżoluzzjoni dwar ir-rieżami tal-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem (P7_TA(2012)0504).

94 Komunikazzjoni konġunta mill-RGħ/VP u l-KE "Id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fil-qalba tal-azzjoni esterna tal-UE — lejn approċċ aktar effettiv; COM(2011) 886 final.

Il-Qafas huwa kkomplementat bi **Pjan ta' Azzjoni** li jiġbor flimkien 97 azzjoni taħt 36 titolu, li jkopru l-perijodu sal-31 ta' Diċembru 2014. Wieħed mill-impenji tal-Pjan ta' Azzjoni huwa li l-UE għandha tippreżenta l-prestazzjoni tagħha fl-ilħuq tal-objettivi fir-rapport annwali tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja.

**Id-drittijiet tal-bniedem fil-politika tal-UE**

Bħala parti mill-pakkett il-ġdid tad-drittijiet tal-bniedem, il-ħatra ta' **Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem** din is-sena huwa maħsub biex jikkontribwixxi fl-implimentazzjoni tal-Qafas Strateġiku u tal-Pjan ta' Azzjoni, u biex isaħħaħ l-effikaċja u l-viżibilità tal-politika tal-UE[95]. Is-Sur Stavros Lambrinidis beda l-kariga tiegħu f'Settembru 2012 u diġà beda jsemma leħnu, b'mod partikolari fir-rigward tas-sħab strateġiċi tal-UE, pajjiżi fil-viċinat tagħna u l-pajjiżi fi tranżizzjoni. Huwa ppresjeda djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-Messiku u l-Unjoni Afrikana; ħadem biex jiġu żviluppati r-relazzjonijiet mar-Russja u l-Eġittu; ipparteċipa f'avvenimenti ta' livell għoli bħall-ewwel Forum tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Laqgħa għall-Implimentazzjoni tad-Dimensjoni Umana tal-OSKE; u ltaqa' ma' Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, MEPs u Rappreżentanti tal-Istati Membri. Huwa ħadem bis-sħiħ fil-ħidma tal-UE fis-setturi tad-drittijiet tal-bniedem bħall-ġeneru, il-Libertà tar-Reliġjon jew tat-Twemmin (FoRB), u l-Libertà tal-Espressjoni.

L-2012 kienet sena bieżla għall-UE fit-tiftix tal-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-azzjonijiet tagħha stess, kif imbassar fil-Qafas. Il-140 delegazzjoni u uffiċċju kollha, flimkien mal-15-il missjoni u operazzjoni tal-PSDK, issa għandhom fis-seħħ **punti ċentrali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija** nnominati. Ġew innominati uffiċjali ta' kollegament għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'101 pajjiżi. Hemm ukoll punti ċentrali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem f'kull direttorat ġenerali ġeografiku, bil-għan ta' integrazzjoni konsistenti tad-drittijiet tal-bniedem fil-ħidma sħiħa tas-SEAE.

95 Fit-13 ta' Ġunju 2012, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem (P7_TA(2012)0250).

Il-**Grupp ta' interservizzi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem** tal-Kummissjoni reġa' għex livelli mġedda ta' attività f'rabta mal-ħidma dwar il-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni. Huwa ltaqa' f'għadd ta' okkażjonijiet matul l-2012, u jiġbor flimkien lill-SEAE u d-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni, fejn ta prova l-valur tiegħu billi żgura azzjoni koerenti bejn is-servizzi differenti li għandhom x'jaqsmu mal-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

Innovazzjoni fl-2012 kienet il-ħolqien ta' **Grupp ta' Kuntatt dwar id-drittijiet tal-bniedem ta' livell għoli bejn il-Parlament Ewropew, is-SEAE u l-Kummissjoni**. Dan ukoll twaqqaf fil-kuntest tal-ħidma dwar il-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni. Wara l-laqgħa inizjali tas-16 ta' April 2012, huwa wera l-valur tiegħu ta' forum għal skambji regolari bejn l-MEPs u uffiċjali għolja tas-SEAE fi kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem. B'riżultat ta' dan kompla jiltaqa' mill-adozzjoni tal-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni, u issa huwa kkunsidrat mezz importanti ta' komunikazzjoni.

Din is-sena rat żieda fl-impenn min-naħa tal-UE biex tifforma sħubijiet mas-**soċjetà ċivili**. Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili qegħdin jiġu sistematikament ikkonsultati fuq l-ipprogrammar kollu u issa huma involuti mill-qrib fit-tfassil tal-politika bħall-abbozzar tal-linji gwida dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-elaborazzjoni ta' Approċċ Komprensiv għar-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà.

L-azzjonijiet tal-UE f'dan il-qasam huma estremament importanti hekk kif l-2012 rat tnaqqis tal-ispazjoni għall-NGOs. L-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili qegħdin dejjem jiffaċċjaw aktar restrizzjonijiet iebsa u varjati dwar il-libertà tal-espressjoni u ta' assoċjazzjoni li qed jimponu fuqhom gvernijiet li jfittxu li jagħlqulhom ħalqhom u jrażżnulhom l-azzjonijiet tagħhom.

Fl-2012, biex jassistu l-kawża tagħhom, l-**EIDHR** (Strument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem) appoġġaw id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, is-soċjetajiet ċivili u atturi oħra f'aktar minn 100 pajjiż. Għall-perijodu ta' bejn 2014 u l-2020 il-Kummissjoni Ewropea fl-abbozz ta' Regolament ipproponiet li jkunu disponibbli EUR 1.4 biljun biex jagħtu spinta 'l quddiem lill-isforzi tagħhom, għalkemm in-negozjati għadhom għaddejjin rigward il-baġit eżatt u l-ambitu tiegħu.

**Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Ottubru dwar 'l-għeruq ta' demokrazija u żvilupp sostenibbli: Il-kooperazzjoni tal-Ewropa mas-Soċjetà Ċivili fir-relazzjonijiet esterni'**[96] timpenja bil-qawwi lill-UE biex tipprovdi aktar appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'pajjiżi sħab, sabiex ikunu jistgħu jwettqu ir-rwol tagħhom bis-sħiħ fil-forniment tas-servizzi soċjali, it-trasparenza, il-promozzjoni ta' tmexxija tajba u l-kontribut fit-tfassil tal-politika. Bħalissa għaddej eżerċizzju ta' mmappjar sabiex ikun jista' jiżdied l-effett tal-azzjonijiet tal-UE.

Ottubru ra wkoll il-ħolqien tal-**Fond Ewropew għad-Demokrazija** (EED) mfassal biex jagħti l-appoġġ lid-difensuri favur id-demokrazija li qed ibatu fit-tranżizzjoni demokratika fil-viċinat Ewropew u lil hinn minnu[97]. Huwa mfassal biex jikkumplementa l-istrumenti diġà eżistenti inkluż l-EIDHR. Il-valur miżjud tal-EDD ser jiġi mill-appoġġ rapidu u flessibbli għal atturi li għandhom mhumiex qegħdin jiġu appoġġati, jew li huma insuffiċjentement koperti jew li għandhom diffikultajiet fil-kisba tal-appoġġ mill-istrumenti eżistenti tal-UE, bl-aktar każijiet ovvji jkunu dawk tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-movimenti u l-attivisti individwali li jaġixxu favur sistema multipartitika pluralistika irrispettivament mid-daqs jew l-istatus formali tagħhom.

Madankollu, l-aktar importanza huwa dak li jseħħ lil hinn mir-retorika u r-rapporti li joħorġu mill-Istituzzjonijiet; huwa jekk il-politiki u l-pjanijiet tal-UE humiex qegħdin itejbu s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fuq il-post.

**Promozzjoni tal-universalità tad-drittijiet tal-bniedem**

Matul l-2012 l-UE affermat mill-ġdid l-impenn tagħha biex tippromwovi u tħares id-drittijiet kollha tal-bniedem, kemm jekk ċivili kif ukoll politiċi, jew ekonomiċi, soċjali u kulturali. Għal dan il-għan, l-14-il Forum Annwali bejn l-**UE u l-NGO** dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li saret f'Diċembru, ġabret flimkien aktar minn 200 difensur impenjat tad-drittijiet tal-bniedem, attivisti u dawk li jfasslu l-politika ddeterminati li jdawru l-interessi komuni f'azzjoni komuni. Il-Forum eżamina ir-rwol tal-mekkaniżmi reġjonali fil-promozzjoni tal-universalità, bil-parteċipazzjoni attiva mir-rappreżentanti tal-mekkaniżmi tad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali u reġjonali minn mad-dinja kollha.

---

[96] http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2012:0492:FIN:MT:PDF

[97] Fid-29 ta' Marzu 2012, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni lill-Kunsill dwar il-modalitajiet għall-istabbiliment possibbli ta' Fond Ewropew għad-Demokrazija (P7_TA(2012)0113).

L-UE kompliet taħdem fil-livell tan-NU biex tippromwovi l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem. Hija inkoraġġiet ir-ratifikazzjoni tat-trattati internazzjonali ewlenin dwar id-drittijiet tal-bniedem u kompliet tisħaq dwar il-ħtieġa li tintegra d-drittijiet tal-bniedem, il-governanza, id-demokrazija, l-istat tad-dritt fil-qafas tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju (MDG) ta' wara l-2015.

Ir-rikonoxximent tan-natura universali tad-drittijiet tal-bniedem huwa importanti biex jiġu affrontati l-isfidi li ma jirrispettawx il-fruntieri nazzjonali. L-2012 kien ikkaratterizzat mill-evoluzzjoni ta' **kriżijiet tad-drittijiet tal-bniedem** ġodda u dawk diġà eżistenti li sejrin għall-agħar madwar id-dinja, sew jekk minħabba l-firxa ta' liġijiet repressivi f'ċerti pajjiżi fil-Lvant tal-Ewropa u l-Asja Ċentrali, u sew jekk minħabba l-kriżi kontinwa ta' sigurtà fis-Saħel. Is-sitwazzjoni f'Mali marret għall-agħar f'daqqa fl-2012 meta l-kolp ta' stat u l-attivitajiet ta' gruppi armati ta' estremisti wasslu għal abbużi gravi tad-drittijiet tal-bniedem. Ir-reġjun kollu ġie affettwat mill-inkwiet politiku, l-attività terroristika, it-traffikar tad-droga u l-kuntrabandu tal-armi ġejjin mill-fruntieri b'theddida għall-paċi u s-sigurtà.

Milquta b'restrizzjonijiet fuq l-ispazju għal difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u għall-NGOs, kif ukoll l-inugwaljanza kontinwa bejn is-sessi, l-UE bagħtet il-firxa sħiħa ta' strumenti tagħha b'appoġġ lil-persuni fil-bżonn.

**Drittijiet tal-bniedem fil-politiki esterni kollha tal-UE**

Fl-2012, l-UE ppromwoviet id-drittijiet tal-bniedem fl-oqsma kollha tal-azzjoni esterna tagħha mingħajr eċċezzjoni. Matul l-2012, l-UE baqgħet tiżgura li l-klawsoli tad-drittijiet tal-bniedem iddaħlu fil-ftehimiet ta' qafas politiku, sew ma' pajjiżi industrijalizzati u sew ma pajjiżi mhux industrijalizzati, u li r-rabtiet adatti ġew magħmula mal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles. Dan baqa' l-każ, anke fejn ma kienx faċli li jintlaħaq qbil mal-pajjiż sieħeb. Dawn il-klawsoli ġew inseriti fl-2012 fi ftehimiet mal-Iraq, il-Vjetnam, l-Amerika Ċentrali u l-Filippini[98].

98 Fit-14 ta' Ġunju 2012, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-każijiet ta' impunità fil-Filippini (P7_TA(2012)0264).

Skont il-**Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni**, ġew żviluppati aktar il-moduli ta' taħriġ qabel l-istazzjonament dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-protezzjoni tat-tfal u l-ġeneru f'kooperazzjoni ma' istituti ta' taħriġ mill-Istati Membri tal-UE u mas-soċjetà ċivili u ser ikunu kompletament fis-seħħ fl-2013.

**Implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem**

Matul l-2012, l-UE baqgħet tirriafferma l-oppożizzjoni tagħha għall-**piena tal-mewt** u użat l-għodda diplomatika kollha disponibbli għaliha biex tmexxi 'l quddiem il-kawża tal-abolizzjoni tagħha mid-dinja kollha. Il-moviment lejn l-abolizzjoni huwa wieħed mill-prijoritajiet ewlenin identifikati fil-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija.

Fl-okkażjoni tal-Jum Dinji/Ewropew kontra l-Piena tal-Mewt fl-10 ta' Ottubru, l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa ħarġu dikjarazzjoni konġunta li terġa' tafferma l-oppożizzjoni tagħhom għall-użu tal-piena kapitali fiċ-ċirkostanzi kollha, u l-impenn tagħhom għall-abolizzjoni tal-piena tal-mewt madwar id-dinja. Id-Delegazzjonijiet tal-UE madwar id-dinja fakkru l-okkażjoni billi organizzaw għadd kbir ta' seminars, konferenzi stampa, esibizzjonijiet u avvenimenti.

L-UE kompliet tagħmel l-oppożizzjoni tagħha għall-piena tal-mewt fil-fora rilevanti kollha, b'mod partikolari n-NU, l-OSKE u l-Kunsill tal-Ewropa. Permezz ta' lobbying u komunikazzjoni estensivi, l-UE flimkien mal-Istati Membri pparteċipaw b'mod attiv fl-alleanza transreġjonali li tippromwovi r-Riżoluzzjoni 67/206 (21 ta' Diċembru 2012) tal-Assemblea Ġenerali tan-NU u tirriafferma t-talba għal moratorju dwar l-użu tal-piena tal-mewt. Ir-riżoluzzjoni ġiet adottata b'111-il vot favur, 41 kontra u 34 astensjoni, għadd mingħajr preċedent meta mqabbel ma' riżoluzzjonijiet simili fl-2007, l-2008 u l-2010.

Komplew l-isforzi għall-ħolqien ta' **Linji Gwida dwar id-Drittijiet tal-Bniedem** ġodda, kif ukoll l-iżvilupp ta' dawk eżistenti. Dawn huma għodod prattiċi mfassla biex jgħinu lir-rappreżentazzjonijiet tal-UE fil-qasam javvanzaw aħjar il-politika dwar id-drittijiet tal-bniedem. Beda x-xogħol fuq il-linji gwida tal-FoRB u fuq il-bidla tas-sett tal-għodda tal-LGBTI[99] (Leżbjani, Gay, Bisesswali, Transġeneru u Intersesswali) f'linji gwida; il-Linji gwida għall-Politika tal-UE lejn pajjiżi terzi dwar it-tortura u t-trattament jew piena krudili, inumana jew degradanti oħra kienu riveduti wkoll. Fuq l-istess linja, Nota ta' Gwida dwar id-Diżabbiltà u l-Iżvilupp ġiet ukoll aġġornata fl-2012.

**It-tfal** kellhom pożizzjoni prominenti fl-lista ta' prijorità tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem. Għadd kbir ta' proġetti ffukati fuq it-tfal ġew iffinanzjati f'aktar minn 50 pajjiż permezz tal-Programm Ninvestu fin-Nies u l-EIDHR. Fost dawn, l-UE nediet l-implimentazzjoni ta' 15-il proġett kontra t-tħaddim tat-tfal, b'valur ta' madwar EUR 11,1 miljun.

Fl-2012 l-UE mexxiet kampanja dinjija ta' lobbying biex tippromwovi r-ratifika taż-żewġ Protokolli Fakultattivi għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-tfal u l-Konvenzjoni 182 tal-ILO (Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol) dwar l-agħar forom ta' tħaddim tat-tfal. Kienu żgurati 18-il ratifika oħra tad-diversi strumenti.

99 Fil-5 ta' Lulju 2012, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-vjolenza kontra l-leżbjani u d-drittijiet tal-persuni LGBTI fl-Afrika (P7_TA(2012)0299).

Il-kwistjonijiet dwar il-**ġeneru**[100] kienu prominenti fl-aġenda tal-2012. L-UE kompliet tippromwovi d-drittijiet tan-nisa b'mod attiv permezz ta' djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u konsultazzjonijiet ma' sħab. It-Tieni Rapport ta' Implimentazzjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-sessi u t-Tisħiħ tan-Nisa fl-Iżvilupp ġie mħejji u adottat f'Novembru 2012. Ir-rapport jinkludi eżempji konkreti ta' integrazzjoni tas-sessi fl-istrumenti ġeografiċi tal-UE. Ukoll fuq is-suġġett tal-għoti tas-setgħa, f'Settembru, l-UE u 12-il membru ko-fundatur taw l-impenn għall-Isħubija għal Futur Ugwali bil-għan li jintlaħqu l-parteċipazzjoni politika tan-nisa u s-setgħa ekonomika bħala prijoritajiet.

L-UE kompliet turi tmexxija fl-implimentazzjoni tal-'Approċċ Komprensiv' tagħha għar-Riżoluzzjonijiet 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà. Din is-sena hija kienet attiva fuq il-kwistjoni tan-nisa, il-paċi u s-sigurtà f'aktar minn 70 pajjiż bl-appoġġ tagħha jammonta għal madwar EUR 200 miljun għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet nazzjonali ta' azzjoni, finanzjament għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi, u taħriġ għall-aġenziji tal-Gvern[101].

L-UE adottat approċċ iffukat fuq id-drittijiet tal-bniedem u speċifiku għall-ġeneru **fl-Istrateġija tal-UE lejn il-qerda tat-traffikar tal-bnedmin 2012–2016**, adottata f'Ġunju 2012. L-Istrateġija tfittex li tilħaq approċċ komprensiv iffukat fuq il-prevenzjoni ta' traffikar, il-prosekuzzjoni ta' kriminali, il-protezzjoni ta' vittmi u s-sħubijiet ma' diversi partijiet interessati, inkluż is-soċjetà ċivili.

[100] Il-laqgħa annwali tal-Konsulenti dwar Drittijiet tal-Bniedem u Kwistjonijiet ta' Ġeneru tal-PSDK saret fil-15 ta' Ġunju 2012 fi Brussell. Konsulenti mill-missjonijiet u l-operazzjonijiet kważi kollha ppreżentaw u ddiskutew b'mod partikolari tliet temi: it-taħriġ u r-riżorsi, ix-xogħol mas-soċjetà ċivili u l-kwistjonijiet interni/organizzattivi inklużi r-relazzjonijiet mal-Kwartieri Ġenerali. Id-dokumenti kollha tal-ippjanar tal-missjonijiet ċivili tal-PSDK jinkludu referenzi ċari għal kwistjonijiet ta' RGħ/ta' ġeneru, ta' paċi u dawk ta' sigurtà, 50% tal-mandati jinkludu l-istess referenzi ċari u 60% tar-rapporti tal-missjonijiet dwar dan; 60% tal-missjonijiet ċivili tal-PSDK innominaw konsulenti dwar il-ġeneru jew il-punti fokali li jittrattaw b'mod partikolari l-aspetti tal-ġeneru fil-maniġġar ta' kriżijiet.

[101] Fit-2 ta' Frar 2012, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni fuq is-sitwazzjoni tan-nisa fi żmien ta' gwerra (P7_TA(2012)0028).

Fir-rigward tal-**libertà tal-espressjoni online u offline**[102], l-UE kkundannat ripetutament ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-espressjoni u l-aċċess għall-Internet, kif ukoll l-arrest ta' bloggers, fil-qafas tar-relazzjonijiet bilaterali tagħha ma' pajjiżi terzi (l-Iran, is-Sirja, iċ-Ċina, l-Eġittu, il-Libja, il-Vjetnam) u fil-fora multilaterali. F'Ġunju, l-UE kellha rwol ewlieni fl-iżgurar tal-adozzjoni unanima mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-ewwel riżoluzzjoni biex tipproteġi l-libertà tal-kelma fuq l-Internet li kienet immexxija mill-Isvezja[103]. Bl-"Istrateġija No Disconnect", l-UE kompliet tipprovdi appoġġ kontinwu lill-utenti tal-Internet, il-bloggers u ċ-ċiberattivisti li jgħixu taħt reġimi awtoritarji.

**Edukazzjoni**

L-edukazzjoni kienet waħda mill-kwistjonijiet orizzontali ewlenin li kienet tagħmel parti mill-laqgħa ta' Gymnich (Paphos, 7-8 ta' Settembru 2012). Ir-RGħ/VP introduċiet l-edukazzjoni bħala kwistjoni orizzontali ta' importanza fundamentali li għandha tiġi riflessa fl-approċċ komprensiv għall-politika barranija. Il-potenzjal tal-għodda tagħha ta' "soft power" li jbiddel soċjetajiet kien enfasizzat bħala li għandu jkun fil-qalba tal-politika barranija tagħna. Dan japplika b'mod partikolari fil-prevenzjoni tal-konflitt, fl-interventi f'żoni ta' konflitt kif ukoll f'pajjiżi li għaddejjin minn tranżizzjoni. Intwera tħassib dwar il-parteċipazzjoni baxxa ta' nisa u bniet zgħar fis-sistema edukattiva u l-ħtieġa li r-riżorsi jkunu ffukati fuq l-infrastruttura tal-edukazzjoni kienet sottolinjata.

**Ħidma ma' sħab bilaterali**

Matul l-2012, l-UE fittxet li tħalli impatt fil-prattika permezz tad-djalogu u approċċi mfassla apposta.

[102] Fil-11 ta' Diċembru 2012, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar Strateġija dwar il-Libertà Diġitali fil-Politika Barranija tal-UE (P7_TA(2012)0470).

[103] A/HRC/20/L.13 Il-promozzjoni, il-protezzjoni u t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem fuq l-Internet: http://daccess-dds-ny.un.org/doc/UNDOC/LTD/G12/147/10/PDF/G1214710.pdf?OpenElement

Matul is-sena saru 30 **djalogi u konsultazzjonijiet dedikati għad-drittijiet tal-bniedem**, fejn tqajmu kwistjonijiet ta' tħassib mal-pajjiżi sħab. Saru wkoll seminars mas-soċjetà ċivili fil-Brażil, il-Ġeorġja, l-Indoneżja u l-Messiku b'mod parallel mad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem. Ingħataw bosta stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mir-RGħ/VP u s-SEAE matul l-2012 bi sforzi diplomatiċi minn wara l-kwinti li ntużaw f'ħafna każijiet oħra.

140 **strateġija għall-pajjiż dwar id-drittijiet tal-bniedem** waslu mingħand id-Delegazzjonijiet tal-UE u ċċirkulaw fl-Istati Membri u l-ewwel 48 strateġija ġew approvati mill-Kunsill f'Novembru. Filwaqt li għandu jkun rikonoxxut li l-proċess ta' validazzjoni kien twil, l-istrateġiji kollha ġew imħejjija mill-Kapijiet tal-Missjoni tal-UE u qed jiġu implimentati, bl-ewwel rapporti ta' implimentazzjoni bbażati fuq il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni fil-prattika jkunu skedati għall-bidu tal-2013.

**Ħidma permezz ta' istituzzjonijiet multilaterali**

M'hemmx forum aħjar min-**Nazzjonijiet Uniti** biex jiġi żgurat li d-drittijiet universali tal-bniedem ikunu rikonoxxuti bħala tali - li japplikaw għal kull mara, raġel, tifel u tifla, jgħixu fejn jgħixu.

Fl-2012, l-UE żammet il-livell ta' impenn tagħha fil-fora tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU. Mill-perspettiva tal-UE, it-tliet Sessjonijiet tal-**Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem** tas-sena kienu ta' suċċess kbir[104]. L-UE ppreżentat riżoluzzjonijiet dwar is-Sirja, il-Mjanmar/Burma, ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea (mal-Ġappun) u l-Bjelorussja flimkien mar-riżoluzzjonijiet tematiċi dwar il-libertà tar-reliġjon u t-twemmin u d-drittijiet tat-tfal (mal-GRULAC, il-Grupp tal-Istati tal-Amerika latina u tal-Karibew). Hija appoġġat b'mod attiv ħafna oħrajn, inklużi riżoluzzjonijiet dwar il-libertà tal-espressjoni, is-Sri Lanka, l-Iran, l-Eritrea, il-Côte d’Ivoire u s-Somalja. L-UE bdiet l-ħolqien ta' mandat ġdid ta' pajjiż u Relatur Speċjali għall-Bjelorussja u appoġġat lir-Relatur Speċjali l-ġdid għall-Eritrea. L-UE, appoġġata minn Stati Membri, tat l-appoġġ sħiħ għall-ħidma tal-Kummissjoni ta' Inkjesta dwar is-Sirja u assigurat l-estensjonijiet meħtieġa tal-mandat kif ukoll appell qawwi biex tkun żgurata r-responsabbiltà u evitata tal-impunità. Id-drittijiet tal-bniedem tan-nisa ddominaw fost il-kwistjonijiet tematiċi u matul l-20 sessjoni, l-UE organizzat flimkien mal-Brażil avveniment dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem nisa li għalih kien hemm attendenza tajba.

104 Fis-16 ta' Frar 2012, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-pożizzjoni tal-Parlament fuq id-19-il Sessjoni tal-Kunsill tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem (P7_TA(2012)0058).

Matul is-67 Sessjoni tal-**Assemblea Ġenerali fi New York**, l-inizjattivi kollha tal-UE ġew approvati b'appoġġ qawwi. Il-bidu transkonfinali kontra l-piena tal-mewt ġiet adottata bl-akbar appoġġ sa dakinhar, kemm f'termini ta' voti kif ukoll ko-sponsorizzazzjoni li tafferma x-xejra dinjija lejn l-abolizzjoni. Wara proċess tajjeb mal-pajjiż konċernat, intlaħaq kunsens rigward riżoluzzjoni dwar il-Mjanmar/Burma li tirrikonoxxi l-progress iżda li telenka l-oqsma pendenti tad-drittijiet tal-bniedem ta' tħassib għall-ħidma futura. It-test dwar ir-RDPK ġie adottat mingħajr vot u inizjattiva dwar is-Sirja, introdotta minn koalizzjoni wiesgħa ta' pajjiżi taħt tmexxija Għarbija, inklużi xi Stati Membri, kisbet appoġġ rekord. Riżoluzzjoni komprensiva dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-Iran ġiet ippreżentata bl-appoġġ tal-UE u adottata b'riżultat tajjeb. Ir-riżoluzzjoni ta' kull sena tal-UE dwar il-liberta' tar-reliġjonijiet jew twemmin ġiet adottata mill-ġdid b'kunsens. Is-sessjoni adottat ukoll riżoluzzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal b'attenzjoni fuq it-tfal indiġeni u approvat l-ewwel riżoluzzjoni s'issa tal-AĠNU li titlob għat-tmiem tal-prattika dannuża tal-mutilazzjoni ġenitali femminili - inizjattiva Afrikana li l-UE appoġġat bil-qawwi - kif ukoll testi li jappellaw għat-tneħħija ta' kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa u t-tmiem tal-eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji.

Din is-sena l-UE kompliet taħdem mill-qrib mas-**sħab reġjonali** madwar id-dinja, bħall-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), l-Unjoni Afrikana kif ukoll mal-Lega tal-Istati Għarab u impenjat ruħha mal-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Iżlamika (OIC). Għall-ewwel darba, ġew adottati l-Prijoritajiet tal-UE għall-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa fl-2012-13, b'rabta mal-Programm ta' Attivitajiet biennali tal-Kunsill tal-Ewropa. L-UE u l-KtE implimentaw numru dejjem ikbar ta' programmi konġunti fi ħdan l-oqsma tal-Istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, li fl-2012 laħqu ċ-ċifra ta' EUR 101 miljun (kofinanzjat f'livell medju ta' 89 % mill-UE).

**L-UE taħdem flimkien**

L-2012 kienet immarkata bl-intensifikar tal-kooperazzjoni bejn l-Istituzzjonijiet tal-UE.

**Il-Premju Nobel għall-Paċi** ngħabar fil-Jum tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-10 ta' Diċembru, mill-Presidenti Van Rompuy, Barroso u Schulz. B'rabta ma' dan l-ispirtu, kien deċiż li l-fondi li ġew mill-Premju Nobel jintużaw għal proġetti li jagħtu edukazzjoni lil tfal affettwati mill-konflitti armati.

Il-premju huwa rikonoxximent kbir tal-kisbiet li għaddew, iżda jiffoka l-attenzjoni wkoll fuq il-ħtieġa għall-Ewropej kollha - l-Istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u 500 miljun ċittadin - li naħdmu flimkien u nirduppjaw l-isforzi tagħna biex nippromwovu u nipproteġu d-drittijiet tal-bniedem mhux biss fil-fruntieri tagħna iżda mad-dinja kollha.

**Id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt**

Id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt jiffurmaw parti integrali mill-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem. Fl-2012, l-UE kompliet tagħti bl-akbar qawwa appoġġ lill-proċessi elettorali madwar id-dinja billi tibgħat **Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali** (MOE) u **Missjonijiet ta' Esperti Elettorali** (EEMs) kif ukoll billi tipprovdi assistenza elettorali, u appoġġ lill-osservaturi domestiċi. B'kollox, l-UE bagħtet 13-il MOE u EEM matul l-2012. Dawn il-missjonijiet ikkontribwixxew fl-appoġġ għad-demokrazija fil-viċinat tal-UE (EOM fl-Alġerija, Tim ta' Valutazzjoni Elettorali fil-Libja, u EEM fl-Eġittu), kienu xhieda tat-trasferiment tal-poter lill-oppożizzjoni (EOM u EEM fis-Senegal, EEM fil-Messiku), u l-konsolidazzjoni tad-demokrazija fi stati fraġli (EOM fit-Timor Leste u Sjerra Leone).

Żdiedu l-isforzi biex jiġi żgurat segwitu sistematiku għar-rakkomandazzjonijiet mill-missjonijiet elettorali tal-UE. Il-gruppi ta' ħidma ġeografiċi kollha tal-Kunsill kienu involuti, u ntbagħtu istruzzjonijiet lid-Delegazzjonijiet kollha tal-UE. F'Diċembru, bħala parti minn dawn l-isforzi, l-UE bagħtet l-ewwel Missjoni ta' Segwitu Elettorali l-Malawi bil-kompitu li tistudja l-progress magħmul f'riformi elettorali u l-impatt tar-rakkomandazzjonijiet EU EOM.

Il-pass fundamentali għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem matul l-2011, b'mod speċjali fil-Viċinat tan-Nofsinhar, kien segwit fl-2012 minn aktar esperjenzi u sfidi serji, li enfasizzaw li trid ħafna aktar minn elezzjoni waħda biex demokrazija b'saħħitha ssib saqajha.

In-natura turbolenti tal-proċess politiku fl-Eġittu juri l-fraġilità tat-tranżizzjoni u kemm għad hemm ħtieġa ta' konsolidazzjoni. Ir-rabta bejn l-eżerċizzju tad-drittijiet politiċi u ċivili u t-tgawdija tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali ntweriet biċ-ċar - peress li din toħroġ f'sistemi politiċi li huma (jew mhumiex) kapaċi jagħtu r-riżultati fil-benessri taċ-ċittadini, inklużi n-nisa u l-membri ta' minoritajiet.

It-Task Forces tal-UE mat-Tuneżija (2011), il-Ġordan (2012) u l-Eġittu (2012) ġew organizzati biex jagħtu l-appoġġ politku u ekonomiku tant meħtieġ lil dawn il-pajjiżi fit-tranżizzjoni demokratika tagħhom. B'dan il-mod, l-UE uriet kemm kienet lesta tkun sieħeb veru, iżda biss fejn huwa żgurat ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi.

Matul is-sena, l-UE fittxet li tuża l-istrumenti tagħha kollha, mid-djalogu politiku, għall-kooperazzjoni tal-iżvilupp sa sanzjonijiet sabiex jitgawdew bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija. Il-ħidma tkompliet fuq approċċi aktar koerenti għall-appoġġ għad-demokrazija bħala segwitu għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2009[105]. Rapport konsolidat konġunt dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni tal-appoġġ għad-demokrazija f'disa' pajjiżi pilota ġie adottat f'Ottubru. Il-lezzjonijiet miksuba huma maħsuba biex ikunu ta' informazzjoni għat-tnedija tat-tieni ġenerazzjoni ta' pajjiżi fil-bidu tal-2013.

Id-demokrazija u l-istat tad-dritt jimxu neċessarjament id f'id mal-**iżvilupp**. Fl-2012, l-UE mexxiet 'il quddiem bil-politika tal-UE tagħha dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp futur, l-Aġenda għall-Bidla[106], li tenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ għal **approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-iżvilupp** u li tiżgura li l-proċessi tal-iżvilupp ikunu inklussivi. Il-"Linji Gwida dwar l-Appoġġ Baġitarju"[107] wkoll stabbilixxew id-drittijiet tal-bniedem, il-governanza u d-demokrazija bħala punti ċentrali tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE.

---

[105] Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Appoġġ għad-Demokrazija fir-Relazzjonijiet Esterni tal-UE - Lejn Aktar Koerenza u Effettività (dok. 16081/09) http://register.consilium.europa.eu/pdf/en/09/st16/st16081.en09.pdf Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Appoġġ għad-Demokrazija fir-Relazzjonijiet Esterni tal-UE - Lejn Aktar Koerenza u Effettività (dok. 16081/0916081/09) http://register.consilium.europa.eu/pdf/en/09/st16/st16081.en09.pdf

[106] Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-Żieda fl-Impatt tal-Politika tal-Iżvilupp tal-UE" (it-3166 Laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Barranin, Brussell, l-14 ta' Mejju 2012).

[107] Konklużjonijiet tal-Kunsill "L-Approċċ Futur għall-Appoġġ Baġitarju tal-UE għal Pajjiżi Terzi"; it-3166 Laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Barranin, Brussell, l-14 ta' Mejju 2012.

Fit-22 u t-23 ta' Novembru 2012 ittella' fi Brussell "seminar dwar l-Istat tad-Dritt għall-esperti tal-missjonijiet tal-PSDK". Kienet l-ewwel darba li s-CPCC (Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija) organizzat dan it-tip ta' avveniment dwar it-tema tal-Istat tad-Dritt. Is-seminar indirizza l-problemi li s-CPCC taffronta fl-għaxar missjonijiet tagħha fl-Ewropa, l-Afrika, il-Lvant Qarib u Nofsani, li fihom qed tikkontribwixxi biex jiġi żviluppat aktar l-Istat tad-Dritt. Is-CPCC ipprovdiet forum għall-iskambju tal-fehmiet, biex jiddiskuti u joħloq netwerk ta' partijiet interessati u esperti għal azzjonijiet ta' segwitu f'dan il-qasam[108].

Fl-2012, l-UE kompliet issostni u ttejjeb l-impenn tagħha biex tirrinforza l-istat tad-dritt permezz tal-missjonijiet tal-PSDK tagħha, inklużi b'mod partikolari l-EULEX Kosovo, l-EUPOL Afghanistan, l-EUJUST Lex Iraq u l-EUPOL COPPS ( it-territorju Palestinjan okkupat - oPt ). E.

## E. MANIĠĠAR AKTAR EFFETTIV, KAPAĊI U KOERENTI TA' KRIŻIJIET PERMEZZ TAL-PSDK

Fl-2012, tnedew tliet missjonijiet ċivili ġodda: EUCAP NESTOR għandha tappoġġa l-bini ta' kapaċità marittima reġjonali fil-qarn tal-Afrika u l-istati tal-Oċean Indjan tal-Punent; EUAVSEC South Sudan għandha tgħin issaħħaħ is-sigurtà fl-Ajruport Internazzjonali ta' Juba u EUCAP Sahel Niger għandha ttejjeb il-kapaċitajiet tal-Forzi tas-Sigurtà tan-Niġer biex tiġġieled kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata. Barra minn hekk, lejn tmiem l-2012 diġà kien għaddej l-ippjanar għall-azzjoni tal-PSDK f'Mali u l-Libja.

108 Is-seminar ġabar għal jumejn kważi 60 persuna li jirrappreżentaw ħames missjonijiet differenti (EUJUSTLEX IRAQ, EULEX KOSOVO, EUPOL AFGHANISTAN, EUPOL CONGO, EUPOLCOPPS), istituzzjonijiet oħra tal-UE, in-NU, l-Istati Membri, l-NGOs, iċ-ċentri ta' taħriġ u r-riċerkaturi.

Fl-14 ta' Diċembru 2012, il-Kapijiet ta' Stati u ta' Gvern bagħtu sinjal qawwi favur it-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE li taġixxi bħala fornitur tas-sigurtà, bl-adozzjoni tal-konklużjonijiet proċedurali dwar il-PSDK biex tipprepara għad-diskussjoni tal-Kunsill Ewropew dwar is-sigurtà u d-difiża dwar il-PSDK skedata f'Diċembru 2013. Bil-ħsieb ta' dan id-dibattitu, il-Kunsill Ewropew, waqt li jtenni l-impenn tiegħu li jsaħħaħ il-PSDK bħala element essenzjali għall-approċċ komprensiv tal-UE - stieden lir-RGħ (permezz tal-SEAE u l-EDA) kif ukoll lill-Kummissjoni biex jagħtu rapport sa Settembru 2013 dwar il-proposti rispettivi tagħhom u l-azzjonijiet biex tissaħħaħ il-PSDK u jittejbu l-kapaċitajiet ċivili u militari. F'dak ir-rigward il-Kunsill Ewropew identifika tliet prijoritajiet: (i) żieda fl-effettività, il-viżibbiltà u l-impatt tal-PSDK; (ii) tisħiħ tal-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża u tisħiħ tal-industrija tad-difiża tal-Ewropa[109].

## 1. AKTAR KAPAĊI

### 1.1. Kunċetti għall-attivitajiet tal-PSDK

L-iżvilupp ta' kunċetti tal-UE baqa' sforz f'waqtu u importanti hekk kif il-ħtieġa għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-UE kiber fl-2012 speċjalment minħabba t-tnedija ta' tliet missjonijiet ġodda. Il-kunċetti huma għodda ewlenija li jservu bħala linji gwida u manwali għall-azzjoni tal-PSDK f'diversi oqsma. Ir-rieżami ta' kunċetti qodma u l-iżvilupp ta' oħrajn ġodda bbażati fuq il-lezzjonijiet miksuba mill-missjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet tal-UE stess kif ukoll l-esperjenzi ta' atturi internazzjonali oħra, jikkontribwixxu għal ippjanar ta' missjonijiet u operazzjonijiet imtejjeb u aktar rapidu. It-tagħlimiet, min-naħa tagħhom, ikunu ġew prinċipalment mill-esperjenzi tal-UE stess, u jiġu vvalidati u implimentati permezz ta' kunċetti ġodda jew aġġornati. Fost l-aktar ħidma kunċettwali importanti hemm it-tnedija tar-rieżami u r-reviżjoni tal-Kunċett "għall-Missjonijiet tal-Fruntiera tal-PESD fil-qasam tal-maniġġar ta' kriżijiet ċivili" u l-iżvilupp ta' "Kunċett għall-Operazzjonijiet għas-Sigurtà Marittima"[110].

---

[109] Fit-22 ta' Novembru 2012, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (P7_TA(2012)0455). Fit-22 ta' Novembru 2012, huwa adotta wkoll riżoluzzjoni dwar il-klawsoli ta' difiża reċiproka u ta' solidarjetà tal-UE: dimensjonijiet politiċi u operattivi (P7_TA(2012)0456).

[110] Fl-10 ta' Mejju 2012, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-piraterija marittima (P7_TA(2012)0203).

### 1.2. Kapaċitajiet ċivili u militari

*KAPAĊITAJIET ĊIVILI*

Fl-2012, ittieħdu passi importanti biex jiġu żviluppati aktar il-kapaċitajiet ċivili għall-PSDK. Madankollu, kif l-UE tibqa' tibgħat aktar missjonijiet differenti u kumplessi, ta' spiss f'ambjenti ostili u li jeħtieġu firxa wiesgħa ta' kompetenzi, tibqa' meħtieġa aktar ħidma.

Fi tweġiba għall-kompitu tal-Kunsill ta' Diċembru 2011, is-SEAE stabbilixxa Pjan ta' Żvilupp Pluriennali dwar il-Kapaċità Ċivili, li jibni fuq il-ħidma imwettqa taħt iż-żewġ Objettivi Primarji Ċivili, biex jistabbilixxi qafas dejjiemi għall-iżvilupp tal-kapaċità ċivili tal-PSDK billi jadotta l-frieghi differenti ta' ħidma għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet ċivili u jistruttura sekwenza ta' rapporti u gwida politika[111].

F'Settembru 2012, ittella' r-raba' seminar ta' livell għoli dwar l-iffaċilitar tal-iskjerament ta' persunal ċivili għall-missjonijiet PSDK[112] u ffoka fuq kif ser jintgħelbu n-nuqqasijiet fil-missjonijiet ċivili tal-PSDK fil-qasam tal-Istat tad-Dritt. Il-kapaċitajiet ċivili ngħataw ukoll viżibbiltà politika għolja fl-2012 permezz ta' diskussjoni mad-Diretturi tal-Politika tas-Sigurtà. Din il-prattika ser titkompla matul l-2013.

Matul l-2012, sar ħafna progress lejn il-finalizzazzjoni tal-ambjent tas-softwer Goalkeeper, immirat biex jgħin lill-Awtoritajiet tal-Istati Membri jistabbilixxu r-rosters tagħhom ta' persunal ċivili u jisfruttaw l-opportunitajiet ta' taħriġ offrut madwar l-Ewropa[113], sabiex jiffaċilita l-iskjerament ta' kapaċitajiet ċivili għall-missjonijiet PSDK.

111 Il-kompiti tal-Kunsill ta' Diċembru 2011 huma miġbura fil-PSDK - Konklużjonijiet tal-Kunsill (dokument 17991/11). Dwar il-ħidma imtellgħa taħt iż-żewġ Objettivi Primarji Ċivili, ara: Ir-Rapport Finali dwar l-Objettiv Primarju Ċivili 2008 (dokument 14807/07) u r-Rapport Finali dwar l-Objettiv Primarju Ċivili 2010 (dokument 16817/10).

112 L-erba' seminars (Ġunju 2009, Lulju 2010, Lulju 2011, Settembru 2012) saru fi Brussell u kienu mmirati għal rappreżentanti ta' livell għoli tal-Ministeri u s-Servizzi nazzjonali kollha responsabbli mis-sekondar proprju tal-persunal għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK. Ir-rapporti tas-seminars rispettivi jinsabu fid-dokument 12018/09 (is-seminar tal-2009), dokument 14201/10 (is-seminar tal-2010), dokument 16109/11 (is-seminar tal-2011) u dokument 15337/12 (is-seminar tal-2012). Il-progress tal-Istati Membri fl-iffaċilitar tal-iskjerament ta' persunal ċivili għall-missjonijiet tal-PSDK ġie rrappurtat lill-Kunsill f'Novembru 2009 u Diċembru 2010 (ara d-dokumenti 15842/09 u 16989/10, rispettivament). It-tielet rapport ta' progress huwa mistenni li joħroġ fil-bidu tal-2013.

113 L-aħħar rapport ta' progress Goalkeeper jinsab fid-dokument 12312/12. Ir-raba' rapport ta' progress Goalkeeper huwa mistenni joħroġ f'April 2013.

Għaddejja ħidma fil-qafas tat-tisħiħ fir-rabtiet bejn il-PSDK u l-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja (FSJ) biex tiddaħħal sensibilizzazzjoni fil-komunità ta' ħtieġa tal-persunal għall-missjonijiet ċivili tas-sigurtà interna, permezz ta' għadd ta' azzjonijiet bis-sehem tal-Istati Membri, l-aġenziji ta' sigurtà interna tal-UE, u l-istituzzjonijiet tal-UE.

Ukoll, fl-aħħar tal-2012 l-iskjerament rapidu ta' missjonijiet futuri tal-PSDK kien imsaħħaħ aktar bl-istabbiliment ta' maħżen tal-PSDK, li l-objettiv prinċipali tiegħu ser ikun li jforni b'mod rapidu lill-missjonijiet b'tagħmir essenzjali għall-iskjerament u l-operabilità rapida tagħhom.

Finalment, fil-Ħarifa 2012 ir-regoli tal-akkwist applikabbli għal missjonijiet li joperaw f'pajjiżi fi kriżi ġew illaxkati mill-Kummissjoni (skont id-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolament Finanzjarju): dan żgura sabiex il-missjonijiet PSDK jistgħu jaqdu aktar faċilmentl-ħtiġijiet tagħhom f'termini ta' tagħmir u servizzi.

*KAPAĊITAJIET MILITARI*

Fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Novembru l-Kunsill tenna l-appell tiegħu biex jinżammu u jiġu żviluppati aktar il-kapaċitajiet militari għas-sostenn u t-tisħiħ tal-PSDK - li huma l-bażi li fuqhom hija mibnija l-ħila tal-UE li taġixxi bħala fornitur tas-sigurtà, fil-kuntest ta' approċċ komprensiv aktar wiesa'. Ċipru organizza diversi avvenimenti dwar il-kapaċitajiet militari biex b'hekk ġab is-suġġett fuq quddiem nett tad-diskussjonijiet fil-livelli kollha fit-tieni parti tal-2012.

Wara l-aġġornament tal-2011 tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet (CDP) tal-EDA, qed jiġi mħejji rieżami ġdid għall-2014, li jindirizza sew is-sustanza tiegħu kif ukoll l-istruttura tiegħu.

Il-kisbiet fl-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet Militari tal-UE mmexxija taħt il-gwida tal-Kumitat Militari Ewropew ġew ippreżentati f'Rapport Uniku ta' Progress dwar l-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet Militari tal-UE (SPR)[114]. Fost l-akbar kisbiet rapportati kien hemm il-qasam tal-Akkomunament u Kondiviżjoni (b'enfasi fuq it-Taħriġ u l-Edukazzjoni), id-Difiża Ċibernetika, l-involviment militari fl-Ajru Uniku Ewropew, l-iżvilupp tal-kunċetti, u l-appoġġ loġistiku għall-operazzjonijiet PSDK. In-nuqqasijiet prinċipali attwali rrappurtati huma relatati mal-livell imnaqqas ta' appoġġ lill-mekkaniżmi tal-UE għal Reazzjoni Rapida Marittima u mill-Ajru, dewmien fl-iżvilupp fuq medda ta' żmien qasira tan-Netwerk Estensiv tal-Operazzjonijiet tal-UE, u l-postijiet vakanti persistenti fir-Roster tal-Gruppi Tattiċi tal-UE li potenzjalment jistgħu jnaqqsu l-kapaċità ta' reazzjoni militari rapida tal-UE.

Dwar ir-rieżami tan-nuqqasijiet, fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Novembru, il-Kunsill enfasizza l-ħtieġa li l-iżvilupp tal-kapaċità militari jiffoka fuq l-indirizzar tan-nuqqasijiet u jilħaq ir-rekwiżiti l-ġodda għall-PSDK. Huwa stieden lill-EUMC biex fl-2013 jirrieżamina n-nuqqasijiet u l-prijoritajiet tal-kapaċitajiet militari, bħala kontribut għall-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) bil-għan li jinforma dwar id-deċiżjonijiet nazzjonali rigward investimenti fid-difiża għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet.

**Akkomunament u kondiviżjoni**

L-approċċ fuq żewġ binarji għall-iżvilupp ta' proġetti kollaborattivi filwaqt li l-kooperazzjoni tad-difiża Ewropea ssir aktar sistematika u sostenibbli fit-tul baqa' l-bażi tal-isforzi tal-UE. F'dan ir-rigward il-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża adotta "Kodiċi tal-Kondotta dwar l-Akkomunament u l-Kondiviżjoni" volontarju li jinkludi azzjonijiet konkreti għall-integrazzjoni tal-kooperazzjoni fi proċessi nazzjonali tat-tfassil ta' deċizjonijiet. Sar ukoll progress fil-proġetti ta' Akkomunament u Kondiviżjoni appoġġati mill-EDA. Fil-fatt, ittieħdu passi sinifikanti matul l-2012, b'mod partikolari fl-oqsma ta' Rifoniment ta' Karburant fl-Ajru (iffirmar ta' Ittra ta' Intenzjoni dwar l-"Implimentazzjoni tal-Inizjattiva Strateġika Ewropea ta' Trasport bit-Tanker b'Diversi Rwoli"), it-Taħriġ bil-Ħelikopter (iffirmar ta' Arranġament Tekniku dwar il-programm ta' eżerċizzju bil-Ħelikopter), it-Taħriġ fil-Ġlieda kontra t-Tagħmir Splussiv Improvviżat, l-Isptarijiet Mediċi fuq il-Post, is-Sorveljanza Marittima, il-Komunikazzjoni bis-Satellita (Ċellula għall-Akkwist), u l-Awtorizzazzjoni Diplomatika (iffirmar ta' Arranġament għall-Programm dwar l-Awtorizzazzjoni Diplomatika tal-inġenji tal-ajru għat-trasport militari tal-parteċipanti fl-ispazju tal-ajru jew it-territorju nazzjonali rispettiv tagħhom).

[114] Rapport Uniku ta' Progress dwar l-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet Militari tal UE minn Novembru 2011 sa Ottubru 2012 (dokument 15476/12, datat 25 ta' Ottubru 2012).

Il-ħidma ta' tħejjija tat-Task Force tal-Kummissjoni dwar l-Industrija u s-Suq tad-Difiża ntlaqa' tajjeb mill-Kunsill fil-Konklużjonijiet ta' Novembru, u inkoraġġixxa lill-Kummissjoni Ewropea u l-EDA biex jaħdmu mill-qrib mal-Istati Membri lejn suq tad-difiża fl-Ewropa aktar kompetittiv u trasparenti u industrija Ewropea tad-difiża aktar b'saħħitha, u biex jiġu stimolati l-kooperazzjoni u s-sinerġiji fir-riċerka u t-teknoloġija b'użu doppju (inkluż f'oqsma bħas-Sistemi tal-Ajru Mingħajr Piloti, Ċibernetiċi, is-sigurtà Marittima, tal-Ispazju u l-Enerġija u l-Ambjent).

**1.3. Lezzjonijiet miksuba u l-aħjar prattiki fil-PSDK ċivili u militari**

Is-sistema għal-lezzjonijiet miksuba mid-dimensjonijiet ċivili u militari tal-PSDK qed tiġi rinforzata. Fit-30 ta' Novembru, is-SEAE ppreżenta pakkett ta' dokumenti bl-isem ta' "Lezzjonijiet miksuba: titjib tal-prodott". Huwa ntlaqa' tajjeb mill-Istati Membri. Fost id-dokumenti kien hemm abbozz ta' kunċett għal-lezzjonijiet u l-aħjar prattiki fil-PSDK ċivili, li jpoġġi aktar enfasi fuq l-iżgurar tal-implimentazzjoni konkreta tal-lezzjonijiet u t-trasformazzjoni tal-esperjenza fl-aħjar prattiki, biex jipprovdi mudelli pożittivi.

Żewġ rapporti ċivili/militari komuni kienu wkoll parti mit-"titjib tal-prodott": l-ewwel rapport annwali tal-lezzjonijiet komuni ċivili-militari u l-aħjar prattiki u r-rapport tal-lezzjonijiet tematiċi dwar l-appoġġ tal-PSDK ċivili-militari għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (RSS). Ir-RSS hija waħda mill-oqsma ewlenin ta' intervent mill-UE b'appoġġ għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Ir-rapporti ġew ippreżentati mis-CMPD u ntlaqgħu tajjeb mill-KPS. Ġie ppreżentat wkoll rapport dwar lezzjonijiet għall-PSDK mill-programm ta' taħriġ tal-puliżija EUPFT 2008-2010 ffinanzjat mill-KE. Ir-rakkomandazzjonijiet minn dawn ir-rapporti ser iservu ta' gwida għal-lezzjonijiet u l-aħjar prattiki matul l-2013.

Bażi tad-data kondiviża tal-lezzjonijiet u l-aħjar prattiki ċivili u militari fil-PSDK ġiet imwaqqfa wkoll fl-2012 biex tiffaċilita l-kondiviżjoni ta' għarfien ta' lezzjonijiet, esperjenza u l-aħjar prattiki bejn dawk li jaħdmu fil-maniġġar tal-kriżijiet. Dan l-eżerċizzju importanti jinvolvi lil dawk kollha interessati (il-Kunsill, is-SEAE, id-dipartimenti tal-Kummissjoni): id-dibattitu dwar il-lezzjonijiet miksuba tkompla fl-2013 fejn ser jiġi ppreżentat pjan direzzjonali mis-SEAE u l-Kummissjoni lill-Kunsill għall-approvazzjoni.

**1.4. Taħriġ u eżerċizzji**

Saru sforzi konsiderevoli matul l-2012 sew fil-livelli tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri sabiex jintlaħqu l-objettivi ġenerali u jittejjeb it-taħriġ tal-PSDK fil-kategoriji kollha tal-persunal li jaħdem fuq kwistjonijiet tal-PSDK jew li jimmobilita f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK.

F'Mejju 2012, is-SEAE organizza għall-ewwel darba laqgħa li ġabret flimkien il-Kapijiet tal-Unitajiet ta' Taħriġ u l-esperti tat-taħriġ mill-Missjonijiet u l-Operazzjonijiet tal-PSDK, mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-fornituri prinċipali ta' taħriġ fil-qasam tal-maniġġar ta' kriżijiet. L-avveniment iffaċilita n-networking fost dawn it-tliet gruppi ewlenin ta' partijiet interessati, inkluża diskussjoni dwar l-aħjar prattiki fl-attivitajiet ta' taħriġ waqt il-missjoni - inklużi r-rabtiet tagħhom mat-taħriġ ta' qabel il-mobilizzazzjoni - u ż-żieda fis-sensibilizzazzjoni tal-istrumenti ta' appoġġ tat-taħriġ disponibbli fil-livell tal-UE. Kien hemm attendenza kbira għal-laqgħa u l-parteċipanti apprezzaw ħafna l-laqgħa. Ser issir avveniment annwali.

Attivitajiet importanti ta' taħriġ indirizzaw fost l-oħrajn, kwistjonijiet bħat-tħejjija ta' mexxejja għolja potenzjali futuri ta' missjoni għall-missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK, l-ippjanar strateġiku tal-missjoni u l-integrazzjoni tal-kwistjonijiet tal-ġeneru fl-attivitajiet operazzjonali tal-PSDK.

L-iżvilupp ulterjuri tal-Approċċ Komprensiv kien imsaħħaħ bit-twettiq ta' tliet Korsijiet ta' Ppjanar Operazzjonali ffukati fuq l-istrateġija mill-EUMS bl-attendenza tkun mill-Istituzzjonijiet tal-UE. L-EUMS u l-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD) wettqu b'suċċess l-ewwel Kors ta' Orjentament mmexxi b'mod konġunt. Il-KESD ikkollabora wkoll mal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) u l-proġett tal-Kummissjoni "Inizjattiva Ġdida tal-Ewropa ta' Taħriġ għall-Ġestjoni Ċivili ta' Kriżi", li jorganizza fost l-oħrajn taħriġ ta' qabel l-iskjerament għal diversi missjonijiet ċivili tal-PSDK.

Proposta biex issaħħaħ il-KESD u tassoċjaha aktar mill-qrib mas-SEAE ġiet ippreparata mis-SEAE u l-Kummissjoni fl-2012.

B'riflessjoni tal-ambjent wara Lisbona, is-SEAE mexxa, għall-ewwel darba, eżerċizzju ta' maniġġar ta' kriżijiet: "Diversi Livelli 2012", li jeżerċita t-tliet saffi kollha ta' tfsassil tad-deċiżjoni[115] fi tweġiba tal-PSDK għal kriżi fittizja. Ħareġ aktar valur minn dan l-eżerċizzju bl-ittestjar tal-elementi tal-proċeduri ġodda proposti tal-maniġġar ta' kriżijiet u tas-Sistema ta' Rispons għall-Kriżijiet tas-SEAE. Il-lezzjonijiet minn dan l-eżerċizzju ser jagħtu informazzjoni għar-rieżami u għar-reviżjoni tal-Eżerċizzju ta' Politika u ta' Kunċett tal-UE li għandu jitlesta fl-2013.

## 2. AKTAR EFFETTIV

### 2.1. Kooperazzjoni mas-sħab fil-maniġġar ta' kriżijiet

*PAJJIŻI SĦAB*

Ġew intensifikati l-isforzi biex isiru aktar djalogu u kooperazzjoni sostanzjali ma' pajjiżi terzi, inklużi sħab strateġiċi, u biex jiġu żviluppati relazzjonijiet mas-sħab ġodda. Ġew approvati sett ta' rakkomandazzjonijiet mill-Istati Membri biex il-kooperazzjoni ma' sħab dwar il-PSDK tittejjeb u tiġi approfondita, u li ser ikollhom bżonn ta' aktar segwitu. L-UE kompliet bid-djalogu tagħha mal-membri Ewropej tan-NATO li mhumiex fl-UE, pajjiżi oħrajn li huma kandidati għall-adeżjoni mal-UE, kif ukoll ma' diversi sħab importanti oħrajn, inklużi l-Istati Uniti, il-Kanada, iċ-Ċina, il-Ġappun, ir-Russja u l-Ukraina, u mal-ġirien tal-UE fil-Lvant u n-Nofsinhar.

Matul l-2012, 14-il pajjiż (l-Albanija, il-Kanada, iċ-Ċilì, il-Kroazja, l-Islanda, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro, in-Norveġja, in-New Zealand, is-Serbja, l-Isvizzera, it-Turkija, l-Ukraina, l-Istati Uniti) pparteċipaw f'disa' mill-missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK (EUFOR ALTHEA, EUJUST LEX Iraq, EULEX Kosovo, EUPM BiH (il-mandat intemm fit-30 ta' Ġunju 2012), EUPOL COPPS, EUPOL Afghanistan, EUNAVFOR ATALANTA, EUTM SOMALIA, EUSEC RD Congo). Kompliet l-interazzjoni li ħalliet il-frott ma' bosta sħab oħra fil-kuntest tal-attivitajiet kontra l-piraterija.

[115] It-tliet livelli tat-tfassil ta' deċiżjonijiet li ħadu sehem fl-eżerċizzju kienu: l-Istrateġija Politika - il-livelli Militari Strateġiċi u Operattivi.

Matul l-2012, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, in-New Zealand u r-Repubblika tal-Moldova kkonkludew ftehimiet sabiex jiġi stabbilit qafas għall-parteċipazzjoni tagħhom fl-operazzjonijiet tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet ("Ftehimiet Qafas ta' Parteċipazzjoni"). Ġew mnedija negozjati FPA mal-Ġeorġja u r-Repubblika tal-Korea.

## 2.2. Organizzazzjonijiet internazzjonali

*UE-NATO*

Fl-2012, fil-qafas tal-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-UE-NATO fil-maniġġar ta' kriżijiet tal-arranġamenti tal-"Berlin Plus" għall-operazzjoni tal-PSDK, EUFOR Althea fil-Bosnja-Ħerzegovina kompliet taħdem mingħajr xkiel u b'mod effiċjenti.

Meta deher li l-ippjanar dwar Mali jista' jwassal għat-tnedija ta' operazzjoni militari tal-UE ġdida, ġiet żgurata trasparenza sħiħa mal-Alleati Ewropej mhux parti mill-UE, kemm bilateralment kif ukoll fil-formati miftiehma.

Is-SEAE pparteċipa fl-eżerċizzju ta' maniġġar ta' kriżijiet tan-NATO CMX12 bħala osservatur.

F'konformità mal-mandat mogħti mill-Kunsill Ewropew f'Settembru 2010, l-implimentazzjoni tal-proposti konkreti mressqa lis-Segretarju Ġenerali tan-NATO fl-2011, kompliet fl-2012 bi:

- Issa ġew żviluppati kuntatti bejn il-persunal f'ħafna oqsma, tal-maniġġar ta' kriżijiet. Formati ġodda ta' laqgħat bejn il-persunal f'livell għoli kkontribwixxew biex isaħħu t-trasparenza u l-komplementarjetajiet fuq suġġetti ta' interess komuni, speċjalment f'oqsma fejn iż-żewġ organizzazzjonijiet jaħdmu flimkien.
- Informazzjoni dwar suġġetti bħad-difiża ċibernetika jew il-ġlieda kontra t-terroriżmu mogħtija minn persunal tal-UE lill-gruppi ta' ħidma tan-NATO ġew reċiprokati b'informazzjoni dwar l-istess suġġetti minn persunal tan-NATO lill-gruppi ta' ħidma tal-UE; dan ippermetta skambju reċiproku ġenwin li ntlaqa' tajjeb mill-Istati Membri u mill-pajjiżi taż-żewġ organizzazzjonijiet.
- Barra minn hekk, rigward il-kapaċitajiet ta' difiża, kompliet il-kooperazzjoni produttiva bejn il-persunal tal-UE u n-NATO dwar l-inizjattivi tal-Akkomunament u l-Kondiviżjoni u l-proġetti tad-Difiża Intelliġenti sabiex jiġu żgurati l-koerenza, it-tisħiħ reċiproku u n-nonduplikazzjoni.

*UE-NU*

Fit-3 ta' Lulju 2012, il-KPS approva il-"Pjan ta' Azzjoni biex Jissaħħaħ l-Appoġġ tal-PSDK tal-UE għaż-Żamma tal-Paċi tan-NU". Fil-Ħarifa tal-2012 l-UE bdiet l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni. L-enfasi fl-ewwel fażi kienet diretta għal dawk l-azzjonijiet li huma tal-akbar prijorità għan-NU kif ukoll għall-UE, u li relattivament għandhom żmien qasir biex jiġu implimentati.

It-12-il laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija UE/NU dwar il-maniġġar ta' kriżijiet sar fi Brussell fit-2 ta' Frar 2012. Kien l-ewwel Kumitat ta' Tmexxija sa mill-ħolqien tas-SEAE, u wkoll l-ewwel laqgħa wara pawsa ta' sentejn. L-aġenda misset il-kriżijiet Afrikani bħal dik tas-Sudan t'Isfel; iżda ddiskutiet ukoll arranġamenti ġodda għall-funzjonament tal-Kumitat ta' Tmexxija u l-Kapaċitajiet Ċivili. Saret laqgħa oħra fis-26 ta' Novembru f'New York u ffukat mill-ġdid fuq l-iżviluppi fl-Afrika: Mali, Somalja u r-Repubblika Demokratika tal-Kongo. Ġew diskussi wkoll l-ippjanar u d-drittijiet tal-bniedem fiż-żamma tal-paċi/maniġġar ta' kriżijiet.

F'Mejju 2012, ġiet iffirmata Dikjarazzjoni Konġunta dwar Sħubija għall-ġlieda kontra l-piraterija marittima u s-serq bl-użu ta' armi fl-Oċean Indjan tal-Punent mir-RGħ/VP u mis-Segretarju Ġenerali tal-IMO (Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali*)*.

Barra minn hekk, inħoloq 'Grupp ta' Koordinazzjoni għall-Bini tal-Kapaċità' fil-kuntest tal-Grupp ta' Kuntatt dwar il-Piraterija 'l barra mill-kosta tas-Somalja li jiġbor flimkien l-organizzazzjonijiet prinċipali responsabbli mill-implimentazzjoni tal-maġġoranza l-kbira tal-attivitajiet ta' bini tal-kapaċità fl-Oċean Indjan tal-Punent. Il-ħidma tagħhom hija ffaċilitata minn bażi tad-data komunament aċċessibbli b'mod internazzjonali li jelenka l-attivitajiet kollha rilevanti ta' bini tal-kapaċità f'dan ir-reġjun.

## 2.3. Ċentru Satellitari tal-UE (EUSC)

Is-sena 2012 kompliet it-tendenza ta' rwol dejjem jiżdied taċ-Ċentru Satellitari tal-UE (EUSC) fil-PSDK. Billi jipprovdi analiżi ta' immaġni satellitari f'pajjiżi u reġjuni f'konflitt, is-SATCEN jagħti l-appoġġ tiegħu għall-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni għat-tnedija u l-ħidma tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK. L-analiżi ta' immaġni satellitari dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja kkontribwixxew fl-ifformular tal-pożizzjoni tal-UE. Il-monitoraġġ tal-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva possibbli u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-missili kienu ta' appoġġ għan-negozjati politiċi mal-Iran.

Il-kriżi kontinwa fl-Afrika ta' Fuq u l-Lvant Nofsani kkontribwixxew għaż-żieda fil-kompiti taċ-Ċentru. B'kollox is-SATCEN ħadem fuq 84 kompitu ġdid, li rriżulta f'aktar minn 800[116] prodott. Kemm is-SEAE kif ukoll l-Istati Membri tal-UE jibbenefikaw minn dan l-appoġġ.

Fl-2012, l-EUSC wera il-kapaċità tiegħu biex jagħti l-appoġġ kważi f'ħin reali ta' operazzjoni tan-NU fil-post fis-Sirja, UNSMIS. Il-monitoraġġ tal-kriżi fis-Sirja kkostitwixxa l-akbar ammont ta' xogħol individwali għaċ-Ċentru, li rriżulta f'aktar minn 300 prodott. Matul dan il-perijodu ta' żmien il-EUSC ħadem fi stat ta' kriżi (sigħat imtawla ta' xogħol, xogħol bix-xift u l-ftuħ matul tmiem il-ġimgħa).

Il-kapaċità tal-EUSC qiegħda kull ma jmur tiġi dejjem aktar rikonoxxuta u l-għadd ta' talbiet mill-organizzazzjonijiet internazzjonali (NU, UA, NATO) qiegħed jiżdied b'mod kostanti. Il-EUSC jirrappreżenta kapaċità unika għall-UE bħala fornitur tas-sigurtà, li jista' jagħti appoġġ lill-missjonijiet u operazzjonijiet tas-sħab tal-UE f'waqtu.

---

116 2011: L-EUSC ta madwar 600 prodott.

Fl-14 ta' Settembru 2012, ir-RGħ/VP ppreżentat rapport lill-Kunsill dwar il-Funzjonament taċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea. Ir-rapport jenfasizza li ċ-Ċentru wera biċ-ċar il-validità u l-kwalità ta' xogħlu. Madankollu, hija tinnota wkoll li kriżijiet reċenti poġġew taħt pressjoni l-kapaċitajiet operazzjonali taċ-Ċentru f'termini ta' riżorsi, kemm umani kif ukoll finanzjarji.

## 3. AKTAR KOERENTI

### Sinerġiji Ċivili-Militari

Il-promozzjoni ta' sinerġiji fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet ċivili u militari fost l-Istati Membri hija maħsuba biex tibni kapaċità operazzjonali tal-UE aktar komprensiva fil-prevenzjoni tal-konflitt u fil-maniġġar ta' kriżijiet. Dan ix-xogħol jiġbor firxa wiesgħa ta' azzjonijiet li jwasslu għal, fost l-oħrajn, il-faċilitazzjoni tal-użu doppju tal-kapaċitajiet ċivili jew militari, pakketti ġodda ta' taħriġ għal persunal skjerat fiż-żona tal-operazzjonijiet, sinerġiji fl-appoġġ loġistiku, interoperabbiltà aħjar bejn l-elementi ċivili u militari, kondivizjoni aħjar tal-għodda u kompilazzjoni aħjar tal-lezzjonijiet miksuba mill-operazzjonijiet, u rappurtaġġ aktar koerenti dwar l-iżvilupp tal-kapaċità.

F'Lulju 2012 ġie ppreżentat rapport għall-konsiderazzjoni lill-KPS dwar l-eżiti tal-azzjonijiet tal-Pjan ta' Ħidma[117]. Ix-xogħol jinsab għaddej biex jipprijoritizza l-azzjonijiet u jsaħħaħ l-effettività tal-proċess.

[117] "Il-Promozzjoni tas-Sinerġiji bejn il-Kapaċitajiet ta' Żvilupp Ċivili u Militari tal-UE - Rapport ta' progress dwar l-eżiti tal-pjan ta' ħidma sa tmiem l-ewwel semestru tal-2012" (dokument 12586/12, datat 16 ta' Lulju 2012).

**PARTI II: ĦARSA 'L QUDDIEM LEJN IR-RAPPORT TAL-PSDK 2012**

L-appoġġ fit-tul għal bidla demokratika fil-Viċinat tan-Nofsinhar ser jibqa' mira ewlenija għall-azzjoni esterna tal-UE, u jibni fuq l-implimentazzjoni tas-Sħubija għad-Demokrazija u l-Prosperità Kondiviża, maqbula fl-2011, u l-approċċ aktar għal aktar li ġie integrat fil-Politika Ewropea tal-Viċinat. L-hekk imsejjaħ approċċ Task Force li jiġbor fih lill-UE, il-gvernijiet tar-reġjun, l-IFIs u a firxa wiesgħa ta' partijiet interessati mhux governattivi lokali u rappreżentanti mis-settur privat ser ikompli jiġi żviluppat. It-Tranżizzjonijiet huma proċessi kumplessi. L-UE għandha żżomm u fejn meħtieġ żżid l-impenn tagħha fil-proċess, inkluż f'mumenti kritiċi u fuq perijodu twil.

Żviluppi ta' tħassib reċenti, speċjalment fl-Eġittu, jenfasizzaw l-isfidi li hemm quddiemna fir-reġjun, li jeħtieġu attenzjoni politika konsiderevoli. It-transizzjonijiet kontinwi, pjuttost kumplessi, fit-Tuneżija u fil-Libja ser jeħtieġu wkoll aktar involviment. L-appoġġ fit-transizzjoni ser jeħtieġ li jieħu inkonsiderazzjoni approċċ differenzjat, il-ħtiġijiet oġġettivi tas-sħab, it-tradizzjonijiet kulturali u l-valuri lokali, filwaqt li jridu jkunu jżommu sod sabiex jinċentivaw il-valuri ewlenin tal-UE, pereżempju d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-inklussività.

Is-Sirja se tibqa' sfida kbira għall-futur prevedibbli. L-UE hija impenjata li tkompli l-impenn tagħha, billi taħdem mill-qrib mas-sħab internazzjonali tagħha, partikolarment il-Lega tal-Istati Għarab u n-Nazzjonijiet Uniti, billi tfittex modi biex tgħin fit-tnedija ta' proċess politiku lejn it-tmiem tal-kriżi, u hija kommessa li tkompli tassisti lill-vittmi tal-kriżi umanitarja u l-pajjiżi sħab tas-Sirja.

Il-ħtieġa għall-progress fil-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani tibqa' kwistjoni ta' urġenza, ukoll fuq sfond ta' diffikultajiet akbar sabiex tiġi salvagwardata is-soluzzjoni ta' żewġ Stati u r-radikalizzazzjoni dejjem tikber fir-reġjun, wara l-bidliet li bdew bir-Rebbiegħa Għarbija tal-2011. Bħala membru tal-Kwartett tal-MEPP, l-UE ser tibqa' timbotta b'mod attiv biex mill-ġdid tiġbor lill-partijiet madwar il-mejda tan-negozjati, bil-għan ta' soluzzjoni sostenibbli bbażata fuq żewġ stati jgħixu flimkien fil-paċi u s-sigurtà. Huwa tajjeb li jiġu esplorati aktar mas-sħab il-possibilitajiet biex tiġi implimentata l-Inizjattiva Għarbija għall-Paċi. Il-kuntatti reġjonali ser ikunu partikolarment importanti. It-tmiem taż-żieda fit-tensjonijiet f'Settembru 2012 uriet ir-rwol kostruttiv li l-Eġittu jista' jkollha biex tikkalma sitwazzjonijiet perikolużi fir-reġjun. Id-djalogu mal-Kajr jeħtieġ li jinżamm f'livell intensiv għal dan il-għan.

L-impenn kontinwu tal-UE fil-viċinat tal-Lvant ser jibqa' kruċjali, inkluż permezz tas-Sħubija tal-Lvant. L-avveniment ewlieni tal-2013 ser ikun is-Summit tas-Sħubija tal-Lvantli ser isir f'Vilnius f'Novembru. L-UE ser issegwi l-progress tal-Ukraina fir-rigward tal-osservanza tal-kondizzjonijiet imniżżla mill-Kunsill Affarijiet Barranin f'Diċembru 2012 għall-iffirmar tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukraina/Żona ta’ Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva u d-dħul fis-seħħ tiegħu, inkluża l-possibilità ta' applikazzjoni proviżorja ta' partijiet tal-Ftehim. Barra minn hekk, l-UE ser tfittex li trawwem proċess ta' assoċjazzjoni politika u integrazzjoni ekonomika mal-aktar pajjiżi avvanzati tal-Lvant Ewropew, possibbilment permezz tal-inizjalar tal-AA/DCFTAs mar-Repubblika tal-Moldova, l-Armenja u l-Ġeorġja sas-summit ta' Vilnius. Dwar il-konflitti mtawla, l-UE ser taħdem mill-qrib mal-Presidenza Ukraina tal-OSKE sabiex isir aktar progress lejn soluzzjoni sostenibbli fil-konflitt Transnistrijan, u fil-kuntest tat-taħdidiet ta' Ġinevra dwar il-konflitti fil-Ġeorġja kif ukoll fil-kuntest tal-isforzi għar-riżoluzzjoni tal-konflitt ta' Nagorno Karabakh.

Ser tkompli tingħata attenzjoni biex tiġi żgurata koerenza bejn ir-rekord multilaerali tas-SL u l-inizjattivi ta' kooperazzjoni reġjonali (pereżempju s-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed).

Il-Balkani tal-Punent ser jibqgħu prijorità, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-ftehim bejn is-Serbja u l-Kosovo milħuq mir-RGħ/VP, fejn l-UE investiet sforzi u riżorsi konsiderevoli. Dan huwa pass kruċjali lejn l-objettiv inġenerali tan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn iż-żewġ naħat, li hija prekondizzjoni neċessarja għal aktar progress fit-triq Ewropea rispettiva tagħhom. L-avveniment importanti li jmiss fi triqithom lejn l-UE huwa l-ftuħ tan-negozjati tal-adeżjoni għas-Serbja, u n-negozjar għal Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-Kosovo. Ir-rwol ċentrali dejjiemi tal-UE fir-relazzjoni futura bejn is-Serbja u l-Kosovo jibqa' kemm essenzjali kif ukoll vantaġġuż, minħabba l-perspettiva tal-UE għall-Balkani tal-Punent u l-vantaġġ uniku li joħroġ minnha.

Is-sħubija tal-Kroazja ser tapprofondixxi wkoll ir-relazzjoni li għandha l-UE mar-reġjun, u ser tipprovdi opportunitajiet għal aktar impenn ma' membri oħra ta' dik li qabel kienet il-Jugoslavja. Wieħed jittama li d-dħul reċenti tal-Kroazja fl-UE kif ukoll il-progress tas-Serbja ser jinkoraġġixxu b'mod partikolari lill-Bosnja-Ħerżegovina biex tagħmel progress reali rigward it-triq tagħha lejn l-Unjoni.

F'termini ta' theddidiet kbar għas-sigurtà reġjonali u globali, l-Iran ser tibqa' prijorità ewlenija, minħabba li l-attivitajiet nukleari tagħha għadhom jespandu u konsegwentement it-tħassib internazzjonali jibqa' għoli. Hemm ħtieġa urġenti biex isir progress dwar is-sejba ta' soluzzjoni nnegozjata għall-kwistjoni nukleari tal-Iran. Ir-RGħ/VP, flimkien mal-E3+3, tkompli tmexxi sforzi diplomatiċi intensivi biex l-Iran jiġi inkluż fi proċess ta' taħdidiet sostantivi li jerġgħu jagħtu l-fiduċja internazzjonali fin-natura esklużivament paċifika tal-programm nukleari tal-Iran. F'konformità mal-approċċ fuq żewġ binarji ta' involviment u pressjoni diplomatiku, is-sanzjonijiet restrittivi tal-UE ser jibqgħu fis-seħħ sakemm l-Iran joħloq il-kondizzjonjiet li jwasslu biex dawn is-sanzjonijiet jieqfu u billi jikkonforma mal-obbligi internazzjonali kollha tiegħu, inkluż l-implimentazzjoni sħiħa tar-Riżoluzzjonijiet tal-KSNU u l-Bord tal-Gvernaturi tal-IAEA.

L-ambizzjonijiet nukleari u l-pożizzjonament aggressiv tal-Korea ta' Fuq ser jibqgħu theddida prinċipali għas-sigurtà fil-Lvant Imbiegħed, partikolarment fir-rigward tas-sħab reġjonali ewlenin, ir-Repubblika tal-Korea u l-Ġappun. L-UE ser tkompli tkun attur ewlieni fit-tnaqqis tat-tensjoni reġjonali, u ser tappoġġa attivament lill-KSNU fil-pressjoni ta' Pjongjang biex twaqqaf l-attivitajiet tagħha u taderixxi mal-obbligi internazzjonali tagħha, filwaqt li żżomm il-politika tagħha ta' impenn kritiku, inklużi miżuri restrittivi, mar-RDPK.

Is-sħubiji u l-formazzjoni tas-sħubiji ser jibqgħu element fundamentali fl-azzjoni esterna tal-UE, u jkomplu jibnu fuq il-prijoritizzazzjoni tas-Sħab Strateġiċi mir-RGħ/VP fil-bidu tal-mandat tagħha. Stati bl-istess għanijiet, partikolarment l-Istati Uniti, iżda wkoll pajjiżi bħall-Kanada, ser jibqgħu kruċjali biex jgħinu fit-twettieq tal-objettivi ewlenin tal-UE fuq ix-xena globali. Pereżempju, b'mod speċjali ġiet żviluppata kooperazzjoni mal-Istatui Uniti tal-Amerika rigward il-programm nukleari Iranjan, u kif ukoll dwar il-Balkani tal-Punent. Hekk kif ġiet stabbilita t-tieni amministrazzjoni ta' Obama, ir-relazzjoni ta' ħidma bejn ir-RGħ/VP u s-Segretarju Kerry ser tkun strumentali gal kooperazzjoni aktar approfondita. Ir-relazzjoni UE-US ser tissaħħaħ ukoll permezz tat-tnedija tan-negozjati tas-Sħubija Trans-Atlantika ta’ Kummerċ u ta’ Investiment (TTIP) li s-sinifikat tagħha jmur sew lil hinn minn suġġetti ekonomiċi.

Mar-Russja ser inkomplu niżviluppaw ir-relazzjoni bilaterali tagħna. Għadd ta' kwistjonijiet pendenti jibqgħu għad-diskussjoni, iżda d-direzzjoni inġenerali hija ċara u neħtieġu nkomplu nneħħu l-ostakoli pendenti fl-oqsma tal-kummerċ, l-enerġija u l-viża biex insemmu xi wħud. Ser isiru wkoll sforzi kontinwi biex titwessa' l-kooperazzjoni dwar il-politika barranija, bl-inklużjoni fil-viċinat komuni tagħna u l-kunflitti li ilhom għaddejjin

L-involviment tat-tmexxija l-ġdida Ċiniża ser tkun essenzjali, u tkompli tibni fuq il-kooperazzjoni eżistenti u d-djalogu dwar il-kwistjonijiet ta' sigurtà, inkluż il-ġlieda kontra l-piraterija 'l barra mill-kosta tas-Somalja. It-testijiet reċenti tal-missili u nukleari tal-Korea ta' Fuq ser iżdu piż addizzjonali fuq ir-relazzjoni maċ-Ċina, kif ser jagħmlu ukoll fuq is-Sħubija Strateġika tal-UE mar-Repubblika tal-Korea.

L-intensifikar tad-djalogi regolari u informali barranin u dwar is-sigurtà ser jiġu insegwiti wkoll ma' sħab oħra ewlenin (pereżempju l-Eġittu, il-Pakistan, l-Indoneżja, il-Marokk) sabiex tiżdied il-kooperazzjoni konkreta u jissawru risponsi reċiprokament aċċettabbli għal sfidi internazzjonali.

B'risposta għall-isfidi, l-UE għandha għad-dispożizzjoni tagħha firxa wiesgħa unika ta' politiki u għodod għar-relazzjonijiet esterni - diplomatiċi, ta' sigurtà, ta' difiżi, finanzjarji, ta' kummerċ, ta' żvilupp u umanitarji. Din tista' titqies is-saħħa prinċipali tal-UE bħala attur tar-relazzjonijiet esterni. Is-SEAE u l-Kummissjoni ser jibqgħu jippromwovu approċċ komprensiv għar-relazzjonijiet esterni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-Parlament Ewropew. Bħala parti minn dan ix-xogħol, il-Kummissjoni u r-RGħ ser iressqu proposta dwar aktar tisħiħ tal-approċċ komprensiv għal sitwazzjonijiet ta' kriżi u fl-istadji kollha ta' ċiklu ta' konflitt - mit-twissijiet bikrin u l-prevenzjoni tal-kunflitt, ir-rispons u l-maniġġar ta' kriżijiet sal-irkupru, il-bini tal-paċi u l-isforzi fit-tul għall-iżvilupp.

Il-proċess għall-istabbiliment mill-ġdid tas-sigurtà u l-istabbiltà f'Mali ser tokkupa post importanti fl-attivitajiet komprensivi tal-UE fir-reġjun tas-Saħel. Il-missjoni ta' taħriġ tal-UE f'Mali (EUTM Mali) ser tgħin ittejjeb il-kapaċità militari tal-Forzi Armati ta' Mali sabiex tippermetti, taħt l-awtorità ċivili, l-istabbiliment mill-ġdid tal-integrità territorjali tal-pajjiż. B'mod parallel, l-UE ser tibqa' taħdem mal-atturi internazzjonali, inkluż l-ECOWAS, sabiex tipprovdi appoġġ għall-Missjoni Multidimensjonali Integrata tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Istabbilizzazzjoni f'Mali (MINUSMA) u l-miżuri eventwali għal aktar stabbilizzazzjoni. In-nuqqas ta' sigurtà u t-terroriżmu fin-Niġerja ser ikunu wkoll suġġett għal aktar kooperazzjoni miżjuda mal-Gvern. Il-piraterija u l-kriminalità organizzata, inklużi t-traffikar tad-drogi u traffikar ieħor, ser jiġu indirizzati permezz ta' programm ta' appoġġ tal-UE għal strateġija ġdida tal-Afrika Ċentrali u tal-Punent għall-Golf tal-Ginea li għandu jiġi ffinalizzat mill-Kapijiet ta' Stati reġjonali matul l-2013. L-UE ser ukoll tagħmel monitoraġġ mill-qrib u tappoġġa lill-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għat-Transizzjoni Politika fil-Ginea Bissaw.

Ir-RGħ/VP u s-SEAE ser jibqgħu involuti b'mod sinifikanti fil-Qarn tal-Afrika. F'konformità mal-qafas strateġiku ta' Novembru 2011, l-UE ser tkompli tagħti l-appoġġ għall-mitigazzjoni tan-nuqqas ta' sigurtà tar-reġjun u l-indirizzar tal-kawżi tal-instabbiltà tiegħu. L-UE ser tibqa' impenjata li tassisti l-iżviluppi posittivi fis-Somalja. Il-missjonijiet u l-operazzjonijiet għaddejjin tal-PSDK (EUNAVFOR ATALANTA, EUTM Somalia, EUCAP NESTOR, EUAVSEC) u l-appoġġ għall-Missjoni tal-Unjoni Afrikana fis-Somalja (AMISOM) jibqgħu fattur importanti ta' dan. L-UE ser tkompli tappoġġa l-isforzi biex jinbnew id-demokrazija, is-sigurtà u l-prosperità fil-Kenja, li kellhom l-elezzjonijiet parlamentari f'Marzu 2013. Ser tagħti wkoll attenzjoni speċjali lill-evoluzzjoni tal-politiki domestiċi u esterni tal-Etjopja. L-UE ser tibqa' tiffoka l-isforzi tagħha fuq is-Sudan u s-Sudan t'Isfel, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet u l-progress fuq kwistjonijiet pendenti bħal Abyei u l-fruntieri.

L-UE ser trawwem approċċ strateġiku għall-problemi rikorrenti fir-Reġjun tal-Lagi l-Kbar u tikkontribwixxi biex tinstab soluzzjoni sostenibbli għall-isfidi ta' sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo tal-Lvant. B'hekk ser jiġi żviluppat qafas strateġiku għar-Reġjun tal-Lagi l-Kbar bl-objettiv li jiġi appoġġat approċċ koerenti tal-UE rigward id-diversi għeruq tal-kriżi (fil-livelli reġjonali, RDK u lokali/Lvant tal-RDK). Ser isiru sforzi biex jiġu ssalvagwardati l-kisbiet tal-EUPOL u l-EUSEC wara l-għeluq tal-missjoni f'Settembru 2014. Il-kollaborazzjoni mas-sħab Afrikani u internazzjonali, b'appoġġ għall-inizjattivi tan-NU biex iwasslu għal stabbiltà dejjiema għar-RDK tal-Lvant, ser jitkomplew ukoll. Rigward ir-Repubblika Ċentru-Afrikana l-UE ser iżżomm l-appoġġ għall-proċess ta' tranżizzjoni u r-restawr tal-istat tad-dritt u s-sigurtà.

Il-missjonijiet u l-operazzjonijiet ser jibqgħu fil-qalba tal-PSDK. Aktar minn 5000 persunal kienu skjerati bħala parti mill-missjonijiet jew operazzjonijiet tal-PSDK fil-bidu tas-sena, li żdiedu aktar bit-tnedija fl-2013 ta' EUTM Mali u EUBAM Libya.

F'Diċembru 2013, il-Kunsill Ewropew ser jiddiskuti l-PSDK, abbażi tal-kompiti ta' Diċembru 2012. Il-KE identifikat it-tliet raggruppament li ġejjin: żieda fl-effettività, il-viżibbiltà u l-impatt tal-PSDK; it-tisħiħ tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża u t-tisħiħ tal-industrija tad-difiża tal-Ewropa. Id-diversi laqgħat ministerjali ta' matul is-sena, wisq probabbli, ser ikunu ddominati mid-diskussjonijiet ta' tħejjija.

Il-komunikazzjoni mas-sħab ser tkompli, kemm bil-promozzjoni attiva għall-parteċipazzjoni fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, id-djalogi regolari dwar is-sigurtà u d-difiża, kif ukoll l-organizzazzjoni ta' seminars konġunti ma' sħab strateġiċi skont ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-KPS. Tali diskussjonijiet joffru wkoll aktar opportunitajiet biex jiġu diskussi l-ħsibijiet u l-projezzjonijiet strateġiċi tal-UE bħala attur globali.

L-importanza tal-Asja ilha jikber għal dawn l-aħħar snin, b'interdipendenza aktar b'saħħitha bejn l-Ewropa u l-Asja. Bl-irkuprar tal-intensità konsiderevoli tar-relazzjonijiet fl-2012, inklużi bosta żjarat ta' livell għoli, l-UE ser tkompli taħdem biex iżżomm dan l-impetu pożittiv fl-2013. L-UE ser tkompli trawwem relazzjonijiet aktar profondi mal-organizzazzjonijiet reġjonali Asjatiċi, inkluż l-ASEAN u tikkonsolida u tespandi aktar il-kooperazzjoni tagħha maċ-Ċina, l-Indja, il-Ġappun u l-Korea t'Isfel. L-UE ser taħdem biex tiddefinixxi u tikkomunika l-pożizzjonijiet tagħha dwar sfidi ewlenin ta' sigurtà fir-reġjun. F'dan il-kuntest, id-definizzjoni tal-politika tal-UE għall-Baħar tan-Nofsinhar taċ-Ċina hija ta' importanza partikolari. Fuq il-front istituzzjonali, ser isir kull sforz biex jinżamm ritmu tajjeb fin-negozjati dwar diversi ftehimiet mal-pajjiżi tar-reġjun.

Fix-Xlokk tal-Asja, ser tingħata attenzjoni speċjali lill-Mjanmar/Burma, fejn beda proċess ta' demokratizzazzjoni. Matul l-2013, id-Delegazzjoni tal-UE ser tittella' fil-livell sħiħ Ambaxxatorjali. Il-kwistjoni ta' konflitti interetniċi fil-Mjanmar/Burma ser tibqa' ċentrali.

Fl-Asja tan-Nofsinhar, l-Afganistan jibqa' sfida ewlenija, u l-UE hija impenjata biex tagħti appoġġ fit-tul lill-pajjiż, ukoll fil-kuntest tat-transizzjoni tal-2014. Il-missjoni EUPOL ġiet estiża sa tmiem l-2014 biex tappoġġa lill-kontropartijiet Afgani. It-tħejjija għat-transizzjoni fl-Afganistan qed iġġib impetu ġdid fir-relazzjonijiet mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali.

Il-Pakistan jibqa' fattur ewlieni fir-reġjun. Ser titkompla l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' impenn ta' ħames snin bejn l-UE u l-Pakistan miftiehem fil-bidu tal-2012. Ser tingħata attenzjoni partikolari lill-elezzjonijiet parlamentari li mistennija jinżammu fl-ewwel nofs tal-2013, inkluż permezz ta' osservazzjoni elettorali. L-UE ser issegwi kuntatti mill-qrib u kotinwi mal-gven ġdid tal-Pakistan.

Is-Summit ta' Santiago tal-UE u l-Komunità ta' Stati tal-Amerika Latina u tal-Karibew (CELAC) f'Jannar 2013 kien opportunità biex jintbagħat sinjal qawwi tal-impenn politiku tal-UE lejn l-Amerika Latina u l-Karibew abbażi ta' sħubija bħala bejn il-pari. Ir-rieżami tal-Pjan ta' Azzjoni (2013-2015) deċiż f'Santjago bl-inklużjoni ta' żewġ kapitoli ġodda dwar il-ġeneru u dwar l-investiment ser tgħin bies twessa' l-ambitu tal-kooperazzoni bireġjonali. L-UE ser tagħmel l-aħjar mill-potenzjal tal-oqfsa kuntrattwali tagħha mal-parti l-kbira tas-sħab ewlenin fl-Amerika Latina jew sottoreġjuni (dħul proviżorju fis-seħħ mistenni tal-kapitolu dwar il-kummerċ, il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Amerika Ċentrali u l-ftehim ta' Kummerċ Ħieles mal-Perù u l-Kolombja), mhux biss fl-ambjenti ekonomiċi iżda biex tiżdied il-kooperazzjoni sabiex jiġu affrontati sfidi globali bħas-sigurtà, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-tibdil fil-klima), speċjalment f'fora internazzjonali fejn ir-rwol tal-pajjiżi tal-Amerika Latina qed jikber u l-pożizzjonijiet tal-UE u l-Amerika Latina l-aktar li jikkonverġu. L-approfondiment tar-relazzjonijiet tagħna ma' sħab strateġiċi bħall-Messiku u l-Brażil ser jibqgħu jikkostitwixxu objettiv ewlieni, kif ukoll bħala rinforz tar-rabtiet tagħna ma' pajjiżi li huma lesti jaġġornaw ir-relazzjonijiet tagħhom mal-UE, bħaċ-Ċilì u l-Kolombja u l-inizjattivi dinamiċi ġodda dwar l-integrazzjoni reġjonali.

Tiggwida l-azzjoni esterna tal-UE hemm il-pedament sod tal-valuri tal-Unjoni, ibbażat fuq il-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba. L-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ser tkun element ewlieni integrat fir-relazzjonijiet esterni tal-UE. Ir-rwol tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem ser ikun ċentrali f'dan il-kuntest.

Fil-qasam tan-nonproliferazzjoni u d-diżarm, il-prijoritajiet ewlenin ser jiffokaw fuq il-kisba ta' progress tanġibbli lejn kunsens internazzjonali dwar Kodiċi ta' Kondotta għal attivitajiet fl-Ispazju Extraatmosferiku, li jagħtu appoġġ mill-UE għad-dħul fis-seħħ u l-implimentazzjoni effettiva tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (ATT), li jsostnu ż-żamma tal-Laqgħat bejn Uffiċjali Anzjani bejn l-UE u l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) u impenn akbar tal-UE mal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni tal-Armi Kimiċi. Fl-istess ħin, ser isir rikors għall-adozzjoni ta' għadd ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill biex jiġi żgurat l-appoġġ finanzjarju tal-UE għal proġetti ta' prijorità, bħall-Fond għas-Sigurtà Nukleari tal-IAEA u l-Bank tal-Uranju Arrikkit, l-immaniġġar u s-sigurtà tal-ħażniet ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fil-Libja u r-reġjuni wiesgħa tagħha, il-promozzjoni tal-ATT, il-Konsorzju tal-UE dwar in-Nonproliferazzjoni. Ser jissaħħu l-isforzi biex jiġi żgurat rwol attiv fl-Ewwel Kumitat tal-AĠNU, il-Bord tal-Gvernaturi u l-Konferenza Ġenerali tal-IAEA, kif ukoll iċ-ċiklu ta' reviżjoni kurrenti tat-TNP.

Għaddejjin sforzi biex jiġu pprovduti kompetenzi stateġiċi u operattivi għall-prevenzjoni tal-konflitt, azzjonijiet ta' medjazzjoni jew bini tal-paċi li ser jiġu sistematizzati u konsolidati aktar, u l-kapaċità fi ħdan is-SEAE biex tindirizza l-konflitt - u kwistjonijiet relatati mal-fraġilità (*komunikazzjoni, sensibilizzazzjoni, taħriġ, għarfien*) ser jissaħħu u integrati aktar - b'mod partikolari permezz tal-analiżi tal-konflitt u twissjiet bikrin u l-appoġġ bil-medjazzjoni. L-organizzazzjoni tal-Konferenza 'l-UE bħala Paċifikatriċi' f'Mejju 2013 ser tikkontribwixxi għal dawn l-objettivi. Is-sħubijiet ma' kontropartijiet ewlenin (*inklużi s-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali rilevanti*) ser jissaħħu. L-Istrument għall-Istabbiltà ser ikompli jikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-konflitti, il-bini tal-paċi u l-isforzi ta' medjazzjoni.

Il-parti l-kbira tal-isforz globali kontinwu tal-UE kontra t-terroriżmu ser jindirizza l-kondizzjonijiet li jwasslu għat-tixrid tat-terroriżmu. Dan ifisser trattar ta' spettru wiesa' ta' fenomeni inklużi dawk soċjali, esklużjoni ekonomika u politika, kunflitt u nuqqas ta' governanza tajba permezz ta' strateġiji reġjonali integrati u fi djalogi ma' Sħab Strateġiċi. Fil-livell multilaterali, l-UE ser tippromwovi l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Kontra t-Terroriżmu tan-NU u r-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Hija ser tippromwovi wkoll approċċ koordinat kontra t-terroriżmu fi ħdan is-sistema inġenerali tan-NU, u tamplifika l-potenzjal ta' oqfsa multilaterali oħra bħall-Forum Globali Kontra t-Terroriżmu (GCTF) u l-Grupp G8 Ruma-Lyon. Għall-futur prevedibbli l-isforzi kontra t-terroriżmu se jikkonċentraw fuq l-Asja t'Isfel (partikolarment l-Afganistan, il-Pakistan), ir-reġjun usa' tal-Qarn tal-Afrika (jiġifieri, inkluż il-Jemen), u r-reġjun usa' tas-Saħel (inkluża l-Afrika tal-Punent u bl-aktar mod partikolari n-Niġerja). Skont l-iżviluppi fit-theddida lill-UE, jista' jkun meħtieġ jingħata appoġġ u attenzjoni akbar kontra t-terroriżmu fir-rigward ta' theddidiet emerġenti, irrispettivament mill-oriġini tagħhom.

L-UE għamlet użu akbar minn miżuri restrittivi bħala għodda tal-politika barranija. Fil-mira, reġimi legalment robusti ta' miżuri restrittivi li jilħqu l-objettivi politiċi ċari jibqgħu strument kredibbli sabiex jippromwovu l-valuri li tirrappreżenta l-UE. L-UE ser tirrevedi l-politika tagħha dwar il-miżuri restrittivi regolarment.

Fl-aħħar iżda mhux lanqas, is-SEAE ser ikompli jsaħħaħ l-impenn tiegħu f'uħud mill-isfidi globali ċentrali ta' żmienna bħas-sigurtà tal-enerġija u tal-klima kif ukoll id-diplomazija fil-qasam tal-ilma. Flimkien mal-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Parlament, is-SEAE ser ikompli jsegwi approċċ komprensiv bħala rispons għal dawn l-isfidi. Sforzi konkreti ser jinkludu politika barranija tal-UE li tkun aktar sensittiva fir-rigward tal-enerġija billi tintegra aktar l-enerġija fid-djalogi politiċi u billi d-delegazzjonijiet tal-UE jiġu impenjati bis-sħiħ fid-diplomazija dwar l-enerġija, filwaqt li dwar it-tibdil fil-klima, ser tkun intensifikata l-ħidma prinċipalment rigward it-tħejjijiet għall-ftehim tal-2015 dwar it-tibdil fil-klima globali kif ukoll hekk billi tiġi indirizzata b'mod aktar sistematiku ir-rabta bejn it-tibdil fil-klima, l-iskarsezza tar-riżorsi naturali u s-sigurtà internazzjonali permezz ta' diplomazija ta' prevenzjoni u miżuri dedikati ta' kooperazzjoni. Finalment, l-ilma qiegħed jispikka b'mod rapidu bħala sfida kbira għas-sigurtà internazzjonali u fl-2013 il-mira hi li jiġi finalizzat eżerċizzju tal-UE ta' 'mapping' tas-sigurtà tal-ilma bħala l-ewwel pass għall-iżvilupp ta' diplomazija tal-UE dwar l-ilma aktar komprensiva b'impenn aktar proattiv fl-isfidi transkonfinali madwar id-dinja.

## ANNESS I: Budget tal-PESK 2012

### 19.030101 EUMM Ġeorġja

| | | |
|---|---|---|
| 2012/503/PESK EUMM Ġeorġja | | 20,900,000 |
| | **subtotali:** | **20,900,000** |

### 19.030102 EULEX Kosovo

| | | |
|---|---|---|
| 2012/291/PESK EULEX Kosovo | | 111,000,000 |
| | **subtotali** | **111,000,000** |

### 19.030103 EUPOL Afghanistan

| | | |
|---|---|---|
| 2012/391/PESK EUPOL Afghanistan | | 56,870,000 |
| | **subtotali:** | **56,870,000** |

### 19.030104 Miżuri u operazzjonijiet oħrajn ta' maniġġar ta' kriżijiet

| | | |
|---|---|---|
| 2012/389/PESK EUCAP NESTOR | | 21,213,310 |
| 21 213 310 2012/312/PESK EUAVSEC South Sudan | | 12,500,000 |
| 2012/324/PESK EUPOL COPPS | | 8,633,550 |
| 2012/372/PESK EUJUST LEX IRAQ | | 27,150,000 |
| 2012/332/PESK EUBAM Rafah | | 980,000 |
| 980 000 2012/392/PESK EUCAP Sahel Niger | | 8,700,000 |
| 2012/514/PESK EUPOL DR Congo | | 6,750,000 |
| 2012/515/PESK EUSEC DR Congo | | 11,000,000 |
| 2012/698/PESK mħażen tal-PESK | | 4,312,234 |
| | **subtotali:** | **101,239,094** |

**19.0302 Nonproliferazzjoni u diżarm (4)**

| | |
|---|---|
| 2012/121/PESK Attivitajiet biex jiġu promossi d-djalogu u l-kooperazzjoni UE-Ċina-Afrika dwar il-kontrolli ta' armi konvenzjonali | 830,000 |
| 2012/166/CFSP Appoġġ għall-attivitajiet OPCW - Strateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' AQM | 2,140,000 |
| 2012/281/PESK Kodiċi ta' Kondotta Internazzjonali għall-Attivitajiet fl-Ispazju Extra-atmosferiku | 1,490,000 |
| 2012/421/PESK Appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi (BTWC) | 1,700,000 |
| 2012/662/CFSP OSKE - Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir | 890,000 |
| 2012/662/PESK UNDP - Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir | 790,000 |
| 2012/422/PESK WMD Free Zone II | 352,000 |
| 2012/423/PESK Proliferazzjoni tal-missili (HCOC II) | 930,000 |
| 2012/699/PESK Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Organizzazzjoni tat-Trattati dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO V) | 5,185,028 |
| 2012/700/CFSP Pjan ta' Azzjoni ta' Kartaġena 2010-2014 (AP Landmines II) | 1,030,000 |
| 2012/711/PESK Kontroll tal-Esportazzjoni ta' Armi (COARM Outreach) | 1,860,000 |
| **subtotali:** | **17,197,028** |

**19.0304 Miżuri ta' emerġenza** 0

**19.0305 Miżuri preparatorji u ta' segwitu**

| | |
|---|---|
| Awditjar estern, servizzi legali u valutazzjonijiet | 167,731 |
| Miżuri preparatorji għal Missjoni tal-PESK potenzjali fil-Libja | 415,000 |
| **subtotali:** | **582,731** |

**19.0306 Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea**

| | |
|---|---|
| 2012/39/PESK RSUE fil-Kosovo | 2,410,000 |
| 2012/33/PESK RSUE għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani | 1,300,000 |
| 2012/255/PESK RSUE fl-Afganistan | 300,000 |
| 2012/331/PESK RSUE fl-Afganistan | 6,380,000 |
| 2012/327/PESK RSUE għan-Nofsinhar tal-Mediterran | 945,000 |
| 2012/325/PESK RSUE għas-Sudan u s-Sudan t'Isfel | 1,900,000 |
| 2012/328/PESK RSUE għall-Asja Ċentrali | 1,120,000 |
| 2012/330/PESK RSUE fil-Bosnja-Ħerzegovina | 5,250,000 |
| 2012/326/PESK RSUE għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Ġeorġja | 2,000,000 |
| 2012/329/PESK RSUE għall-Qarn tal-Afrika | 4,900,000 |
| 2012/390/PESK RSUE għall-Unjoni Afrikana | 680,000 |
| 2012/440/PESK RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem | 712,500 |
| **subtotali:** | **27,897,500** |
| **Totali:** | **335,686,353.00** |

## ANNESS II: Sintesi tal-atti legali fil-qasam tal-PESK (sanzjonijiet) 2012[118]

### Afganistan / Taliban

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/167/PESK tat-23 ta' Marzu 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan *(ĠU L 87, 24.3.2012, p. 60)*

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/334/PESK tal-25 ta' Ġunju 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan (*ĠU L 165, 26.6.2012, p. 75*)

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/393/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan (ĠU L 187, 17.07.2012, p. 52)

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/454/PESK tal-1 ta' Awwissu 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan (*ĠU L 206, 2.8.2012, p. 11*)

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/745/PESK tat-3 ta' Diċembru 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan (*ĠU L 332, 4.12.2012, p. 22*)

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/809/PESK tal-20 ta' Diċembru 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan *(ĠU L 352, 21.12.2012, p. 47-48)*

---

[118] Il-lista tirrigwarda Deċiżjonijiet tal-PESK li jimponu biss miżuri restrittivi. L-implimentazzjoni tal-miżuri li jaqgħu fl-ambitu tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tirrikjedi wkoll il-preparazzjoni ta' Regolament tal-Kunsill jew Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill kif adatt.

**Il-Bjelorussja**

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/36/PESK tat-23 ta’ Jannar 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/639/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja *(ĠU L 19, 24.1.2012, p. 31)*

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/126/PESK tat-28 ta' Frar 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/639/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja *(ĠU L 55, 29.2.2012, p. 19)*

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/171/PESK tat-23 ta' Marzu 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/639/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja *(ĠU L 87, 24.3.2012, p. 95)*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/212/PESK tat-23 ta’ April 2012 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/639/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja *(ĠU L 113, 25.4.2012, p. 11)*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta’ Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja (*ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1*)

**Bosnja-Ħerzegovina**

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/158/PESK tad-19 ta' Marzu 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/173/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Bosnja-Ħerzegovina *(ĠU L 80, 20.3.2012, p. 17)*

**Repubblika Demokratika tal-Kongo**

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/811/PESK tal-20 ta’ Diċembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo *(ĠU L 352, 21.12.2012, p. 50-53)*

**Cote d'Ivoire**

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/74/PESK tal-10 ta' Frar 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/656/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire *(ĠU L 38, 11.2.2012, p. 43)*

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/144/PESK tat-8 ta' Marzu 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/656/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire *(ĠU L 71, 9.3.2012, p. 50)*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/371/PESK tal-10 ta' Lulju 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/656/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire *(ĠU L 179, 11.7.2012, p. 21)*

**Eġittu**

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/159/PESK tad-19 ta' Marzu 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu *(ĠU L 80, 20.3.2012, p. 18)*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/723/PESK tas-26 ta' Novembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu *(ĠU L 327, 27.11.2012, p. 44)*

**L-Eritrea**

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/632/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 282/127/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Eritrea *(ĠU L 282, 16.10.2012, p. 46)*

**Repubblika tal-Ginea (Conakry)**

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/149/PESK tat-13 ta' Marzu 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/638/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Ginea *(ĠU L 74, 14.3.2012, p. 8)*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/665/PESK tas-26 ta' Ottubru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/638/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Ginea
*(ĠU L 299, 27.10.2012, p. 45)*

**Guinea Bissaw**

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/237/PESK tat-3 ta' Mejju 2012 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tar-Repubblika tal-Ginea Bissaw *(ĠU L 119, 4.5.2012, p. 43)*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/285/PESK tal-31 ta' Mejju 2012 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tar-Repubblika tal-Ginea Bissaw u li tħassar id-Deċiżjoni 2012/237/PESK *(ĠU L 142, 1.6.2012, p.36)*

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/516/PESK tal-24 ta' Settembru 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/285/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tar-Repubblika tal-Ginea Bissaw (*ĠU L 257, 25.9.2012, p.20*)

**Iran (reġim-AQM)**

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/35/PESK tat-23 ta' Jannar 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran *(ĠU L 19, 24.1.2012 p. 22)*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/152/PESK tal-15 ta' Marzu 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran *(ĠU L 77, 16.3.2012 p. 18)*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/169/PESK tat-23 ta' Marzu 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran *(ĠU L 87, 24.3.2012, p. 90)*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/205/PESK tat-23 ta' April 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran *(ĠU L 110, 24.4.2012 p. 35)*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/457/PESK tat-2 ta' Awwissu 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran *(ĠU L 208, 3.8.2012, p. 18)*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/635/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran *(ĠU L 282, 16.10.2012, p. 58)*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/687/PESK tas-6 ta' Novembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran *(ĠU L 307, 7.11.2012, p. 82)*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/829/PESK tal-21 ta' Diċembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran *(ĠU L 356, 22.12.2012, p. 71–77)*

**Iran (reġim tad-drittijiet tal-bniedem)**

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/168/PESK tat-23 ta' Marzu 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/235/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran *(ĠU L 87, 24.3.2012, p. 85)*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/810/PESK tal-20 ta' Diċembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/235/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran *(ĠU L 352, 21.12.2012, p. 49-49)*

**L-Iraq**

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/812/PESK tal- 20 ta' Diċembru 2012 li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2003/495/PESK dwar l-Iraq *(ĠU L 352/54. 21.12.2012, p.54)*

**Ir-Repubblika ta' Moldova**

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/170/PESK tat-23 ta' Marzu 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/573/PESK li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova *(ĠU L 87, 24.3.2012, p. 92)*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/527/PESK tas-27 ta' Settembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/573/PESK li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova *(ĠU L 263, 28.9.2012, p. 44)*

**Mjanmar/Burma**

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/98/PESK tas-17 ta' Frar 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/232/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra Burma/il-Mjanmar *(ĠU L 47, 18.2.2012, p. 64)* ***(NA)***

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/225/PESK tas-26 ta' April 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/232/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra Burma/il-Mjanmar *(ĠU L 115, 27.4.2012, p. 25)*

Somalja

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/388/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/231/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja *(ĠU L 187, 17.7.2012, p. 38)*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/633/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/231/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja *(ĠU L 282, 16.10.2012, p. 47)*

**Sirja**

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/37/PESK tat-23 ta' Jannar 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/782/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja *(ĠU L 19, 24.1.2012, p. 33)*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/122/PESK tas-27 ta' Frar 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/782/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja *(ĠU L 54, 28.2.2012, p. 14)*

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/172/PESK tat-23 ta' Marzu 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/782/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja *(ĠU L 87, 24.3.2012, p. 103)*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/206/PESK tat-23 ta' April 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/782/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja *(ĠU L 110, 24.4.2012, p. 36)*

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/256/PESK tal-14 ta' Mejju 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/782/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja *(ĠU L 126, 15.5.2012, p. 9)*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/322/PESK tal-20 ta' Ġunju 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/782/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (*ĠU L 165, 26.6.2012, p. 45*)

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/335/PESK tal-25 ta' Ġunju 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/782/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja *(ĠU L 165, 26.6.2012, p. 80)*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/420/PESK tal-23 ta' Lulju 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/782/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (*ĠU L 196, 24.7.2012, p. 59*)

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/424/PESK tat-23 ta' Lulju 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/782/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (*ĠU L 196, 24.7.2012, p. 81*)

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/478/PESK tas-16 ta' Awwissu 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/782/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (*ĠU L 219, 17.8.2012, p. 21*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/634/PESK tal-23 ta' Lulju 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/782/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (*ĠU L 282, 16.10.2012, p. 50*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/739/PESK tad-29 ta' Novembru 2012 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/782/PESK *(ĠU L 330, 30.11.2012, p. 21)*

**Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK**

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/150/PESK tat-13 ta' Marzu 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/872/PESK li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu *(ĠU L 74, 14.3.2012, p. 9)*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/333/PESK li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/872/PESK *(ĠU L 165, 26.6.2012, p. 72).*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/686/PESK tas-6 ta' Novembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2012/333/PESK li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu *(ĠU L 307, 7.11.2012, p. 80)*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/765/PESK tal-10 ta' Diċembru 2012 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tħassar id-Deċiżjoni 2012/333/PESK *(ĠU L 337, 11.12.2012, p. 50-52)*

**Tuneżija**

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/50/PESK tas-27 ta' Jannar 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/72/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija *(ĠU L 27, 31.1.2012, p. 11)*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/724/PESK tas-26 ta' Novembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/72/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija *(ĠU L 327, 27.11.2012, p. 45)*

**Żimbabwe**

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/97/PESK tas-17 ta' Frar 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe *(ĠU L 47, 18.2.2012, p. 50)*

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/124/PESK tas-27 ta' Frar 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe *(ĠU L 54, 28.2.2012, p. 20)*

## ANNESS III: Dikjarazzjonijiet fl-2012

Fl-2012 ħarġu total ta' 597 dikjarazzjoni, inklużi:

- **Dikjarazzjonijiet tar-RGħ f'isem l-UE**: jirriflettu l-pożizzjoni uffiċjali tal-UE u jinħarġu taħt l-awtorità tar-RGħ b'konsultazzjoni preċedenti mal-Istati Membri. Fejn ma tittieħed ebda pożizzjoni uffiċjali, dawn id-Dikjarazzjonijiet jiġu maqbula mill-Istati Membri fi ħdan il-Kunsill. Pajjiżi terzi jistgħu jallinjaw meta mistiedna.
- **Dikjarazzjonijiet tar-RGħ**:l-aktar li jintużaw biex jagħtu tweġiba għall-avvenimenti li jkunu jeħtieġu reazzjoni rapida mill-UE u jinħarġu taħt l-awtorità tar-RGħ mingħajr konsultazzjoni formali tal-Istati Membri.
- **Dikjarazzjonijiet mill-Kelliem tar-RGħ**: spiss użati għal reazzjoni rapida mill-UE f'każijiet meta l-involviment personali tar-RGħ mhux neċessarjament ikun meħtieġ.
- **Dikjarazzjonijiet lokali tal-UE**: użati fil-kuntest ta' kwistjoni lokali/reġjonali speċifika.

**Ripartizzjoni skont il-kategorija**

| **Kategorija** | **Għadd (il-parti tal-% fil-parentesi)** |
|---|---|
| Dikjarazzjonijiet tar-RGħ f'isem l-UE | 62 (10%) |
| Dikjarazzjonijiet tar-RGħ | 253 (42%) |
| tal-Kelliem | 200 (34%) |
| Dikjarazzjonijiet lokali | 82 (14%) |
| **Totali** | **597** |

**Ripartizzjoni ġeografika**

| Reġjun | Perċentwal |
|---|---|
| Afrika | 18% |
| Asja | 15% |
| Ewropea tal-Lvant / Balkani tal-Punent | 19% |
| Amerika Latina | 5% |
| Afrika ta' Fuq | 16% |
| Lvant Nofsani / Golf | 19% |
| Multilaterali / Amerika ta' Fuq | 8% |

**Ripartizzjoni tematika**

| Kategorija | Għadd (il-parti tal-% fil-parentesi) |
|---|---|
| Drittijiet tal-Bniedem | 151 (25%) |
| Elezzjonijiet / Riforma | 96 (16%) |
| Konflitt / proċessi ta' stabbilizzazzjoni | 151 (26%) |
| Inċidenti ta' sigurtà | 53 (9%) |
| Messaġġi ta' awguri / kondoljanzi | 24 (4%) |
| Nonproliferazzjoni | 7 (1%) |
| Oħrajn | 111 (19%) |
| **Totali** | **597** |

**Dikjarazzjonijiet konġunti**

Total ta' 25 dikjarazzjoni tar-RGħ saru b'mod konġunt ma' Kummissarji oħra:

| | |
|---|---|
| Kummissarju Fule | 21 |
| Kummissarju Piebalgs | 1 |
| Kummissarju Reding | |
| Kummissarja Georgieva | 1 |
| Kummissarju de Gucht | 1 |
| Kummissarju Rehn | 1 |
| **Totali** | **25** |